# Festa Madonna ta' Loreto
2009



GĦAQDA MUŻIKALI SAN ĠUŻEPP
GĦAJNSIELEM
A.D. 1928

# Maħruġ mill-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp' Għajnsielem

**A.D. 1928**

## Festa Madonna ta' Loreto 2009

**Bord Editorjali:**
Silvan Debattista
Kevin Cauchi
Elvin Tabone

**Daħla:**
Dun Karm Cassar

**Qoxra:**
Il-kwadru tat-titular tal-Madonna ta' Loretu li jinsab fil-Knisja l-Qadima, xogħol ta' Mikiel Busuttil maħdum 190 sena ilu, fl-1819.

**Disinn:**
Kevin Cauchi

**Ritratt tal-kwadru:**
Kirby Caruana

**Typing:**
Dun Karm Cassar
Silvan Debattista
Stellies Grima
Jolene Debattista

**Proof Reading:**
Joseph Cauchi
Louise Grech

**Ritratti Ta' Ġewwa:**
Joseph Sultana
Kevin Cauchi
Norbert Cauchi

**Issettjat u Mitbugħ:**
Sammy Portelli
Portelli Print - Nadur

**Għaqda Mużikali San Ġużepp**
Pjazza Madonna ta' Loreto
Għajnsielem
Tel / Fax: 21564600 / (Bar): 21563592

**Website:** www.ghajnsielem.com/stjoseph
**Email:** stjosephband@ghajnsielem.com

*Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-kontributuri ta' l-artikli li qed jiġu ippubblikati m'humiex neċessarjament dawk tal-bord editorjali. L-awturi huma responsabbli għal-kontenut tagħhom*

Ħajr lil kull min ikkontribwixxa u rreklama f' din il-pubblikazzjoni.

**GRAZZI MILL-QALB!**

# Werrej


**Editorjal** 3
**Messaġġ mill-President** *is-Sur Ġino Cauchi* 5
**Messaġġ mis-Segretarju** *Kevin Cauchi* 7
**Messaġġ mill-Kaxxier** *Elvin Tabone* 9
**Messaġġ mis-Surmast** *Mro. Sunny Galea A.L.C.M.* 11
**Messaġġ mis-Sindku** *is-Sur Francis Cauchi* 13
**Messaġġ mill-Arċipriet** *Dun Frankie Bajada* 15
**Messaġġ mid-Direttur Spiritwali** *Kan. Joe Cardona* 17
**Messaġġ mid-Direttur tal-Każin** Pawlu Azzopardi 19
**Messaġġ mill-Assistent Surmast** *Mro. Frankie Debono* 21
**Messaġġ mill-Kumitat tan-Nisa** 23
**Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar** 25
**Messaġġ tal-Gwardjan** - *P. Joseph Magro ofm* 27
**Hidma tas-Sotto-Kumitat Snooker** 28
**Messaġġ mill-President ta' Għajnsielem F.C.** *Sammy Rapa* 30
**Mill-Iskola Tal-Mużika - 2009** 31
**Aljievi u Bandisti Aspiranti** 31
**Lista tal-Bandisti** 32
**Servizzi mill-Banda "San Ġużepp" - Matul is-Sena 2008/2009** 33
**1928 - 2009 Statistika miġbura mill-Arkivista** Loreto Galea 34
**Proġetti fil-Każin -** *Kevin Cauchi* 36
**Website Ġdida -** *Kevin Cauchi* 39
**Programm ta' Mużika Sagra** 40
**Programm Mużikali tal-Festa** 41
**Is-servizzi tal-Banda - Xogħol minn wara l-Kwinti** - *Loretu Galea* 43
**Każin ta' Kultura** - *Kevin Cauchi* 44
**Il-Banda San Ġużepp ġewwa Palazzolo Acreide Sqallija** - *Samantha Jo Bajada* 46
**Mill-Album tal-Ġita fi Sqallija** 48
**Mal-Kolp tal-Katuba** - *Ivan Portelli* 51
**Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda** 53
**Festa... Quo Vadis** - *Kevin Cauchi* 55
**Il-BBQ ta' fuq il-Għajn** 56
**Programm tal-Festa tal-Madonna ta' Loretu - 2009** 58
**Dun Karm Cassar - 60 sena Qassis** - *Frank Tabone* 60
**Intervista ma' Dun Karm Cassar** - *Roseann Buttigieg* 61
**Tifkiriet iż-żminijiet - Intervista ma' Mabbli Xuereb** - *Frank Tabone* 62
**Intervista ma' Mons Ġużeppi Zerafa dwar il-Passatemp tal-Mudelli** - *Josef Cutajar* 64
**Intervista ma' Joseph Caruana Jr.** 67
**Betlehem f'Għajnsielem** - *Franco Ciangura* 68
**Mill-Album tal-Imgħoddi** - *Ritratti ta' Joseph Sultana* 72
**Il-Premju Ġieħ Għajnsielem** - *Sindku Francis Cauchi* 75
**Il-Kor Lawretana** - *Emanuel Rapa, Sandro Lateo, Lelio Spiteri* 76
**Għaqda Drammatika Għajnsielem** - *Joanne Debrincat* 79
**Festa Sant'Antnin 2009** - *Fra Lorrie Zerafa ofm* 80
**Il-Kwadru tat-Twelid tal-Madonna** - *Vince Caruana* 82
**Giuseppe Calì** - *Dun Karm Cassar* 83
**Karmnu Galea Rapa** - *Angelo Xuereb* 85
**Mons Ġużeppi Galea Rapa** - *Dun Karm Cassar* 86
**Il-Fortizza li qatt ma' irnexxiela ssir Belt** - *John Cremona* 87
**Mis-Sena Pawlina għas-Sena Saċerdotali** - *Seminarista Samuel Grech* 88
**San Ġorġ Preca Saċerdot Qaddis** - *Ivan Farrugia* 89
**Il-Mużika...** - *Maria Grima* 91
**Year in Review** - *ghajnsielem.com* 92
**Back in Gozo after 230 Years** - *ghajnsielem.com* 107
**Benefit Regarding Music** - *Robert Grima* 109
**2009 is-Sena Internazzjonali tal-Astronomija** - *Joseph Caruana Jr.* 110
**Qxur tradizzjonali tal-baħar** - *Joseph Caruana Sr.* 112
**1820 l-Inawgurazzjoni tal-Knisja** - *Dun Karm Cassar* 115
**Lil Salvu Ciantar - *Poeżija*** - *Raymond Buttigieg* 117
**Rokna tal-Poeżiji** - *Francis Sultana* 118
**Ġużeppi Cutajar tar-Raġel** 120
**Il-Kappella ta' Santa Ċeċilja** - *Matthew Zammit* 122
**L-Ambjent Naturali** - *Mathea Vassallo* 123
**It-Toponomastika ta' Għajnsielem** - *Christian Bonello* 124
**Laurence Grech - Nisel Għajnselmiz** - *Ġużi* 125
**Mons. Anton Cauchi Vig. Ġen.** - *Dun Karm Cassar* 126
**Dun Anton Aquilina** - *Dun Geoffrey G. Attard* 127
**Dun Franġisk Mizzi** - *Toni Calleja* 128
**Inħarsu s-Safà tat-tfal** - *Dun Karm Cassar* 133
**Simboliżmu Marjani** - *Mons Lawrenz Scibberas* 134
**Diskors tal-Papa Benedittu XVI f'Nazaret** - *Jennifer Cauchi* 136
**Talba lill-Madonna tad-dar Imqaddsa** - *Loris F. Capovilla Arċisqof Emeritus ta' Loreto* 138
**L-Eżempju tad-dar ta' Nazaret** - *Diskors tal-Papa Pawlu VI* 139
**Storja ta' Taraġ Mirakoluż** - *Lorenzo Zahra* 140
**It-Tielet Prefazju tas-Sollennita tal-Festa tal-Madonna ta' Loretu** 140
**Qima lejn il-Madonna ta' Loreto fil-Birġu** *-Lorenzo Zahra* 141
**Nemmen f'Alla imma ma mmurx Knisja** - *Patri George Bugeja ofm* 141
**It-tħabbira tal-Verġni Marija u l-Inkarnazzjoni** - *Angelo Xuereb* 142
**Kungress Nazzjonali Djoċesan u t-tberik tal-Baħar minn fuq ta' Lourdes** - *Dun Karm Cassar* 143
**Grazzi mill-Qalb** 144

# Editorjal



Għaddiet sena oħra u l-Festa Titulari tagħna, jiġifieri l-festa tal-Madonna meqjuma fid-Dar tagħha, reġgħet waslet. Ta’ kull sena l-Għaqda Mużikali tagħna “San Ġużepp” qed jirnexxilha tippubblika magażin għall-okkażjoni tal-festa titulari u kif jingħad, billi jkun imżewwaq b’tant artikli differenti u ta’ ċerta importanza, qiegħed jintgħoġob sew.

Dwar l-aħħar ħarġa, jiġifieri dik tas-sena 2008, stajna forsi nkunu xi ftit ikkritikati, għax billi s-sena 2008 kienet is-Sena Pawlina, sena ddedikata lill-Kbir Missierna San Pawl u dwaru ma nkiteb xejn f’dan il-Magażin. Li ġara ma kienx xi nuqqas tal-Amministrazzjoni, iżda għaliex l-artiklu ma laħaqx wasal sal-ħin tal-pubblikazzjoni. Però fuq dan il-ktejjeb qegħdin inġibu artiklu kemm fuq is-Sena Pawlina kif ukoll fuq Sena tas-Saċerdot.

Bil-koperazzjoni ta’ bosta dan il-Magażin jagħti tagħrif siewi tal-ħidma għaqlija tal-Għaqda Mużikali tagħna, kitbiet konnessi mad-Devozzjonijiet Lawretani, ikompli jgħani l-istorja ta’ raħalna u jagħti spazju lill-artikolisti joħorġu t-talenti moħbija tagħhom, kif irnexxielu tant tajjeb jagħti r-Radju tal-Parroċċa tagħna, “Radju Lauretana”. Xi ngħidu wkoll għal, ħa nsejħilha hekk, il-*ġrajja ta’ Betlehem* f’Għajnsielem, manifestazzjoni, li kif jingħad, ġibdet lejn Għajnsielem, iktar minn 50,000 ruħ: mhix ċajta din tafux! Dnub jaħasra li sa issa, la l-Parroċċa u anqas il-Kunsill Lokali ta’ Għajnsielem għadhom ma rnexxielhom jagħtu mqarr bidu għal xi speċi ta’ Mużew Storiku.

Nitlob lilkom l-iktar studenti universitarji biex b’fehemitkom u b’kitbietkom, tkomplu tgħollu l-intelliġenza għajnselmiża, u lilkom bandisti biex tkomplu tgħollu l-livel mużikali tagħkom. Biex wieħed jagħmel xi ħaġa tajba kull impenn jitlob kemm sagrifiċċju kif ukoll determinazzjoni; jgħid sew il-qawl Ingliż “Where there is a will there is a way”.

Attwalment il-Kumitat tal-Banda San Ġużepp hu impenjat bit-tkomplija tal- Arkivju u ma’ dan l-impenn matul is-sena kollha jkollu t-tmexxija tal-Każin b’ dak kollu li jitlob kull każin ta’ banda organizzat sew. Hu sew li l-kumitat jindiehes ħafna mal- bandisti tiegħu, mal- allievi u ma’ kull min qed jagħti ħinu għall-ġid tal-Għaqda Mużikali, biex kulħadd ikun jista’ jifhem li l-kumitat jinteressah sew mill-ħidma li jagħti kull min hu involut.

Kull każin għandu wkoll jagħti spazju għal kull rikreazzjoni onesta u jinvolvi ħafna lid-Direttur Spiritwali tiegħu f’dik li hi direzzjoni spiritwali. Fil-waqt li nixtieq il-Festa t-tajba lil kulħadd, nagħlaq dan l-Editorjal billi nfakkar li kull Festa Titulari hija qabel kollox Festa Reliġjuża u mhux xi wirja profana.

Viva l-Madonna ta’ Loretu li hija fostna meqjuma fid-Dar tagħha ma’ Ġesu’ u ma’ Ġużeppi, it-Tlieta li jifformaw veru mudell għal kull familja nisranija.

Sena 2009

# Rexy

## Bar and Restaurant

**100, Triq l-Imġarr**
**Għajnsielem**

**Tel: 2156 0873**
**Mob: 7942 3581**



*Pizza*

# Marina Pub



## Renown for the best Pizza, Pasta & Snacks in Gozo

We also have take away

*A place where one could relax and enjoy a Gozitan atmosphere*

OPEN DAILY

16, Shore Street, Mgarr, Gozo. Tel: 2156 5851 • Mob: 7945 8869

# Messaġġ



## mill-President
## is-Sur Ġino Cauchi

Din is-sena li qegħdin fiha, żgur li ser tibqa' waħda memorabbli għall-Għaqda tagħna San Ġużepp u dan nista' ngħidu għal diversi raġunijiet. Il-Kumitat baqa' sejjer bil-ħidma kontinwa tiegħu, biex ikompli jsaħħah l-Għaqda għażiża tagħna, u mhux ta' b'xejn li tiltaqa ma' ħafna nies li jgħidulek, li l-Banda tagħna għaddejja mill-aħjar żminijiet fl-istorja glorjuza tagħha. Dan kif dejjem ngħid ma jsirx b'kumbinazzjoni, jsir BISS b' ħafna xogħol u dedikazzjoni.

Kif tafu, il-każin sabiħ tagħna għaddej minn tibdil radikali fl-istruttura tiegħu. Nafu kemm għandna każin sabiħ, speċjalment fuq barra, b'wieħed mill-isbaħ terrazzin li għandna fil-gżejjer Maltin. Iżda fuq ġewwa kienet storja oħra, u hawnhekk il-Kumitat ħass li għandu jibda xogħol estensiv biex il-każin jingħata dehra aktar sabiħa fuq ġewwa. Is-sena l-oħra, kif tafu, bdejna x-xogħol fil-Kamra tal-Kumitat, u tal-Arkivju Mużikali. Ix-xogħol forsi waqa' ftit lura, żgur mhux tort tagħna. Aħjar tistenna ftit u x-xogħol isir mill-aqwa. L-Arkivju lest u bħalissa għaddej ix-xogħol fuq l-iskultura tiegħu, li nfakarkom, trid ssir bl-idejn, u hemm ħafna skultura x'issir!! Saret id-diviżjoni tal-kamra, biex issa l-kamra ingħatat dehra aktar kompatta u dimensjonijiet aktar jaqblu. Eżattament wara l-festa għandu jibda xogħol fuq l-ħajt u nisperaw li sa Diċembru jkollna l-Arkivju lest u nkunu dħalna fl-aħħar fażi tax-xogħol biex b'hekk ikollna Kamra tal Kumitat li tixraq tassew lill-Banda tagħna.

Ġie mwaqqaf, sotto kumitat tal-isnooker. Dan il-Kumitat qed juri kemm hu ħabrieki u dedikat fi ħdan l-għaqda tagħna. Ħa sehem attiv f'Betlehem f'Għajnsielem, fejn b'dedikazzjoni kbira irnexxilhom itellgħu fondi biżżejjed, biex tinbena Sala Professjonali tal-iSnooker - l-ewwel waħda f''Għawdex! Din ser issir f' parti mis-sala prinċipali, propjament fejn kien hemm l-palk. Iżda ma stajnix nagħmlu din is-sala tal-isnooker u nħallu s-sala prinċipali fl-istat li kienet. Għalhekk ġie deċiż li tinqala s-sala kollha. Sar it-twaħħil ta' madum ġdid. Sar ukoll xi tibdil strutturali fuq tieqa u nfetaħ bieb ġdid. Prosit tassew lil dan is-sotto kumitat tal-isnooker u nħajjar aktar zgħazagħ biex jissieħbu f'dan l-kumitat.

Il-ħsieb wara dan kollu hu li wara t-tlestija ta' dawn l-progetti jingħata bidu għax-xogħol fil-bqija tal-każin. B'hekk nkunu nistgħu ngħidu li għandna wieħed mill-isbaħ każini mhux biss f'Għawdex Iżda anke f'Malta! Biex dawn il-proġetti jseħħu, barra xogħol u dedikazzjoni, jirrikjedu wkoll ħafna finanzi. Nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li n-nies t' Għajnsielem dejjem għenu milli setgħu. Meta għamilna xi appell għall-fondi dejjem ġie milqugħ, u inġabru l-flus meħtiega. Hawn irrid insemmi, kumitat ieħor li huwa attiv fi hdan il-Banda tagħna - il-kumitat tan-nisa. B'tant paċenzja u dedikazzjoni, dejjem insibhom għal kull attivita' li jtella' l-każin, bhal Coffee rmornings, High Teas u oħrajn. Grazzi mill-qalb.

Xi wħud forsi jistaqsu - biex sar dan ix-xogħol kollu, ġiet imnaqqsa jew issagrifikata xi ħaġa fil-Banda tagħna? Jiġifieri, forsi traskurajna lill-Banda tagħna? Dan żgur mhux il-każ, għax anke hawn l-Banda tagħna għaddejja minn waħda mill-aħjar żminijiet tagħha. Nistgħu ngħidu kemm tjiebet il-kwalita' fil-Banda. F'kull attivita' li ġejna mistednin fiha, dejjem ħrigna b' rasna mgħollija 'l fuq. Għamilna kburin mhux biss lill-Għaqda San Ġużepp iżda wkoll lil Għajnsielem kollu.

Stedina oħra fejn għamilna wkoll l-isem ta' pajjizna kburi, kienet iż-żjara li l-Banda tagħna għamlet ġewwa Sqallija, f'Pallazzolo del Acreide. Hawnhekk ġejna mistiedna biex nieħdu sehem fil-festi tal-għeluq is-sena Pawlina. Kemm tħossok kburi meta tara l-Banda tagħna tferraħ daqshekk nies fil-pajjiż ġar tagħna. Kemm tħossok emozzjonat meta tisma' l-marċi ħelwin ħerġin f' għalenija wahda li jferrhu t-toroq mimlija bin-nies ta' Pallazzolo, jew fil-kunċert li tellajna f' Pjazza Umberto. Din hija l-pjazza ewlenija ta' din l-belt tant ħelwa, u nies b'qalb tad-deheb. Kienet żjara tassew ta' suċċess, u dan jixhdu kull min ġie għal din il-mawra li għamilna fi Sqallija ġiet organizzata b'mod professjonali sal-inqas dettal. Hadna pjaċir aħna u tajna pjaċir lin-nies li stidnuna. Prosit tassew lil kulħadd. Mhux ta' b'xejn li spiċċajna niġu intervistati mill-istazzjonijiet televiżivi ewlenin Sqallin u saħansitra ġew miktuba wkoll artikli dwar din l-attivita' fuq gazzetti Sqallin.

Bħala servizzi lokali, bħal dejjem il-Banda tat servizzi tul l-ġimgħa tal-Festa tagħna, kif ser tagħmel din is-sena, fejn terġa' tkun is-sinsla taċ-ċelebrazzjonijiet esterni fil-festa tagħna ad unur il-Madonna ta' Loretu. Konna mistiedna biex nagħtu servizz f'kull festa ewlenija f'Għawdex. Wara nuqqas ta' bosta snin daqqejna wkoll fil-pjazza tat-Tokk u anke fil-pjazza prinċipali tal-Katidral t'Għawdex. Dan l-unur iseħħ biss bl-għaqda li għandna bejnietna, u b'ħafna dedikazzjoni, minn kulhadd. Grazzi għas-surmast bravu tagħna, Sammy Galea, assistent surmast Frankie Debono, Kummissjoni Banda, lill-għalliema tal-aljievi - ix-xogħol li qed iwettqu qed jidher tassew għax il-frott li ħiereġ minn din l-iskola tagħna qed jidher b'tant bandisti ġodda, u ovvjament lill-bandisti tagħna li b'tant sagrifiċċju, u mħabba dejjem jippruvaw jattendu għall-kunċerti u servizzi li nagħmlu. GRAZZI mill-Qalb.

Jiena, bħala President tal-Banda tagħna, inħossni tassew kburi b'dak li qed jirnexxilna nagħmlu bħala kumitat. Kumitat ta' nies dedikati minn Għajnsielem, li b'kuraġġ u serjeta', qed jagħti kontribut mill-aqwa, biex ikompli jsaħħaħ il-wirt kulturali, mhux biss f'Għajnsielem iżda wkoll f'pajjiżna. Kumitat magħmul minn tim ta' żgħażagħ u anzjani, li flimkien jiddiskutu u forsi mhux dejjem jaqblu f'kollox, iżda dejjem irnexxielu jieħu l-aħjar deċiżjonijiet, u jiddeċiedu x'inhu l-aħar għall-għaqda tagħna. Kumitat magħmul min-nies li huma KOLLHA fuq bażi volontarja. Anzi nista' ngħid, huma mdaħħlin ukoll f'kumitati u għaqdiet oħra li għandna fir-raħal tagħna. Nies li dejjem issibhom minn ta' quddiem biex jgħinu, u kull pjan jirnexxi. Mhux faċli, ħbieb tiegħi, li ssib tim bħalma għandna aħna. Għalhekk dejjem għandna ngħinu milli nistgħu u minflok xi kritika nġusta, nagħtu daqqa t'id aħna wkoll u ngħinu milli nistgħu.

Il-Festi tagħna għandna nsaħħuhom b'ċelebrazzjonijiet ta' kwalita', u mhux b'piki sfrenati li mhumiex tajbin, għajr għall-firda. F'Għajnsielem m'għandniex il-problemi ta' firda u ġlied bejnietna li għandu ħaddiehor. Inżommu l-festa tagħna kif inhi u dejjem nsaħħu dak li hu tajjeb. Nieħdu sehem attiv kemm fiċ-ċelebrazzjonijet ta' ġewwa l-knisja, li dejjem ikunu ta' kwalita' għolja, kif ukoll f'dawk ta' barra, biex flimkien mad-daqq tal-marċi brijużi mill-Banda tagħna San Ġużepp, niċċelebraw kif jixraq il-festa għażiża tagħna, ad unur il-Madonna ta' Loreto.

Kif qed taraw, reġa' wasal il-ktieb tal-festa. Ktieb ta' kwalita' għolja u b' ħafna artikli interessanti. Dan ukoll jirrikjedi ħafna xogħol siewi. Minn hawn nirringrazzja lil kull min ta' sehmu biex jerga' joħroġ dan il-ktieb li llum sar sinonamu mal-festa tagħna. Inħeġġiġkom biex dejjem tieħdu sehem f'kull attivita li tagħmel il-Banda tagħna bħall-Open Day fil-każin li ssir il-Ħadd ta' qabel il-festa, diversi ikliet li jsiru u tant attivitajiet oħra. Bħal dejjem tistgħu tgħinu milli tistgħu, biex dejjem inkomplu nimxu 'l quddiem.

Nagħlaq billi nwassal l-isbaħ xewqat għall Festa tajba lil kulħadd - lil sħabi tal-kumitat, lis-surmast, assistent surmast, kummissjoni Banda, bandisti, aljievi, sotto kumitat tan-nisa / snooker, membri u l-poplu kollu t'Għajnsielem. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lill-familja tiegħi. J'Alla l-patruna tagħna ta' Loretu dejjem iżżomm għajnejha u jdejha fuq ir-raħal li tant IĦOBBHA.

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.**
**VIVA L-MADONNA TA' LORETU!**

# Messaġġ mis-Segretarju Kevin Cauchi



**Ġita Suċċess**

Anzi suċċess doppju! Dan għaliex mhux biss irnexxielna ntellgħu l-Banda tagħti servizz barra minn xtutna, iżda wkoll għaliex l-Għaqda Mużikali San Ġużepp għolliet l-isem t' Għajnsielem u għamlet unur lin-nazzjon tagħna fil-qasam mużikali u kulturali. Il-Banda ġiet mistiedna tieħu sehem fil-festi ta' San Pawl ġewwa Palazzolo Acreide fi Sqallija bejn it-28 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju. Matul din il-ġita, l-banda daqqet diversi marċi madwar it-toroq ta' din il-belt storika kif ukoll esegwiet programm mużikali fil-Pjazza f' Jum il-Festa. Il-kontinġent kien jammonta għal madwar 80 persuna (fosthom 50 bandist) u kellna l-opportunità li nżuru diversi postijiet ta' nteress. Il-programm mużikali intlaqgħa b'applaws kbir min-nies preżenti u kien hemm diversi kummenti pożittivi minn diversi gazzetti u stazzjonijiet Sqallin.

**Każin ta' Kultura**

Tul is-snin tal-ħajja tagħha, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp dejjem ħadmet sabiex, l-iskop li għalih twaqqfet, jintlaħaq. Dan huwa li jqanqal u jxerred l-istudju u l-kultura tal-mużika kif ukoll iħeġġeġ attivitajiet soċjali u kulturali fir-raħal. Ċertament li dan il-għan kompla jissaħħaħ matul l-aħħar xhur bil-wirjiet u l-inizjattivi kulturali li ġew organizzati fil-Każin tagħna. Nibda biex nsemmi l-Open Day, il-Ħadd ta' qabel il-Festa fejn esebejna wirja ta' talent Għajnselmiż, show ta' vetturi militari, varjetà ta' kant u żfin minn talenti lokali kif ukoll ftaħna l-bibien tal-Każin sabiex il-poplu jara b'għajnejh il-proġetti li hemm għaddejin. Tellajna wkoll wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li kienet imfaħra minn diversi dilettanti. Naturalment, il-parteċipazzjoni tal-poplu Għajnselmiż kienet ferm pożitiva u dan tana kuraġġ sabiex dawn it-tip ta' attivitajiet jidħlu fil-kalendarju tal-Banda fuq bażi annwali.

**Proġetti Ambizzjużi**

Wara stennija ta' aktar minn sentejn, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp tinsab biss ftit tax-xhur il-bogħod mill-inawgurazzjoni tal-Arkivju Mużikali f'kamra li tagħmel ġieħ lil Għajnsielem. Dan l-Arkivju ser ikun l-element ċentrali tal-Banda tagħna u ser iħaddan fih storja rikka ta' aktar minn tmenin sena b'marċi popolari, funebri, mużika klassika u operistika. Iżda x-xogħol fil-Każin ma waqafx… anzi! Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq żewġ swali ġodda, is-sala prinċipali kif ukoll sala ġdida dedikata għad-dilettanti tal-isnooker. Is-sala fejn sa ftit tax-xhur ilu kienet tħaddan il-palk, store tal-bar u t-tombola ser tinbidel f' *multi-purpose hall* fejn ser ikolla suffitt modern, madum ġdid kif wkoll sistema ġdida ta' illuminazzjoni. Il-laqgħat, high-teas u tombola issa ser jibdew isiru f'ambjent aktar modern u sabiħ. Hemm il-ħsieb ukoll li s-sala tibda tinkera għal funzjonijiet privati bħal parties, konferenzi etċ. Is-sala l-oħra ser tħaddan fiha żewġ imwejjed tal-isnooker f'ambjent professjonali għal dan l-isport popolari. Ta' min jgħid li dawn il-proġetti qegħdin jiġu ffinanzjati mis-sotto-kumitat ħabrieki tal-isnooker. Sa ftit xhur oħra dawn il-proġetti jkunu lesti wkoll. Solvejna wkoll il-problema ta' *store* adekwat għall-bar li sa ftit ilu kien qiegħed jitpoġġa fis-sala prinċipali. Iżda wara diversi ġimgħat ta' negozjati, l-Kumitat irnexxielu jakkwista garaxx li jinsab eżattament taħt il-bar. Infetħet bokka mill-bar għall-garaxx u din il-problema issa hija solvuta darba għal dejjem!

**Dedikazzjoni u mħabba kbira lejn il-Banda**

Il-ħidma tagħhom hija essenzjali għas-suċċess. Qiegħed nirreferi għad-diversi voluntiera, helpers u bandisti li minn dejjem kellhom imħabba speċjali lejn il-Banda tagħna. Dawn huma nies ta' ċerta stima, abbilità, dedikazzjoni li grazzi għalihom ġiet iffurmata l-Għaqda Mużikali San Ġużepp kif nafuha llum.

Ejjew nagħmlu kuraġġ b' dawn il-persuni u nkomplu naħdmu sabiex ngħollu l-isem tal-Banda.

# Għaqda Mużikali "San Ġużepp"

## Pizzeria & Snack Bar

Showing live football & other sporting events
on big screen

**Josef u Charlie Azzopardi
jawguraw il-Festa t-tajba**

*Każin tal-Banda, Pjazza Madonna ta' Loretu
Għajnsielem, Għawdex*

Tel: **2156 3592** Mob: **79271266 / 79949370**

# Messaġġ



## *mill-Kaxxier*
## *Elvin Tabone*

**Is-Sinifikat vera tal-Festi Maltin**
Dan huwa ir-raba' messaġġ tiegħi bħala kaxxier tal-Banda tagħna fl-okkażżjoni tal-festa titular f'gieħ Ommna Marija Santissima u d-Dar għażiża tagħha meqjuma f'Loreto. U għal din l-okkażżjoni msemmija ddeċidejt li nuża dan l-ispazju sabiex nwassal l-veduti tiegħi fuq il-pedament li fuqu tistrieħ l-ħidma tagħna, jiġifieri l-festa titulari. Nifhem li aħna għandna d-dmir nużaw dan l-ispazju sabiex nirribattu xi stqarrijiet u fehmiet li dehru u qegħdin jidhru fil-media in ġenerali dwar din it-tradizzjoni tagħna l-Maltin, u anki nagħtu l-veduti tagħna fid-dawl tar-riforma li hemm l-ħsieb li tiġi fis-seħħ matul is-sena d-dieħla.

Il-festa hija espressjoni ta' ferħ u serenita' minn poplu li għandu mottiv għal xiex jiċċelebra. Ma hemm l-ebda ħjiel ta' meta u kif bdew il-festi f'pajjiżna, pero' jidher li l-bniedem minn dejjem kien jagħmel xi forma jew oħra ta' festa. Nifhmu li l-festi f'Malta bdew jieħdu x-xejra kif nafuhom illum minn żmien il-Kavallieri u komplew jevolvew tul iż-żmien sal-ġurnata tal-lum. Anki min kien jaħkem lil pajjiżna kellu effett fuq il-festi tagħna, hekk li per eżempju l-influwenza Brittanika f'Malta wasslet għat-twelid tal-baned Maltin. Naturalment il-festi f'Malta bdew, u hekk għadhom sal-ġurnata tal-lum, bħala ad unur, qima u ċelebrazzjoni f'ġieħ l-ħajja ta' persuni sagri li jew kellhom sehem ewlieni fit-tfassil tal-istorja tas-Salvazzjoni jew dawk li, aktar tard, taw xhieda tal-fidi tagħhom u offrew ħajjithom lil Alla. Dan huwa l-aspett l-aktar importanti fil-festi Maltin, il-bażi jew ir-raġuni ewlenija għaliex aħna niċċelebraw festa. Hemm punt xi ftit kontradittorju għaliex filwaqt li kważi f'kollox f'din id-dinja jkun hemm bżonn il-bidla u tiġdid, il-festi tagħna dejjem baqgħu l-istess għal għexieren, kważi mijiet ta' snin – jiġifieri li l-festa ssir fl-istess ġimgħa, dejjem bl-istess marċijiet mill-istess toroq, l-istess funzjonijiet fil-knisja, bl-istess mużika u liturġija. Allura naħseb li mhux ġust ngħidu li l-festi tilfu l-oriġinalita' tagħhom, għaliex filfatt għadhom l-istess. Huwa l-bniedem li beda jibdel l-prijoritajiet fil-festi Maltin, b'tali mod li f'ċerti każi minimi, il-festa spiċċat żbilanċjata. Alllura, dan ma jfissirx li għax ġara hekk, mela s-soluzzjoni għandha tkun li neliminaw ċerti karatteristiċi fiċ-ċelebrazzjonijiet, imma b'edukazzjoni Nisranija tajba u li tibda minn eta' żgħira. Għandna nispjegaw is-sens veru wara l-festi tagħna u bil-mod nibdlu l-mentalita' tal-poplu tagħna. Fuq dan l-aspett, għall-anqas mill-esperjenza ta' tfuliti, qatt ma kellna spjegazzjonijiet u tagħlim dwar it-tifsira u s-sinifikazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet u funzjonijiet li jsiru fil-Knisja, u naħseb li din hi raġuni ewlenija għalfejn maż-żmien il-bniedem iddevja ruħu u bidel l-prijoritajiet.

Huwa sewwa u xieraq li nagħtu importanza lill-aspett reliġjuż fil-festi tagħna, wara kollox huwa l-aspett fundamentali taċ-ċelebrazzjoni. Iżda fl-opinjoni umli tiegħi ngħid li qiegħed isir żball meta qed jiġi eliminat għal kollox l-aspett soċjali u kulturali. Veru li, per eżempju, l-ingredjenti ewlenin sabiex taħmi ħobża, huma d-dqiq u l-ilma. Iżda hemm ingredjenti oħrajn bħal melħ u l-ħmira, li ghalkemm forsi żgħar fil-kwantita', huma ferm importanti sabiex ikollok prodott komplut u tajjeb. Hekk ukoll l-aspett soċjali u kulturali fil-festi tagħna. Il-poplu tagħna tul iż-żmien beda jagħmel użu mill-festa tal-parroċċa u fl-istess waqt jagħmel festa ad unur ir-raħal li qiegħed jospita l-istess festa parrokkjali. Illum il-ġurnata, il-ġimgħa tal-festa titulari toffri opportunita' lir-raħal u lill-poplu tiegħu sabiex għal ġimgħa waħda matul is-sena, joħroġ mid-dell u l-kwiet li jkun fih, jilbes libsa sabiħa, jiftaħ il-bibien u jistieden il-bqija tal-pajjiż sabiex jagħmel żjara, jingħaqad miegħu fil-festi u jammira l-kapaċitajiet ta' dak ir-raħal partikolari. Dan, allura, jispjega għalfejn l-irħula tagħna jmorru litteralment sal-limiti tagħhom sabiex joffru l-aħjar pakkett ta' wirjiet piroteknići, eżekuzzjonijiet mużikali

mill-aqwa u arti fl-armar li f'ċertu każijiet anki tilħaq il-perfezzjoni. Għalhekk, huwa żball li wieħed jelimina l-aspett soċjali mill-festi, għaliex bl-argument li festa hi esklussivament reliġjuża, dawn il-punti li semmejt ma jiġux jagħmlu sens, għaliex il-baned u l-armar jew in-nar m'għandhom l-ebda konnessjoni mal-ħajja sagra tal-qaddis li f'ġieħu qegħdin niċċelebraw. Huma ingredjenti li jiffurmaw l-festa soċjali u kulturali tar-raħal, u li f'evoluzzjoni ta' mijiet tas-snin saru ħaġa waħda mal-festi reliġjużi. B'hekk, illum il-ġurnata, qegħdin niċċelebraw festa li hi soċjali, kulturali u reliġjuża. Ovvjament wieħed jista' jagħmel festa soċjali u kulturali meta jrid matul is-sena. Hekk per eżempju n-Notte Bianca jew festivals u ċelebrazzjonijiet oħra li jsiru matul is-sena. Iżda missirijietna kienu għaqlin u perfettament korretti meta rabtu l-festa soċjali f'ġieħ ir-raħal li qegħdin jgħixu fih, mal-istess żmien u parti mill-istess manifestazzjonijiet ad unur il-patrun tal-parroċċa tagħhom. Hekk per eżempju jeżistu żewġ referenzi għall-festa tagħna - il-festa tal-Madonna ta' Loreto u l-festa ta' Għajnsielem, u hekk nsibu f'kull raħal f'Malta u Għawdex. Wieħed jista' jaħseb li huma l-istess ħaġa, pero' teknikament huma t-tnejn differenti minn xulxin iżda magħqudin ma' xulxin. Illum il-ġurnata wieħed jista' anke jitkellem dwar il-valur ekonomiku tal-festi tagħna vis-à-vis it-turiżmu, specjalment f'Għawdex. Jiddispjacini ngħid, li fin-nuqqas tal-festi tradizzjonali fl-irħula tagħna, l-iskop għal żjarat fi gżiritna huma minimi ħafna meta mqabbla ma' postijiet oħra fil-Meditteran.

Għalhekk, f'dan ir-rigward, meta ssir diskussjoni dwar il-festi, wieħed ma jistax jitkellem dwar eliminazzjoni, iżda dwar bilanċ. Nemmen li għandu jsir studju serju u li jinvolvi l-partijiet kollha, sabiex dak li huwa tajjeb naraw kif insaħħuh u dak li forsi tul iż-żmien tilef xi ftit mill-valur veru tiegħu, nerġgħu ngħolluh għad-dinjita' li jixraqlu. Nisħaq fuq il-punt li l-festa m'hix esklussivament ta' xi ħadd jew ta' xi entita' jew awtorita' partikolari, imma hija prodott magħmula minn diversi ingredjenti li f'armonija tajba li flimkien kapaċi joffru xi ħaġa spettakolari. Nemmen ukoll li mhux il-festi kollha huma l-istess. Anzi, minn raħal għall-ieħor huma differenti u allura d-deċiżjonijiet li jittieħdu ma jistgħux jistrieħu fuq aspetti jew inċidenti iżolati li seħħew f'numru ta' festi partikolari u minimi.

Fl-aħħar nett ngħid li llum, aktar minn qatt qabel, saret diffiċli biex raħal jorganizza festa, għal diversi raġunijiet u allura l-appell tiegħi hu wieħed sempliċi u ċar - il-festi għajnuna għandhom bżonn u mhux daqqiet ta' msiemer fit-tebut li forsi d-destin qiegħed iħejji. Jien nemmen li b'azzjoni korretta għandna nilħqu dak l-bilanċ perfett li tkellimt fuqu qabel, sabiex din it-tradizzjoni Maltija nagħtuha futur u tkun mezz sabiex il-bniedem jilħaq il-milja tiegħu kemm spiritwalment, kif ukoll soċjalment u kulturalment.

***Il-Festa t-Tajba lilkom ħuti Għajnselmiżi.***





# Messaġġ

## *mis-Surmast*
## *Mro. Sunny Galea A.L.C.M.*

Bil-għajnuna t'Alla, il-Festa tagħna reġgħet magħna sabiex mill-ġdid tnibbet fostna dak l-entużjażmu u ferħ ġol-vini tal-Għajnselmiżi.

Għall-Banda tagħna kienet sena ta' impenn u sagrifiċċji kbar kemm għall-kumitat, bandisti u anki l-familjari tagħhom. Fis-servizzi li kellna kemm fir-Rabat kif ukoll fl-irħula, il-Banda qatgħet figura tajba ħafna. Għad li l-attendenza tal-bandisti għall-kunċerti kienet sodisfaċenti, xorta nixtieq nagħmel appell lil xi wħud mill-bandisti biex jagħmlu sagrifiċċju u jattendu kull meta jkunu jistgħu.

In-numru sabiħ ta' alljievi żgħażagħ li jattendu regolarment,qiegħed verament jagħtina tagħlima. X'ferh inhoss meta narahom kollha miġburin quddiemi, b'dak l-entużjażmu u dixxiplina kbira waqt il-kunċerti! Iżjed ma jgħaddi ż-żmien, iżjed qiegħed inserraħ moħħi għax ngħid li l-futur tal-Banda hu diġa' stabbilit. Mill-qiegħ ta' qalbi nirringrazzja lill-għalliema ta' dawn l-alljievi – Joe Galea, Frankie Debono u Anton Galea, ta' l-interess kbir li qed juru ma' dawn iż-żgħażagħ. Ngħaddi wkoll kelma t'apprezzament lill-membri kollha tal-Kummissjoni Banda, fosthom lill-ħabrieki arkivista Loreto Galea li qiegħed joffri saħħtu kollha u l-ħin liberu kollhu tiegħu għall-bżonnijiet tal-banda.

Matul is-sena li għadha kemm għaddiet, wieħed mill-akbar avvenimenti li bla dubju għamel unur kbir lill-Banda tagħna kienet il-mawra memorabbli li għamlet xahrejn ilu ġewwa Palazzolo, Siracusa. Il-Banda qatgħet figura tajba ħafna, b'mod speċjali waqt il-programm sabiħ li tajna fi Pjazza Umberto Primo. Kellna applawsi kbar wara kull silta mużikali li esegwiet il-banda. Il-kummenti li taw il-kritiċi tal-mużika fil-gazzetti Taljani kienu ta' sodisfazzjon kbir għas-Soċjeta' tagħna. Il-gazzetta *Liberta'* (1-07-2009) sejħitlu *"un bellissimo concerto"*. Il-programm kien varjat ħafna għax kellna bċejjeċ kemm operistiċi, klassiċi, romantiċi u anki kontemporanji li ġew milqugħa tajjeb ħafna mill-udjenza.

Ma nixtieqx nagħlaq dan il-messaġġ qabel ma ngħid kelma ta' tifħir lill-organizzaturi ta' din il-ġita, ibda mill-President is-sur Gino Cauchi sal-icken membru tal-kumitat. Kull ġitant u bandist preżenti deher kontinwament iħaddan tbissima fuq wiċċu, turija ta' sodisfazzjon u ferħ għal din il-mawra tal-Banda ġo Sqallija. Avveniment bħal dan jagħti nifs ġdid u jimla b'kuraġġ lill-bandisti stabbiliti. Dan kien mezz ukoll sabiex fis-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp jinbet dak l-ispirtu ħaj kulturali, filwaqt li tinxtegħel fjamma ġdida fil-qlub ta' l-Għajnselmiżi.

Fis-Soċjeta' hemm persuni li verament jaħdmu bis-sħiħ u qegħdin jikkontribwixxu l-enerġija u r-riżorsi tagħhom kollha għall-ġid tal-Banda u tar-raħal t'Għajnsielem. Grazzi mill-qalb ta' dan kollu, għax bit-tħabrik tagħkom l-Għaqda Mużikali San Ġużepp qiegħda dejjem tiffjorixxi, tissawwar u titlaħħam aktar mal-medda tas-snin.

***Nawgura minn qalbi l-Festa t-Tajba lill-Għajnselmiżi kollha.***




## Buying or Selling your Property?

Buying or selling your home is one of the most important decisions of your life. It signifies a time of change. It is therefore in your best interest to choose an experienced real estate agent who is ready to listen and understand your needs. Our Sales Associates lead the industry in experience and education - and results. You'll simply experience a whole new level of service. And remember... Nobody in the world sells more property than Re/Max.

## Other Services

- Letting / Rentals
- Free Property Valuation
- Property Consultancy
- Turnkey Projects and Finishing
- Mortgage Arrangements
- Investment Opportunities
- Relocation Services

Contact your local Re/Max Representative:

**Kevin Cauchi**

9945 9426

Email: kevin.cauchi@remax.com.mt

www.remax-malta.com

RE/MAX
Property Centre

# Messaġġ



## mis-Sindku
## is-Sur Francis Cauchi

Ta' kull sena l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ittini l-opportunita' li fuq din ir-rivista nwassal il-messaġġ tiegħi għall-festa f'isem il-Kunsill Lokali. Ta' dan nirringrazzja lill-kumitat li ta' kull sena dejjem qiegħed ikabbar din ir-rivista b'artikli verament interessanti.

Hija sabiħa ħafna t-tradizzjoni tagħna li matul iż-żmien tas-sajf niċċelebraw il-festa tar-raħal ad unur il-patruna tagħna taħt it-titlu tal-Madonna ta' Loreto. Ħafna turisti jżuruna f'dan iż-żmien tas-sena propju biex jaraw dawk il-ħafna kuluri fit-tiżjin tat-toroq, fl-istatwi, fid-dawl, fil-logħob tan-nar u fuq kollox jaraw dik l-għaqda ta' ferħ bejnietna u jifirħu magħna.

Matul is-sena l-Kunsill jipprova joħloq inizjattivi u attivitajiet ġodda sabiex iżomm kuntatt maċ-ċittadini tal-lokal. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-Għajnselmizi tal-attendenza li dejjem qed tiżdied f'diversi attivitajiet li l-Kunsill flimkien mal-għaqdiet jirnexxielu jtella' matul is-sena. Hawn nixtieq insemmi l-attivita' kbira li damet sejra għal xahar sħiħ meta bnejna villaġġ ta' Betlehem fil-post magħruf Ta' Passi. Kien verament ta' sodisfazzjon kbir għall-poplu Għajnselmiż għaliex irnexxielna nattiraw eluf ta' Maltin u Għawdxin fl-aktar perjodu tas-sena diffiċli għat-turiżmu Għawdxi.

Matul din l-ewwel sena ta' dan is-sitt Kunsill, jiena flimkien mal-kunsilliera sħabi u l-istaff ħdimna kemm flaħna biex inwettqu programm ta' xogħol għal tliet snin. Għalkemm forsi wieħed jista' jgħid li matul din is-sena ma sarx xogħol strutturali nista' nassigurakom li fi ftit ġranet oħra din il-hidma li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill ser tissarraf f'bidu ta' xogħol fuq diversi proġetti ġodda biex inkomplu dejjem insebbħu r-raħal tagħna.

Minn hawn għandi l-pjaċir ngħid li wara kważi sentejn li l-Kunsill ilu li applika biex jibni Ċentru Ċiviku, il-permess mill-MEPA ħareġ u l-Kunsill diġà ħareġ it-tenders biex jinbena dan iċ-Ċentru. Huwa l-ħsieb li wara l-festa jibda immedjatament ix-xogħol ta' taħmil fuq il-plot u x-xogħol tal-kostruzzjoni. Jekk kollox imur tajjeb dan il-proġett għandu jkun lest sa sena oħra.

Il-Kunsill ser ikompli jsebbaħ wkoll iċ-ċentru tar-raħal bi tqiegħed ta' għamara tat-toroq bħal flower pots, railings, fanali, bankini ġodda, apparat ġdid għal-Playing Fields u embellishment ġdid fil-monument ta' Anġlu Grech fil-Pjazza tad-Dehra. Apparti dan ser tingħata kisja ta' wiċċ ġdid bit-tarmak fi Triq Ħamri, Triq Fawwara, Triq Għajnsielem u Triq il-Ġnien kif ukoll parti minn Triq Perellos. Dawn ser jibdew jingħataw f'partijiet separati.

L-ispejjeż għal dawn il-progetti ser jiġu mill-fond tal-Urban Improvemet Fund fi ħdan il-MEPA, li jintużaw mill-Kunsilli biex ikompli jsir xogħol ta' tisbiħ fiċ-ċentru tar-raħal. Dawn il-fondi kienu ser jintużaw għal proġett tal-Pjazza però dan ma setax isir mill-Kunsill għax irriżulta li l-Pjazza hi art privata. Peress li dawn il-fondi kienu ser jintilfu għax ma ntużawx, il-Kunsill ħaseb biex b'dan il-fond tal-U.I.F. jagħmel dawn il-proġetti u oħrajn imsemmija hawn fuq. Ix-xogħol fuq dawn il-proġetti ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

Il-Kunsill qed jaħdem ukoll biex jerġa jibni mill-ġdid l-Għajn tal-Ħasselin u l-Arkata fil-Wied. Diġa saru l-applikazzjonijiet għall-permessi fil-MEPA. Il-Kunsill ħadem ħafna u applika għall-fondi mill-Ewropa għal dawn iż-żewġ proġetti. Jidher li hemm prospetti tajbin ħafna li dawn il-fondi jiġu approvati u allokati lill-Kunsill biex ikun jista' jinbeda x-xogħol fuqhom. Rigward il-progett ta' Passi l-Kunsill għamel ħafna xogħol flimkien mal-Perit u diġà saru diversi laqgħat ma' uffiċċjali tal-MEPA qabel tiġi sottomessa l-pjanta proposta biex tigi diskussa u ppreżentata lill-poplu Għajnselmiż sabiex ikun jista' jagħti l-veduti tiegħu fuqha.

Matul din is-sena l-Banda tagħna kompliet tistabbilixxi bħala waħda mill-aqwa baned fil-gżira Għawdxija. Riżultat ta' dan kienet il-mawra li għamlet fis-Sqallija meta ġiet mistiedna biex tagħmel programm u marċijiet għall-festa ta' San Pawl fir-raħal sabiħ ta' Palozzolo Acreide. Grazzi lill-Dr. Ray Bondin li bis-saħħa tiegħu saret din l-istedina lill-Banda, kif ukoll liċ-ċittadini ta' dan il-lokal tal-akkoljenza kbira li tawna matul l-erbat ijiem li għamilna f'dan il-post.

Jiena kont preżenti u nista' ngħid, b'wiċċi minn quddiem, li l-Banda qatgħet figura mill-aqwa, speċjalment nhar il-festa bil-programm li tellgħet. Kienet verament mawra u esperjenza li ma tistax tintesa għas-surmast u l-bandisti tiegħu li flimkien mal-kumitat ippreparaw minn qabel b'sagrifiċċji kbar biex il-Banda turi l-ħilijiet tagħha fil-mużika f'post 'l barra minn xtutna. Prosit tassew għax komplejtu tkabbru l-isem tal-Banda u dan hu ċertament unur ieħor għar-raħal tagħna t'Għajnsielem.

Minn hawn infaħħar u nirringrazzja lill-Kumitat u membri tax-xogħol kbir li qed iwettqu fil-każin fejn bħalissa għaddej xogħol fuq is-sala prinċipali, is-sala tal-iSnooker, fuq l-arkivju u l-kamra tal-Kumitat apparti l-attivitajiet li jtellgħu matul is-sena. Dan hu riżultat ta' Kumitat ħabrieki li jixraqlu kull support minn kull individwu.

***Nagħlaq billi nawgura l-Festa t-Tajba lill-kulħadd.***




# Messaġġ



## *mill-Arċipriet*
## *Dun Frankie Bajada*

Il-Festa tal-Omm tagħna Marija Lawretana qed terġa' tlaqqagħna permezz ta' din il-kolonna f'din il-ħarġa tal-pubblikazzjoni tal-Banda tagħna. Dawn il-ġranet sbieħ tal-aħħar ta' Awwissu huma bla dubju ġranet sbieħ ħafna li, flimkien ma' żminijiet sbieħ oħra tas-sena jqarrbuna lejn xulxin u jgħinuna napprezzaw dak il-ħafna sabiħ li hemm fil-ħajja tagħna l-Maltin.

Kull min kien mal-Banda tagħna għall-festa ta' San Pawl ġewwa Palazzolo Acreide qrib Siracusa fi Sqallija seta' jinnota l-andament ferrieħi u ġenwin ta' din il-festa tant popolari. Fost l-affarijiet sbieħ li nnutaw ħafna minn dawk li kienu hemm kienet l-imġieba tajba u ferreħija ta' dawk li kienu għall-festa. Wieħed ukoll seta' jinnota li ma kienx hemm min kien taħt l-effett tax-xorb u anke l-ilbies kien pjuttost ħafna deċenti. Bħala saċerdot, f'Palazzolo, jien stajt inħoss kemm verament hemm bżonn ta' vokazzjonijiet. F'parroċċa ta' xi tlett elef ruħ, bejn wieħed u ieħor daqs Għajnsielem, il-Kappillan jinsab waħdu, mhemmx saċerdoti oħra. Biex jgħinuh fil-ġranet tal-festa kellhom jiġu l-kappillani tal-parroċċi ġirien li huma wkoll huma waħedhom fil-parroċċa. U għidt bejni u bejn ruħi kemm għandna għax nirringrazzjaw lil Alla li xħin immorru l-knisja għadna nsibu tant saċerdoti li lesti jgħinuna dejjem u kullimkien. Kemm għandna għax nitolbu ħalli l-familji tagħna jkunu ġenerużi li joffru lill-knisja vokazzjonijiet li lesti li jaqdu kull fejn ikun hemm bżonn.

Il-vokazzjonijiet jiġu mis-sema għax dejjem huma sejħa ta' Alla imma żgur li ma jaqgħux mis-sema. Irridu nagħtu s-sehem tagħna lkoll. F'dinja fejn dak li huwa materjali qiegħed dejjem jingħata aktar valur, għandna bżonn ta' eżempji bħal San Ġwann Maria Vianney li f'għeluq il-150 mill-mewt tiegħu qegħdin inżommu din is-sena Saċerdotali u bħal Mons. Ġużeppi Depiro l-fundatur tal-Banda tar-raħal tagħna '*San Ġużepp*' . Dawn huma qaddisin li żgur qed isejħulna biex insenslu l-ħajja tagħna fuq dak li ġej minn Alla. U dan jgħodd f'kollox, fil-familji tagħna, fl-għaqdiet tagħna, anke fil-festi tagħna.

Irridu niftakru li l-festi tagħna huma festi li fuq kollox iridu jagħtu ġieħ lill-qaddisin u aħna l-Għajnselmiżi għandna x-xorti li fil-festa tagħna nfaħħru lil Omm Alla.

Għalhekk ejjew inkomplu dak li qed nagħmlu diġa ngħixu l-festi tagħna fi spirtu ferrieħi nisrani u nifirħu ħafna bla ma nweġġgħu lil ħadd u lanqas nitweġġgħu aħna! Nifirħu bla ma niddamdmu! Nifirħu bla ma nimpikaw! Nifirħu bla ma nesaġeraw! Nifirħu bla noffendu lil Alla li tant iħobbna! Impossibli? Nippruvaw u naraw!

***Minn qalbi nawgura lil kulħadd il-Festa t-Tajba.***


CASAFUNGHI
La fungaia di Gozo
The biggest mushroom farm in Malta
ISLAND mushrooms growers ltd
The leading mushroom farm
Gozitan Delights
Mushroom Sales Centre
Casafunghi, Gozitano Complex,
Mgarr Rd., Xewkija, Gozo.
Tel. (00356) 2156 4529
Fax (00356) 2156 3215
Mob (00356) 9942 2504
Pitkali Road, Attard - Malta.
Tel. (00356) 2141 6914
Fax (00356) 2142 3051
Mob (00356) 9943 0564
www.casafunghi.com
e-mail: gozitandelights@vol.net.mt



# Messaġġ

# *mid-Direttur Spiritwali*
## *Kan. Joe Cardona*

Min ser ikun il-mistieden speċjali tagħna fil-festa ta' din is-sena?

Aħna l-poplu ta' Għajnsielem ninsabu fil-jiem tant għeżież tal-festa, jiem fejn ir-raħal tagħna jilbes il-libsa tal-festa. U la r-raħal jieħu dehra differenti xi ngħidu għall-Għaqda Mużikali San Ġużepp?

Żgur li wieħed mill-għanjiet tal-Għaqda mużikali "San Ġużepp", hu biex bin-noti ferreħija tal-istrumenti tagħha tagħti ġieħ lill-Ommna u padruna tagħna Marija Lawretana. Jiena personali nemmen li l-poplu Għajnselmiż verament iħobb lill-Ommna Marija Lawretana, mhux għax hija l-padruna tar-raħal tagħna imma għaliex hija Omm kull wieħed u waħda minna.



Imma ipermettuli nistaqsi: Kemm aħna qegħdin nistidnuha lil Ommna Marija biex tiġi għandna?, u għandna kif ?

· Tiġi ġewwa r-raħal tagħna.
· Tiġi ġewwa djarna.
· Tiġi ġewwa il-Każin tagħna.

Imma fuq kollox qegħdin nistidnuha tidħol ġewwa djarna wkoll? mhux id-djar tal-ġebel tafux imma ġewwa d-djar ħajjin tagħna.Li huma aħna stess. Jiġifieri fil-moħħ, fir-rieda u fil-qalb li huma biċċa minna nfusna, u li fihom ħadd ma jistà jirfes jekk ma nkunux stedinnih aħna mill-qalb u lesti nagħtuħ l-aqwa merħba. Marija Lawretana trid tkun għalina mhux sempliċiment xbieha jew statwa imma persuna ħajja u għażiża.

**Attivitajiet Spiritwali li saru sa issa.**

· 1 ta' April 2009 jiem marbuta mar-Randan; saret għall-ewwel darba attività reliġjuża ġewwa il-Każin. Din l-attività kienet l-ewwel u qabel kollox indirizzata għall-Kumitat, bandisti u membri. Ta' min jgħid li l-attendenza kienet waħda numeruza li nkoraġġanti biex attivitajiet ta' din ix-xorta jibqgħu isiru ta' kull sena.
· Fl-1 ta' Mejju 12.00pm saret quddiesa ġewwa ċ-Ċimiterju għall-erwieħ tal-bandisti u benefaturi mejtin.
· Il-Ħadd 10 ta' Mejju, membri mill-kumitat tal-banda u bandisti ħadu sehem fl-Ewkaristija (Quddiesa) ġewwa il-knisja fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp.
· Ta' min jgħid ukoll li hemm ippjanati aktar attivitajiet ta' din il-kwalità.

Minn qalbi nixtieq il-festa t-tajba lill-Għajnselmiżi kollha, kif ukoll lilek li sibt l-ħin biex taqra dan l-artiklu u lil dawk kollha li jkunu hawn magħna fil-jiem tal-festa.

*Il-Festa t-tajba lil kulħadd.*

**Il-Kumitat Eżekuttiv flimkien mal-Bandisti u Membri fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Ġużepp jixtiequ jifirħu lil**
**Fr. Joe Cardona**
**li fit-28 ta' Ġunju ta' din is-sena ġie maħtur Kanonku tal-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur**



# BASKAL FARRUGIA

Motor Mechanic
'Garnet', Imgarr Road
Ghajnsielem

Mechanical Repair of Cars
Trucks & Heavy Machinery

Vehicle Servicing: Both Petrol & Diesel

Engine Rebuilding & Exchanging

Sales of Spare Parts & Batteries



Tel: 21 551154 Mob: 99 228598

# Messaġġ



## mid-Direttur tal-Każin
## Pawlu Azzopardi

Għaddiet sena oħra u reġgħet waslet il-Festa tal-parroċċa tagħna ad unur il-Madonna ta' Loretu. Nista' ngħid li kienet sena mimlija ħidma speċjalment fejn jidħlu proġetti u xogħol ta' manutenzjoni fil-Każin.

Jekk wieħed jagħti ħarsa ħafifa lejn il-proġetti li hemm għaddejin bħalissa fil-Każin mal-ewwel jinduna bix-xogħol li hemm għaddej. Il-Kamra tal-Kumitat tinsab fi stadju avvanzat. Jekk kollox jibqa miexi skond kif previst, is-sena d-dieħla ninawguraw l-Arkivju Mużikali f' kamra li tagħmel unur lill-Każin tagħna. Għaddej ukoll ix-xogħol ta' *upgrading* fuq is-sala prinċipali u ser ikollna wkoll sala ġdida ddedikata għall-isnooker. Ix-xogħol fuq dawn iż-żewġ swali beda ftit tax-xhur ilu meta, grazzi għall-għajnuna ta' diversi żgħażagħ, qlajna l-palk u l-madum il-qadim. Akkwistajna wkoll garaxx taħt il-każin sabiex inpoġġu l-istore tal-Bar u l-affarijiet li kien hemm taħt il-palk. Solvejna wkoll il-problema ta' post adekwat għall-istatwa tal-Madonna tad-Dar għaliex din issa ser titpoġġa f' niċċa li ser tinbena apposta fis-sala prinċipali. Fix-xhur li jmiss din l-istatwa ser tiġi rrestawrata sabiex fl-aħħar titpoġġa f' post denju u xieraq.

Il-faċċata tal-Każin ser tkompli tisbieħ għaliex din is-sena ser inżanżnu sett ta' 6 faldrappi għal mat-twieqi. Is-sena d-dieħla ser jkollna 12 oħra. Ftit tax-xhur ilu nxtrat ukoll bandiera ġdida bl-arma tal-Banda kif ukoll standard tal-Ujoni Ewropea li ntuża l-ewwel darba fil-ġita li kellna ġewwa Sqallija. Riċentament qlibna wkoll is-sistema tad-dawl minn single-phaze għal waħda 3-phaze. Il-każin qiegħed ukoll jipprepara għall-Festa permezz ta' wirja ta' Talent Għajnselmiż li ser intellgħu fis-Sala tal-Kunċerti. Ta' min ifakkar li din is-sena tellgħajna wkoll wirja oħra fil-Ġimgħa Mqaddsa. Kemm hu sabiħ tara Każin ħaj!

Tajjeb insemmu wkoll li jsir ukoll ħafna xogħol minn wara l-kwinti. Pereżempju darba fis-sena, l-Każin jiġi mbajjad minn ġewwa. Darba kull ħmistax, diversi helpers jagħtu daqqa t' id sabiex inżommu l-Każin nadif. Kull nhar ta' Sibt ikollna ħafna xogħol relatat mat-tombla u high tea.

Nixtieq li nirringrazzja u nsemmi personalment lill-persuni li kull meta kelli bżonn l-għajnuna tagħhom għal xogħol ta' manutenzjoni fil-Każin, sibthom dejjem. Fost dawn hemm Peppi Grima, Kelinu Azzopardi, Josef Azzopardi, Fredu Xuereb, Wenzu Ciangura, Pawlu Zerafa, Ġużeppi Sultana u Loretu Mifsud. Ta' min wieħed jirrimarka li dawn l-individwi għamlu ħafna xogħol volontarjament u mingħajr ebda ħlas. Hawnhekk nixtieq nappella lil kull min jistà sabiex jgħati daqqa t'id.

Bir-rieda tajba nistgħu nkomplu nagħmlu l-progress mixtieq. Nemmen li bis-saħħa u l-koperazzjoni ta' kulħadd, naslu biex nilħqu dan l-objettiv li minnu ħa jgawdi l-poplu kollu t'Għajnsielem.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lill-familja kollha tiegħi b'mod partikolari lill-marti Rosina u t-tfal Joseph u Charlie tal-paċenzja u support li dejjem tawni. Inrodd ħajr ukoll lil kull min jgħin sabiex il-Banda tagħna tkompli tilħaq l-għanijiet tagħha. Fost dawn in-nies hemm is-surmast, l-assistent surmast u l-bandisti, sħabi tal-kumitat, membri tal-kumissjoni banda, sotto-kumitati u l-aħħar iżda mhux l-inqas, lilkom membri u partitarji tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp.

U tinsewx ħbieb... Il-bieb tal-Każin miftuħ dejjem u għal kulħadd.

***Il-Festa t-tajba!***

MEZILLA
Concrete Limited

*Director:* Charlie Borg

Plot 34,
Tilliera Street,
Sannat, VCT 112 - Gozo.

Tel/Fax: 21 557563
9942 9364




CHARLIE'S
GYM

'Casa Borg' Plot 34,
Tilliera Street, SANNAT, Gozo.
Tel/Fax: 2155 7563
Mobile: 9942 9364

# Messaġġ



## *mill-Assistent Surmast*
## *Mro. Frankie Debono*

**Wasal Awwissu, waslet il-Festa!**

Il-festa titulari tfisser xogħol, sagrifiċċju u sodisfazzjon KBIR għalina l-Bandisti. Il-banda tagħmel disa' servizzi fil-festa tagħna. Bla dubju l-aktar servizz impenjattiv huwa il-programm annwali li normalment isir nhar it-Tlieta tal-ġimgħa tal-Festa. Isiru ħafna kunċerti biex il-banda tilħaq l-għola livell possibbli u għalhekk nixtieq nirringrazzja lill-bandisti kollha u lis-surmast direttur Mro. Sunny Galea.

B'wiċċi minn quddiem ngħid li f'dawn l-aħħar snin dan il-programm laħaq livell tassew tajjeb. Kien ta' sodisfazzjon li l-alljievi u l-bandisti aspiranti daqqew waqt l-Open Day f'Awwissu 2008 u fiż-żmien il-Milied. Nixtieq nirringrazzja lil Joe Galea u lil Anthony Galea tal-impenn tagħhom fl-iskola tal-Mużika fi ħdan il-Banda.

Ovvjament kif jgħdu l-Ingliżi 'there is always room for improvement', pero' li hu żgur hu li l-banda San Ġużepp miexja fit-triq it-tajba.

*Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd*




Coca-Cola
www.mycoke.com.mt
the Coca-Cola side of gozo

# Messaġġ

## mill-Kumitat tan-Nisa



Għaddiet sena oħra mimlija impenji għalina l-Kumitat tan-Nisa fi' ħdan l-Banda San Ġużepp. Niftarku li m'huwiex faċli għalina li ta' kull ġimgħa nieħdu ħsieb norganizzaw attività ġewwa l-każin tagħna.

Ħafna kienu minnkom, dawk li laqgħu l-istediniet tagħna matul is-sena u attendejtu għal xi tombli jew 'high teas' li għamilna. Kien importanti li nkomplu b'dan il-'fundraising' anki fid-dawl tal-proġetti kbar li l-Kumitat eżekuttiv qiegħed jagħmel bħalissa fil-każin tagħna. Minbarra s-soltu coffee mornings u tombla ta' kull nhar ta' Sibt, din is-sena saru wkoll diversi lotteriji kif wkoll attivitajiet oħra bħal wirjiet, Open Day eċċ.

Iżda fix-xhur li jmiss, jeħtieg li l-Għaqda Mużikali tagħna tlesti l-Arkivju Mużikali u l-Kamra tal-Kumitat. Hemm wkoll żewġ swali ġodda, dik prinċipali u tal-isnooker. Dawn huma proġetti li jinvolvu spejjeż kbar, iżda bil-kuraġġ u l-appoġġ tagħkom l-Għajnselmiżi, ninsabu fiduċjużi li nkomplu naħdmu sabiex immexxu l-Banda tagħna 'l quddiem.

Ta' min ifakkar li fix-xhur tax-Xitwa, issa ser ikollna post xieraq u modern fejn isiru t-tombla u high-teas. Is-sala fejn sa ftit tax-xhur ilu kienet tħaddan il-palk, store tal-bar u spazju żgħir għat-tombla issa ser tinbidel f' multi-purpose hall fejn se jkollha suffitt modern, madum ġdid kif ukoll sistema ġdida ta' illuminazzjoni.

Minn qalbna nixtiequ nirringrazjaw lill-Kumitat Eżekutiv għall-fiduċija li dejjem wera fina, kif ukoll lil dawk kollha li matul is-sena attendew għal xi wħud mill-attivitatijiet li organizzajna.

Fl-aħħarnett nawguraw il-Festa t-tajba lill-Għajnselmiżi kollha u nħeġġukom sabiex tkomplu tagħtu s-support lill-Banda tagħna.




**Taċ-Ċallu**

**Water Supplies**

*24 hr Service*

*Contact: Lawrence Borg*

*'Joseph Farm', Qala Road Għajnsielem, Gozo.*

*Tel 2155 0338, 2155 0352, Mob: 9942 8781*

M & M

Butcher

Pjazza Indipendenza

Għajnsielem

Tel: 2156 3463

Pre orders
are available
on tel: 2155 5974



# *Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar*

**Jikteb Rudolph Cauchi**



## Festa lill-qaddis jew lill-istatwa!

Kull festa ġġib warajha storja sħiħa dwar il-ħajja tal-qaddis jew qaddisa li għaliha qed tkun iċċelebrata. Naraw il-knisja imżejna sa l-anqas dettall u bl-għola ġieħ lejn il-patrun/a, it-toroq bl-aqwa armar u bil-qaddisin kollha li kel-lhom x'jaqsmu mall-ħajja tal-qaddis patrun/a, id-djar bil-vari u pitturi titulari li nsibu ġol-knisja tagħna, każini iddedikati lejn il-patrun/a , id-djar u anke aħna stess li ġejna msemmija għall-patrun/a. Xi ngħidu għall-vara titulari li nsibuha ġol-knisja miżgħudha kollha bid-deheb u ħaġar prezzjuż?

Imma din hi qima lejn il-patrun/a jew fanatiżmu lejn dak li hu tagħna? Jekk malli nifthu l-bieb tal-knisja għall-ħruġ tal-vara naraw statwa titulari ta' xi raħal ieħor minflok dik tagħna imma tal-istess qaddis/a taħseb li ħa nċappċpu l-istess bħall-vara tar-raħal tagħna? Imma dan mhux l-istess qaddis?! U qaddisin tal-istess figura jistgħu xi darba jkunu wieħed aħjar minn tal-ieħor?

**Festa interna jew esterna. Għaliex mhux Festa?**

Il-festa ġġib magħha ħafna xogħol u tinvolvi fiha numru kbir ta' dilettanti li bis-saħħa tagħhom qed jof-frulna attrazzjoni unika li jseħħu ġo pajjiżna. Kultant il-messaġġ qed jasal ħażin. Il-festa għandha tkun waħda fejn suppost dak intern hu importanti aktar minn dak estern, imma dan m'huwiex il-każ. Għaliex għandu jkun hemm distinzjoni f'festa fejn suppost hija waħda? X'messaġġ qed jasal fil-festi tagħna, li tista' tagħżel bejn il-marċ u l-knisja, l-aqwa li tattendi għal xi attivita' tal-qaddis jew li tara festa waħda u li l-ewwel tmur il-knisja imbagħad wara hemm il-ħin għall-marċ ukoll! Lill-arċipriet jew kappillan tar-raħal għandek issibu ġol-knisja biss jew mal-marċijiet ukoll. U l-membri tal-għaqdiet għandhom iħallu post-hom vojt ġol-knisja?

**Festa bla kontroll**

Meta jkollok attivita' għaddejja bħalma' hi festa mhux ta' b'xejn li tkun sodisfatt wara li jkun mar kollox sew. Wara festa, ikun hemm sensiela kbira ta' laqgħat u diskussjonijiet bejn l-għaqdiet involuti u l-arċipriet li jiġi responsabbli mill-festa kollha. Permezz ta' dawn il-laqgħat jibda ħiereġ bil-mod 'l mod il-programm tal-festa. Kollox isir bil-ħsieb u bl-approvazzjoni tal-arċipriet. Imma spiss nisimgħu b'xi inċident li mhux biss jagħmel dell ikrah lill-organizzaturi iżda wkoll lir-raħal kollu. Kulhadd xi darba jew oħra organizza xi tip ta' festin kbir jew żgħir, imma ħadd m'hu ħa jmur jaqla l-inkwiet ġol-festin tiegħu stess. Imma inċi-denti jiġru u jiġru lil dawk preżenti għall-festin. Fl-aħħar int tlaqqatha għaliex in-nies lilek isemmu. Hekk ukoll fil-kas tal-festi . L-għaqdiet flimkien mal-arċipriet jieħdu ħsieb jorganizzaw il-festa imma żgur li m'humiex ser iħassru xogħolhom huma stess. Minkejja kollox, wara kull inċident l-ewwel li jissemma hu r-raħal kollu, għax dawk kesħin u għax dawk tal-inkwiet u ma nafx x'aktar. Fejn fil-verita' jkun ġara kollox minħabba tnejn li qajla tarahom matul is-sena u minħabba fihom kemm kemm ma tiġix f'riskju li titħassar il-festa wkoll.

Għal din is-sena, komplejna għaddejjin bil-ħidma tagħna lejn il-festa titulari sabiex inkomplu nagħtu l-għola ġieħ lill-Madonna taħt it-titlu ta' Loretu. Nirringrazzjaw lil kull min għena b'xi mod sabiex niġbru l-ispejjeż meħtieġa u lill-membri voluntiera kollha li jiġu jgħinuna inżejnu u nerġgħu niġbru lura l-armar għall-ġranet sbieħ tal-festa.

***Il-festa t-tajba lil kulhadd.***





**PAUL STELLINI**
interior designer

156 Mgarr Road, Ghajnsielem, Gozo.
Tel: 21 558 646, Fax: 21 562 726, Mob: 99 471 741
Email: info@paulstellini.com Website: www.paulstellini.com

**SAM's Gypsum Works**

**FOR ALL TYPES OF FALSE CEILINGS, GYPSUM PARTITIONS, GYPSUM BULKHEADS, COVING & CEILING ROSES**

**For a Free Estimate call Sammy Azzopardi on 99 822 707**

# Messaġġ



## *tal-Gwardjan*

## *P. Joseph Magro OFM*

## Marija mera ta' Ġesù

Marija illum hija sinjal ta' kif inwieġbu għal dak li Ġesù jrid mill-ħajja tagħna. Marija twieġeb: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek" (Lq1:38) Kienet tweġiba imqanqla mill-grazzja u mimlija bl-ubidjenza. U mill-ubidjenza Marija tgħaddi għat-tifħir. Marija tfaħħar lil Missier bil-Magnificat (Lq 1:46-55) għas-salvazzjoni li kienet ġejja għall-umanità. U għalhekk mimlija fil-ferħ għat-tarbija li kienet ġejja tinfexx tfaħħar lil Alla għal dak kollu li kien qed jagħmel magħha.

Marija tant kienet tfajla kontemplattiva li ma tħalli xejn jibqà għaddej minn dak li hu ta' Alla, li fil-vangelu insibu: "Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha. ","… U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha." ((Lq 2:19, 51).

Issa, jiena kif inħares lejn Marija? Jekk qed niċċelebraw il-festa tagħha, kif se nirrifletti fuq Marija u dak li għandha x'tgħidina permess tal-Festa. Marija hija biss figura biblika? Hija biss il-Vergni-Marija u daqshekk? Marija għandha tkun dik li inħarsu lejha bħala dik li tipprovdi l-għerf u direzzjoni lejn kif għandna nirrispondu għal dak li Alla jrid minna. Għandha tkun mezz biex inknu nafu kif nirrispondu għall-grazzja t'Alla. Is-salvazzjoni tagħna għandha tkun fuq kif aħna inwieġbu għall-grazzja u s-salvazzjoni ta' Alla.

Marija saret mera ta' Ġesù, u dan narawh meta Xmun jgħidilha, li dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh » (Lq 2 :34) Naraw li Xmun induna li Marija kienet qrib ħafna ta' binha u mqanqal mill-ispirtu jgħidilha : "u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek" (Lq 2 :35) It-tbatijiet futuri ta' Ġesù kellhom ukoll ikun riflessi f'Marija. Marija kellha tkun mera tal-ħajja ta' Ġesù. Illum iktar minn qabel irridu inħarsu lejn Marija bħala r-rifless ta' binha Ġesù. Marija hija t-tieqa li trid turina lil Ġesù fil-ħajja tagħna.

Aħna wkoll irridu li permezz ta' din il-festa li nagħmluha tkun il-mera u t-tieqa li turina lil Ġesù fil-ħajja tagħna, turina kif għandna nwieġbu għas-sejħat li Alla qed jagħmlilna. Imma Marija tgħidilna ukoll li jekk aħna nagħmlu dak li jgħidina Ġesù permezz tal-Knisja aħna ma nistgħux ma nfaħħrux lil Alla ta' dak kollu li qed jagħmel magħna anke jekk ma nkunux nifhmu t-triqat tiegħu. Allura f'dawn il-jiem ta' festa nersqu b'fiduċja lejn din Marija l-mera li tirriffletti li Ġesù u nitolbuha biex fil-ħajja tagħna minkejja dak li ngħaddu minnu ma naqtgħux qalbna imma nħallu lil Ġesù jaħdem fil-ħajja tagħna u nfaħħruh għax ħwejjeġ kbar jagħmel ma' dawk li jagħmlu r-rieda tiegħu.

***Il-Festa t-tajba lil Kulħadd***

# Il-Ħidma tas-Sotto-Kumitat tal-iSnooker

Iż-żmien jgħaddi malajr u ma jistenna lil ħadd. Diġà għaddew tnax-il-xahar minn meta ġie iffurmat is-sotto-kumitat tal-iSnooker fi ħdan il-Banda San Ġużepp. L-ewwel biċċa xogħol li kellu jsir kien li niffurmaw statut. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lin-nutara Josepha Xuereb tal-għajnuna tagħha f'dan ir-rigward. Il-kumitat ħareġ bl-ideja li ssir ukoll xi tip ta' arma li tiddistingwi l-organizazzjoni tagħna. Din il-biċċa xogħol ħallejnieha f'idejn l-artist minn Għajnsielem Vince Caruana li ħoloq emblema vera oriġinali. Bdejna sistema ta '*Memberships*'. Għal €10 biss fis-sena, il-*players* ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet kollha ta' matul l-istagun. Players taħt 18-il sena ingħataw *'Membership'* b'xejn.

L-istaġun tas-snooker beda f'Ottubru. Ġew organizzati tlett kompetizzjonijiet fejn intlagħbu 194 logħba uffiċċjali, li ġew deċiżi fi 497 *frame*. L-ewwel kompetizzjoni kien l-*October Cup* li intrebaħ minn Aldo Cauchi wara finali ferm kumbattuta kontra Saviour Vella. Dan tal-aħħar kien 3-1 min taħt imma irnexxielu jġib l-iskor indaqs għal 3-3. Imma kien Aldo Cauchi li rebaħ il-*frame* deċiżiv.

Din is-sena l-league ħa forma kemmxejn differenti fejn id-Diviżjoni Premier inqasam f'*Championship Pool* u *Relegation Pool* wara li spiċċa l-ewwel round. L-Ewwel Diviżjoni inqasam f'żewġ sezzjonijiet, bir-rebħ tat-titlu jiġi deċiż f'finali bejn l-ewwel żewġ *players* ta' kull sezzjoni. Id-Diviżjoni Premier intrebaħ minn Saviour Vella li tilef logħba waħda biss. Il-finali tal-Ewwel Diviżjoni intlagħbet bejn Paul Dimech u Ferdinando Apap fejn dan tal-aħħar rebaħ bl-iskor ta' 2-0. F'April ġiet organizzata l-aħħar kompetizzjoni tal-istaġun fuq stil ta *knock out*. Il-finali intlagħbet bejn Saviour Vella u Jevon Attard. Vella kien b'forma formidabbli fejn rebaħ bl-iskor ta' 5-0.

Ġiet ukoll mibdija sistema ta' *rankings*. Kull player jingħata ammont ta' punti li jakkumulaw mas-snin, skond kemm ikun mar tajjeb fil-*league* jew f'xi kompetizzjoni. Ir-*rankings* saru ukoll bl-għan li nkunu nafu min huma l-iktar plajers konsistenti fl-assoċjazzjoni tagħna.

Fix-xahar ta Ottubru tħabbar li ser isir il-proġett kbir ta' Bethlehem f'Għajnsielem fl-għelieqi Ta' Passi. Is-sotto kumitat tal-isnooker iddeċieda









li jgħati l-għajnuna neċessarja. Membri tal-kumitat u anke *players* taw is-sehem tagħhom fil-bini ta' dan il-proġett. Min meta infetaħ il-proġett fis-6 ta' Diċembru, ħadna f'idejna l-forn tal-ħobż, parti mit-taverna, kif ukoll *stand* bil-prodotti tradizzjonali Għawdxin. Nixtieq nirringrazzja lil kull min ta is-sehem tiegħu speċjalment lis-Sur Frankie Buttigieg u l-familja tiegħu li mexxew il-bejgħ fil-forn tal-ħobż. Nistgħu ngħidu li din l-attivita' għenet ħafna il-finanzi tal-organizzazzjoni tagħna.



Kien wara dan is-suċċess li ġie deċiż li nimbarkaw fuq proġett ieħor kbir li nirranġaw is-sala tal-każin biex nakkomodaw żewġt imwejjed tas-snooker. Wara diversi laqgħat mal-kumitat eżekuttiv flimkien iddeċidejna li s-sala tinqasam fi tnejn fejn il-parti fejn qabel kien hemm l-palk jiġi konvertit fis-sala l-ġdida tal-isnooker u l-parti l-oħra tibqa' tintuża għal diversi funzjonijiet. Fil-31 ta' Marzu ġiet organizzata maratona tas-snooker ta iktar minn tletin siegħa, kif ukoll beda x-xogħol taż-żarmar tal-palk. Il-maratona tas-snooker intrebħet minn Garry Morris li fil-finali għeleb lil Shaun Attard. F'dawn l-aħħar jiem għadu kemm



spiċċa t-tqiegħid tal-madum tas-sala kollha kif ukoll infetaħ bieb ieħor biex jkun hemm aċċess dirett għas sala l-ġdida tas-snooker. Eżatt wara l-festa l-mejda ser titmexxa għal ġos-sala l-ġdida. Hu ppjanat li sa tmiem l-istaġun li ġej ikollna biżżejjed fondi biex naqsmu s-sala b'*partition* (u biex nixtru mejda oħra). Matul l-istaġun li għadda lqajna wkoll lis-Sur Robert Wilkinson bħala membru ġdid fil-kumitat tagħna.

Għad hemm ħafna xogħol x'jista jsir u bl-għajnuna tal-membri kollha fil-futur qarib inkunu nistgħu ntejbu l-atmosfera ta' fejn jintlagħab l-isnooker, bil-għan li ntellgħu l-livell tal-logħob li jsir fil-kompetizzjonijiet li qed norganizzaw.



# Messaġġ



## mill-President ta' Għajnsielem F.C.

Ix-xahar t'Awwissu jġib miegħu arja nadifa, arja ta' ferħ, u tbissima f'fomm il-poplu kollu t'Għajnsielem li tiżvolġi f'entużjażmu u kreattività liema bħalha. Dan kollu għaliex Awwissu jġib miegħu fir-raħal tagħna il-ġranet tant sbieħ tal-festa titulari tal-Madonna ta' Loretu. Tajjeb allura li dan l-ispirtu jinżamm matul is-sena kollha għaliex ir-raħal t'Għajnsielem għandu jkun kburi bl-għaziza Ommna Marija li kontinwament tferrex lejna grazzji kbar.

Nibda biex nawgura li l-familji kollha tagħna – passi 'l bogħod mill-Knisja ddedikata lill-Madonna ta' Loretu, mill-Każin tal-Banda San Ġużepp faċċata tagħha, u mill-Club tal-football li jiena l-President tiegħu, kemm taqsam it-triq – sabiex flimkien nżommu l-għaqda ta' bejnietna kull ħin u kull mument għax fejn hemm l-għaqda u l-imħabba jintrebaħ kull mewġ u kwalunkwe problema. Ejjew ma noqogħdux lura, flimkien għandna nimxu 'l quddiem. Hawn nieħu l-opportunità sabiex insellem lill-Arċipriet tagħna Dun Frankie Bajada, għax-xogħol siewi li qed iwettaq fil-Parroċċa tagħna.

Jixraq li nagħmel kelmtejn fuq il-Club tal-football tagħna, tal-Blacks. Għeziez membri tal-Kumitat, players, coaches, partitarji, u wlied Għajnsielem kollha, is-sena li ilna mmexxu t-team tagħna, kienet sena li ġabet magħha ferħ, imma wkoll niket u wġiegħ il-qalb, fejn kellna anke nieħdu deċizjonijiet b'responsabbilità kbira, dejjem għall-ġid tagħna lkoll. Dejjem tlabna, sew waqt il-laqgħat tal-Kumitat, u iktar u iktar qabel kull logħba, lill-Patruna tagħna sabiex tgħin lilna u lill-benjamini tagħha waqt dmirijietna bil-flokk iswed. Lejn it-tmiem tal-istaġun, il-Madonna urietna xaqq ta' dawl, dawl li kulħadd feraħ bih. Għexna mumenti ta' ferħ liema bħalu, rajna poplu ferħan kif jixraq speċjalment wara l-isforzi kollha ta' matul is-sena. Però, għalkemm ma kellux iseħħ dak li konna qegħdin nisperaw għalih, nixtieq inwassal messaġġ sinċier billi nappella lil kulħadd sabiex flimkien naħdmu f'gieh Għajnsielem tagħna u ma noqogħdux lura, għax persważ li naslu żgur. Dan billi nkunu solidari, billi nagħdru lil xulxin, u billi naċċettaw l-opinjonijiet ta' kulħadd. Għajnsielem huwa tagħna lkoll u jixraqlu l-aħjar. Konvint li għandna kapaċitajiet kbar, però jeħtieġ li ninsistu f'iktar dixxiplina, speċjalment fuq livell individwali.

Mela hekk kif għandna għal xiex nifirħu f'dawn il-jiem ta' festa, ejja, minn qalbna, b'imġieba tajba, u b'ħarsien ta' l-ordni, nagħtu tifħir lill-Madonna ta' Loretu, ħalli kollox imur sew skond ix-xewqat ta' kulħadd.

***Inselli u nawgura festa sabiħa lil kulħadd.***

***Sammy Rapa***



# Mill-Iskola tal-Mużika

## *Joe Galea - Għalliem Sezzjoni 'Woodwind'*

Waslet festa oħra u intom li qed taqraw dan il-ktejjeb li l-banda tagħna toħroġ għall-okkażżjoni tal-festa titulari, tajjeb li nagħtukom xi tagħrif dwar il-ħidma li twettaq l-iskola tal-mużika fi ħdan is-soċjeta' tagħna. Bħal-aħħar snin, it-tagħlim tal-mużika huwa fdat f'idejn tliet għalliema. Mro Frank Debono, assistent surmast, jgħallem is-sezzjoni tal-'brass', jiena ngħallem is-sezzjoni 'woodwind', u s-Sur Anthony Galea jgħallem it-teorija tal-mużika kif ukoll jagħti daqqa t'id fit-tagħlim tal-'brass'. It-tagħlim isir nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt.

Bħalissa in-numru ta' bandisti aspiranti u alljievi li qed jattendu għal-lezzjonijiet jammonta għal 26 membru. Minn dawn, 7 diġa' bdew idoqqu u l-kumplament, jiġifieri 19 huma alljievi. Minn dawn l-alljievi, 14 diġa' għaddew mill-fażi tat-Teorija u bdew anke jipprattikaw l-istrument, filwaqt li l-5 l-oħra qegħdin jistudjaw it-teorija taħt id-direzzjoni tas-Sur Anthony Galea. Minn hawn nixtieq nieħu l-okkażżjoni biex nifraħ lil Laurianne Azzopardi fuq il-Klarinet, Josef Cutajar fuq il-Klarinet, Joe Mizzi fuq it-Trombone, Daniel Camilleri fuq il-Kurunetta, Dario Mallia fuq il-Kurunetta, lil Matthew Zammit fuq il-French Horn u fl-aħħar u mhux l-anqas lill-Elvin Tabone fuq il-'percussion' li ngħaqdu mal-banda fil-purċissjoni tal-Milied. Nifirħu lil dawn is-sitt alljievi li wara snin ta' studju, ser jirnexxielhom jingħaqdu uffiċjalment mal-Banda bħala bandisti aspiranti fil-purċissjoni tal-festa titulari. Aħna l-għalliema qed nagħmlu ħilitna kollha biex għall-purċissjoni tal-Milied nagħtu l-opportunita' lil xi alljievi ġodda biex jingħaqdu mal-Banda fid-daqq tal-'carols'. Hija ħaġa ta' sodisfazzjon li tara seba alljievi jingħaqdu mal-Banda. Mhix ħaġa faċli li wieħed jitgħallem idoqq strument mużikali għax dan jirrikjedi ħafna studju u anke tul ta' żmien. Iżda meta alljiev imbagħad jingħaqad mal-Banda, allura s-sodisfazzjon kemm għall-alljiev kif ukoll għall-għalliem ikun ħafna. Iżda importanti li dawn jibqgħu jattendu għat-tagħlim u anke għall-kunċerti biex itejbu l-livell fid-daqq tal-istrument tagħhom.

Naħseb kulhadd jaqbel li meta ikollok 26 alljiev huwa verament numru sabiħ li jawgura futur aktar fis-sod lill-banda tagħna iżda dan qatt m'hu biżżejjed. Għalhekk nappellaw lill-ġenituri biex iħeġġu lil uliedhom jibdew jitgħallmu l-mużika li bil-mod il-mod twassalhom biex jibdew idoqqu xi strument. Mill-esperjenza li għandna bħala għalliema, ir-riżultati juru li l-aktar tfal li jirnexxu huma dawk li għandhom l-aktar attenzjoni mill-ġenituri tagħhom.

Minn hawn irrid nieħu l-okkażżjoni biex, f'isem sħabi l-għalliema, nawgura l-Festa t-Tajba lill-Kumitat, Surmast u Assistant Surmast, Bandisti, Alljievi u Membri fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp tar-raħal tagħna kif ukoll lill-poplu kollu t'Għajnsielem.

## Alljievi u Bandisti Aspiranti



### Għalliema:

| | |
|---|---|
| Mro. Frankie Debono | Brass |
| Joe Galea | Woodwind |
| Anthony Galea | Theory / Brass |

### Bandisti Aspiranti

| | |
|---|---|
| Azzopardi Lauriann | Clarinet |
| Bajada Samantha | Sax Sopran |
| Camilleri Nicholas | Trumpet |
| Cassar Susie | Clarinet |
| Cowley Robert | Clarinet |
| Cutajar Josef | Clarinet |
| Elvin Tabone | Percussion |
| Zammit Matthew | French Horn |

### Alljievi bl-Istrument

| | |
|---|---|
| Buttigieg Elvira | Flute |
| Buttigieg Jonathon | Trumpet |
| Buttigieg Luke | French Horn |

# Lista tal-Bandisti

| | |
|---|---|
| **Flauts** | Camilleri Thomas<br>Curmi Angele<br>Grima Maria<br>Portelli Charlene |
| **Quartino** | Xuereb Joseph |
| **Clarino 1mo** | Camilleri Paul<br>Cauchi Spiridione<br>Ciangura Laurence<br>Ciantar Joe<br>Galea Joseph<br>Rapa Joseph<br>Rapa Paul<br>Vassallo Mattea |
| **Clarino 2do** | Azzopardi Lauriann<br>Azzopardi Mario<br>Azzopardi Rubert<br>Bajada Marlon<br>Buttigieg Anthony Josef<br>Buttigieg Larry<br>Cassar Susan<br>Cowely Robert<br>Cutajar Josef<br>Mifsud Joe<br>Vassallo Joanne<br>Vella Brenden<br>Vella Julia |
| **Corni** | Vassallo Loreto<br>Xuereb Charlie<br>Zammit Matthew |
| **Saxophones** | Bajada Samantha<br>Debono Joseph<br>Grima Charlon<br>Rapa Renato<br>Saliba John<br>Vella Amy |
| **Cornets** | Azzopardi Charlie<br>Azzopardi Joseph<br>Camilleri Daniel<br>Camilleri Nicholas<br>Galea Andrew<br>Galea Loreto<br>Mallia Dario<br>Rapa Frankie<br>Scicluna Alfred<br>Xuereb Loreto |
| **Trombones** | Mizzi Joseph<br>Saliba Carmel<br>Vella Mario |
| **Basso** | Cauchi Carmel<br>Galea Tony<br>Vassallo Louis<br>Zerafa Joseph |
| **Percussion** | Curmi Manyol<br>Debattista Clifford<br>Debattista Loreto<br>Grech Tony<br>Mallia Sergio<br>Tabone Elvin |
| **Euphonium** | Cauchi Joseph<br>Cutajar Frankie<br>Debono Frankie |
| **Althorns** | Grima Louis<br>Grima Robert<br>Saliba Leli<br>Xuereb Tony |



# Servizzi mill-Banda "San Ġużepp" Matul is-Sena 2008/2009









| | | |
|---|---|---|
| ***2008*** | | |
| 24 ta' Awwissu | Open Day – Programm mill-Aljievi | Għajnsielem |
| 25 ta' Diċembru | Varjeta' 'Betlehem f'Għajnsielem' – Għanjiet tal-Milied mill-Aljievi | Għajnsielem |
| ***2009*** | | |
| 1 ta' Jannar | Varjeta' 'Betlehem f'Għajnsielem' – Għanjiet tal-Milied mill-Aljievi | Għajnsielem |
| 3 ta' April | Purċissoni tad-Duluri | Għajnsielem |
| 8 ta' April | Kunċert ta' Mużika Sagra | Għajnsielem |
| 10 ta' April | Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Nadur |
| 10 ta' Mejju | Purċissjoni – Festa San Ġużepp | Għajnsielem |
| 30 ta' Mejju | Marċ - Festa Sant'Antnin | Għajnsielem |
| 31 ta' Mejju | Purċissjoni – Festa Sant' Antnin | Għajnsielem |
| 19 ta' Ġunju | Marċ - Festa San Ġwann il-Battista | Xewkija |
| 26 ta' Ġunju | Marċ u Programm – Festa Imnarja | Nadur |
| 28 ta' Ġunju | Marċ - Festa San Pawl – Palazzolo Acreide | Sqallija |
| 29 ta' Ġunju | Programm - Festa San Pawl – Palazzolo Acreide | Sqallija |
| 19 ta' Lulju | Marċ u Programm - Festa ta' San Ġorġ | Victoria |
| 25 ta' Lulju | Marċ - Festa Santa Margerita | Sannat |
| 1 ta' Awwissu | Marċ – Festa San Ġużepp | Qala |
| 8 ta' Awwissu | Programm – Festa San Lawrenz | San Lawrenz |
| 15 ta' Awwissu | Marċ u Programm – Festa Santa Marija | Victoria |
| 23 ta' Awwissu | Open Day – Programm mill-Aljievi | Għajnsielem |
| 24 ta' Awwissu | Marċ - Ħruġ ta' l-Istatwa tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 25 ta' Awwissu | Marċ u Programm | Għajnsielem |
| 27 ta' Awwissu | Marċ - Festa Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 28 ta' Awwissu | Marċ tad-Dimostrazzjoni – Festa Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 29 ta' Awwissu | Marċ tat-Translazzjoni – Festa Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 29 ta' Awwissu | Marċ ta' lejlet il-festa – Festa Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 30 ta' Awwissu | Marċ - Jum il-Festa tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 30 ta' Awwissu | Purċissjoni – Festa tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 30 ta' Awwissu | Marċ ta' Għeluq il-Festa tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 7 ta' Settembru | Marċ ta' lejlet il-festa – Maria Bambina | Xagħra |
| 8 ta' Novembru | Fanfarra – Jum it-Tifkira – Monument tal-Gwerra | Għajnsielem |
| 9 ta' Diċembru | Marċ - Festa Liturġika tal-Madonna ta' Loreto | Għajnsielem |
| 24 ta' Diċembru | Purċissjoni - Manifestazzjoni bil-Bambin tal-Milied | Għajnsielem |





# 1928 – 2009

## *Statistika miġbura mill-Arkivista Loretu Galea*

### Surmastrijiet

1928 - 1930 Mro. Anton Muscat Azzopardi
1930 - 1946 Mro. Mikiel Farrugia
1946 - 1966 Mro. Ganni Vella
1966 - 1992 Mro. Joseph Farrugia
1992 - 2002 Mro. Joseph N. Sammut
2003 - Mro. Sunny Galea

### Presidenti

1928 - 1933 Mons. Ġużeppi De Piro
1934 - 1968 Mons. Ġużeppi Galea Rapa
1968 - 1973 Joseph Cauchi
1973 - 1988 Amabile Cauchi M.P.
1988 - 1990 Joe Xuereb
1991 - 2002 Loreto Spiteri
2003 - 2003 Paul Scicluna
2004 - 2005 Anthony Agius
2005 - 2006 Spiridione Cauchi
2006 - Gino Cauchi

### Segretarji

1928 - 1934 Fr. Ruzar Buhagar
1934 - 1966 Fr. Gwann Galea
1968 - 1972 Michael Attard
1972 - 1973 Joe Zerafa
1973 - 1974 Michael Scicluna
1975 - 1978 Joseph Cauchi
1978 - 1982 Michael Bugeja
1982 - 1982 Charles Spiteri
1983 - 1997 Joseph Attard
1998 - 2002 Paul Scicluna
2003 - 2003 Joseph Sultana
2004 - 2005 Spiridione Cauchi
2006 - Kevin Cauchi

## Bandisti

**Althorn**
Attard Michael
Cauchi Rudolph
Cutajar Anthony
Galea Laurence
Gauci Angelo
Grima Louis
Grima Robert
Rapa Anthony
Rapa Silvio
Saliba Emanuel
Sultana Francis
Xuereb Anthony
Xuereb Mario

**Basso**
Cauchi Carmel
Galea Anthony
Gauci Carmel
Rapa Salvino
Saliba Joseph
Turban Willy
Xuereb Joseph
Vassallo Louis
Zerafa Joseph
Zerafa Joseph
Zerafa Loreto
Zerafa Noe

**Corno**
Abela Mikel
Buttigieg Mario
Cini Joe
Cordina Louis
Debattista Anthony
Debono Anthony
Debono Leonard
Fenech Teddy
Galea Joseph
Grech Michael
Haber Nathaniel
Lateo Tonio
Mejlaq Brian
Spiteri Dennis
Spiteri Michael
Vassallo Loreto
Xuereb Charlie
Xuereb Frankie
Xuereb Joe
Zammit Paul
Zammit Matthew

**Euphonium**
Abela John
Atard Michael
Cauchi Joseph
Cauchi Teddy
Cutajar Frankie
Debono Frankie
Galea Carmel
Gatt Pinu
Muscat Tony
Xuereb Salvinu

**Flaute**
Camilleri Thomas
Curmi Angele
Galea Candice
Grima Maria
Portelli Charlene
Rapa Catherine

**Clarino**
Agius Michelle





Attard Joe
Attard Joseph
Attard Mauro
Attard Rubert
Azzopardi Lauriann
Azzopardi Mario
Azzopardi Silvana
Bajada Marlon
Bugeja Emanuel
Bugeja Loreto
Buttigieg Anthony Josef
Buttigieg Charlie
Buttigieg Larry
Buttigieg Vella Lorry
Buttigieg Salvu
Camilleri Paul
Camilleri Loriane
Camilleri Peter
Cassar Carmel Fr
Cassar Paul
Cassar Susan
Cauchi Aldo
Cauchi Anthony
Cauchi Norbert
Cauchi Sonia
Cauchi Spiridione
Ciangura Laurence
Ciantar Joseph
Cini Carmen
Cini Charlie
Cini Marika
Cowley Robert
Cutajar Joseph
Debono Francis
Debono Mario
Debrincat Antoine
Dimech Marlene
Galea Joseph
Galea Neville
Grech John
Grech Lateo Jacqueline
Grech Tonia
Lateo Sandro
Mejlaq Mark
Mejlaq Spiru
Mejlaq Toni
Mercieca George
Mercieca Joseph
Mifsud John
Mifsud Joseph
Mifsud Vincent
Mizzi Charlie
Portelli Joe
Rapa Carmel
Rapa Joe
Rapa Paul
Rapa Samuel
Refalo Emanuel
Refalo Samuel
Scicluna Anthony
Scicluna Ian
Scicluna Loreto

Vassallo Mattea
Vassallo Joanna
Vella Brenden
Vella Julia
Xuereb Emanuel
Xuereb John
Xuereb Loreto
Xuereb Tanya
Xuereb Victor
Zerafa Andrew
Zerafa Peter

**Cornet**
Agius Jimmy
Azzopardi Charlie
Azzopardi Josef
Azzopardi Joseph
Azzopardi Roderick
Buttigieg Justin
Calleja Vella Miriam
Camilleri Daniel
Camilleri Mario
Camilleri Nicholas
Caruana Anthony
Cefai Fortunato
Ciangura Mikel
Debono Christopher
Debono Loreto
Galea Andrew
Galea Anthony
Galea Loreto
Grech Francis
Grech Muscat Francis
Grech George
Grech Nazzareno
Mercieca Carmel
Mercieca Eric
Mifsud Joseph
Mizzi Joseph
Rapa Frankie
Scicluna Alfred

Scicluna Carmel
Scicluna Loreto
Turban Joseph
Xuereb Loreto
Zerafa Anthony
Zerafa Antoine
Zerafa Francis

**Quartino**
Buttigieg Anthony
Rapa Emanuel
Portelli Matthew
Scicluna Ruben
Xuereb Joseph

**Sax**
Abela Mikel
Camilleri Loreto
Cauchi Kristinu
Farrugia Toni

**Sax Alto**
Cauchi Francis
Debono Joseph
Galea Savio
Sultana John
Vella Amy

**Sax Soprano**
Bajada Samantha
Bugeja Michael
Rapa Renato
Xuereb Anthony

**Sax Tenore**
Cini Joseph
Grima Charlon
Xuereb George
Xuereb Joseph
Xuereb Loreto

**Sax Baritone**
Saliba John

**Piatti**
Debattista Loreto
Debono Michael

**Katuba**
Attard Emanuel
Cauchi Joseph
Grima Vincent
Portelli Ivan
Spiteri Arturo
Tabone Elvin
Xuereb Patrick

**Tamburo**
Borg Joe
Cefai George
Curmi Manyol
Debattista Clifford
Haber Michelangelo
Galea Andrew
Galea Censu
Grima Noel
Mallia Sergio
Portelli Ivan
Zerafa John

**Tamburello**
Grech Anthony

**Trombone**
Attard Loreto
Azzopardi Paul
Buttigieg Christopher
Buttigieg Clement
Camilleri Philip
Debono Jonathan
Debrincat Andrew
Grima George
Grima Michael
Mizzi Joseph
Saliba Carmel
Scicluna Joseph
Xuereb Raymond
Vella Mario



# Proġetti fil-Każin

## *Jikteb Is-Segretarju Kevin Cauchi*

### L-Arkivju Mużikali

L-Arkivju ser ikun l-element ċentrali tal-Banda tagħna u se jħaddan fih storja rikka ta' aktar minn tmenin sena b'marċi popolari, funebri, mużika klassika u operistika. Il-unit prinċipali tal-Arkivju hija tal-kewba u x-xogħol ta' l-injam tlesta ftit tax-xhur ilu minn Ġużeppi Tabone. Id-disinn tal-Arkivju sar mill-Qormiż Silvio Pace. Il-unit ttieħed Malta sabiex tinħadem l-iskultura minn Lawrence Grima, persuna ferm magħruf fejn jidħol dan it-tip ta' xogħol. Ta' min isemmi li l-iskultura ser tkun tal-ġewż sabiex jinħoloq kuntrast. Ix-xogħol mistenni jkun lest għall-bidu tas-sena d-dieħla. Il-kaxxi li fihom ser titpoġġa l-mużika tal-Banda nħadmu minn Toni Galea. Hemm madwar 230 kaxxa u dawn ser jinksew bil-ġild b' spiża totali ta' €20 kull kaxxa.





### Il-Kamra tal-Kumitat

Tajjeb li l-ewwelnett insemmu li oriġinarjament, il-pjan kien li l-Arkivju jitlesta sentejn ilu. Dan għaliex il-ħsieb oriġinali kien li nagħmlu biss l-Arkivju u npoġġuh fil-kamra li kien hemm dakinhar. Iżda wara diversi konsultazzjonijiet, ġie deċiż li dan l-istess Arkivju jixraqlu post ferm aktar prestiġjuż. Sabiex ma npoġġux piż finanzjarju fuq il-Banda u sabiex ix-xogħol li jsir ikun ta' l-għola kwalita', iddeċidejna li l-proġett jinqasam f'medda ta' tlett snin minflok sena. Issa, wara stennija ta' aktar minn sentejn, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp tinsab biss ftit tax-xhur il-bogħod mill-inawgurazzjoni tal-Arkivju Mużikali f'kamra li tagħmel ġieħ lil Għajnsielem. S' issa lestejna ix-xogħol kollu li għandu x' jaqsam mad-dawl grazzi għall-għajnuna ta' Loretu Vassallo. Peppi Grima flimkien ma' Kilinu Azzopardi poġġew l-irħam li ġie importat mill-Italja u jintuża fl-aqwa Knejjes li hemm fl-Italja stess. Is-suffitt magħmul bl-injam tal-kewba



maħdum minn Chris Mifsud hu mwaħħal u lest wkoll. Chris qiegħed ukoll jaħdem fuq il-ħitan li ser jinkesa bl-injam u wallpaper rikka. Il-linef u brazzi tal-ħajt inxtraw wkoll. Ta' min ifakkar li d-disinn tal-kamra sar mill-famuż disinjatur Richard Young.
Ta' min ifakkar li x-xogħol fuq l-Arkivju Mużikali u l-Kamra tal-Kumitat ser jammonta għal spiża ta' madwar €45,000.



## Is-Sala Prinċipali

Bħalissa għaddej ukoll ix-xogħol fuq żewġ swali ġodda, is-sala prinċipali kif ukoll sala ġdida dedikata għad-dilettanti tal-isnooker. Is-sala fejn sa ftit tax-xhur ilu kienet tħaddan il-palk, store tal-bar u t-tombola ser tinbidel f' *multi-purpose hall* fejn se jkollha suffitt modern, madum ġdid kif ukoll sistema ġdida ta' illuminazzjoni. Fiċ-ċentru tas-sala se jkun hemm ukoll in-niċċa tal-istawta l-antika tal-Madonna tad-Dar li ilha snin twal tiġri minn naħħa għall-oħra tal-każin mingħajr post fiss. Il-laqgħat, high-teas u tombla issa se jibdew isiru f' ambjent aktar modern u sabiħ. Hemm il-ħsieb ukoll li s-sala tibda tinkera għall-funzjonijiet privati bħal parties, konferenzi eċċ. Id-disinn tas-sala sar minn Paul A. Stellini

## Is-Sala tal-iSnooker

Is-sala l-oħra ser tħaddan fija żewġ imwejjed tal-isnooker f'ambjent professjonali għal dan l-isport tant popolari f' Għajnsielem. Is-sala se jkollha sistema ta' aircondition, header taħt l-iSnooker table, cabinets u showcase għat-trophies. Ta' min jgħid li kemm dan il-proġett kif ukoll il-proġett tas-Sala Prinċipali qegħdin jiġu ffinanzjati mis-sotto-kumitat ħabrieki tal-isnooker. Sa ftit xhur oħra dawn iż-żewġ proġetti jkunu lesti wkoll.



## Il-Bar tal-Każin u Store Adekwat

Għalkemm għadna ferm lura, bdejna diversi laqgħat ta' diskussjoni mad-designer Paul A. Stellini dwar ir-refurbishment tal-bar. Sadattant pero' solvejna il-problema ta' *store* adekwat għall-bar. Ta' min ifakkar li sa ftit tal-ġimgħat

*Is-Sala Prinċipali kif kienet ftit tax-xhur ilu*



ilu, il-kaxxi tax-xorb kienu jitpoġġew fis-sala prinċipali. Iżda wara diversi ġimgħat ta' negozjati, il-Kumitat irnexxielu jakkwista garaxx li jinsab eżattament taħt il-bar. Infetħet bokka mill-bar għal ġol-garaxx u b' hekk solvejna din il-problema darba għal dejjem!





## Garaxxijiet ta' taħt il-Każin

Għaddejna wkoll sistema tad-drenaġġ u sar il-pavimentar ta' quddiem il-garaxxijiet ta' taħt il-Każin. Ringrazzjament imur għal Wenzu Ciangura u l-Ministeru għal Għawdex tal-għajnuna li tawna.



## Faċċata tal-Każin

Għall-festa ta' din is-sena ser inżanżnu wkoll sett ta' faldrappi għal mal-faċċata tal-Każin. Dawn huwa pavaljun b' pitturi fuqhom u mdawwrin b' ružuni tas-sapraporti għal mat-twieqi. Din is-sena ser jkollna 6 lesti u s-sena d-dieħla ser jkollna 12 oħra. Ta' min jgħid li dawn qed jitħallsu minn lotterija apposta li organizza Pawlu Azzopardi. Ix-xogħol ta' l-injam ħadu ħsiebu Tony Galea u Joseph Camilleri.

## Sistema three-phaze, bandiera ġdida u standard tal-Unjoni Ewropeja

Ftit tax-xhur ilu qliba is-sistema tad-dawl tal-Każin minn *single-phaze* għal sistema *three-phaze*. Ordnajna wkoll bandiera ġdida bl-arma tal-Banda San Ġużepp kif wkoll standard tal-Unjoni Ewropeja li ntuża l-ewwel darba fil-mawra li kellna Sqallija.

## Appell

L-ispejjeż involuti f' dawn il-proġetti huma tant kbar li l-Banda ilha ma' tidħol għalihom sa minn meta nbena l-istess każin aktar minn tletin sena ilu u allura waħedha toħroġ it-talba tagħna għall-għajnuna tagħkom. Matul il-jiem tal-festa, speċjalment waqt l-Open Day tal-Hadd 23 ta' Awwissu, ser tkunu tistgħu tiġu u taraw b' għajnejkom ix-xogħol li qed isir sabiex il-Każin tagħna jkompli miexi 'l quddiem.



# Website Ġdida

## *Jikteb Kevin Cauchi*

Kull website hemm bzonn li tibqa tidher friska u għaldaqstant inħass il-bżonn li d-dehra tal-website tal-Banda tinbidel. U wara diversi ġimgħat ta' ħidma, issa l-Banda għanda website b' dehra ġdida u aktar moderna li tirifletti t-tibdil kontinwu li għadejja minnu l-Għaqda Mużikali San Ġużepp. Kif wieħed jidħol fil-website www.ghajnsielem.com/stjoseph jiġi milqugħ b' biċċa mużika mill-innu tal-Banda kif wkoll partijiet mill-Istatut li jfakkru l-għan prinċipali ta' din l-Għaqda. Fil-paġna prinċipali hemm sensiela ta' ritratti sbieħ tal-istorja tal-Banda li jinbidlu awtomatikament kif ukoll erba' *links.* Dawn il-links jagħtu għall-biografija ta' Mons Ġużeppi De Piro, l-fundatur tal-Banda, *link* oħra fija informazzjoni dwar il-Festa, oħra dwar il-proġett ta' l-Arkivju u fl-aħħar hemm ukoll *link* sabiex tisma l-albums u CD's tal-Banda minn fuq l-Internet.

Il-website hija maqsuma fi tmien partijiet prinċipali. Dawn huma: Aħbarijiet; Storja' Avvenimenti' Multimedia; Amministrazzjoni; Il-Bandisti; L-Iskola tal-Mużika; u Kuntatt. Il-paġna tal-Multimedia fiha ħafna riżorsi bħal possibiltà li tara publikazzjonijiet antiki tal-Banda, possibiltà li tisma l-albums li ħarget il-Banda matul dawn l-aħħar għaxar snin u saħansitra r-recordings tal-programm 'Mill-Kolp tal-Katuba' li jixxandar fuq Radju Lauretana.

Il-website ġiet kkreata u ddisinjata mis-Segretarju Kevin Cauchi u *hosted* fuq ghajnsielem.com. Il-website hi popolari ħafna kemm mal-pubbliku lokali kif ukoll mal-emigranti. Permezz ta' din il-website l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ser tkun tista' twassal il-messaġġ tagħha b' mod aktar effettiv.




Programm ta' Mużika Sagra
mill-Għaqda Muż. 'San Ġużepp' - Għajnsielem
għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa
nhar l-Erbgħa 8 ta' April 2009
fil-Knisja ta' Sant Antnin, Għajnsielem
Hin fis-7.15 p.m.
Innu lill-Madonna tad-Duluri - Sunny Galea
Hsieb Religjuz
Marcia Funebre 'Al Mio Migliore Amico' - Anthony Galea
Preghiera Dall' Opera Mose - G. Rossini
Hsieb Reliġjuż
Intermezzo 'In a Monastery Garden' - A.W. Ketelbey
'Pilgrim's Chorus' - R. Wagner
Hsieb Reliġjuż
Preludio 'La Forza del Destino' - G. Verdi
Marcia Funebre 'L'Ultimo Respiro' - Sunny Galea
Surmast Direttur: Mro. Sunny Galea A.L.C.M.
Assistent Surmast: Mro. Frankie Debono
Hsibijiet: Patri Gwardjan Joseph Magro o.f.m.
Hajr: Gwardjan u Kommunita Franġiskana Għajnsielem

# *Programm Mużikali tal-Festa*

Nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu, 2009
Pjazza Madonna ta' Loreto
Fid-9:00 pm

| | | |
|---|---|---|
| **Innu lil Għajnsielem** | | Sunny Galea |
| **Innu Marċ** | 'Lill-Madonna ta' Loreto' | Sunny Galea |
| **Theme Song** | Il Padrino | Nino Rota |
| **Tone Poem** | Finlandia | Jean Sibelius |
| **Medley** | The Sound of Music | R.Rodgers |
| | Sailing | Gavin Sutherland |
| **Selection** | Jesus Christ Superstar | Andrew Lloyd Webber |
| **Italian Medley** | Buongiorno Italia | arr. F. Francia |
| **Selection** | La Forza Del Destino | G. Verdi |
| **Symphony** | Calypso Symphony | Sunny Galea |
| **Innu tal-Banda** | | Joseph Farrugia |
| **Innu lil Għawdex** | | Joseph Vella |
| **Innu Nazzjonali** | | Robert Sammut |

**Surmast Direttur:** Mro. Sunny Galea A.L.C.M.
**Assistant Surmast:** Mro. Frankie Debono
**Comperes:** Lelio Spiteri u Lorietta Buttigieg

**GRECH BUTCHER**

GRECH BUTCHER

10 Pjazza Madonna ta' Loreto
Ghajnsielem
Tel: 2155 1574

**IDEAL STORE**

Rose Grech tawgura
l-Festa t-Tajba lill-klijenti
u lil Ghajnselmizi kollha

10 Pjazza Indipendenza
Ghajnsielem
Tel: 2155 7652



**PEN and PENCIL**
*Stationery and Gift Shop*
*Variety of Cards, Magazines and Photocopy Service*

Pjazza Indipendenza
Ghajnsielem
Tel: 2155 8306

**AZZOPARDI**
**Mini Market**
*Prop: Loreta Azzopardi*

*Loreta Azzopardi tawgura il-Festa t-Tajba lil Għajnselmiżi Kollha*

Triq il-Latini,
Ghajnsielem - GSM 102
Tel: 2156 5479

**Il-Festa t-Tajba**
*mingħand*
**Lauretana Pharmacy**

**P.N. Club**

Triq Ramon Perellos
Ghajnsielem
Tel: 2155 5691

*Open:*
*5.30am - 1pm*
*6.00pm - 12.00am*

Il-Barman jawgura
l-Festa t-Tajba
lil kulhadd

# Is-Servizzi Tal-Banda Xogħol Minn Wara l-Kwinti

### *Jikteb Loretu Galea*

Naħseb kulħadd ikun sodisfatt meta jara l-banda skjerata tant tajjeb waqt xi marċ jew programm li jkollha. Kulħadd liebes l-uniformi. Dehra li tant tpaxxi l-għajn. Iżda din mhix xi ħaġa faċli biex il-banda tkun tidher daqshekk organizzata.

Matul is-sena l-banda torganizza diversi kunċerti. L-attendenza ġie li tkun tajba ħafna, Iżda minn xi daqqiet, din ma tkunx daqshekk tajba. Il-kunċerti jimmaturaw lill-bandist fil-livell mużikali u fid-daqq tal-istrument. Għalhekk qabel kollox, il-kapaċita' fid-daqq tal-istrument tisboq id-dehra tal-bandist bl-unifomi.

Matul is-sena s-servizzi li jidħlu jkunu kwazi l-istess bħal tas-snin ta' qabel. Iżda l-kummissjoni banda flimkien mas-surmast u assistent surmast jiltaqgħu f'laqgħat apposta biex jiddiskutu jekk ċerti servizzi għandhomx jiġu aċċettati jew irrifjutati. Jekk servizz jiġi aċċettat, immedjatament is-segretarju jikkonferma mas-segretarju oppost li s-servizz ġie aċċettat u jimla l-formola tal-permess lill-pulizija.

Hawn jibda x-xogħol tad-delegat tal-banda. L-ewwelnett joħrog ċirkulari bid-dettalji kollha tas-servizzi u jgħaddiha lill-bandisti kemm lokali, kif ukoll barranin. Javża lill-bandisti lokali minħabba l-importanza tal-attendenza tagħhom għal kull servizz. Xi minn daqqiet, mhux kulħadd ikun jista' jattendi għal kull servizz minħabba diversi raġunijiet fosthom xogħol, raġunijiet familjari u xi minn daqqiet anke minħabba indifferenza għalkemm dawn huma ftit ħafna. Illum il-ġurnata, li tordna l-bandisti barranin mhix ħaga faċli għax dawn jinvolvu spejjeż kbar. Iżda minħabba li l-banda jkollha bżonn ta' assistenza f'ċerti sezzjonijiet minn tagħha, allura hawn jiġu ordnati l-bandisti barranin. U dawn mhux dejjem issibhom għax ġie li jkunu impenjati ma' baned oħra. Allura l-aħħar mezz ikun li nordnaw bandisti barranin minn Malta li għall-banda jinvolvulha aktar spejjeż. Dawn anke trid taħsbilhom għat-trasport mill-Imġarr u lura u taħsbilhom ukoll għall-aċċessorji tal-uniformi.

Semmejna s-servizzi. Imma hemm il-kunċerti wkoll. Kull bandist jiġi avżat għall-kunċerti permezz tat-telefon jew permezz ta' kuntatt personali. U din mhix ħaġa faċli li tikkuntattja mal-55 bandist kull darba li jkun hemm xi servizz jew kunċert. Ġie li nieħu l-okkażjoni li navża għall-kunċert jew servizz, waqt li nkunu ndoqqu f'xi festa jew waqt xi kunċert. Trid taħseb ukoll biex tordna x-xarabank għal kull servizz. Waħda mill-aktar diffikultajiet li nsib huwa li ssib lil xi ħadd biex imexxi l-katuba waqt il-marċijiet u lil xi ħadd ieħor biex jerfa' l-istandard. Xi kultant anke bil-ħlas ma ssibx min jaċċetta.

Il-libretti u l-partijiet tal-programm huma suġġett ieħor li jirrekjedi ħafna attenzjoni u dedikazzjoni. Qabel kull marċ, il-libretti jiġu ċċekjati kollha biex niżguraw li kull bandist ikollu l-librett tiegħu. L-istess għall-partijiet tal-programm li ndoqqu fuq il-palk. Minħabba li dawn huma kollha karti volanti, aktar attenzjoni tkun meħtieġa biex kull bandist ikollu l-partijiet tiegħu u li ma jitħalltux ma' ta' bandisti oħra. Normalment fuq kull parti jinkiteb isem il-bandist. Minn żmien għal żmien ikun hemm bżonn li jsiru xi kopji tal-partituri għax forsi jintilfu jew għax anke ma jibqgħux ċari biex iddoqq bihom.

Wara kull servizz jew kunċert, jibqa li nieħu u nniżżel l-attendenza ta' kull bandist kemm barrani kif ukoll ta' dawk lokali biex l-ewwelnett tinżamm attendenza tal-attivitajiet tal-banda u anke biex isir il-ħlas tas-servizzi lil dawk konċernati.

L-akbar uġiegħ ta' ras hija meta ssir xi attivita' oħra fir-raħal, bħal ngħidu aħna xi barbeque jew anke xi tieġ li minħabba f'hekk, xi bandisti jonqsu li jattendu għal xi servizz jew servizzi.

Hemm tendenza li numru żgħir ħafna ta' bandisti ma jigux għas-servizzi mingħajr ma javżawk jew inkella javżawk ftit ħin qabel jibda s-servizz. Din is-sitwazzjoni toħloq diffikultajiet kbar għax ma jkunx hemm rimedju għaliha. Għalhekk minn hawn nappella biex nuru aktar serjeta' u ninfurmaw bin-nuqqas tagħna minn żmien qabel.

Kif tistgħu taraw, hemm ħafna xogħol li ma jidhirx kull meta l-banda tkun qed tipprepara għal servizz. Iżda b'wiċċi minn quddiem nista' ngħid li dejjem sibt ko-operazzjoni mingħand il-ħafna u nwiegħed li nibqa' nagħti sehmi sakemm saħħti tibqa' tippermettili. Il-festa t-tajba lil kulħadd.



# *Każin ta' Kultura*

***Jikteb is-Segretarju Kevin Cauchi***

Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp huwa t-tixrid tal-kultura permezz ta' attivitajiet soċjali u kulturali. Ċertament li dan il-għan kompla jissaħħaħ aktar matul l-aħħar xhur bil-wirjiet u inizjattivi kulturali li ġew organizzati fil-Każin tagħna. Nibda billi nsemmi s-suċċess li kellna fl-Open Day tas-sena l-oħra. Din l-attivita' li saret il-Ħadd ta' qabel il-Festa kienet esperiment li rnexxa. Dakinhar esibejna wirja ta' talent Għajnselmiż, show ta' vetturi militari, varjeta' ta' kant u żfin minn talenti lokali, programm mill-Alljievi tagħna kif wkoll ftaħna l-bibien tal-Każin sabiex il-poplu jara b' għajnejh il-proġetti li hemm għaddejin.

Tellajna wkoll wirja tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-poplu Għajnselmiż laqa' l-appell sabiex jipprovdi biċċiet ta' opri relatati ma' dan il-perjodu tant li fl-aħħar spiċċajna nirrifjutaw aktar oġġetti għaliex is-sala kienet mimlija! Il-wirja ġiet imfaħħra minn diversi















dilettanti tal-Ġimgħa Mqaddsa u ta' min jgħid li kien fiha ftit minn kollox... settijiet ta' vari, via sagra, oġġetti tal-Knisja relatati ma' dan il-perjodu, kurċifissi, inkwadri antiki, ritratti, pitturi eċċ. Matul dan il-peirjodu saret ukoll laqgħa spiritwali mid-Direttur Spiritwali Fr Joe Cardona.





Naturalment, il-parteċipazzjoni tal-poplu Għajnselmiż kienet ferm pożittiva tant li dawn it-tip ta' attivitajiet ser jidħlu fil-kalendarju tal-Banda fuq bażi annwali. Għal din is-sena, l-OPEN DAY ser ssir fit-23 t'Awwissu 2009, il-Ħadd ta' qabel il-festa. Fost l-attivitajiet, hemm ippjanat:



9.00am – Show tal-Karozzi Antiki mill-Old Motors Club
11.00am – Ftuħ tal-Wirja ta' Kollezzjonijiet u Talent Għajnselmiż
11.30am – Preżentazzjonijiet ta' trophies tal-iSnooker fis-Sala il-ġdida
7.30pm – Kunċert mill-Alljievi
8.00pm – Programm Jazz mill-Mistaken Identity
9.00pm - Diversi shows tal-kant minn talenti lokali



Din l-Open Day qed tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Għajnsielem. Radju Lauretana ser ixandar live mill-Każin. L-skop wara din l-attivita' hu li nippromwovu l-ħidma tal-Għaqda tagħna filwaqt li nħeġġu lin-nies japprezzaw aktar il-ħidma tal-Banda.

**Narawkom hemm!**

# Il-Banda San Ġużepp ġewwa Palazzolo Acreide, Sqallija



### Tikteb il-Bandista Samantha Jo Bajada

## Il-Preparamenti

Il-ħajja tagħna hi mimlija esperjenzi, li aktar ma jkunu sbieħ, il-bniedem aktar jiftakarhom tul ħajtu. Il-bandisti Għajnslemiżi kollha, u anke dawk minn irħula oħra li aċċettaw jingħaqdu magħna għal btala fi Sqallija, żgur li din l-esperjenza se tibqa' waħda memorabbli għalihom. F'isem il-bandisti kollha, nħossuna onorati li fost il-baned kollha ta' Malta u Għawdex ġejna mistiedna biex nieħdu sehem fil-festa ta' San Pawl ġewwa Palazzolo Acreide, raħal ta' madwar għaxart elef ruħ, billi tajna s-servizz tagħna permezz tal-mużika. Kull meta aħna l-bandisti kellna xi servizz, urejna li waqt li nkunu ndoqqu l-istrumenti tagħna, mhux biss joħorġu n-noti ta' fuq il-karta f'forma ta' mużika iżda urejna wkoll id-determinazzjoni u l-għaqda bejnietna. Qabel ma morna lejn Sqallija, b'dixxiplina u ordni, is-surmast tagħna Mro. Sunny Galea, mexxina u ppreparana bis-sħiħ għal



programm ta' siltiet ta' mużika għax ried li lkoll nagħtu s-sehem tagħna bħala banda li ħadmet tul is-snin u ilha tagħti s-servizzi tagħha mis-sena 1928. Wara dan kollu bi tħejjija kbira, aħna l-bandisti konna tant imħeġġa sabiex immorru ndoqqu ġewwa Palazzolo u fuq kollox insiru nafu iktar lil xulxin mill-qrib.

**Il-Ħadd, 28 ta' Ġunju**

Wara l-vjaġġ li kellna fuq il-katamaran 'Maria Dolores', irfisna fuq Sqallija qawwijin u sħaħ. B'kollox konna madwar tmenin ruħ, fosthom ħamsin bandist, membri tal-Kumitat, uħud mill-familjari tagħna, partitarji, s-Sindku t' Għajnsielem Francis Cauchi u l-Arċipriet Dun Frankie Bajada. Bla telf ta' żmien, kulħadd ingħata l-mappa tal-post u wkoll l-isem tal-lukandi ta' fejn hu indikat li joqgħod waqt din il-btala ta' erbat ijiem. Kien hemm tliet lukandi madwar il-pjazza tar-raħal li kienu riservati għalina u kull lukanda offritilna kull ma kellna bżonn. Matul dawn l-erbat ijiem, kull individwu kien jieħu il-kolazzjon fil-lukanda ta' fejn kien joqgħod, imbagħad għall-ikla ta' nofsinhar u ta' filgħaxija, konna ningħaqdu kollha u nduqu l-ikel bnin u tipiku taljan ġewwa wieħed mill-ħafna ristoranti tal-madwar.

Fl-ewwel jum, kulħadd kellu ħin biżżejjed sabiex jissetilja ħwejġu fil-lukanda u jdur dawra mar-raħal. Wieħed kellu l-opportunita li jara diversi attrazzjonijiet bħall-famuża pjazza, is-sitt knejjes fil-madwar li kollha kienu mgħammra b'pitturi popolari,



u r-raħal antik grieg Akrai. Fil-bidu tas-servizzi tagħha fi Sqallija, il-banda San Ġużepp ħadet sehem f'marċ brijuż ta' kważi tliet siegħat madwar it-toroq ewlenin tar-raħal. Ftit wara, ħarget l-istatwa tal-injam ta' San Pawl mill-knisja flimkien mad-daqq tal-qniepen, il-logħob tan-nar u anke l-għajat u ċ-ċapċip tan-nies. F'dak il-lejl, ġol-pjazza kien hemm kunċert ta' kant u daqq u wkoll spettaklu tal-logħob tan-nar mill-isbaħ li bqajna mistagħġba bil-kapaċita' tal-Pallozzesi.

**It-Tnejn, 29 ta' Ġunju – Jum il-Festa ta' San Pawl**

L-għada, fil-festa titulari ta' San Pawl, stajna nisimgħu quddiesa filgħodu u anke filgħaxija li kienet ikkonċelebrata mill-arċipriet tagħna Kan. Frankie Bajada. Ħafna minna, żaru l-monti kbir li kien tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-pjazza. Hemmhekk, kulħadd sab dak li xtaq għalih u anke għall-familjari tiegħu mill-





varjeta' kbira ta' affarijiet li kien hemm. Fis-siegħa ta' wara nofsinhar kulħadd kien jistenna bir-reqqa l-marċ tant popolari u magħruf bħala "A Sciuta", fejn hawnhekk ħarġu l-istatwa ta' San Pawl mill-knisja akkompanjata bil-baned taljani. Il-faċċata tal-knisja kienet diġà mimlija bil-kanen tan-nar li b'organizzazjoni tant serja sparaw u għamlu daħna kbira li lanqas il-folol tan-nies ma baqgħu jidhru. Waqt il-purċissjoni qasira b'San Pawl aħna l-Għajnslemiżi bqajna b'ħalqna miftuħ bil-logħob tan-nar u anke il-wirja tal-karti kkuluriti li jiġu sparati bi pressa enormi mill-kanen, imbagħad jinżlu qishom sriep bil-mod, li mlew il-pjazza b'ferħ u briju. Matul dan il-marċ, kull fejn tħares kont tara nies jieħdu ritratti u filmati bħala l-ikbar rekordju tal-festa hekk memorabbli. Tradizzjoni unika li ssir waqt dan il-marċ hi l-offerta tat-trabi lil San Pawl billi jgħolluhom mal-istatwa. Fil-6.30pm kellna quddiesa kkonċelebrata mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada bil-parteċipazzjoni ta' Dr. Ray Bondin, is-Sindki ta' Palazzolo u Għajnsielem, awtoritajiet ċivili, membri tal-Kumitat u Bandisti. Wara saru rezentazzjonijiet ta' rigali kommemorattiv. Wara li kulħadd kien strieħ u għamel użu tajjeb mill-ħin liberu tiegħu, filgħaxija għall-ħabta tal-ħdax, ġo Piazza Umberto I, il-banda San Ġużepp esegwixxiet kunċert tassew sabiħ fuq il-planċier. Waqt dik is-serata, kull min kien preżenti tana l-prosit li jistħoqilna għas-siltiet li daqqejna. Saħansitra ġurnalisti mill-gazzetta ' Liberta Sicilia' ġabu artiklu ta' faċċatta dwar sehem il-banda tagħna waqt dawn il-festi, fejn ikkumentaw anki dwar dan il-program mużikali u sejħulu "un bellissimo concerto".

**It-Tlieta, 30 ta' Ġunju**

L-aħħar jumejn, ftit li xejn kienu impenjattivi u kellna ħafna ħin liberu. It-Tlieta, 30 ta' Ġunju, ir-raħal Palazzolo Acreide spiċċa vojt fejn qabel ma kienx hemm fejn taqa' labra bill-kummerċ li kien hemm. Fi żmien tal-festa, it-toroq kienu mgħammra bl-isbaħ pavaljuni u armar tal-festa, kif ukoll il-monti kbir tul it-toroq li kienu jiftħu minn sbieh il-jum sa tard bil-lejl. Iżda nnutajna li ħaġa simili mar-raħal tagħna t'Għajnsielem hi, li wara l-festa, r-raħal imut għal kollox, għalhekk kmieni filgħodu tlaqna lejn Katanja bix-xarabank. Kienet triq twila mhux ħażin però malli wasalna kien hemm min mar jimla żaqqu jew oħrajn li żaru l-monti kbir li rritornaw lejn ix-xarabank b'idhom mimlija boroż tax-xiri. Kien hemm ukoll min dar mal-post biex jifli ftit knejjes bl-istili uniċi tagħhom, il-palazzi bħal Palazzo Biscari u l-pjazza imsejħa Piazza del Duomo, mdawra bil-binjiet ta' stil barokk. F'nofsinhar ħallejna lil Katanja sabiex imorru Etnapolis li huwa post kbir fejn wieħed jista' jinqeda minn kollox. Etnapolis għandu iktar minn 130 ħanut allura hawnhekk qattejna ħafna ħin billi dan il-post ma kienx faċli li dduru fi ftit ħin. Il-bqija tal-ġurnata kienet libera u ħafna mill-bandisti ddeċidew li jmorru fi Pjazza San Bastjan, li hija l-eqreb pjazza fejn kien hemm ħafna kummerċ speċjalment fir-ristoranti.

**L-Erbgħa, 1 ta' Lulju**

Din kienet l-aħħar ġurnata għalina fi Sqallija u bħal ma jiġri f'kull btala, ħadd ma ried jitlaq minn Sqallija li jfisser li kulħadd ħa gost matul din il-btala qasira ta' erbat ijiem. Għalkemm kellna erbat ijiem biss, aħna l-bandisti sirna nafu iktar lil xulxin u ma waqafniex miċ-ċajt ta' bejnietna. Filgħodu kmieni ppakjajna kollox fil-bagalja u għamilna l-arranġamenti kollha nessessarji biex noħorġu mill-lukandi. Minn hemm tlaqna bix-xarabank fejn konna l-mistednin tas-Sindku ta' Palazzolo gewwa l-Municipio impressjonanti ta' dan ir-rahal. Hawn is-Sindku irringrazzja lill-Bandisti għas-sehem fil-festa tagħhom u offra ukoll xi rigali lill- Banda, Kunsill u Parroċċa ta' Għajnsielem. Wara morna lejn Siracusa għal ħin liberu fejn hawnhekk dħalna fi knisja f'għamla ta' demgħa ġejja għal ponta biex tfakkar il-miraklu tal-Madonna tad-dmugħ. Kellna ukoll l-opportunita li nzuru l-gzira ta' Ortigia fejn rajna Katidral mill-isbah. Wara waqafna wkoll ġo supermarkit ta' daqs enormi 'Auchan', li kellu għażla kbira ta' affarijiet. Mat-triq lura lejn il-port kellna waqfa ta' madwar siegħa f'Noto, belt barrokka, b'ħafna bini antik, katidral u knejjes oħra kollha magħmra bi skultura fina u elaborata.

Dawn kienu l-erbat ijiem li għamilna fi Sqallija bħala banda li ħdimna biex din il-btala ssir realta'. Matul din il-btala għamilna suċċess mhux biss fid-daqq iżda fuq kollox għollejna l-isem tar-raħal tagħna Għajnsielem u ta' pajjiżna. Nixtieq ngħid grazzi lil Dr. Ray Bondin mill-organizzazjoni UNESCO li għażel il-banda tagħna sabiex iddoqq fi Sqallija, lill-kumitat tal-banda u lil dawk kollha li ħadmu biex din il-btala tkun organizzata tajjeb għaliex kull min ġie magħna jixtieq li s-sena d-dieħla jerġa' jmur. Wara kollox, b'din il-btala u bir-riżultati pożittivi li ħarġu minnha, tħajjar lill-bandisti u lill-alljievi kollha biex jibqgħu jħarsu 'l quddiem u jaraw lill-banda bħala mod ta' suċċess u avventura fil-ħajja tagħhom.



# *Mill-Album tal-ġita li l-Banda San Ġużepp għamlet ġewwa Palazzolo Acreide, Sqallija*

***28 ta' Ġunju – 1 ta' Lulju 2009***






















Libertà
“...un bellissimo concerto...”
1-VII-2009



Leħen il-Banda San Ġużepp fuq Radju Lauretana

# MAL-KOLP TAL-KATUBA

***Jikteb Ivan Portelli***

Din hija l-ewwel darba illi qiegħed nikteb fuq dan il-ktieb tal-Banda u nixtieq nieħu l-opportunita sabiex flimkien mal-kollega tiegħi Joe Galea nżommukom infurmati b'dak li jkun għaddej rigward il-programm tagħna MAL-KOLP TAL-KATUBA, li jixxandar fuq Radju Lauretana, programm ta' marċi brijużi u varji li jinżlu għasel mas-semmiegħa tagħna.

L-ewwel nett, ta' min jfakkar li dan il-programm ilu jixxandar minn meta twieled l-istazzjon tar-raħal tagħna, Radju Lauretana ċioe minn Awwissu 2007. Din l-iskeda tal-festa hija t-tmien skeda għalina. Jiena flimkien ma' Joe u t-tekniku Charles Portelli bdejna bi programm darba f'gimgħa ta' siegħa u ntlaqa' tajjeb ħafna, b'konkorrenza tajba mis-semmiegħa permess tas-sehem tagħhom bit-telefon, sms's kif ukoll emails ta' semmiegħa li jsegwuna permess tal-internet minn barra minn xtutna. Kien hemm mumenti li lanqas stajna nlaħħqu mal-interventi kollha. Dan għalina kien ta' kuraġġ kbir. Wara l-ewwel ġimgħa, iI-ħin tal-programm twal għal sagħtejn. F'din l-iskeda tal-Festa 2009 qed ikollna żewġ programmi fil-ġimgħa, wieħed kull nhar ta' Tnejn mill-4.30pm sas-6.30pm, programm ta' sagħtejn u l-ieħor s-Sibt mill-12.15pm sas-1.00pm, programm ta' tliet kwarti. Dan il-programm semmejnieh MAL-KOLP TAL-KATUBA S-SIBT. Minn hawn nixtieqi nirringrazzjaw lid-direttur tar-radju s-sur Lelio Spiteri. Dan għalina huwa ta' kuraġġ kbir u mhux se nħarsu lura.



L-Innu li bih nifthu l-programm huwa "Innu lil Għajnsielem" mużika tas-surmast Sunny Galea li kiteb fis-sena 2006 u li l-versi tiegħu ġew miktuba mis-Sindku s-Sur Francis Cauchi.

Il-programmi dejjem ippruvajna nżommuhom varjati, b'għażla ta' marċi brijużi u anke popolari għall-gosti tas-semmiegħa kollha. Aħna dejjem inħallu l-programm miftuħ għad-dediki li tkunu tridu twasslu. Fil-programm ikollna wkoll avviżi mill- Għaqda Mużikali San Ġużepp, il-Banda tar-raħal tagħna u anke attivitajiet mtellgħin minnha. Xi intervista qatt ma naqset u fosthom kellna intervisti mas-surmast Direttur Mro Sunny Galea, mal-Assistent Surmast Mro Frankie Debono, l-għalliem tal-allievi Tony Galea li jgħin lil Joe Galea f'dan il-qasam, mas-Segretarju Kevin Cauchi, mal-Kaxxier Elvin Tabone, mal-arkivist u anke bandist Loretu Galea u anke mad-direttur Spiritwali tas-Soċjeta' Fr Joe Cardona.

F'din l-iskeda qed niddedikaw tliet programmi lil tliet surmastrijiet tal-Banda. Wieħed huwa ddedikat lis-surmast tal-Banda tagħna Mro Sunny Galea , ieħor lill-mibki Maġġur Anthony Aquilina u ieħor lil Mro Emanuel Buġeja li sfortunatament miet ftit taż-żmien ilu. Ser ikollna wkoll programm iddedikat lill-Għaqdiet kollha tar-raħal t'Għajnsielem.

Din kienet l-ewwel esperjenza tagħna bħala preżentaturi fuq ir-radju, tgħallimna ħafna u nixtiequ nirringrazzjaw lil kulħadd talli dejjem segwejtu l-programmi u ħadtu sehem attiv, ħaġa li żżomm il-programm ħaj. Nfakkrukom li min jixtieq jerġa jisma recording tal-programmi li ġa xxandru jista jagħmel dan billi jżur il-website tal-Banda *www.ghajnsielem.com/stjoseph* u jidħol fis-sezzjoni tal-*Multimedia*.

Minn qalbi nixtieq nawgura l-Festa t-Tajba lill-Għajnselmiżi kollha , lil dawk kollha li jiġu jżuruna u anke lil dawk kollha li jisimgħuna fuq il-frekwenza maġika 96.5 FM u anke permezz tal-internet.

**GRAZZI mill-qalb**

**u s-SMIEGH IT-TAJJEB!**

**ATTARD Auto Showroom**

*Used Quality Cars* *Car Rentals*

*Importers of Japanese Second Hand Cars and Quad Bikes*

*Sub-Agent for New Peugeot Scooters and Yamaha Motorcycles*

*Insurance Sub Agent*

Triq Borg Gharib, Ghajnsielem - Tel: 2156 4031, Mob: 9949 8641


*Il-Festa t-Tajba lill-Poplu kollu!*

# Banka tal-Lottu

## Każin tal-Banda - Għajnsielem

*Hinijiet tal-Ftuħ:*

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn: | | 4.00 pm – 5.00 pm |
| It-Tlieta: | 7.15 am – 10.30 am | 4.00 pm – 5.00 pm |
| L-Erbgħa: | 7.15 am – 10.30 am | 4.00 pm – 6.00 pm |
| Il-Ħamis: | 8.00 am – 9.30 am | 4.00 pm – 6.00 pm |
| Il-Ġimgħa: | 7.15 am – 10.30 am | 4.00 pm – 6.00 pm |
| Is-Sibt: | 7.15 am – 10.30 am | 2.00 pm – 4.00 pm |
| Il-Ħadd: | 10.30 am – 11.30 am | |

**Riċevitur: Neville Vella – Tel: 2156 6740**


**FRANKIE SALIBA**

**'Ta' Bellin**

*Building Contractor*

Borg Gharib Street, Ghajnsielem, Gozo.
Tel / Fax: 21 55 1112 Mob: 9946 3908

# Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda

Għall-Każini tal-Banda, il-Festa hija l-akbar u l-isbaħ ġrajja ta' matul is-sena tal-Belt jew Raħal tagħna. F'dawn il-ġranet nħossuna kburin b'dak li nagħmlu u nikkontribwixxu tul is-sena biex naraw li jkollna festa organizzata u mill-isbaħ.

L-Għaqda Każini tal-Banda tixtieq issaħħaħ il-kunċett ewlieni tal-festa li huwa dak reliġjuż. Il-Knisja tpoġġi quddiemna l-Qaddisin biex nimitawhom u nimxu fuq l-għemejjel tagħhom. Għalhekk iċ-ċelebrazzjonijiet esterni li jiġu organizzati b'sehem kbir mill-każini tal-Banda għandhom ikunu kumplimentari u konformi ma' Festa Nisranija. Hija ħasra li kull tant l-imġieba f'ċerti marċi, l-aktar dak imsejjaħ ta' filgħodu, mhux kif mixtieqa. Ma jfissirx li kull ma jsir waqt dawn il-marċi huwa instigat mill-Każin tal-Banda, anzi ħafna minn dak li jsir, il-Kumitat tal-Banda anqas ikun jaf bihom u aktar u aktar ikollu kontroll fuqu. Imma bħala ko-operaturi ewlenin fl-organizzazzjoni tal-festa, rridu u nerfgħu biċċa mir-responsabbilta. Ftit huwa dawk li japprezzaw ix-xogħol u sagrifiċċji li jagħmlu l-membri tal-Kumitat u l-partitarji tal-Każin fil-Festa kif ukoll biex iżommu l-Każin tal-Banda. L-akbar biċċa uġiegħ ta' ras fost ħafna oħra hu l-ġbir tal-flus u llum aktar minn qatt qabel hemm bżonn eluf kbar ta' ewro.

L-attivita' tal-Każini tal-Banda mhux limitata għall-ġranet tal-festa, imma tul is-sena kollha, l-aktar bit-tagħlim tal-mużika u t-tixrid tal-kultura mużikali. Huwa ta' sodisfazzjoni kbir għalina meta ta' kull sena naraw ħafna mill-Każini jtellgħu kunċerti mużikali ta' l-għola livell fit-teatri u swali ewlenin ta' pajjiżna li jagħtu gost lil dawk kollha li bi ħġarhom jiffrekwentaw dawn l-istess kunċerti. L-istess ngħidu għal ħafna attivitajiet oħra li jsiru matul is-sena, is-sehem attiv li għandhom fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u Ħadd il-Għid, u attivitajiet oħra li jsiru fil-lokal tagħhom.

Mingħajr tlaqliq ngħidu li l-każini tal-banda qegħdin iservu ta' eżempju għal ħafna għaqdiet oħra. Ejjew naraw li nkunu l-istess fil-ġranet tal-Festa billi nwarrbu minn magħna lil dawk l-individwi li l-imġieba tagħhom ma tagħmilx ġieh lis-Soċjetajiet tagħna. Nitolbu biex fil-ġranet tal-festa nuru rispett u tolleranza lejn dawk li jiċċelebraw festa oħra. Nappellaw lid-diriġenti u partitarji biex jagħtux lok lil dawk li bla skruplu ta' xejn, ma l-inqas imġieba ħażina jippruvaw iħammġu lill-Każin tal-Banda, kif ukoll lil media lokali li tkun minn ta' l-ewwel li tirrapporta l-imġieba ta' xi wħud, imma rari tippreżenta l-element sabiħ tal-Festi u tal-Każin tal-Banda.

Il-President u l-Kumitat Eżekuttiv tal-Għaqda Każini tal-Banda jixtiequ jawguraw festa mill-isbaħ lill-poplu ta' Għajnsielem, festa li tagħti ġieħ lil Madonna ta' Loreto u lil dawk kollha li jħobbu l-Festi Maltin. Bl-imġieba tajba biss nistgħu nassiguraw futur tajjeb għall-festi.




**The Garden Spot**

Jekk għandkom bżonn tordnaw xi bukkett jew arranġament ta' fjuri friski jew artifiċjali, post wieħed għandkom iżżuru, **The Garden Spot**, f'Għajnsielem. Issa ukoll tistgħu ssibu għażla kbira ta' ħut tropikali u ħut tal-ġibja. Issa, għand the **Garden Spot** tista ssib ***The Pet Fashion*** Corner, fejn hemm għażla vasta ta' ġġieget, tops, ilbiesi u anke gearijiet tat-team tal-futball prefert tiegħek.



**Pjazza Madonna ta' Loreto,**
**għajnsielem, Għawdex**
**Tel: 2155 5353 • Mob: 7920 8899**




TA' TONA
Address: 16/17 Emanuel De Vilhena Street, Gozo (Malta)
Tel: 21561967
Mob: 99460717 - 79902252


Dione's Garage
Dinitrol
Rust Proofing
Plastic Bumpers Repair
Panel Beating
Spray Painting
Add: Our Lady of Loretu Sqr., Gh'Sielem, Gozo Tel: 21566575 Mob: 99208470

# Il-Festa... Quo Vadis?

## Jikteb is-Segretarju Kevin Cauchi

*Ħassejt li kelli nikteb dan l-artiklu fid-dawl tad-diskussjoni li hawn fil-pajjiż dwar ir-riformi u l-futur tal-Festi. Naturalment l-argumenti tiegħi huma ffukati l-aktar fuq il-Festa tal-Madonna ta' Loretu' li bħal kull festa tradizzjonali Maltija, hija taħlita ta' kultura u ċelebrazzjoni ta' briju, banda, nar, armar u funzjonijiet reliġjużi.*

### Perspettiva Storika

Il-festa Maltija bdiet għall-ħabta tas-seklu 16 u kienet biss avveniment żgħir fejn kollox kien limitat. Maż-żmien, il-ħajja ekonomika u soċjali qalbet għall-aħjar u l-festini żgħar evolvew għall-festi kbar kif nafuhom illum. Kien hemm diversi drawwiet li mietu u oħrajn antiki li għadhom magħna sallum. Iżda l-skop prinċipali ta' dawn il-Festi dejjem kien ad unur ta' qaddis jew qaddisa.

### Għaliex il-Festi huma daqstant popolari?

Persuni differenti għandom perspettiva differenti ta' kif jiċċelebraw. Issib dawk li jieħdu pjaċir jisimgħu l-banda, oħrajn li huma dilettanti tan-nar, hemm min jitla' sal-pjazza sabiex jiltaqa' mal-ħbieb u famliljari waqt li jiekol xi ħaġa tajba. Iż-żgħażagħ normalment ifittxu l-briju. Hemm anke min hu dilettant tat-tiġrijiet tal-bhejjem. Saħansitra ssib ħaddiema li jieħdu l-leave tax-xogħol fil-ġimgħa tal-Festa għaliex l-atmosfera festiva hija lok ta' mistrieħ u divertiment għalihom... u għaliex le?
Kemm hu sabiħ tara t-tfal jiġru u jilgħabu. Il-ħbieb jgħidu kelma ma' xulxin waqt li jixorbu flixkun birra. Iż-żgħażagħ jiżfnu u jkantaw waqt il-marċ tal-Balzunetta. Ċelebrazzjonijiet u kant mill-isbaħ ġol-knisja. Il-banda tagħna ddoqq il-'Viva x-Xemx' u 'Ta' Gerrew'. Il-Madonna ħierġa u n-nies ikantaw l-Ave Marija fost il-ħruq tan-nar. Imbagħad x'ingħidu dwar it-tiżjin spledidu tal-armar tat-toroq u tal-knisja minn ġewwa. X' atmosfera sabiħa!



### L-Argumenti ta' kontra u favur

Sikwit nisimgħu kummenti negattivi fil-media u fil-pubbliku dwar il-Festi speċjalment meta jinqala' xi inċident jew ġlied bejn każini u għaqdiet... jew għax l-Festi saru pagani... jew għax ġimgħa ta' ċelebrazzjonijiet esterni huma ħafna... jew għax in-nar hu ħela ta' flus... jew għax l-Festi huma skuża sabiex iż-żgħażagħ jiżfnu u jixxalaw. Allura x'nagħmlu? Inwaqqfu l-festi? Ma nġibux baned u ma naħarqux nar ħalli niffrankaw il-flus? Nagħmlu l-festa fuq tlett ijiem? Ir-risposta jistgħu jagħtuha dawk il-voluntiera li ssibhom jaħdmu u jistinkaw is-sena kollha fil-każini tal-baned, fl-imħażen tal-armar u tan-nar sabiex sena wara sena jkollna Festa mill-aqwa.
L-abbużi ssibom kullimkien. Mhix ħaġa sabiħa tara individwi mejtin fis-sakra, żgħażagħ b' ilbies indiċenti jew tgħajjir u ġlied bejn partitarji ta' każini. Iżda allura nwaqqfu l-marċijiet brijużi esterni? Naqtgħaw il-famużi dulliegħ tal-marċ tal-Ġimgħa biex forsi ż-żgħażagħ ma jixorbux? Naqtgħaw id-drapp tal-Festa? Le dawn m' humiex soluzzjonijiet li jaqtaw l-abbużi... Is-soluzzjoni tinsab fl-edukazzjoni tat-tfal tagħna sa minn ċkunithom sabiex ikunu moderati f' kollox.
L-istess argument jgħodd għall-wirjiet tal-logħob tan-nar. Jekk hemm dillettanti li lesti jisponsorjaw u jkopru l-ispejjeż tan-nar, għaliex għadna nakkużawhom li qed jarmu l-flus? Għaliex niftaħru fuq il-gazzetti li *shows* kbar bħal 'Malta International Fireworks Festival' huma ta' nċentiv għat-turiżmu mbgħad nikkritikaw in-nar li jinħaraq waqt il-Festa? Jekk jinħaraq f' ambjent ta' sigurta u skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi, l-logħob tan-nar hu ta' attrazzjoni kemm għan-nies tal-lokal kif ukoll għat-turiżmu li tant għandna bżonn. Hemm min jogħġbu n-nar u hemm min ma jogħġbux... iżda bħal kull ħaġa oħra, importanti li nirrispettaw l-gosti ta' kulħadd.

### Il-Kumitat tal-Festa

Għandna Festa mill-isbaħ... iżda nemmen li hemm lok għal titjib. Sikwit nisma' b'diversi suġġerimenti sbieħ ta' kif il-Festa tagħna tista' timxi 'l quddiem. Sfortunatament dawn l-idejat mhux dejjem jaslu għand l-organizzaturi. Għandu jkun hemm ħafna aktar laqgħat dwar il-Festa u dawn m' għandhomx ikunu limitati għal numru żgħir ta' persuni li ma jinbidlu qatt sena wara l-oħra... inkella ħa nispiċċaw bl-istess kalendarju tal-Festa għall-eternita! Il-kumitat tal-festa għandu jkun aktar inklussiv u miftuħ għall-opinjoni ta' kulħadd.

### Il-Futur...

L-aspett reliġjuż kien, għadu u għandu jibqa' pedament importanti u ċentrali fil-Festi iżda ma rridux niżbaljaw u innaqsu l-importanza f'aspetti oħra. L-awtoritajiet ċivili u ekleżjastiċi għandhom jirrispettaw u jagħtu nċentivi sabiex nippreservaw ukoll l-aspetti kulturali, ekonomiċi u soċjali tal-Festi sabiex dawn it-tradizzjonijiet u d-drawwiet tant sbieħ li ħallewlna missirijietna ngħadduhom lil ta' warajna aħjar milli għaddewhomlna ta' qabilna.

# *Il-BBQ ta' fuq il-Għajn*

## *Jiktbu l-organizzaturi ta' Triq Fuq il-Għajn*



Kienet ilha tberren ġo moħħna kif ser inżejnu il-parti l-ġdida ta' Triq Fuq il-Għajn. Min jgħid ħaġa u min jgħid oħra. Kellna bżonn il-finanzi biex inkunu nistgħu nżejnu t-triq b'sett pavaljuni li jkompli mal-oħrajn li kien hemm fil-parti l-antika tat-triq. Ma ridniex inkunu ta piż fuq ħadd għalhekk iddeċidejna li nagħmlu xi attivita' ta' ġbir ta' fondi bejnietna r-residenti. B'hekk bil-flus li kien ser jibqgħalna stajna nixtru l-materjal meħtieġ biex nibdew dan il-proġett. Fl-aħħar qbilna li nagħmlu bbq fit-triq bejnietna r-residenti. Dan kellu jsir qabel il-festa iżda minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom kellna nipposponu dan il-bbq għal ġimgħa wara l-festa. Dan sar fit-3 ta' Settembru 2005.

**BBQ 2005**



F'dan l-ewwel bbq konna madwar tmenin ruħ, bejn residenti familjari tagħhom u xi ħbieb. Kulħadd ta daqqa t'id, minn ħareġ l-imwejjed u s-siġġijiet, min sajjar u min qagħad fil-*bar* li armajna apposta. Tista tgħid li kulħadd ħareġ sodisfatt, kemm mill-ikel kif ukoll mid-divertiment għax spiċċajna niżfnu mad-daqq tal-marċijiet. Xi ftit nar u ajruplani ma naqsux. Barraminhekk kien baqgħalna flus biżżejjed biex nixtru materjal għall-pavaljun wieħed. Kull min kien hemm fil-bbq wera ix-xewqa li dan jibqa' jsir kull sena. Il-materjal inxtara u fix-xhur kesħin tax-xitwa beda jsir l-pavaljun. Kien baqa' biss iż-żebgħa u l- bozoz. Kif bdew il-vaganzi tas-sajf is-subien tat-triq ntefgħu b'ruħhom u b'ġisimhom min jiżbogħ u min iwaħħal il-bozoz.

**BBQ 2006**



Il-festa tas-sena 2006 qorbot u kulħadd beda jistaqsi għall-bbq ta' Fuq il-Għajn. L-iżjed li rieduh kienu it-tfal ta' din it-triq li kien ilhom Sajf sħiħ jaħsbu x'ser jagħmlu. Il-bbq sar is-Sibt ta' qabel il-festa. L-attendenza kienet waħda ta' sodisfazzjon kbir għalina l-organiżżaturi għax in-nies irdoppjaw fuq is-sena ta qabel. Iżda l-akbar sodisfazzjon kien hekk kif qabel beda il-bbq xegħlna l-ewwel pavaljun. It-tfal li kien ilhom xhur jaħdmu flimkien mal-ġenituri tagħhom tgħidx kemm ferħu kif inxtegħel għall-ewwel darba. Dawk kollha li attendew kienu jidhru sodisfatti. Il-briju kien kbir għax din is-sena żidna l-ajruplani u anke xi murtali. Bil-qligħ li kien baqgħalna stajna nagħmlu pavaljun ieħor.

**BBQ 2007**



Il-bbq tal-festa tas-sena 2007 sar il-Ġimgħa 17 t'Awissu. Dan kien bbq rekord. Għalih attendew il' fuq minn 300 ruħ. Dakinhar inzerta 'Jum l-Emigranti' u l-Arċipriet il-Kan Frank Bajada stieden l-emigranti kollha li kienu għall-festa għal dan il-bbq. Kienet biċċa uġigħ ta' ras kbira għalina l-organiżżaturi





biex nitimgħu dak in-numru kbir ta' nies. Iżda bi pjan tajjeb u bl-għajnuna ta kulħadd irnexxielna nissodisfaw lil kulħadd. Dakinhar kellna attrazzjoni nteressanti ħafna. Bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, il-Parroċċa u l-Banda San Ġużepp ġibna banda barranija ddoqq waqt il-bbq. Din il-banda – St. Stythians Band minn Cornwall UK ferrħet lil dawk kollha preżenti bid-daqq sabiħ tagħha. Barraminhekk kellna ukoll il-kant mill-kantanta żagħżugħa tat-triq tagħna Daphne Xuereb li kompliet sebbħet l-atmosfera bil-vuċi sabiħa tagħha. In-nies tant ħadu pjaċir li donnu ħadd ma kellu aptit jitlaq. Lagħbna wkoll xi żewg logħbiet tombla u tellajna lotterija fost dawk preżenti. Din id-darba l- qligħ kien xi ftit ikbar u kellna biex nagħmlu żewġ pavaljuni oħra. Ftit ftit it-triq qed narmawha. Għal dan il-bbq it-tfal ta' Fuq il-Għajn riedu xi ħaġa speċjali. Għalhekk ftiehmu bejniethom u għamlu T-shirt bħal ta' xulxin u żebgħuh għall-okkażżjoni.

## BBQ 2008

Is-sena 2008 waslet ukoll u matulha ma qatgħax ix-xogħol fuq il-pavaljuni. Wasal Awissu u beda joqrob il-bbq. Din is-sena armajna t-triq kmieni għax kellna erbgħa pavaljuni xi ndendlu. Aktar ma bdiet toqrob il-festa akbar bdiet tkun id-domanda għall-biljetti tal-bbq. Din is-sena kellna madwar 250 ruħ. Kellna magħna ukoll bosta emigrant fuq stedina tal-Arċipriet. Għalkemm ma kellniex banda l-briju ma naqasx. Ta min jgħid ukoll li għall-bbq ġiet installata webcam li kienet qed titrasmetti live fuq għajnsielem.com. Waqt il-bbq ġie mtella' programm live fuq radju lawretana fejn is-semmiegħa setgħu jidħlu fl-atmosfera sabiħa li kellna. It-tfal din id-darba għamlu t-shirt bl-istampa tal-Madonna ta' Loreto fuqu. T-shirt li ngħoġob minn kulħadd. Mill-qligħ li kien baqgħalna din is-sena ġie deċiż li tingħata donazzjoni għall-ġbir tal-qniepen. Insomma sena wara sena dan il-bbq dejjem qed iżid fil-popolarita' tiegħu. Din is-sena ser isir il-Ġimgħa 21 t'Awissu. Naturalment il-briju hu garantit u xi sorpriżi ma jonqsux. Għal din is-sena ġew mistiedna il-Grupp Folkloristku Astra grazzi għall-għajnuna mill-Kunsill Lokali tar-raħal. **Għalhekk ħallu d-data tal-21 t'Awissu vojta biex tiġu tieħdu gost magħna f'atmosfera ta' festa mill-isbaħ.**















# IL-KOMUNITA' PARROKKJALI TA' GĦAJNSIELEM - GĦAWDEX TIĊĊELEBRA L-FESTA AD UNUR TAL-

# *MADONNA TA' LORETO*

## *Mit-13 sal-30 ta' Awwissu, 2009*

**Marija, Omm Kristu s-Saċerdot tħarisna bħala wliedha**

**Il-Ħamis, 13 ta' Awwissu: JUM IL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA PARROKKJALI**

*Wara l-quddiesa tad-9.00am jibda Jum ta' Adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja Parrokkjali bi tħejjija għall-festa.*

6.30 p.m. Talba tat-II Għasar tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja

7.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxiha mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni tal-20 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali.

**Il-Ġimgħa 14 ta' Awwissu:**

8.15 p.m Velja f'Ta' Pinu. Il-komunita' parrokkjali tieħu sehem flimkien mad-Djoċesi kollha f'sahra ta' Talb lejlet l-Għid tal-Assunta. Trasport provdut fis-7.30pm.

**Is-Sibt 15 ta' Awwissu: SOLENNITÀ TAT-TLUGĦ IS-SEMA TA' MARIJA**

Katina ta' Rużarju mill-5am sa nofs il-lejl.

Il-ħin tal-Quddies ta' llum ikun bħal ta' nhar ta' Ħadd.

**Il-Ħadd 16 ta' Awwissu: JUM TA' RADD IL-HAJR GĦAS-SAĊERDOZJU KATTOLIKU**

Illum Radju Lauretana jiftaħ il-bibien tiegħu għall-pubbliku biex kulħadd ikun jista' jżur l-istudjos tagħna bejn it-8a.m. u t-8p.m.

10.00am Fil-Knisja Parrokkjali,Quddiesa ta' Radd il-Hajr mis-Saċerdot Novell Fr. Anthony Bajada. Janima bil-kant il-Kor Lauretana.

**It-Tnejn 17 ta' Awwissu:**

8.00 p.m. Quddiesa fiz-zona tat-Torri. Nofs siegħa qabel ikun hemm possibilità ta' qrar. Wara jkun hemm festin flimkien. Ikun hemm trasport provdut mill-pjazza fis-7.30pm

**It-Tlieta 18 ta' Awwissu: JUM TA' GĦAQDA MAD-DJOĊESI**

Illum nieħdu sehem fil-pellegrinaġġ Djoċesan li ser isir għall-Knisja tal-Imġarr Malta.

**L-Erbgħa 19 ta' Awwissu: Jum ta' Għaqda ma' Ħutna li għaddew għall-Ħajja Eterna**

Bi preparazzjoni għall-festa, u bħala ringrazzjament ta' tant grazzji li l-Mulej tana matul din is-sena, tkun ħaġa xierqa li min jista', matul dan il-jum jagħmel xi forma ta' sawma.

8.00 p.m. Quddiesa fiċ-Ċimiterju għal ħutna li daħlu qabilna fl-eternità mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada.

8.30 p.m. Mota li tħabbar il-ftuħ tal-festa 2009.

**Il-Ħamis 20 ta' Awwissu: L-EWWEL JUM TAN-NOVENA JUM TA' TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET**

Matul il-Jiem tan-Novena ssir kampanja ta' għotjiet ta' karità (affarijiet ta' preserves, ecc u flus) ħdejn l-artal tal-Madonna ta' Loreto.

6.30 p.m. Rużarju

7.00 p.m. Quddiesa mmexxija mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada li fiha ssir l-Vestizzjoni tal-Abbatini l-ġodda

8.30 p.m. GĦAJNSIELEMFEST 2009 - imtella' mill-Kunsill Lokali Għajnsielem fil-Misraħ tal-Knisja b'talent Għajnselmiż u lokali.

**Il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu: IT-TIENI JUM TAN-NOVENA – JUM L-IMPENN NISRANI**

6.30 p.m. Rużarju

7.00p.m. Quddiesa bis-sehem tal-Membri tal-Għaqdiet Reliġjużi u l-Komunitajiet Ewkaristiċi tal-Parroċċa. Mistiedna wkoll dawk li rċevew l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof flimkien mal-familji li kellhom xi Magħmudija matul din is-sena.

9.00 p.m. Bar-B-Que fi Triq Fuq il-Għajn. Mistiedna speċjali l-emigranti li jkunu fostna.

**Is-Sibt 22 ta' Awwissu: IT-TIELET JUM TAN-NOVENA – JUM IL-FERĦ TAT-TFAL**

9.00 a.m. Quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa fil-Knisja Arċipretali. Janimaw il-Membri tal-Museum. Wara ssir attività apposta għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali.

6.15 p.m. Rużarju, Salve Regina, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

7.00 p.m. Quddiesa tan-Novena fl-aħħar Sibt tal-Madonna.

**Il-Ħadd 23 ta' Awwissu: IR-RABA' JUM TAN-NOVENA – JUM L-IMĦABBA FIL-FAMILJA**

Illum ikun hemm Open Day fil-Każin tal-Banda b'diversi attivitajiet kulturali.

10.00 a.m. Quddiesa b'talb speċjali għall-koppji miżżewġin. Isir it-tiġdid tal-Wegħdiet taż-Żwieġ. Mistiedna b'mod speċjali l-koppji li żżewgu matul din is-sena u dawk li għalqu 25, 50 u 60 sena miżżewġin. Imexxi Fr. Joseph Farrugia Janima l-quddiesa bil-kant il-Kor Lauretana

5.00 p.m. Quddiesa. Wara ssir il-Preżentazzjoni tat-Tfal u t-Trabi lill-Madonna ta' Loreto fil-Knisja.

**It-Tnejn 24 ta' Awwissu: - IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA – JUM IL-ĦAJJA KKONSAGRATA LIL ALLA**

6.30 p.m. Rużarju, Kurunella, Salve Regina u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

7.00 p.m. Quddiesa bis-sehem tar-Reliġjużi kollha tal-Parroċċa

8.15 p.m. Marċ mill-Banda San Ġużepp minn Triq il-Ġnien sal-Misraħ tal-Knisja.

10.00 p.m. Ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa tagħha fost kant ta' innijiet Marjani. L-istatwa titpoġġa taħt it-tron tagħha. Issir l-aħħar ġabra kbira għall-festa ta' din is-sena.

**It-Tlieta 25 ta' Awwissu: IS-SITT JUM TAN-NOVENA – JUM IT-TALENT ŻAGĦŻUGĦ**

**6.30 P.M. RUŻARJU U ĊELEBRAZZJONI EWKARISTIKA**

7.00 p.m. Quddiesa tan-novena bis-sehem taż-żgħażagħ tal-parroċċa. Janima l-quddiesa bil-kant il-grupp taż-żgħażagħ tagħna.

9.00 p.m. Marċ mill-Banda San Ġużepp li jitlaq mill-Każin ta' l-Għaqda Mużikali sal-Planċier fil-Misraħ tal-Knisja. Il-Banda tesegwixxi programm mużikali b'siltiet varji taħt id-direzzjoni tas-Surmast Sunny Galea A.L.C.M. u l-Assistent Surmast Frankie Debono.

**L-Erbgħa 26 ta' Awwissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

6.30 p.m. Għasar Kantat.

7.00 p.m. Quddiesa mmexxija mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada, li fiha l-W.R. Kan. Mikiel Borg, jagħmel l-ewwel priedka tat-Tridu. Mistiedna b'mod speċjali l-emigranti li qegħdin fostna u dawk l-Għajnselmiżi kollha li jgħixu barra mir-raħal. F'din il-quddiesa ssir l-Ewwel Tqarbina ta' xi tfal tal-emigranti. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika

9.30 p.m Lejla Marjana ta' talb, qari u kant bit-tema – **Marija, Omm Kristu s-Saċerdot tħarisna bħala wliedha** fil-Misraħ tal-Knisja. Inħeġġu lil kulħadd biex jingħaqad magħna fi klima ta' talb f'riġlejn Ommna Marija Lauretana. Imexxi t-talb Fr. Emmanuel Magro. Janima bil-Kant il-Kor Lauretana

**Il-Ħamis 27 ta' Awwissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU – JUM IS-SEJĦA SAĊERDOTALI**

6.30 p.m. Għasar Kantat.
7.00 p.m.. Quddiesa mmexxija mill-Kan. Joe Cardona, bil-priedka tat-Tridu mill- W.R. Kan. Mikiel Borg.
Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
9.30 p.m. Jibda marċ brijuż min-naħa ta' fuq ta' Triq Simirat u jispiċċa ħdejn il-Każin tal-Banda. Jieħdu sehem il-Banda tagħna San Ġużepp kif ukoll il-Banda Ite Ad Joseph tal-Qala.

**Il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU – JUM IT-TAMA FIS-SALIB**

Illum isir it-tqarbin tal-Morda fi djarhom mis-saċerdoti tal-parroċċa bħalma jsir fl-ewwel ġimgħa tax-xahar.

9.00 a.m. Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.
6.00 p.m. Għasar kantat.
6.30 p.m. Quddiesa mmexxija minn Mons. Ġużeppi Zerafa Arċipriet Emeritus bil-priedka mill-W.R. Kan. Mikiel Borg. Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika
9.00 p.m. Marċ mill-Banda Mnarja tan-Nadur li jibda minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u jibqa' sejjer sal-pjazza ewlenija tar-raħal. Wara tesegwixxi programm fuq il-planċier fil-pjazza.
9.30 p.m. Dimostrazzjoni bl-istatwa tal-Madonna tad-Dar li tibda min-naħa ta' fuq ta' Triq l-Imġarr. Iddoqq l-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem u l-Banda mistiedna Prekursur tax-Xewkija.
12.00 a.m Wasla tal-Madonna tad-Dar b'mod uniku għal fuq il-Pedestall tagħha fil-Misraħ tal-Knisja fost il-kant u l-briju tal-Poplu Għajnselmiż. Wirja ta' ajruplani piroteknići.

**Is-Sibt 29 ta' Awwissu: Lejlet il-Festa**

8.30 a.m. Fil-Knisja l-Qadima ssir Quddiesa kkonċelebrata mmexxija minn Mons. Giovanni B. Gauci Vigarju Ġenerali, li fiha jitkanta t-Te Deum bħala radd il-ħajr lil Alla.
5.00 p.m. Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.
5.15 p.m. Marċ mill-Banda San Ġużepp li jibda minn Triq Cordina.
6.30 p.m. Il-Banda San Ġużepp takkumpanja t-Translazzjoni Solenni.
6.30 p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwija li titlaq mill-Knisja l-Qadima mmexxija mill-Vigarju Mons Giovanni Bosco Gauci għall-Knisja l-Parrokkjali. Jieħdu sehem il-fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju.
7.00 p.m. L-Ewwel Għasar Solenni mmexxi mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada.
8.00 p.m. Quddiesa.
9.00 p.m. Marċ mill-Banda La Stella li jibda minn Triq il-Ġnien sal-Misraħ tal-Knisja fejn tesegwixxi program fuq il-planċier.
9.30 p.m. Marċ tradizzjonali ta' lejlet il-festa li jibda minn Triq Hamri, jgħaddi għal Triq Fawwara u jintemm fil-Misraħ tal-Knisja. Il-baned San Ġużepp ta' Għajnsielem flimkien mal-Banda Victory tax-Xagħra jferrħu lill-poplu preżenti bid-daqq ta' marċi brijużi.
12.00 a.m. Marija Lauretana, Protettriċi ta' l-Avjazzjoni. Wirja tradizzjonali ta' ajruplani piroteknići segwita minn wirja spettakolari ta' loghob tan-nar ta' l-art maħduma minn Farrugia Brothers Fireworks u mżewqa bil-mużika.

**Il-Hadd 30 ta' Awwissu: Jum il-Kommunità Lawretana**

5.00 a.m., 6.00, 7.00 u 8.00 a.m. Quddies .
9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Ecc. T. Mons Nikol G. Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex. Il-Kan. Dun Gorg Bezzina jinseġ kuruna ta' tifħir lil Ommna Marija Lawretana b'tagħlim għalina lkoll. Tesegwixxi l-Mużika l-Cappella Diacono taħt id-direzzjoni ta' Mons. Ġwann Galea.
Quddies ieħor - 11.00 a.m., 5.00 p.m..
5.30 p.m. Marċ mill-Banda Santa Margerita ta' Sannat li jibda minn Triq Hamri u jintemm fil-Misraħ tal-Knisja.
6.30 p.m. Għasar Solenni ta' Jum il-Festa mmexxi minn Mons. Ġużeppi Zerafa, Arċipriet Emeritus.
6.30 p.m. Marċ ta' qabel il-purċissjoni mill-Banda San Ġużepp li jibda mill-Pjazza tad-Dehra
7.30 p.m. Hruġ solenni tal-Istatwa Devota tal-Madonna ta' Loreto. Il-Banda S. Ġużepp flimkien mal-Kor Lauretana, isellmu lil Ommna Marija bid-daqq tal-Innu Kbir Alla Vergine di Loreto .
Tibda miexja l-purċissjoni akkumpanjata mill-Banda tagħna San Ġużepp.
Nistiednu lil kulħadd biex nakkumpanjaw lil Ommna Marija Lawretana permezz tat-talba tar-rużarju waqt il-purċissjoni.
7.45 p.m. Il-Banda Ċittadina Leone tal-Belt Victoria tibda marċ minn Triq il-Mogħdija u għall-Misraħ tal-Knisja fejn tesegwixxi programm mużikali fuq il-Planċier.
10.25 p.m. Dħul tal-vara tal-Madonna ta' Loreto fil-Knisja fost il-Kant Marjan tal-ġemgħa. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Arċ. Frankie Bajada bis-sehem tal-Poplu kollu.
11.00 p.m. Marċ Brijuż ta' għeluq il-Festa mill-Banda San Ġużepp li jagħlaq dawn il-festi. Il-marċ jibda mill-Pjazza tad-Dehra għall-Pjazza Madonna ta' Loreto u jispiċċa fil-Misraħ tal-Knisja.

**It-Tnejn 31 ta' Awwissu – JUM ta' RADD IL-HAJR**

6.30 p.m. Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika
7.00 p.m. Quddiesa ta' ringrazzjament u dħul tal-vara ġewwa n-niċċa tagħha.

**NOTA ĠENERALI**

- Fil-ġranet tal-festa jieħdu sehem il-Kor Lauretana taħt id-direzzjoni ta' Lelio Spiteri u l-Orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Frankie Debono.
- Il-Mużika ta' lejlet u nhar il-Festa tkun tal-Cappella Diacono taħt id-direzzjoni ta' Mons. Ġwann Galea.
- Il-logħob tan-nar ordnat mill-Grupp tan-Nar tal-Festa ġie maħdum minn dawn il-kmamar - Farrugia Brothers, Fontana Fireworks, Madonna Tal-Virtu - Għarb, St. Mary Fireworks - Qrendi, Madonna tal-Karmnu - Żurrieq, San Ġużepp – Kirkop, San Ġużepp - Għaxaq, Tal-Unjoni – Luqa.
- Il-funzjonijiet tal-knisja u l-attivitajiet prinċipali tal-festa jkunu mxandra dirett fuq Radju Lauretana 96.5FM Stereo li jkun ukoll fuq il-website www.radjulauretana.com. Segwu l-iskeda ta' programmi.
- Kull tibdil li jista' jinqala' f'dan il-programm jiġi avzat fil-knisja u fuq Radjulauretana.

Inżejnu l-Festa tagħna bil-qrar u t-tqarbin
u bi mġieba li tixraq lil Ommna Marija Lawretana.

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD**

QRAR matul il-Jiem tal-Festa
- L-Erbgħa, il-Hamis u l-Ġimgħa, 26, 27 u 28 ta' Awissu
  - mill-5.30pm sa tmiem il-funzjoni fil-knisja.
- Is-Sibt 29 ta' Awissu –
  - mill-5.00 pm sad-9.00pm.
- Il-Hadd 30 ta' Awissu
  - mis-7 am sad-9am u mill-4.30pm sal-5.30pm.

Sa fejn ikun possibbli il-qrar isir fil-konfessjonarji fil-knisja.

**Minn qalbna nroddu ħajr lil dawk kollha li jaħdmu u jistinkaw biex jitwettaq dan il-programm u lill-voluntiera kollha li jaħdmu għall-festa u għall-parroċċa tul is-sena kollha.**

# Dun Karm Cassar - 60 Sena Qassis -

## Xempju u Eżempju għalina

*Jikteb Frank Tabone*



Fis-16 ta' April 2009, ħutna Dun Karm ċċelebra s-sittin anniversarju tas-sejħa saċerdotali tiegħu. Kull min jafu u wkoll min forsi ma jafux, mill-ewwel jintebaħ li dan is-saċerdot ħabrieki ta sehem kbir fil-mixja socjali, reliġjuża u edukattiva tar-raħal t'Għajnsielem.

Dun Karm kellu viżjoni – dik li l-familji kollha tagħna jimxu fuq il-passi ta' Sidna Ġesu' u bħala eżempju ta' dan għandna lil Ommu, Sidtna Marija taħt it-titlu ta'



Forsi nistaqsu x'żamm l-ispirtu ħabrieki, spirtu żagħżugħ daqstant mħeġġeġ f'Dun Karm? Bla dubju, il-qawwa li Dun Karm jieħu mill-Ewkaristija kien ta' kuljum kien isarrafha f'imħabba lejn ħutu l-bnedmin. U din l-imħabba ta' Dun Karm ma kellix fruntieri... Jgħallem lit-tfal, jeduka liż-żgħażagħ, jgħaqqad il-familji u jgħin lil min ikun ibati. Fejn ma jaslux ir-riġlejn, ħallih idum jikteb ħsibijiet ta' paċi u sliem għall-kommunita' kollha tagħna.

Loretu. Il-Madonna qegħda fil-fond ta' qalb Dun Karm... u dan jixhdu l-ħafna kitbiet, talbiet, pariri u omeliji li wassal bil-vuċi, bil-kitba u fuq kollox bl-eżempju.

J'alla int u jien li qed niktbu u naqraw dan l-artiklu, lkoll nintebhu bis-sens veru tal-ħajja – dak li nagħti, li nkun ta' servizz għal ġid ta' ħaddieħor. U l-Mulej li jara dak li hu fil-moħbi, jroddilna Hu.





# Intervista ma' Dun Karm Cassar

## Roseann Buttigieg



**Kemm għandek żmien? F' liema sena twelidt?**
Twelidt fl-erbgħa ta'Settembru 1921 u għalaqt is-sebgħa u tmenin sena.

**Meta lħaqt qassis u x'wasslek għal din il-vokazzjoni?**
Ġejt ordnat qassis mill-Isqof Mons.Guzeppi Pace fil-Katidral ta' Għawdex nhar is-Sibt il-Għid fis-16 ta April 1949. Sa fejn naf jien,jiena qatt ma kelli ħsieb dwar xi karriera oħra għajr dik ta' qassis.

**Kien faċli għalik sabiex tilħaq saċerdot?**
Naħseb l-ebda għan li wieħed irid jilħaq ma hu faċli u għalija kien ħafna tqil; mard, nuqqas ta rqad, gwerra, nuqqas ta' ikel,biza,izda qatt ma daħal f'moħħi biex nieqaf jew ndur lura.

**Fejn studjajt sabiex tilħaq saċerdot?**
Studjajt fis-Seminajru tal-Qalb ta' Ġesu tar-Rabat, Għawdex.

**X'kien ifisser għalik u għall-familja tiegħek li int se tilħaq qassis?**
Għalija u għall-familja tiegħi kien ifisser ferħ. Ommi dejjem kienet tħeġġeġ lin-nies biex jitolbu għalija u lil missieri meta sirt qassis smajtu jgħid "Sinjur issa tista teħodni". Barra minn dan, meta sirt qassis f'Għajnsielem jien mlejt vojt ta' 29 sena ta nuqqas ta' vokazzjonijiet.

**Studjajt barra minn Malta?**
Le, qatt ma studjajt barra minn Malta.

**Meta lħaqt qassis fejn bdejt isservi bħala qassis?**
Meta sirt qassis mill-ewwel bdejt inservi f'raħal twelidi, Għajnsielem. Meta ġejt ordnat qassis l-Isqof G.Pace qalli hekk, "Issa x'se nagħmel bik?! "Wegibtu" Xi trid tagħmel bija, Għajnsielem ilu jistennini 29 sena"

**Kemm ilek taqdi dmirijietek bħala qassis f'Għajnsielem ?**
Ilni naqdi dmiri f Għajnsielem kwazi 60 sena u l-ħidma prinċipali tiegħi kienet l-appostolat tat-tfal u z-zgħazagħ subien.

**Tara differenza fejn tidħol reliġjon fin-nies t' Għajnsielem?**
Rigward ir-Reliġjon, id-differenza li tinsab f Għajnsielem hija dik bħal ta l-irħula l-oħra ta Għawdex.Id-dinja llum saret wisq sekularizzata u l-mewġa ta l-indifferenza reliġjuza ħakmet kullimkien.

**Jekk tara differenza x'taħseb li seta wassal għal dan?**
Kif ġa għidt aktar il-quddiem, differenza llum hemm aktar zgur. Il-fatturi li daħlu tibdila għall-agħar huma bosta,ħa nsemmi xi wħud; il-mezzi moderni ta informazzjoni uzati ħazin, il-promisgwita bla razan, nuqqas ta apprezzament tal-kelma ta Alla, nuqqas ta biza mid-dnub, nuqqas ta ħsieb dwar l-eternita etċ.

**Kif tiftakar Għajnsielem fi tfulitek?**
Għajnsielem fi tfuliti niftakru bħala raħal kwiet,ħajja semplici-nieqsa minn tant traffiku tfal jilgħabu bla biza ta' inċidenti stradali-raħal b bosta ħwienet tax-xorb b'ismijiet ingliżi (naturalment minħabba Forti Chambray) bosta sajjieda u nies jaħdmu mad-dgħajjes tal-Latini-iħobbu l-knisja u l-festi.

**Taħseb li żviluppa r-raħal ta' Għajnsielem?**
Għajnsielem żviluppa bħal kull raħal Għawdxi ieħor u forsi izjed ukoll.

**Taħseb li żviluppa għal l-aħjar jew agħar?**
Kull żvilupp għandu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi, hemm min gawda u hemm min bata, imma l-iżvilupp minn se jwaqqfu!

**X'messaġġ twassal lill-poplu t'Għajnsielem?**
Il-messaġġ li nħoss li għandi nwassal hu li nsaħħu l-ispirtu nisrani,ngħożżu ż-żmien biex ikollna ħafna żgħażagħ edukati,moderati rigward ħela; flus, moda u naħdmu llkoll biex intellgħu familji b saħħitom u nħeġġu lit-tfal sabiex iħobbu l-ambjent u jżommuh nadif.

# *Tifkiriet iż-żminijiet*

## Intervista' ma' Mabli Xuereb

### Minn Frank Tabone



Jien twelidt f'Għajnsielem fis-27 ta' Ġunju 1930. It-tfulija tiegħi kienet sewwasew fl-eqqel tal-gwerra, meta kelli madwar ħdax-il sena. Jien kont ninteressa ruħi fil-ġrajjiet kurrenti, għalkemm ma kienu xejn pożittivi. Inżerta li missieri kien xtara radju u kont nieħu gost nisma' l-BBC World News, fosthom meta minn Londra kien isir programm qasir bil-Malti fejn kien jibda hekk: "Din hija Londra li qegħda ssejħilkom…" Propaganda favur l-Imperu Ingliż! U niftakar tajjeb li missieri kien jaqbad dan ir-radju, iniżżlu isfel f'ħoġor it-tieqa ta' Triq Fawwara u hemm kienu jiġu ħafna nies biex jisimgħu l-Malti fuq ir-radju minn Londra! Dan għaliex f'dik it-triq, ħadd ma kellu radju u jekk niftakar sewwa, f'Għajnsielem kien hawn bejn tliet u erba' radjijiet biss dak iż-żmien.



Kien f'dan iż-żmien ukoll li jien bdejt immur l-iskola primarja fl-iskola l-qadima ta' Triq il-Hamri. Minħabba l-gwerra u t-theddid tal-bombi, aħna it-tfal kienu qassmuna fi djar differenti sabiex f'każ ta' attakk mill-ajru, ma tinqeredx il-ġenerazzjoni tat-tfal kollha. Domna f'din ir-rutina mill-1940 sa l-1943 meta spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija.

Jum ikrah ħafna li ma ninsa qatt kien meta fil-għodu kmieni, ħassejna nieżla l-bomba hawn f'Għajnsielem. Niftakar ilkoll dħalna taħt is-sodda, għax hekk konna mdorrijin nagħmlu; u wara li ħriġna, naraw dehra ta' swied il-qalb. Il-bomba kienet waqgħet fuq id-dar tas-surmast t'Għajnsielem Laurence Grech. Kienu mietu ħamsa minn disgħa – l-omm Karmena, Ines u Emilia, Ġanni li kien ħabib tiegħi ħafna u mietet iż-żgħira wkoll, ta' madwar sena. L-ewwel ma ħarġu kien lilha u niftakar li poġġewha fuq mejda ġo ħanut. Dak il-ħin, Laurence inzerta kien il-knisja l-qadima u kien għadu ma jafx x'ġara. Tistgħu taħsbu x'kienet ir-reazzjoni tiegħu wara li ġie lura mis-smigħ tal-quddiesa! Kulħadd prova jgħinu għax id-destin ma kienx ħanin miegħu. Niftakar, sa l-Isqof nieżel Għajnsielem sabiex jikkonfortah. Tabilħaqq kien episodju ikrah li mess lir-raħal tagħna waqt il-gwerra.

Wara l-gwerra, konna bdejna l-Azzjoni Kattolika. Kien hawn saċerdot Malti, għadu novell, Dun Salv Bartoli Galea li kien joqgħod f'Għajnsielem li kien jiġbor lilna t-tfal. Aktar tard, dan Dun Salv sar l-editur tal-gazzetta 'Il-Leħen.' Kien jeħodna fl-Istitut ta' San Ġużepp u joqgħod jgħallimna ftit katekiżmu, joħroġna u darba fis-sena kien jagħmlilna 'gara katekistika' – mistoqsijiet x'inwieġbu wara li jnkunu studjajna fuq pitazz b'aktar minn mitt mistoqsija dwar il-katekiżmu. Imbagħad Dun Salv kien jagħżel sitta jew tmienja minna, nitilgħu fuq palk żgħir u kien ikun hemm panel ta' erba' jew ħames sacerdoti fosthom fin-nofs kien ikun hemm l-Isqof Mikiel Gonzi mill-Kalkara li wara sar Arċisqof ta' Malta. Jien irnexxieli nirbaħ darbtejn il-gara katekista - sentejn fuq xulxin. U min jirbaħ kienu jgħidulu 'princep' u l-Isqof kien libbisni l-faxxa ta' princep. Darba minnhom, Dun Salv Bartoli Galea kien tani wkoll dizzjunarju ffirmat minnu bl-isem ta' Kalapin. U dan għadu għandi u qiegħed għall-qalbi ħafna.





Wara l-primarja, kont għamilt l-eżami għas-sekondarja li dak inhar kienu jgħidulu l-Lyceum. Minn Għajnsielem, jien kont waħdi, iżda mbagħad kien hemm ċertu Charlie Wickman, Malti joqgħodu f'Għajnsielem li wara sar ukoll patri ta' Ġieżu fil-Knisja ta' Sant'Antnin.

Wara li għamilt prima u sekonda fil-Lyceum, il-ġenituri tiegħi rranġaw sabiex jien immur is-Seminarju. Hemmhekk jien kont intern, jiġifieri bejn disa' u għaxar xhur, sħabi u jien konna jnkunu magħluqin fis-seminarju; u Għajnsielem kienu jibagħtuna biss ġurnata waħda fix-xahar, ħames t'ijiem qabel il-Milied u ħames t'ijiem oħra qabel l-Għid il-Kbir. Konna b'kollox xi sitt klassijiet, madwar għoxrin student f'kull klassi u parti l-kbira minnhom kienu jkunu Maltin.

Imbagħad kien sar eżami tac-civil u kont għaddejt u ġejt ippustjat f'Malta – jien u tnejn oħra Għawdxin. Kont l-Ufficcju tal-Posta, il-Belt. Konna jmmorru t-Tnejn fil-għodu u niġu s-Sibt wara nofs in-nhar. Konna krejna xi kamra l-Belt, inħallsu xi nofs lira fix-xahar. Konna jmmorru mal-vapur li kien jismu 'Franco' għall-Marfa.

Fi snin ħamsin, kien hemm Dun Karm Cassar li kien għadu kif beda jqaddes u li beda jagħmlilna l-Azzjoni Kattolika. Jien kont dejjem miegħu u konna noħorġu t-tfal flimkien, ta' l-eta' minn għaxra sa sittax-il sena. Biex niġbduhom, konna nilagħbu futbol flimkien. U hawn f'Għajnsielem, kien hawn għalqa kbira u Dun Karm kien qalli: "Kieku jagħtuna din l-għalqa u nagħmluha grawnd lit-tfal!" Din l-għalqa kienet tal-Knisja, biss kienet imwellija lil ċertu Ġużepp Buttiġieġ. Imbagħad konna morna l-Kurja, iżda hawn kienu avżawna li kien hemm bżonn li t-tali persuna Ġużepp Buttigieg kellu jagħtina l-permess biex neħduha f'idejna u nagħmluha grawnd sabiex jilagħbu t-tfal. X'ħin morna nkellmuh u ngħidulu biex naraw jaċċettax, dan Ġużepp għall-bidu ma fhemniex. Bqajna nitħaddtu ftit miegħu u tlaqna. Aħna u ħerġin Dun Karm qalli dawn il-preċiżi kelmiet: "San Ġwann Bosco illum m'għinniex!" U f'daqqa waħda dan Ġużepp reġa' għajjat: "Dun Karm, Dun Karm!" U erġajna morna lura għand Ġużepp.

Dan, ta' raġel twajjeb li kien, u li fehem l-intenzjoni tajba ta' Dun Karm, accetta bil-qalb. L-għada tlajt ma' Dun Karm il-Kurja biex ngħidulhom li Ġużepp aċċetta li jagħtina din l-għalqa. X'ħin għedna lill-Isqof Pace, qalilna li kien kollox sew, iżda ried jinżel jaraha. L-Isqof kien jinżel spiss l-Istitut ta' San Ġużepp u darba minnhom mort għalih u rajnihielu. Kollox kien sew. Imbagħad Dun Karm u jien tlajna l-Kurja sabiex nagħmlu l-kuntratt u jien spiċċajt ukoll wieħed mill-firmatorji.

Għaqda Mużikali San Ġużepp: Għalkemm ma kontx indoqq strument fil-Banda San Ġużepp, iżda dejjem kont ta' għajnuna fil-Kumitat tal-banda. Peress li konna ta' l-Azzjoni Kattolika, dejjem konna inkunu l-Istitut ta' San Ġużepp. U hemm aktar konna nieħdu gost jmmorru sabiex nilagħbu l-futbol billi kien hemm grawnd żgħir. Niftakar li l-banda kienet taħt it-tmexxija ta' Ġużeppi Farrugia, li ġab il-banda ħafna 'il quddiem. Kien jagħti ħafna lezzjonijiet tal-mużika u dam ħafna jistinka fil-banda tagħna.

Fil-banda konna ndoqqu f'Għajnsielem u darba tlajna nagħmlu marċ in-Nadur u l-biċċa l-kbira tal-bandisti kienu missirijiet u żgħażagħ. Pereżempju, jien nista' ngħid li missieri Ġużepp kien idoqq il-baxx filwaqt li Ġanni u Leli, it-tnejn kienu jdoqqu klarinett. Jien kont inkun quddiem mal-banda u xi drabi kont nerfa' xi standard jew insuq il-katuba.

Il-festa tagħna dak in-nhar kienet jssir ħadd wara it-8 ta' Settembru. Aħna t-tfal, l-għada tal-festa, ridna nibdew l-iskola u l-ferħ tal-festa malajr kien jgħaddi! Dak iż-żmien, l-iskola kienet tibda fil-15 ta' Settembru. Fil-festa, kienet tiġi l-banda ta' Birkirkara, id-Duke of Connaught u niftakar li s-surmast, Anton Aquilina kien ikun għal qalbu ħafna hawn. Il-banda Maltija kienet tiġi s-Sibt, lejlet il-festa u tagħmel marċ is-Sibt bil-lejl minn Triq il-Ħamri, li kien ikun *ala veneziana* b'ħafna stilel mixgħulin. Kienu jiġu ħafna barranin għal dan il-marċ, għax tabilħaqq kien sabiħ u brijuż. Meta l-banda tagħna bidet tikber sew, bdiet iddoqq ukoll ma' ta' Birkirkara.

Fi żmien il-gwerra, niftakar fil-festa kien ikun hemm biss purċissjoni bir-rużarju u mhux banda. Darba minnhom, malli l-Madonna ħarġet fil-bieb tal-knisja, sar *air raid*. Mill-għassa tax-Xatt, kienu jisparaw madwar sitt murtali tal-bomba u n-nies għamlet storbju sħiħ hekk kif semgħet l-*air raid* u kulħadd daħal jiġri fil-knisja. Donnu li l-Madonna riedet li kollox ikun sew, għaliex l-*air raid* għadda fi ftit minuti. Dan konna nafux għax il-pulizija kien jinforma lis-sagristan Frenċu Agius biex idoqq bil-qanpiena l-kbira sabiex juri li "*air raid passed*", hekk konna ngħidu. U dan kien ifisser li aħna stajna noħorġu minn ġol-knisja li kienet mimlija daqs bajda!

Fi snin sittin, kienu bdew isiru speci ta' elezzjonijiet ta' Kunsilli Lokali. Kienu jitilgħu ħamsa minn kull raħal bl-elezzjoni u jien kont ħriġt u tlajt – flimkien ma' Ġużeppi Cauchi u tlieta oħrajn. Konna niltaqgħu fl-iskola l-qadima darba fil-ġimgħa u mbagħad wieħed minnha, Ġużeppi Cauchi kien jitla' r-Rabat sabiex jiltaqa' mar-rapprezentanti ta' kull raħal taħt it-tmexxija ta' Dr. Anton Tabone sabiex iressaq l-ilmenti tar-raħal.

Fl-aħħarnett, biex nagħlaq din l-intervista għalkemm hemm ħafna aktar x'nirrakkonta, nixtieq ngħaddi messaġġ tiegħi lit-tfal, iż-żgħażagħ u l-familji kollha. Ħobbu lir-raħal twelidkom dejjem u kullimkien u dan billi tagħtu aktar ħin għall-volontarjat fir-raħal. Dan kollu għall-ġid tar-raħal tagħna. Nawgura l-festa t-tajba lill-Għajnselmiżi kollha.



# Intervista Esklussiva mal-Arċipriet Emeritus

# Mons. Ġużeppi Zerafa dwar il-passatemp tal-mudelli

***Jintervista s-Sur Josef Cutajar***





**Kif ġietek il-ħajra li tibda tagħmel l-mudelli ta' postijiet ta' interess f'Għajnsielem?**
Minn dejjem kont inħobb nilgħab bl-injam u peress li missieri kien jaħdem ħafna l-arkett fl-injam, jien ta' sikwit kont noqgħod fejnu u nipprova nitgħallem xi ħaġa minnu. Tista' tgħid li minn dejjem kelli l-ħajra li nagħmel xi ħaġa pero' l-ideja li nagħmel mudelli ta' postijiet f'Għajnsielem ġietni madwar ħadx-il sena ilu. Dejjem kelli x-xewqa li nibni l-knisja l-ġdida pero' kienet tqila wisq għalija u kienet tinvolvi ħafna xogħol. Iżda għamilt kuraġġ u bdejt. Sibt li hawn injam artab illi jinħadem faċilment u kont xtrajt *scroll machine* biex inkun nista' naqta' għat-tond kif inkun irrid jien. Kelli wkoll ftit għodda u xtrajt oħrajn li kienu aktar irqaq bħal formaturi u limi sabiex b' hekk stajt nibda x-xogħol ta' dawn il-mudelli.

**Liema kien l-ewwel mudell li bdejt taħdem fuqu?**
L-ewwel mudell kien propju l-Knisja Arċipretali. Biex ħdimt dan il-mudell kont domt għax billi dakinhar kont għadni Arċipriet ma stajtx nqatta' ħafna ħin fuqha. Pero' meta kien ikolli ftit taż-żmien dejjem kont nagħmel xi ħaġa. Dan il-mudell tant kien elaborat li bilfors ried ikolli lil xi ħadd jgħinni speċjalment fil-bidu sabiex infassal u noqrob lejn il-perfezzjoni.

**Allura l-mudell tal-Knisja kien ibbażat fuq xi pjanti jew b'għajnejk u moħħok?**
Biex mudell tagħmlu kif għandu jkun u ġġibu qrib ħafna lejn l-oriġinal bilfors trid il-pjanti. Mingħajr pjanti ma tistax taħdem. Trid tkun taf kemm hi twila eżattament, kemm hi wiesa' u mbagħad tibda taħdem biċċa biċċa jew naħħa jew oħra. It-twieqi pereżempju trid taħdimhom eżatt fuq il-pjanta għalkemm ġieli din ma tkunx l-istess mija fil-mija. Għax jekk ikun hemm żball ta' kwart ta' pulzier dan jista' jfisser pied (fuq skala 1:60). Fi ftit kliem, trid taħdem skond il-qisien tal-pjanti u ta' dan ix-xogħol nirringrazzja lis-Sur Toni Cauchi li dejjem sibtu lest sabiex jgħinni u dejjem tagħni pjanti eżatti. Mhux l-ewwel darba li waqt ix-xogħol narah barra u ngħajjatlu sabiex jiġi u jara kif inhu miexi x-xogħol jew jekk hemmx bżonn jikkorreġini.

**Kemm il-mudelli għamilt s'issa?**
S' issa għamilt tlett mudelli. L-ewwel lestejt il-knisja l-ġdida li ġiet esebita fil-festa tas-sena l-oħra, imbgħad wara l-festa kont bdejt l-Għajn tal-Ħasselin u dik kont l-lestejtha wkoll u dan l-aħħar bdejt naħdem fuq il-Knisja l-Qadima li x-xogħol fuqha tlesta ftit tal-jiem ilu.

**Kemm iddum taħdem fuq mudell?**
Jiddependi x-xogħol li jkollok. Pereżempju l-mudell tal-Knisja l-ġdida fih ħafna xogħol għax tista' naħħa minnhom tiġik mod u oħra tkun differenti. Għalhekk ċertu njam inkun irrid nieħdu għand il-mastrudaxxa biex jinċanajuli jew jaqtagħhuli bil-magna skond il-qies li nkun irrid



ħalli niskarta naqra mix-xogħol imma fl-istess ħin nimxi aktar 'il quddiem. Meta għamilt l-Għajn tal-Hasselin jien ma kellix pjanti. Imxejt fuq ir-ritratti ta' qabel ma ħattewha. Jien u Toni Cauchi kellna ngħoddu kemm il-filati kien hemm fuq dawn ir-ritratti u b'hekk Toni joħroġ pjanta b'qies tajjeb ħafna. Il-knisja l-Qadima ma kienx fija xogħol daqs il-Knisja l-Ġdida pero' l-gwarniċuni u l-faċċata tagħha kien fihom ħafna logħob li jinvolvi paċenzja kbira sabiex tnaqqax sewwa.

**X'materjal tuża meta tkun qiegħed tibni dawn il-mudelli?**
Jekk inti ħa jkollok biċċa xogħol li fiha ser jidħlu t-twieqi jew bibien trid tuża njam artab bħal kewba brażiljana. Dan għaliex li biex inti tasal għat-twieqi trid taqta' għat-tond u bla ebda tfixkil speċjalment meta tuża din l-i*scroll machine*.

**Dejjem tuża l-istess materjal jew ġieli varjajt?**
Mhux dejjem l-istess. Pereżempju għall-Knisja l-Qadima wżajt materjal differenti, użajt njam tal-aħmar, injam ta' l-abjad pine wood u ħafna kwalitajiet oħra biex kemm jista' jkun il-gwerniċi u l-irqaqat jispikkaw fuq injam ieħor.

**Fejn tibnihom dawn il-mudelli?**
Jien bdejt inħawwad xi ħaġa f' Dar l–Kapillan li dak iż-żmien kienet għadha tintuża għad-duttrina. Kien hemm kamra fil-bitħa u meta kien ikolli ċans kont nagħmel xi ħaġa hemm. Maż-żmien imbgħad kienet ġietni l-ideja li nuża kamra żgħira fuq il-bejt. U allura kont bdejt naħdem minn hemm. Mhux l-ewwel darba kont noħroġ barra ħalli nara ċ-ċinta tal-kampnar avolja qegħda fuq il-pjanta.

**X'mudell l-aktar li ħadt pjaċir taħdem u x'għandek ippjanat għall-futur?**
Kull mudell fih il-gost tiegħu. Il-knejjes fihom ċertu pjaċir u 'l-quddiem beħsiebni nibni l-Knisja ta' Lourdes. Għandi ħsieb ukoll nagħmel it-torrijiet ta' Kemmuna u ta' Santa Ċeċilja.

**X' beħsiebek tagħmel bihom il-mudelli**
Għalissa ngawduhom aħna fid-dar tagħna pero' ħuti diġa' ġennewni bihom! Sakemm nibqa' ħaj pero' ngawduhom aħna u mbgħad meta jien niġi nieqes kulħadd jieħu xi ħaġa. Għall-Festa ta' din is-sena ser nesebihom ġo ħanut magħluq li hemm fil-Pjazza tal-Knisja l-Qadima.

***Dawn il-mudelli ta' Mons. Ġużeppi Zerrafa ser ikunu għall-wiri fil-ġimgħa tal-Festa fil-Pjazza l-Qadima***







# CHRIS MIFSUD

Carpenter

***Garden Street,***
***Għajnsielem***
***Tel: 2156 1167***





# L & R Car Hire

Gudja Street,
Ghajnsielem,
Gozo.

Tel: 2155 3455
Fax: 2156 0690
Mob: 9948 6392

E-mail: LRCarHire@hotmail.com

**Proprietor: Rita Camilleri**



# ISLAND TECH

**Manuel Grech**

**Computer Systems & Repairs**
**Cartridge Refills**
**Networking & Accessories**

Mob. 99206525 - Tel. 21566777
Island Tech, Triq il-Municipju Ruman, Victoria
mangrech@maltanet.net

# Intervista qasira ma'
# *Joseph Caruana Jr.*

F'din il-ħarga, qegħdin nagħmlu intervista qasira ma' Joseph Caruana dwar l-istudji li hu se jkun qed jagħmel barra minn pajjiżna. Joseph għandu 22 sena u joqgħod Għajnsielem. Huwa rċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' Għajnsielem u wara kompla jattendi n-Ninu Cremona Lyceum Complex. Kompla l-istudji tiegħu ġewwa s-sixth form M.A. Refalo fir-rabat Għawdex. Fl-2005 daħal l-universita' ta' Malta fejn kompla jistudja il-Matematika u l-Fiżika u bħala student ħadem fuq diversi proġetti ta' l-astrofiżika u l-kosmoloġija, sew f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Fl-2007 ġie elett Fellow of the Royal Astronomical Society tal-Ingilterra. Din is-sena lesta l-aħħar sena tal-kors (B.Sc. (Hons.) Maths & Physics).



**Fejn se tkun qiegħed tkompli l-istudji tiegħek u għal kemm snin?**
Se nkun qed inkompli l-istudji l-Ingilterra ġewwa d-dipartiment ta' l-astrofiżika fl-universita ta' Oxford, fil-kulleġġ ta' Christ Church. Il-proġett tad-dottorat (jew kif inhu iktar magħruf bħala D.Phil. jew Ph.D.) se jkun proġett ta' riċerka xjentifika fl-astrofiżika u kosmoloġija u jdum madwar tlett snin.

**Kif jintagħżlu l-istudenti għal proġetti bħal dawn?**
F'Malta, ħafna studenti, meta jlestu l-ewwel kors tagħhom fl-universita', jiddeċiedu li jew isibu xogħol jew inkella jkomplu jagħmlu kors ta' Masters. Xi wħud, wara li jlestu l-Masters, isibu xogħol (jew inkella jkomplu jistudjaw). Il-proċess għal xi ħadd li jiddeċiedi li jmur direttament għal-dottorat huwa daqsxejn differenti. Meta wieħed ikun wasal biex jispiċċa l-ewwel kors tiegħu fl-universita' (u jkollu idea ċara ta' kif se jkun mar), tintbagħat l-applikazzjoni lill-universita' fejn wieħed ikun irid ikompli l-istudji tiegħu, u mill-applikazzjonijiet kollha (li jistgħu jlaħħqu iktar minn mija) jintagħżlu numru żgħir biex jitilgħu għal interviews fl-universita' li jkunu għazlu. Fid-dipartiment tal-astrofiżika t'Oxford, finalment jintagħżlu bejn 10 u 12-il student fis-sena. Huwa proċess iebes ħafna peress li jkun hemm numru kbir ħafna ta' studenti minn kemm-il pajjiż madwar id-dinja jikkompetu għal post ta' dottorat kif ukoll għall-ischolarships.

**X'jinvolvi l-proġett?**
L-oġġetti li se nkun qed nirriċerka huma galassji imbiegħda ħafna. (Galassji huma gruppi kbar ta' stilel – kull galassja jkollha biljuni ta' stilel fiha, u ħafna minn dawn l-istilel ikollhom pjaneti jduru magħhom). Il-galassji li se nkun qed nistudja ffurmaw meta l-univers kien għadu ħafna iżgħar. Importanti nżommu f'moħħna li meta nosservaw oġġetti fl-univers, iktar ma dawn ikunu imbiegħda, iktar ikollhom eta kbira. Halli nfiehmkom għalfejn. Meta tixgħel bozza, id-dawl minn dik il-bozza jimxi mill-bozza innifisha għal ġo għajnejkom. Peress li d-dawl għandu veloċita kbira ħafna (jimxi 300,000 km fis-sekonda), ma narawx id-dawl miexi! Iżda fl-univers, id-distanzi huma tant kbar, illi d-dawl minn oġġetti oħrajn jieħu ammont ta' ħin biex jasal. Pereżempju d-dawl tax-xemx jieħu madwar tmien minuti biex jasal fuq id-dinja (avolja qed jimxi b'dik il-veloċita qawwija), allura aħna proprjament qegħdin naraw ix-xemx kif kienet tmien minuti ilu. L-eqreb kewkba hija tant imbiegħda illi d-dawl tagħha jdum ġej madwar erba' snin. Id-dawl minn waħda mill-eqreb galassji (magħrufa bħala l-Large Magellanic Cloud) idum ġej madwar mija u sittin elf sena (jiġifieri meta nkunu qed nosservaw din il-galassja, nkunu qed narawha kif fil-fatt kienet mija u sittin elf sena ilu). Permezz ta' teleskopji kbar bħall-Hubble Space Telescope ttieħdu ritratti ta' galassji imbiegħda ħafna iktar minn hekk u naturalment hemm ħafna analiżi x'issir. Dawn il-galassji huma tant imbiegħda illi d-dawl tagħhom idum ġej mhux eluf ta' snin, jew miljuni, iżda biljuni ta' snin. B'hekk, billi nistudjaw dawn l-oġġetti nkunu nistgħu nsiru nafu aktar dwar kif kien l-univers biljuni ta' snin ilu, meta kien ħafna iżgħar mil-lum il-ġurnata u meta oġġetti bħall-galassji kienu għadhom qed jiffurmaw. Irridu nsiru nafu kemm għandhom żmien l-istilel li hemm f'dawn il-galassji, kif ukoll kemm huma massivi. Il-kisba tal-għarfien dwar l-univers timxi billi jinbena pass fuq ieħor u hemm ħafna problemi x'jiġu megħluba. Naturalment, għal dan ix-xogħol tintuza teknologija mill-iktar avvanzata, u jiġu mħaddma bosta metodi matematiċi għall-analiżi.

**X'ikun imiss wara li tlesti dan il-proġett?**
Wieħed mill-iskopijiet ewlenin tan-network li ssostni finanzjarjament dan il-proġett huwa li jiġu ttrenjati xjenzati Ewropej biex ikun hemm nies li jiksbu l-ħiliet neċessarji u jkollhom speċjalizzazzjoni adatta għal meta jittella' t-teleskopju tan-NASA (l-agenzija spazjali Amerikana) li jġib l-isem *James Webb Space Telescope*. Dan għandu jittella' fl-ispazju fl-2013. Il-*European Space Agency* (ESA) bniet strument għal dan it-teleskopju (NIRSpec) li se jkun kapaci josserva ħafna galassji f'daqqa. Hemm bżonn ta' xjenzati li jkunu speċjalizzaw fuq dan il-qasam u se jkun hemm seba' universitajiet Ewropej jipparteċipaw f'din in-network. Dawn huma dawk ta' Oxford, Parigi, Lyon, Madrid, Ruma, Heidelberg u Leiden. Eventwalment, l-iskop huwa li wara li l-istudenti jkunu lestew il-proġett tad-dottorat tagħhom madwar tlett snin oħra, ikomplu r-riċerka tagħhom f'dan il-qasam hekk kif jittella' fl-ispazju l-*James Webb Space Telescope*, li x-xogħol prinċipali tiegħu huwa proprju li josserva xi wħud mill-iktar galassji imbiegħda.

**X'parir tagħti lil min hu nteressat ikompli jistudja?**
Dejjem ħassejt li fid-dinja tal-istudju, wieħed m'għandux jistudja sempliċiment għax irid ikun aħjar minn ħaddiehor. Lanqas m'għandu wieħed jistudja biex sempliċiment javvanza 'l quddiem u daqshekk. Inħoss li l-iktar ħaġa importanti biex timxi 'l quddiem fid-dinja akkademika hija li verament ikollok interess fis-suġġett. Naħseb li ta' kultant nenfasizzaw wisq il-punt li l-istudju huwa għodda biex wieħed javvanza u jsib xogħol. M'għandniex xi ngħidu, dan huwa aspett importanti ukoll. Pero' biex wieħed verament jimxi 'l quddiem irid ikollu qabel xejn imħabba lejn is-suġġett. Id-dinja akkademika hija waħda li toffri ħafna sfidi intelletwalment, u allura, fl-aħħar mill-aħħar, huwa l-interess ġenwin li wieħed jistudja u jsolvi problemi ġodda li jagħmel id-differenza.

# *Bethlehem f'Għajnsielem*

## Ħolma li saret realta'

*Jikteb Franco Ciangura*



Il-ħolm jgħinna ngħixu ix-xewqat tagħna fil-moħbi ta' qalbna. Dawn ix-xewqat u ħsibijiet jagħtu lok lill-kreattivita' li kapaċi toħloq u żżewwaq dak li nkunu ħlomna bih.

Kif tafu lkoll l-ewwel Presepju Ħaj fil-gżira Għawdxija sar fis-sena 2000 fil-pjazza t'Għajnsielem. Konna bnejna grotta, żrajna nofs il-pjazza bil-ħaxix u nixxiegħa nieżla mat-taraġ taz-zuntier. Kienu ħadu sehem bosta atturi mir-raħal tagħna flimkien ma' ibni Matteo li kien jirrappreżenta lil Ġesu' Bambin. Fl-2001 morna għal xi ħaga totalment differenti minn tas-sena ta' qabel – villaġġ ta' Santa Claus mdawwar ma' siġra kbira tal-Milied. Fl-2002 bnejna presepju mekkaniku 'life size' f'nofs il-pjazza. Dawn it-tlett proġetti kienu ġew milqugħa tajjeb mil-pubbliku.



Wara dawn it-tlett snin għal raġunijiet diversi waqafna milli norganizzaw dan it-tip ta' attivitajiet fil-pjazza fi żmien il-Milied għal ħames snin. Matul daż-żmien jien ma waqaftx noħlom. Tfajt għajnejja fuq Ta' Passi għax deherli li f'dan il-post stajt noħloq mhux biss il-grotta iżda wkoll vilaġġ komplut. U hekk fl-2008 wara ħafna taħdidiet mal-kunsill lokali tagħna ġie deċiż li il-presepju jsir f'Ta' Passi. Iddeċidejna wkoll li nistiednu u ninvolvu wkoll l-għaqdiet ewlenin tar-raħal tagħna biex waqt li jagħtu l-għajnuna tagħhom ikunu wkol qed jgħinu finanzjarjament il-clubs tagħhom. Kont sorpriż bl-ammont ta' voluntiera li xtaqu jagħtu daqqa t'id. Bosta minn dawn ma kienu jagħmlu parti minn ebda għaqda. Ġie ffurmat team li rrnexxielu jaħdem b'ko-ordinazzjoni u armonija.

Li tagħti sehemek u tgħin b'mod volontarju lir-raħal tagħna fi kwalunkwe' okkażjoni (eż: festa, Milied, Għid, banda, football eċċ) hija esperjenza sabiħa u ta' sodisfazzjon enormi l-aktar meta tara is-suċċess bħal fil-kas li ġara fil-Milied li għadda. Biex akwistajna dan is-suċċess ħdimna minn Ottubru sa Jannar bla waqfien. Ma kienx kollox ward u żahar u ltqajna ma'ħafna problemi speċjalment tekniċi u nuqqas ta' sapport morali speċjalment fil-bidu tal-proġett għax donnu mhux kulħadd seta' jifhem x'konna qegħdin nagħmlu. Madankollu ma qtajniex qalbna għax ilkoll emminna fil-proġett u ngħaqadna aktar u ħdimna id f'id u r-riżultat hu dak li hu. Mhuwiex il-kas li nidħlu fid-dettal ta' kif bdejna, x'għamilna għal marketing, x'ġara u ma ġarax fil-kostruzzjoni għax nieħu fit-tul. Pero' inħoss li għandi nsemmi xi punti mportanti. B' sodisfazzjon kbir nista' ngħid li 'Betlehem f'Għajnsielem' zaruh eluf kbar ta' nies; fil-maġġoranza familji Għawdxin u Maltin li gew bit-tfal taghhom u xtaqtu jqattgħu ftit ħin ta' rikreazzjoni sana w edukattiva ġewwa dan il-villaġġ. Tieħu pjaċir tara mijiet ta' Maltin telgħin bil-mixi mill-Port ta' l-Mgarr li jfisser li ġew specifikament Ghawdex sabiex jaraw din l-attrazzjoni. Iltaqjna wkoll ma diversi membri parlamentari, gurnalisti u dilettanti tal-Presepji. Numru sabiħ ta' turisti (kredenti u non-kredenti) li inzertaw qeghdin iqattgħu il-btajjel tal-Milied fil-gżira ta' Malta, ġew Għawdex apposta biex huma wkoll ikollhom esperjenza ta' dan il-villaġġ. Żaruh ukoll 'il fuq minn 1500 student f'attivita' li kienet imtella' apposta għalihom mit-tfal għat-tfal. Anzjani li jattendu Day Centres u oħrajn li qeghdin residenti fir-Residenza Sant' Anna żaru dan il-post f'ħin meta il-villaġġ kien animat u miftuħ apposta għalihom.

Il-kummenti kienu bosta u kollha pożitivi. Ħafna kienu dawk li stennewx dan il-kobor ta' villaġġ u ħeġġuna biex nibqgħu nagħmluh kull sena. Intgħoġbot l-idea, id-dettal u t-tqassim ta' dan il-villaġġ. Kienu ħafna dawk li ssuġġerewlna li nagħmlu xi speċi ta' entrance fee ghax fl-opinjoni tagħhom huwa xieraq li tħallas għal espejenza bħal din. Il-kelma 'Prosit' hija

l-kelma li l-atturi u dawk kollha involuti semgħu eluf ta' drabi. Kienet ix-xewqa ta ħafna persuni li dan il-villaġġ ikun animat kuljum. Dan juri l-interess qawwi li ġibed lejh dan il-proġett.

Aparti ta' dak li smajna nistgħu niddeskrivu wkoll dak li rajna u ninterpretawh. Tinduna li n-nies ħadu pjacir għaliex fil-maġġoranza, dawn ġew aktar minn darba u qattghu diversi sighat jduru go fih. Ma ninsewx li 'Bethlehem f' Għajnsielem' kien mifrux fuq 20 tomna raba allura il-familji ġew jqattgħu sigħat sħaħ fil-kumpanija tal-atturi u l-annimali. Kien sabiħ tarah kemm bil-lejl kif ukoll matul il-ġurnata għaliex l-atmosfera kienet differenti. Matul il-lejl kien mixgħul bil-fjakkoli tan-nar u xemghat, bl-atturi jduru bil-lampi. Matul il-gurnata mbagħad kien hemm is-suq tal-frott, ħaxix, ħut u lewz filwaqt li r-rgħajja joħorgu lill-annimali fl-għelieqi. Tajna wkoll mappa tal-villaġġ lil kull famlija u nistgħu ngħidu li fil-weekend tal-Kunċizzjoni biss qassamna madwar 5000 mappa, jiġifieri fi tlett ijiem ġew mill-anqas ħamest elef famlija. L-ammont ta' nies baqa' dejjem jikber b'rata għolja fil-weekends ta' wara u speċjalment f'jum il-Milied. Nixtieq insemmi wkoll li in-nies baqgħu ġejjin bi ħgarhom anke fil-ħinijiet li l-villaġġ kien ikun inanimat. 'Bethlehemm f' Għajnsielem' żamm ħafna tradizzjonijiet Maltin. Pereżempju, f' Jum il-Milied, Father Christmas għamel żjara lill-Bambin u wara baqa' dieħel got-tavera jieħu r-ritratti mat-tfal. Wara il-quddiesa ta' nofs il-lejl ta' lejliet il-Milied San Ġużepp, il-Madonna u l-Bambin Ġesù telqu minn fuq ħmar mill-knisja hekk kif spiċċat il-quddiesa u baqgħu sejrin ġol-grotta fejn baqgħu hemm sas-sigħat bekrin ta' filgħodu.

Il-ħolma u l-immaġinazzjoni tiegħi flimkien ma' ħafna xogħol u sagrifiċċji ta' kull min ta sehemu ħolqu l-'Bethlehem f'Għajnsielem'.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sindku tagħna u sħabu l-kunsilliera għas-sapport morali u l-finanzjament tal-proġett. Grazzi kbira tmur lill-atturi kollha u lil min b'xi mod ta l-għajnuna tiegħu. Nirringrazzja b'mod speċjali lit-team kollu li kellu f'idejh it-twettieq ta' dan il-proġett. Mingħajrkom ma stajniex inwettqu dan il-proġett hekk kbir. Mingħajr l-għaqda tar-raħal kollu ma nistgħux inwettqu suċċessi ta' dan it-tip. Hemm bżonn li nfittxu kull okkażjoni biex nissaħħu bejnietna.

'Bethlehem f'Għajnsielem 2009' diġa huwa ppjanat u x-xogħol fuqu jibda wara l-festa. Ikunx suċċess jew le jiddependi minna lkoll. Għalhekk inħeġġeġ l-għaqdiet u l-parruċċani kollha biex jagħtu sehemhom f'din l-attivita' u flimkien ngħixu esperjenza unika. Nagħlaq billi nirringrazzja lill-Banda San Ġużepp ta' dan l-ispazju fil-programm tal-Festa filwaqt li nsellem b'mod partikolari lill-morda, anzjani, emigranti u l-poplu kollu t'Għajnsielem u nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd.


























GO ECO
AND SAVE.....
ON YOUR HOME
AND MOTOR INSURANCE
COMPASS
Group Limited
Tel. 2155 6600 - 2156 5953
St. George's Buildings, Karlu Galea Street, Victoria, Gozo
Compass Group Limited is an enrolled tied insurance intermediary carrying out tied insurance intermediaries activities relating to general and long term insurance products for Citadel Insurance p.l.c. and to health insurance products for Middlesea Insurance p.l.c. The companies are authorized and regulated by the MFSA.


Huan Yuan
Cantonese Restaurant
MGARR GOZO
tel: 21565700/99476702/99849250


l-Ankra
restaurant
Shore Street, Mgarr Gozo

# *Mill-Album tal-imgħoddi*

***Ritratti mill-kolezzjoni ta' Joseph Sultana***





















CHAMPIONS


















THE
Bern Hersey's
HEALTH BEAUTY & FITNESS CENTRE
ADD YEARS TO YOUR LIFE...
...LIFE TO YOUR YEARS
GHAJNSIELEM
MEMBERS SPECIAL OFFERS
MORE ENERGY • LOSE WEIGHT • GOOD HEALTH • RELIEVE EVERYDAY PRESSSURE & STRESS
GET THE EXERCISE HABIT BACK
Tel: +356 2156 3770 • Mob: 7992 3162
www.bernherseys.com
ASSOCIATED WITH TA' QALI GYM & FITNESS CENTRE

# Il-Premju Ġieħ Għajnsielem

## Jikteb is-Sindku Francis Cauchi



Meta l-Kunsill Lokali t' Għajnsielem nieda l-'Premju Ġieħ Għajnsielem', l-iskop ewlieni kien li jirrikonoxxi, darba f' sena, lil dik il-persuna li mal-medda tas-snin, tkun tat kontribut validu u bla ebda interess personali kemm lis-socjeta' kif ukoll lir-raħal t'Għajnsielem.



Kienet is-sena 1995 li l-Kunsill Lokali t' Għajnsielem kien l-ewwel Kunsill minn Malta u Għawdex li waqqaf dan il-Gieħ. Bix-xieraq li l-ewwel bniedem li jnaqqax ismu għal dan il-Gieħ ikun il-maħbub W.R. Dun Karm Cassar, li għal ħafna snin ħadem bla waqfien maż-żgħażagħ Għajnselmiżi bl-iskop li jtella' ġenerazzjoni tajba għal ġid tal-lokalita'. Nista' ngħid li b'din il-ħidma Dun Karm illum iħoss sodisfazzjon u huwa ferħan tax-xogħol li wettaq maż-żgħażagħ. Diversi kienu dawk li fuq pariri li tahom dan il-qassis irnexxielhom jibnu karriera sabiħa fil-ħajja privata tagħhom li ħalliet tant ġid fis-soċjeta' tar-raħal tagħna. Saħansitra kien hemm min anke rebaħ dan l-istess unur bis-saħħa tat-tagħlim u pariri tajba li kien jagħti Dun Karm.



Sal-lum kienu 14 -il persuna li ngħata lilhom dan l-akbar gieħ prestiġġjuż fir-raħal tagħna skond din il-lista:



**1995 W.R Dun Karm Cassar**
**1996 Is-sur Carmelo Rapa**
**1997 Is-Sur Joseph Attard**
**1998 W.R. Mons. Espedito Tabone**
**1999 Is-Sur Joe Scicluna**
**2000 Is-Sinjorina Josephine Xuereb**
**2001 W.R. Mons. Ġużeppi Zerafa**
**2002 Is-Sur Spiro Cauchi**
**2003 Is-Sur Rudolf Cauchi**
**2004 Is-Sur Emanuel Saliba**
**2005 Is-sur Peter Caruana**
**2006 Is Sur Loreto Galea**
**2007 Is-Sur Lelio Spiteri**
**2008 Is-Sur Mikiel Ciangura**



Wieħed jista' jara li kull individwu li rebaħ dan il-Ġieħ kien jagħmel parti ma' xi għaqda jew soċjeta'. Min ġej mis-settur reliġjuż, mużikali, sportiv, tal-armar u tas-sengħa kif ukoll edukattiv u storiku.



Kien bis-saħħa ta' xogħol volontarju li dawn in-nies tħallsu biss bis-sodisfazzjon li wieħed jikseb wara li għamel dmiru lejn min huwa inqas ixxurtjat minnu. Ix-xogħol volontarju jnissel sodisfazzjon personali, jimliena b'sentimenti ta' mħabba lejn għajrna filwaqt li l-kelma "grazzi" tagħmilna eroj u xempju għal min irid jagħti lilu nnifsu għall-oħrajn, u għalkemm din hija kelma komuni, u għal min jgħidha ma tiswa xejn, iżda għal min jirċiviha tiswa ħafna u tnissillu kuraġġ kbir.



# Il-Kor Lawretana

## Kor żagħżugħ bi storja twila

***Feature* tal-istorja ta' dan il-Kor miktub mill-Eks-Diretturi Emanuel Rapa u Sandro Lateo u mid-Direttur preżenti Lelio Spiteri**

### Jikteb Emanuel Rapa

Bħall-knejjes kollha ta' art twelidna, f'Għajnsielem dejjem inħass il-bżonn ta' kor biex janima l-funzjonijiet reliġjużi li jinżammu minn żmien għal żmien. Dun Karm Cassar, li kien l-organista tal-knisja parrokkjali, kien jagħżel l-aħjar vuċijiet minn fost l-grupp ta' abbatini tar-raħal. B'ħafna sagrifiċċju kien jigbor it-tfal fid-dar tiegħu fi Triq Fawwara biex bl-għajnuna tal-pjanu tiegħu kien jiggwida lit-tfal fil-kant reliġjuż.



Iż-żmien jinbidel u kmieni fis-snin sebgħin inħolqot l-Għaqda Rikrejattiva u Kulturali ta' Għajnsielem. Din l-Għaqda mmexxija minn Joe Xuereb (tal-fuli) u mill-mibki Joe Scicluna (ta' Wenza) kienet immirata prinċipaljament għaż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ f'dan il-grupp xtaqu li janimaw il-funzjonijiet religjużi, speċjalment dawk immirati għaż-żgħażagħ, b'kant aktar modern u attwali. Bl-appovazzjoni tad-direttur spiritwali tal-Għaqda, Dun Tarċisju Attard, u fuq inizjattiva ta' Joe Meilak (ta' sosu), inħoloq il-folk grupp fi ħdan din l-Għaqda Rikrejattiva u Kulturali. Nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar 1974 ġie avviċinat Emanuel Rapa biex jieħu f'idejh it-tmexxija mużikali ta' dan il-folk grupp u l-għada sar l-ewwel riħersal ġoċ-ċirklu ta' Dun Karm (li kien jinsab fi triq Perellos). Ġeneralment kienu jintagħżlu kanzunetti popolari li wara li jintlibsu bi kliem reliġjuż, kienu jkunu faċli anki għan-nies li jkunu jattendu għall-funzjoni biex jipparteċipaw fil-kant. Il-ħoss mużikali kien ikun tal-kitarri u xi strumenti tal-perkussjoni.

Maż-żmien inħass il-bżonn li jinħoloq kor aktar organizzat biex jgħin aktar fil-funzjonijiet reliġjużi. L-arċipriet, il-kanonku Dun Ġużepp Zerafa, avviċina lis-surmast tal-banda tar-raħal, il-mibki Ġużeppi Farruġa, u talbu biex jieħu ħsieb dan il-kor li kellu jitwaqqaf. Is-surmast Farruġa talab l-għajnuna ta' wieħed mill-bandisti tal-banda, Emanuel Rapa (ta' Lina ta' Ċensu l-Malti), biex jgħinu f'dan l-inkarigu l-ġdid. Nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu 1976 fis-7.30 ta' filgħaxija saret l-ewwel laqgħa biex jiġi mwaqqaf dan il-kor. Għal din il-laqgħa (li saret fl-uffiċċju parrokkjali ta'taħt iż-zuntier tal-knisja l-ġdida), attendew l-arċipriet, is-surmast tal-banda, Emanuel Rapa u xi membri prospettivi tal-kor fosthom Lina Galea u l-mibkija Ġolina Zerafa (oħt l-arċipriet). F'din l-laqgħa tħabbar li l-kor kien se jġib l'isem ta' Lauretana. Is-surmast Farruġa, filwaqt li rringrazzja lill-arċpriet tal-fiduċja li kien wera' fih, ħabbar li kien se jiddelega x-xogħol tat-tmexxija tal-kor f'idejn iż-żagħżugħ Emanuel Rapa. Dak inhar twieled il-kor Lauretana.

B'ħeġġa kbira bdew isiru l-provi, daqqa fl-istess knisja u daqqa fiċ-ċentru parrokkjali taħt iz-zuntier. Il-kor li kien iffurmat minn membri tas-sess femminili biss, kellu fih tfal, tfajliet u anki nisa aktar adulti. B'din it-taħlita ta' vuċijiet, il-kor ġie maqsum fi primi u sekondi biex il-kant aktar jinstema sabiħ. Fi ftit żmien il-kor beda jieħu sehem attiv fil-funzjonijiet kollha tal-knisja. Beda jkanta waqt il-quddies tat-tiġijiet li kien ikun hemm fil-knisja parrokkjali, fil-knisja ta' Lourdes u anki tal-patrijiet. Ġieli kien mistieden ikanta anki f'irħula oħra u ħa sehem f'serati reliġjużi li kienu jinżammu minn żmien għal żmien. Ir-repertorju tal-kor beda jikber u l-kor beda jkanta anke mużika mibnija fuq erba' vuċijiet. Fil-funzjonijiet tal-festa, il-kor kien ikun ferm impenjat. Kien anki jagħmel il-parti tal-kor waqt il-quddiesa tal-festa tas-surmast Diacono. Il-knisja kienet iżżejnet b'ħaga ħajja. Il-kor kien jakkompanja wkoll lis-surmast Ġużeppi Farruġia fis-servizzi bl-orkestra tiegħu.

Fl-okkażjoni ta' parteċipazzjoni f'festival marjan li kien jinżamm fl-oratorju Don Bosco fir-Rabat Għawdex, f'nofs is-snin tmenin, il-kor Lauretana daħal għal avventura ġdida. Il-kor ikkompeta bil-kor tat-tfal, u bil-kor tal-kbar. Għal din l-okkażjoni, il-kor introduċa għall ewwel darba membri mis-sess maskili. Il-kor tat-tfal kanta il-kanzunetta 'Chantelle'. Emanuel Rapa kien sema' l-mużika ta' din il-kanzunetta fi knisja



ġewwa l-Iżvizzera. Hu sawwar l-versi fuq it-tifla Angele Grech li meta kienet għadha membru tal-kor kienet mietet f'inċident tat-traffiku. Din it-tifla kienet għal-qalb il-membri kollha tal-kor. Kienet anġlu żgħir. Il-kor tal-kbar kanta il-kanzunetta b' kliem oriġinali tal-istess direttur tal-kor. Il-kor tat-tfal gie it-tieni filwaqt li l-kor tal-kbar ikklassifika l-ewwel. Wara dan is-suċċess, il-kor baqa' jesperimenta b'mużika aktar diffiċli u laħaq livell tajjeb.

Għal nofs is-snin disgħin, Emanuel Rapa iddeċieda li jħalli l-kor f'idejn iż-żagħżugħ Sandro Lateo li daħal b'ruħu u ġismu għal din l-avventura ġdida.

## Jikteb Sandro Lateo

Minn dejjem ħabbejt l-mużika. Niftakar kelli għaxar snin l-ewwel darba li akkumpanjajt il-kor tal-parroċċa. Ziti Ġolina waħda mill-ewwel membri tal-kor ħajrittni nieħu sehem minkejja 'l ftit esperjenza li kelli fid-daqq tal-pjanu. Minn dak in-nhar beda jitnissel ġo fija l-interess fil-mużika korali. Ksibt ħafna esperjenza ninnota lil Mro.Leli Rapa l-ewwel direttur, jidderieġi, b'mod partikulari waqt l-provi.



Bdejt nidderieġi l-kor (approx) fl-1983. Bħas-snin ta' qabel, iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali li konna nieħdu sehem fihom kienu t-tiġijiet, il-Milied, l-Gimgħa Mqaddsa u l-ġimgħa tal-Festa Titulari.

Kelli ħafna għal qalbi l-kant tat-tfal u dejjem ħassejt l-bżonn u l-importanza li nrawwem vuċijiet ġodda. Niftakar b'nostalgija ż-żmien li qattajt fil-ġranet tas-sajf nipprepara s-sezzjoni tat-tfal għall-kant tal-'Laudate Pueri' u l-quddiesa ta' nhar il-Festa. Niftakar l-uċuħ imbissma tat-tfal, lesti għal sagħtejn provi wara l-quddiesa tat-tmienja w'nofs. Niftakar l-uħuħ mistagħġba li issa irnexxielhom jitgħallmu jkantaw bil-Latin. Imbagħad nhar lejlet l-Festa nilmaħ fuq wiċċhom il-ħerqa li għall-ewwel darba ser ikantaw mal-orkestra.

Ta' sodisfazzjon kbir għalija kull meta nerġa' lura għal xi ġimgħatejn ta' btala u membri u ex membri tal-kor tat-tfal, li illum adulti, jersqu fuqi u jgħiduli li dak iż-żmien li qattajna fil-provi tal-kant kienu mumenti li ma jinsew qatt.

## Jikteb Lelio Spiteri

Iż-żmien jgħaddi wisq malajr u ma niftakarx eżatt meta bdejt immexxi l-kor tal-parroċċa tagħna. Li hu żgur hu li kont għadni daqsxejn ta' adoloxxent nieqes għal kollox mill-esperjenza li timmatura lill-bniedem u żżejnu b'ħiliet u kapaċitajiet li bihom ikun jista' jaffronta sitwazzjonijiet diversi, l-aktar fejn tiġi biex tmexxi organizzazzjoni, biex tkun il-kaptan ta' bastiment. It-tmun mhux faċli. Dan qed nifhmu illum aktar minn qatt qabel. Imma lura lejn il-passat. Niftakar tajjeb lil Sandro Lateo li kien imexxi l-kor b'ħila. Jekk nikkalkula ftit, malajr nintebaħ li issa ili madwar 20 sena mmexxi l-kor tagħna, kor magħmul minn persuni nisa li bil-vuċijiet sbieħ tagħhom janimaw u jżejnu l-funzjonijiet li jsiru fil-knisja parrokkjali tagħna. Kien Dun Karm Cassar li tani dik l-imbuttatura biex nibda ndoqq fil-knisja. Kellna orgni li kont trid toqgħod tonfoħ b'saqajk, sakemm inxtara wieħed li jaħdem bl-elettriku, sakemm imbagħad f'dawn l-aħħar snin kien inxtara ieħor. Kelli l-opportunita' wkoll li ndoqq l-orgni tant sabiħ li għandna fil-knisja l-qadima, orgni bi storja twila, orgni li llum xjieħ sew u jixraq li 'l quddiem isir restawr fuqu. Mhix ħaġa faċli din, iżda wieħed forsi jikkunsidraha għall-futur. L-ewwel darba li daqqejt fil-knisja ħsibtni ħa mmut bl-eċitament. Bil-kemm bdejt nara t-tastiera. Il-bidu huwa tqil, iżda wara dak in-nhar, ma ħarist qatt lura.



Impenn fil-knisja, impenn f'kor ifisser sagrifiċċju u rabta. Hafna nies juru l-apprezzament tagħhom wara li l-kor ikun anima xi funzjoni partikulari bil-kant sabiħ. Iżda forsi anqas nies japprezzaw il-fatt li dak ikun ifisser sigħat ta' provi. L-istess jgħodd għall-kant li l-kor jipprovdi waqt il-ġranet għeżież tal-festa titulari tal-Madonna ta' Loreto. F'dawn l-aħħar snin, il-provi tal-kor isiru kull nhar ta' Hadd wara l-quddiesa tal-għaxra. Matul dawn is-snin, bil-għajnuna u l-kooperazzjoni tal-membri kollha, dejjem irnexxielna nimxu 'l quddiem u nwettqu dak li kien mitlub minna.

Il-futur tal-kor nixtieq li jkun sabiħ. Qed ngħid dan, għax fl-aħħar snin, in-numru ta' membri naqas u naqas sew. Knisja bħal tagħna tiflaħ kor b'saħħtu, kor numeruż. Ix-xewqa tiegħi hi li jkollna aktar membri fil-kor. Kienet idea tajba ħafna tal-Arċipriet Frankie Bajada li jibda kor għat-tfal. Nittama li dan jingrana u jibqa' miexi 'l quddiem, ħalli maż-żmien, il-membri ta' dan il-kor ikunu jistgħu jsiru parti mill-Kor Lauretana. Dan l-aħħar ukoll, Maria Xerri qed tagħti daqqa t'id u minbarra li ddoqq l-orgni fil-knisja, tgħinni biex isiru l-provi tal-kor.

Il-Kor Lauretana jkompli jekk isib persuni disponibbli li lesti jiddedikaw ftit ħin għall-parroċċa, għall-knisja.

GRAND HOTEL

MGARR GOZO



*Specializing in weddings, engagements, christenings,*
*birthday parties & staff parties.*
*Kindly contact our Restaurant Manager for further information*

# Grand Hotel

Mġarr - GSM 104, Malta

Tel: (+356) 21563840 FAX: (+356) 21559744

e-mail: reservations@grandhotelmalta.com

# Għaqda Drammatika Għajnsielem

## *Tikteb Joanne Debrincat*

L-Għaqda Drammatika Għajnsielem ġiet imwaqqfa fl-1987 minn grupp ta' żgħażagħ li kienu membri tal-Moviment Żgħażagħ Għajnsielem u li kienu jiltaqgħu darba fil-ġimgħa fiċ-Ċentru Parrokjali, li dak in-nhar kien fejn illum hemm id-dar Parrokjali. Is-sena ta' qabel ftit xhur wara li ġie ffurmat dan il-Moviment ġiet imtellgħa għall-ewwel darba rappreżentazzjoni tal-Mejda ta' l-Appostli fuq stil Lhudi. Ir-rispons kien tajjeb ħafna u dan ta kuraġġ biex jitellgħu aktar attivitajiet marbutin mal-Ġimgħa Mqaddsa.



L-iskop ewlieni ta' din l-għaqda kien li jtellgħu dramm tal-passjoni u bl-għajnuna ta' ex-Arċipriet, Mons Ġużeppi Zerafa ġie mtella d-dramm; Il-Qawwa ta' l-Imħabba. Wieħed jista' jgħid li dan id-dramm kien biss kummentarju b'mima, u forsi dak inhar dawn iż-żgħażagħ ftit li xejn ħasbu li ta' kull sena kien ser jibqa' jitgħella dramm b'suċċess . Kull bidu hu diffiċli u dan l-aktar meta biex wieħed itella' drammi ta' dan it-tip, jirrekjedi ħafna spejjes ta' kostumi u armar. Iżda bil-mod, sena wara sena, bdew jiżdiedu aktar kostumi u armar u llum l-Għaqda tiftaħar li għandha vestwarju kbir b'kostumi li huma sempliċi iżda li jikkumplimentaw l-ilbies li kien jintlibes fil-Palestina, elfejn sena ilu.









Bejn l-1987 u l-2006 l-Għaqda Drammatika Għajnsielem telgħet 19 il-dramm fosthom insemmu: Id-Dawl tad-Dinja, Is-Sultan tal-Lhud, L-Akkuża, Imġarrab, Il-Qawmien u S-Salib tal-Fidwa. Tajjeb li ngħidu li darbtejn l-Għaqda Drammatika ġiet mistiedna ttella' d-dramm tal-passjoni fir-rħula oħra Għawdxin. Fl-1988 id-dramm: M'għadekx aktar ilsir, ġie mtella' fil-paroċċa tax-Xewkija u fl-1993 d-dramm: Il-Maddalena ġie mtella' fil-paroċċa ta' San Lawrenz. Drammi oħra ġew mislufa kemm lil parroċċa ta' Kerċem kif ukoll tal-Munxar fejn hawn ukoll ġew milqugħa tajjeb. L-għan ewlieni li għalih kienu jittellgħu dawn id-drammi, kien li permezz tal-palk jitwassal messaġġ marbut mal-passjoni ta' Sidna Ġesu' u li jgħodd għaż-żmien tal-lum. Dawn l-aħħar tlett snin l-Għaqda tellet minflok id-dramm, Via Sagra ħajja fuq iz-zuntier tal-knisja.

Din is-sena l-Via Sagra ngħatat xejra differenti u saret matul it-toroq tar-raħal fejn bdiet fil-Pjazza tad-Dehra kompliet fil-Pjazza il-Qadima u spiċċat fil-Pjazza l-Ġdida u fil-Knisja Parrokjali.

Barra dawn l-attivitajiet, sa mill-1990, l-Għaqda ddeċidiet li tagħti spinta biex il-Purċissjoni tal-Duluri tibda ssir f'forma ta' pageant bis-sehem ta' diversi persunaġġi bibliċi li jirrappreżentaw is-seba' duluri ta' Sidtna Marija. Għalkemm din il-pruċissjoni minn dejjem kienet waħda mill-aktar devota fir-raħal tagħna, illum nistgħu ngħidu li ħadet post aktar prominenti fil-kalendarju tar-raħal tagħna u qed tiġbed ħafna nies.



Għal bosta snin, l-Għaqda Drammatika Għajnsielem ħadet ħsieb attiv ukoll fil-priedka tat-tifel tal-Milied. L-attivita' kienet tikkonsisti billi l-priedka tkun imżewqa b'mima u kant bis-sehem tat-tfal. Is-sena l-oħra l-Għaqda wkoll tat sehem important fil-presepju ħaj li sar fil-raħal tagħna: Betlehem f'Għajnsielem, fejn ħadet ħsieb l-atturi kif ukoll selfet il-vestwarju biex jintuża mill-istess atturi.

Nistgħu ngħidu li l-Għaqda Drammatika Għajnsielem, kienet il-bidu ta' paġna ġdida fir-raħal tagħna, għaliex l-attivitajiet li bdiet torganizza komplew jikbru u l-element żagħżugħ f'din l-għaqda għen biex bosta żgħażagħ jitgħallmu juru impenn kif ukoll it-talenti tagħhom. Wieħed jawgura li dak li bdiet l-Għaqda Drammatika Għajnsielem jibqa' jintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra, għaliex hu mportanti li għaqdiet bħal dawn ikomplu jikkontribwixxu biex ir-raħal tagħna jibqa' ħaj.

# Festa Sant Antnin 2009

## Ċelebrazzjonijiet f'Ġieħ it-Tawmaturgu

*Fra Lorrie Zerafa ofm*



Waqt li qegħdin niċċelebraw bl-ikbar solennita', il-festa titulari ta' raħalna, ser nagħtu ħarsa ħafifa fuq festa oħra li tiġi ċċelebrata ġewwa r-raħal tagħna fil-bidu ta' l-istaġun tal-festi. Qiegħed nagħmel referenza għal festa ta' Sant'Antnin ta' Padova. Festa mill-iżgħar, iżda festa li ma tagħmilx għajb lil raħalna, u b'dan għandna għax inkunu kburin li ġo raħal mhux daqshekk kbir, jigu ċċelebrati żewġ festi.

Din is-sena, il-festa tagħna ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd, 31 ta' Mejju. Nistgħu ngħidu li bħal kull festa oħra, għaliha saru diversi preparamenti. Nistgħu nsemmu xi mumenti li sawwru l-festa. Ingħata bidu għal festa, nhar is-Sibt, 23 ta' Mejju, bil-ħruġ tal-vara qabel il-quddiesa ta' filgħaxija. Il-Ħadd filgħodu, wara il-quddiesa ħareġ il-vjatku solenni akkumpanjat mill-Kor Sant'Antnin, fejn dar diversi djar tal-morda u anzjani tal-madwar. It-Tnejn saret quddiesa għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-knisja u kunvent u wara sar reċiviment tal-festa fil-kurituri tal-kunvent. It-Tlieta kien jum iddedikat lit-tfal, fejn għal ħabta tas-6.30pm, telqet purċissjoni mill-parking tal-kunvent bl-istatwa żgħira ta' Sant'Antnin, li ġiet





merfugħa mit-tfal stess. Wara li ddaħlet fil-Knisja u tpoġġiet f'post xieraq, saret quddiesa għat-tfal u fl-okkażjoni tal-festa tal-patrun tat-tfal, ġew imbierka t-tfal



kollha li kienu preżenti u t-trabi ġew ippreżentati lil qaddis ta' Padova. Wara tkompla il-ferħ tat-tfal b'party fiċ-Ċentru. L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa kienu jiem ta' tħejjija fejn ġie ċċelebrat it-Tridu b'għasar u quddies b'omelija fuq il-virtujiet tal-qaddis, u wara innu, antifona u ċelebrazzjoni ewkaristika. Il-Ġimgħa, wara l-quddies ġiet organiżżata pizza u tombla fiċ-Ċentru



biex inkomplu nlaħħqu ma' l-ispejjeż li ġġib magħha l-festa. Is-Sibt, lejliet il-festa, kellna t-translazzjoni u quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, isqof Emeritus, u wara antifona u barka sagramentali. Iktar tard bil-lejl sar il-marċ mill-banda tar-raħal tagħna fi Triq Sant'Antnin fejn ittellgħet l-istatwa ta' Sant'Antnin quddiem il-Knisja. Il-Ħadd huwa l-jum fejn il-festa tilħaq il-qofol tagħha. Filgħodu ġiet iċċelebrata quddiesa solenni mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada, fejn fl-aħħar tal-quddiesa ġie mbierek u mqassam il-ħobż b'devozzjoni lejn Sant'Antnin. Filgħaxija il-banda Ite Ad Joseph tal-Qala għamlet marċ min-naħa t'isfel ta' Triq Sant'Antnin. Fil-Knisja ġie ċċelebrat l-għasar u quddiesa mill-Vigarju Provinċjali P. Richard S. Grech



ofm u wara bdiet ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa devota ta’ Sant’Antnin akkumpanjata mid-daqq tal-Banda San Ġużepp tar-raħal tagħna. Kien hemm ukoll il-ħruq tal-logħob tan-nar biex ikompli jsebbaħ il-festa. Il-Banda



Mnarja tan-Nadur għamlet programm fuq iz-zuntier tal-Knisja. Wara li l-istatwa daret fit-toroq tal-madwar reġgħet daħlet fil-Knisja fost iċ-ċapċip tan-nies u tpoġġiet



f’posta. Il-Gwardjan P. Joseph Magro ofm għamel xi ringrazzjamenti u ingħatat il-barka ewkaristika. B’hekk iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ġew fi tmiemhom.
Biex sar dan kollu, nistgħu ngħidu li fil-maħżen kien ix-xogħol għaddej matul is-sena kollha. Sar diversi restawr fuq armar antik fosthom il-pedistall ta’ l-istatwa ta’ Sant’Antnin u t-trofej li ġew ukoll irħamati. Saru żewġ



bandalori u pavaljun minn sett li jrid jiżdied matul is-snin li ġejjin u wkoll ġew maħduma diversi liedna. Dan kollu u ħafna xogħol ieħor marbut mas-sena liturġika jsir kollu frott l-ħidma, impenn u sagrifiċċju ta’ diversi persuni li jagħtu l-għajnuna u l-ħin tagħhom fil-Maħżen 13 ta’ Ġunju. Għall-ewwel darba ġew trasmessi live fuq Radju Lauretana, ċ-ċelebrazzjonijiet kollha ta’ ġewwa l-knisja kif ukoll dawk ta’ barra, grazzi u prosit lid-diriġenti u l-preżentaturi kollha ta’ dan ir-radju.. Grazzi mill-qalb lil Banda San Ġużepp ta’ l-impenn u s sagrifiċċju li jagħmlu l-kumitat u bandisti flimkien mas-surmast, biex iferrħu lin-nies li jigu għall-festa. Din is-sena wkoll, b’mod proviżorju, irrikordjat tajjeb l-innu popolari u l-innu marċ ta’ Sant’Antnin li s’issa kienu għadhom qatt ma ġew irrikordjati u hekk ukoll setgħu jindaqqu fuq ir-radju. Grazzi wkoll lill-għaqda ta’ l-armar t’Ghajnsielem li ta’ kull sena tkun ta’ sosten. Hawn jidher biċ-ċar ta’ kemm isiru affarijiet tajbin meta diversi għaqdiet jaħdmu id f’id, dejjem bi skop u għan wieħed; isem ir-raħal. J’Alla dan l-ispirtu jibqa’ jikber u jissaħħaħ fi ħdan ir-raħal għażiż tagħna. Lill-Għajnslemiżi kollha nawguralhom il-festa t-tajba u qaddisa u j’Alla nkunu eżempju tajjeb għal ħaddieħor ta’ kif għandha tiġi ċċelebrata festa nisranija.



Virgo Lauretana



# *Il-Kwadru tat-Twelid tal-Madonna*

***Jikteb Vince Caruana***



**Xogħolijiet ta' Giuseppe Cali' fil-Knisja l-Qadima f'Għajnsielem**

Barra li kien pittur ċelebri, Giuseppe Cali' (1846-1930) kien ukoll skultur, inċiżur, minjaturista u ritrattista hekk kif il-knejjes Maltin tagħna huma xhieda ta' din il-versalita' u l-abbilta' tiegħu. Hekk jidher ukoll fid-diversi kwadri li nsibu fil-Knisja l-Qadima t'Għajnsielem, fosthom l-erba' kwadri laterali li jirrappreżentaw il-Kunċizzjoni, l-Assunzjoni, l-Annunzazzjoni u t-Twelid tal-Madonna. L-ewwel tnejn saru fl-1913 u t-tieni tnejn saru fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1914. Ta' min isemmi li dawn il-kwadri swew Lm18 -il wieħed u ħallsu għalihom is-sajjieda li kienu jaħdmu fuq id-dgħajjes tat-tartarun. Dawn id-dgħajjes kienu waħda ta' Alfonso Grech u ħuh Carmelo Grech u l-oħra ta' Ġanni Grech magħruf bħala "Ta' Somoro", ilkoll minn Għajnsielem. Dawn l-erba' kwadri ġew imbierka mill-Kappillan Mizzi bl-awtorizżazzjoni ta' l-Isqof Djocesan, u l-pittur Cali' kien irregala kwadru zgħir ta' San Pawl fuq talba tal-istess Kappillan Mizzi.



Fl-edizzjoni preċedenti, rajna tajjeb kif żvolġiet il-ħajja ta' Giuseppe Cali' u għalhekk imiss li f'din l-edizzjoni naraw aktar fil-fond il-bixra artistika tiegħu. Kien propju ma' missieru li Cali' għamel l-ewwel passi fl-arti u kien bl-għajnuna ta' wieħed sinjur William Eynaud li Cali' ħalla lil Malta biex mar Napli jkompli l-istudji tiegħu fl-arti. Għalkemm huwa studja taħt Giuseppe Mancinelli, l-influweza tiegħu fuq l-arti ġiet mill-ideat neo-klassiċi. Studja wkoll mill-qrib l-arti ta' Filippo Palizzi, artist realista u wiret ideat oħra minn Nitts u Federico Rossano kif nistgħu naraw fejn tidħol l-arti tal-pajsaġġ ta' Cali'.

Għall-knejjes, Giuseppe Calì daħħal l-idea ta' sentiment retoriku li niżel ferm tajjeb mal-membri tal-kleru Malti. L-aħjar perjodu ta' dan l-artist kien ftit wara mill-wasla tiegħu minn Napli. Xhieda ta' dan huma x-xogħolijiet li jinsabu fil-kollezzjoni nazzjonali fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, l-Belt. Fost l-aqwa xogħolijiet tiegħu f'din il-kollezzjoni, nsibu l-pittura li turi l-mewt ta' Dragut. Hawn tidher il-kapaċita' tiegħu b'mod drammatiku… influwenza li l-familja Cali' kellha fuq l-artist hekk kif it-teatru kien parti ntegrali mill-ħajja tagħhom.

**Il-Kwadru tat-Twelid tal-Madonna**

Il-ġrajja tat-Twelid tal-Madonna nsibuha rrakkuntata f'diversi knejjes Maltin, u Cali' ma naqasx li jirrapprezenta din il-ġrajja f'waħda mill-inkwadri tiegħu li nsibu fil-Knisja l-Qadima. Dan l-inkwadru, xogħol biż-żejt maħdum fuq tila, juri lil Sant' Anna ftit wara t-twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, bilqegħda żżomm lit-tarbija tagħha mgeżwra fi ċraret. Nistgħu ngħidu li l-isfond ta' dan l-inkwadru jagħtina rappreżentazzjoni realistika ta' dar tipika ta' dak iż-żmien, wisq probabli f'Nazaret. Naraw tip ta' drapp kannella skur mdendel mal-ħnejja li probabilment kienet isservi ta' purtiera, mtella' 'l fuq. Dan kien sinjal sabiex juri lin-nisa ħbieb u l-qraba li l-omm ħelset mit-twelid u għalhekk huma mistiedna sabiex jidħlu jżuru lit-tarbija l-ġdida. Il-buqar u l-friskatur li naraw maġenb saqajn Sant'Anna juru wkoll li l-omm hija lesta li tilqa' n-nies f'darha. Harset Sant'Anna tidderiġina għall-persuna femminili b'karnaġġjon skur, li tidher għadha dieħla sabiex tifraħilha. Filwaqt li din qegħda tħares lejn it-tarbija, f'idejha qegħda żżomm kuruna ta' ward abjad u roża, simbolu ta' fedelta'.

Kienet it-tradizzjoni li jieħdu magħhom xi rigal/i bħala turija ta' ferħ. Wieħed ma jistax ma jinnotax l-element ta' drappijiet li permezz tagħhom Cali' rnexxielu jagħti l-ħajja lil dan l-inkwadru. Dan jidher ċar kemm fl-ilbiesi tal-mara, ta' Sant Anna u fil-biċċiet li fiha hija mgeżwra u miżmuma t-tarbija. Ta' min jinnota wkoll l-użu ta' skala ta' kuluri sħan li l-artist għoġbu jżejjen l-ilbies ta' Sant'Anna. Bl-użu ta' dawn il-kuluri, Cali' rnexxielu mhux biss jitfa' l-omm fuq quddiem tal-kwadru, iżda wkoll juri l-importanza ta' din il-figura. Naraw li l-protagonista, t-tarbjia Verġni Mqaddsa Marija, tinsab fiċ-ċentru tal-kompożizzjoni biex b'hekk hi tkun is-suġġett prinċipali. Bla dubju ta' xejn, il-biċċiet bojod u koħol li naraw madwar it-tarbija huma rapreżentazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija li kellha tkun omm Alla. Infatti dawn l-istess kuluri huma sinonimi mal-ilbies tal-Madonna.

**Il-Qagħda Preżenti**

Ovvjament wieħed ma jistenniex li jmur jammira dan l-inkwadru prestiġjuż u jsibu f'qagħda relattivament tajba wara li għaddew ħamsa u disgħin sena minn fuqu bla qatt ma sar xi tip ta' restawr. Bħalma jgħid tajjeb l-qawl Ingliż "A stitch in time saves nine" jiġifieri aħjar tħit punt wieħed minnufih milli disgħa meta jkun tard wisq! Ta' min jkun konxju li dan l-inkwadru huwa parti minn kullana patrimonjali. Huwa d-dmir tagħna li nikkonservaw dak li ħallew ta' qabilna ħalli ngawduh aħna kif ukoll il-ġenerazzjoni t'għada.

**Referenzi:**

Mario Buhagiar (1987), The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 Paintings.
Kan. Guzeppi Zerafa (1989), Ġrajjiet il-Parroċċa t'Ghajnsielem.

# Giuseppe Calì
## 75 sena minn mewtu
### *Jikteb Dun Karm Cassar*



Jekk wieħed iżur xi knisja parrokkjali qadima, aktarx isib li għandha xi biċċa xogħol artistika tal-pittur Giuseppe Calì. Xogħlijiet tiegħu nsibu wkoll fil-kollezzjoni nazzjonali. Diversi djar ta' sidien għonja għandhom ukoll xi kwadru jew studju tiegħu.

Calì twieled fl-14 ta' Awissu 1846, fil-Belt Valletta minn Raffaele Cali u Giovanna Padiglione. Missieru kellu n-namra tal-pittura. Kien ukoll mużiċista tajjeb, tant li kien jaħdem fis-servizz tar-Re taż-żewġ Sqallijiet, u ommu kienet mezzo Soprano. Il-koppja Calì aktarx ġew Malta minħabba ġlieda familjari dwar iż-żwieġ tagħhom, u hawn minn qal li l-inkwiet politiku li ħakem is-Saltna taż-żewġ Sqallijiet inbuttaw lill-koppja Calì jiġu Malta. Kien hemm membri oħra tal-familja Calì li kellhom x'jaqsmu ma' l-arti fosthom in-nannu tiegħu Antonio u z-ziju Beniamoni. Dawn kienu skulturi.



Calì beda jistudja l-arti ta' 17-il sena f'Napli, il-Belt tas-Saltna taż- żewġ Sqallijiet, fl-Accademja *di Belle Arti*. Il-flus kien ħariġomlu n-negozjant Guglielmo Eynaud. F'din l-akkademja, hu sab it-tagħlim u l-pariri ta' Giuseppe Marcinelli. Giuseppe Calì kemm dam f'Napli sab il-ħbiberija ta' Domenico Morelli, kif ukoll ta' Eugene Delacrois. Dawn kienu artisti naturalista u romantiku rispettivament. Waħda mill-ewwel arti ta' Calì kienet *Il-Mewt ta 'Dragut* fis-sena 1867.



Giuseppe żżewweġ lil Perigina Pace fis-sena 1871. Minn dan iż-żwieġ ħarġu għaxar ulied. Skond xi studjużi, Calì ħadem aktar minn 600 biċċa xogħol. Insibu pittura għal fuq l-altari, akwarelli, soqfa tal- Knejjes, portraits u litografiji.



Bejn is-snin 1867 u 1890, ħadem xogħlijiet fejn wera sens ta' romantiċiżmu kbir. L-ilwien kienu qawwija u l-figuri mimlijin ħajja. Wara 1890 kien hemm niżla fil-kwalita' tax-xogħlijiet tiegħu.

Giuseppe Calì pitter f'diversi knejjes fosthom il-Koppla tal-Katidral ta' l-Imdina, fil-knisja tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesu' f' tas-Sliema fejn wera l-aqwa xogħol tiegħu li hu San Ġilormu, f' Hal Tarxien insibu żewġ pitturi importanti, "*L-Adorazzjoni tal-Magi*" u "*L-ħarba lejn 1-Eġittu*". F'San Pawl il-Baħar pitter it-titular li juri l-Addolorata.

Xogħlijiet oħra ta' min isemmi huma, il-Koppla ta' Hal Lija li turi t- Twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu u fir-Rotunda tal-Mosta fejn hemm tmien episodji li juru l-ħajja ta' Ġesu' fil-Knisja ta' San Franġisk fil-Belt Valletta fejn hemm l-Apotheosis ta' San Franġisk. Giuseppe Calì kien sikwit jiffrekwenta r-raħal tagħna. Kien ipoġġi ġo ħanut ta' l-inbid fix-xatt fejn is-sid ta' dan il-ħanut kien imlaqqam tal-Mastulin. Fil-Knisja tagħna nsibu disa' xogħlijiet ta' dan il-pittur li huma San Pawl, il-Qalb ta' Ġesu', il-Lunzjata, it-Twelid tal-Madonna, il-Kunċizzjoni, Santa Marija, Sant' Andrija u Sant' Antnin u qabel dawn it-titular ta' l-artal tar-rużarju. Ta' min jgħid li l-wiċċ ta' Sant' Andrija pittru fuq wiċċ sid il-ħanut fejn' kien imur jixrob l-inbid. Dan ir-raġel kien bil-baffi u għalhekk pitter wiċċ Sant' Andrija fuqu.



Fost il-pitturi-wiċċ (Portraits) insibu l-pittura ta' Dr Zammit Clapp, ta' Dr Adrian Dingli u ta' Fra Krispin li nħadmu mill-artist Giuseppe Calì. Għal dak li hu pajsaġġi, Calì ħadem xi ftit fosthom, Nżul ix-Xemx. Dawk li huma xeni, wieħed jsib idaħħal it-tfajla viċin nixxiegħa, it-TaIba, il-Luzzu, il-Kaċċa u l-Barrakka ta' Fuq fi żmien is-seklu 18.

Giuseppe Calì miet fl-1 ta' Marzu 1930 fl-eta' ta' 84 sena.

# IL-MANN

## *Michael Galea*



***Għal kull xogħol u kiri ta' kumprassuri, JCB u Crane Hire***

"Mann",Triq il-Ġnien,
Għajnsielem - Gozo

**Tel: 21559103**
**Mob: 9942 6327**

# *Karmnu Galea Rapa (1895-1991)*

## *Jikteb Angelo Xuereb*



Meta wieħed jagħmel żjara lill-knisja ta' Lourdes ġewwa l-Imġarr ma jistax ma jiftakarx fil-ħidma ta' Karmnu Galea Rapa.

Karmnu twieled fit-31 ta' Ottubru 1895 f'Għajnsielem u kif kienet l-użanza tgħammed mill-Arċipriet ta' dakinhar Dun Pietru Pawl Galea. Meta tfarfar beda jattendi l-iskola primarja ta' Għajnsielem u wara għadda għas-Seminarju ta' Għawdex. Ta' min isemmi li qatt ma kien intern jiġifieri joqgħod hemm iżda kien imur għall-iskola biss.

Meta spiċċa l-iskola beda jaħdem fl-Imġarr Għawdex bħala skrivan u matul ħajtu għamel dan ix-xogħol ma' xi tliet jew erba' negozjanti. Kien bniedem ta' integrità kbira u kien fdat ħafna fix-xogħol tiegħu. Għen kemm felaħ lill-ħaddiema tal-port tal-Imġarr magħruf bħala x-Xatt. Biex nifhmu dan irridu nġibu quddiem għajnejna s-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien. Għalkemm kien hemm trasport bejn Malta u Għawdex permezz ta' vapur, il-ġarr tal-merkanzija kien isir permezz tad-dgħajjes magħrufa bħala tal-pass jew tal-latini u dan ix-xogħol kien iebes ħafna. Dam jaħdem ta' skrivan sakemm kellu 82 sena. Permezz tal-impjieg tiegħu, huwa ta xhieda verament nisranija.

Kien attiv ħafna fil-parroċċa ta' Għajnsielem. Kien jgħid ir-Rużarju waqt il-quddies, peress li kien isir bil-Latin, u n-nies kienu jgħidu din it-talba. Kien jattendi kważi għall-funzjonijiet kollha tal-knisja kif ukoll kien jgħid ir-Rużarju waqt il-purċissjonijiet. Kien jaħdem ukoll għall-festa billi jiġbor il-flus għall-banda u anki għannar u jorganizza l-marċ ta' lejlet il-festa. Iżda fil-festa ma kienx ifalli l-funzjonijiet li jsiru fil-knisja.

Kien devot ħafna tal-Madonna speċjalment taħt it-titlu ta' Lourdes. Serva bħala sagristan tal-knisja tal-Madonna ta' Lourdes fl-Imġarr għal kważi sittin sena. Qabel ma kien imur għax xogħol kien imur jiftaħ il-bieb ta' din il-knisja u jħalliha fuq il-kanċell. F'nofs in-nhar waqt il-break tax-xogħol kien jerġa' jmur u wara li jispiċċa fil-għaxija kien imur jagħlaqha. Għamel kemm seta' opri biex isebbaħ dan is-santwarju u ħadem biex din il-knisja jkollha sagrestija, artal sabiħ, u sett ta' gandlieri bi stil gotiku biex jintużaw waqt id-dehriet, u l-qniepen ta l-istess knisja. Għal dan il-għan kien imur fuq il-vapur u anki fuq id-dgħajjes tal-pass biex jiġbor xi ħaġa għal dan is-santwarju.

Huwa kien jgħin lil ħuh Mons. Ġużepp Galea Rapa, li kien Rettur ta' din il-knisja fit-tmexxija tiegħu, speċjalment fl-organizzazzjoni tad-dehriet ta' Lourdes. Kien jagħmel ħiltu kollha biex iħeġġeġ lill-Kappillani mhux biss ta' Għawdex iżda anki minn Malta biex jiġu jżuru u jinvistaw lill-Madonna ta' Lourdes. Ħadem ħafna biex iżejjen l-artal ta' din il-knisja. Billi l-post li kien jaħdem fih kien qrib tal-knisja ta' Lourdes, minn ħin għall-ieħor kien joħroġ u jinvista l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li qiegħda fis-sies u tidher b'mod sewwa mill-port tal-Imġarr kollu.

Matul it-tieni gwerra dinjija, huwa ħadem kemm felaħ biex il-ġurnal Leħen is-Sewwa jitwassal minn Malta u jieħu ħsieb li jasal f'kull raħal ta' Għawdex għand id-distributuri. Dawn imbagħad kienu jqassmuha fid-djar. B'dan il-mod ħadem ukoll biex il-messaġġ nisrani jasal fid-djar b'mod dirett. Kien ħabib ukoll tal-Editur tal-Leħen is-Sewwa Dun Salv Bartoli, li matul il-gwerra kien refuġjat f'Għajnsielem. Ħadem ħafna sabiex l-attività tat-tberik tal-baħar, li saret għall-ewwel darba bħala parti mill-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali li sar fl-1929, tkun suċċess.

Ma nkunux għedna kollox fuqu jekk ma ngħidux li Karmnu kien ġuvni. Darba xi ħadd irrimarku l-għala ma kienx iżewweġ u Karmnu dlonk wieġbu li l-għarusa tiegħu kienet il-Madonna. Kien membru attiv tal-Azzjoni Kattolika sa mill-bidu tagħha f'Għawdex. Għamel xi żmien membru tal-Leġjun ta' Marija.

Tqarbina ma kien jitlifha qatt u kien jisma' aktar minn quddiesa waħda kuljum. Karmnu kien bniedem twajjeb, umli u reliġjuż. Ta' min isemmi li kien dilettant kbir tal-knejjes u l-opri li hemm fihom.

Karmnu kien bniedem ta' talb. Kien jitlob ħafna għall-qdusija tal-kleru u kellu rispett kbir lejn is-saċerdoti. Barra ħuh, li kien qassis għandu n-neputi tiegħu wkoll saċerdot, li huwa Dun Tarċies Attard. Fil-mard qatt ma kien jilmenta u kien jieħu kollox minn idejn Alla.

Miet fl-Isptar ta' Għawdex fis-27 ta' Frar 1991 fl-eta ta' 95 sena u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Għajnsielem.

(Dan l-artiklu huwa msejjes fuq intervista lil Dun Tarċies Attard f'20 ta' Ottubru 2008 u lil Dun Karm Cassar fis-26 ta' Ottubru 2008).

# Mons. Ġużeppi Galea Rapa

## L-ewwel rifurmatur tal-Banda San Ġużepp

### *Jikteb Dun Karm Cassar*

Ġużeppi Galea, iben Toni Galea u Antonia imwieled Rapa twieled f'Għajnsielem fi żmien il-pontifikat ta' Dun Pietru Pawl Galea DD li mexxa l-parroċċa mill-1868 sal 1900

Bħat-tfal l-oħra tar-raħal ċertament iffrekwenta l-iskola elementari governattiva minn fejn għadda għal dik sekondarja fil-belt Vittorja u, allura, għax ħass is-seħja għall-ħajja saċerdotali kompla l-istudju tiegħu, bħall-kandidati oħra għas-saċerdozju fis-seminarju Maġġuri fi żmien l-isqof Giovanni Marija Camilleri O.E.S.A. li hu wkoll ordnah saċerdot fil-Kattidral ta' Għawdex fid-19 ta' Diċembru 1919. Minħabba li f'Għajnsielem, kien jinsab saċerdot ieħor li jġib l-isem ta' Dun Ġużepp Galea, nassumi li n-novell Saċerdot żied mal-kunjom 'Galea' dak ukoll ta' Rapa biex ma jkunx hemm ambigwita' meta jiġu msemmija.



Ma nafx ngħid meta lil Dun Ġużepp ingħatalu l-kariga ta' Prokuratur tal-parroċċa, ngħid biss li maż- żmien tal-prokuratura tiegħu saru diversi opri fil-parroċċa, fosthom dik tat-28 ta'Ottubru 1920, jiġifieri sena wara li sar saċerdot, ta' Kaxxier tal-Kumitat tal-bini tal-Knisja l-ġdida, fil-waqt li Dun Alfonz Mizzi kien is-Segretarju tal-Kumitat u l-Kappillan Mizzi kien il-President. (ara ġrajjiet il-parroċċa, Arċ.Ġ.Zerafa paġ 40)

Billi Dun Ġużepp kien iħobb joħlom b'affarijiet kbar ma naħsibx li nkun il-bogħod wisq mill-verita' jekk ngħid li l-idea ta' bini tal-knisja ġdida u hekk kbira, setgħet kienet idea tiegħu, kif tiegħu wkoll, kienet dik ta' binja hekk kbira ta' l-Istitut il-ġdid ta' San Ġużepp, kif ukoll it-twaqqif ta' stamperija: Fi żmienu wkoll, kienet saret il-purċissjoni grandjusa tat-Tberik tal-Baħar fil-Kungress Ewkaristiku Djoċesan fil-1929, u wkoll il-bini ta' oqbra fiċ-ċimiterju tal-parroċċa fis-sena 1934, il-paviment tal-knisja l-Qadima u imbagħad il-ħafna festi titulari li saru fiż-żmien il-prokuratura tiegħu. Holma oħra tiegħu, kienet żgur il-bidu tal-gazzetta "Għawdex" u l-istampar tal-Almanak ta' San Ġużepp li kien jibgħat barra minn Malta lil Ditti barranin biex jiġbor fondi għall-bini tal-Istitut ġdid.

Fis-sena 1924 Dun Ġużepp Galea Rapa, mgħejjun minn ħuh Karmelo, devot kbir tal-Madonna, ħa l-inkarigu tal-Knisja ta' Lourdes u bħala Rettur tagħha dam sa ma miet f'Novembru 1976. Fiż-żmien ir-Retturat tiegħu (biex insemmi xi ħaġa) sar il-bini tas-sangristijiet tal-knisja, il-pavimenti tal-art, sar artar tal-irħam hekk sabiħ u li għamlu b'sett gandlieri gotiċi mill-isbaħ; ġab mill-Olanda sett armoniku ta' qniepen il-ġmiel tagħhom, u wkoll magħhom l-arloġġ tal-kampnar. Naħseb l-ikbar ħaġa ta' fejda li għamel kien it-twaqqif tad-Devozzjonijiet li jsiru fil-granet tad-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes. Maż-żmien kompla żejjen ukoll il-knisja bil-linef u lampieri, u wkoll fi żmienu li nġabet l-istatwa ta' Santa Bennardetta u armonjum bil-memfaħ tar-riġlejn, u wkoll l-artal mejda, u naħseb ukoll li waqqaf xi funzjonijiet għaċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fid-Dehriet u forsi wkoll ħwejjeġ oħra li jiena ma nafx bihom jew li ħarġu minn moħħi.

Niftakru jien lil Dun Ġużepp mhux biss prokuratur tal-knisja iżda wkoll organista, Assistent Ekk. tal-Azzjoni Kattolika tal-Fergħa tal-ġuvintur, organizzatur ta' pellegrinaġġi u ta' ġiti u meta s-Soċjeta' ta' San Pawl, imwaqqfa minn Mons.Ġużeppi De Piro, fiż-żmien l-Arċisqof Mauru Caruana, ħalliet id-direzzjoni tad-Dar ta' San Ġużepp u għaddieta f'idejn id-Djoċesi ta' Għawdex, Dun Ġużepp Galea Rapa ġie maħtur bħala l-ewwel Direttur Djoċesan ta' din id-Dar. Dun Gużepp Galea mgħejjun minn oħrajn, fosthom it-twajjeb u qatt minsi Dun Ġwann Galea (Mons,) mix-Xagħra Għawdex, għal żmien twil ħafna mexxew flimkien, bħala żewġ aħwa, dan l-Istitut tat-tfal orfni, u għamlu fih diversi bidliet strutturali.

Mons. Ġużeppi De Piro f'din id-dar ta' San Ġużepp fis-sena 1928 waqqaf il-banda, ġeneralment imsejjħa ta' San Ġużepp, u fit-Tletinijiet din il-banda, jew aħjar it-tfal bandisti, b'intervent ta' Dun Ġużepp Galea Rapa ġew amalgamati mat-tfal tal-Azzjoni Kattolika ta' Għajnsielem, billi f'dak iż-żmien Dun Ġużepp kien ukoll l-Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirclo Virgo Laurentana u b'hekk ġiet salvagwardata l-Banda mix-xogħlijiet tagħha, u fosthom, bħala membru tal-Azzjoni Kattolika, u bħala bandist, kont magħhom jien ukoll.

Meta Dun Ġużepp, minnħabba l-eta' u s-saħħa ħalla d-Direzzjoni tal-Istitut, ġie b'rikonoxximent tal-ħidma ħabbrieka tiegħu onorat bit-Titlu ta' Monsinjur, u dejjem baqa' pero' anke meta rikoverat fid-dar tiegħu jaħseb u joħlom dwar Għajnsielem. Mons. Ġużepp Galea Rapa kien l-aħħar Saċerdot Djoċesan Għajnselmiż li għex, ħadem, u miet f' Għajnsielem. Hu ħalla f'eta' veneranda ta' aktar minn 80 sena dan il-Wied tad-Dmugħ u għadda għal għand il-Mulej fit-8 ta' Diċembru 1976. Illum għandna f'Għajnsielem Triq wara l-Knisja msemmija għalih kif kien jixraq li jsir li ġġib l'isem "Triq Dun Ġużepp, Galea Rapa".

# Il-Fortizza li qatt ma rnexxielha ssir belt!

***minn John Cremona***



Waħda mill-isbaħ u żgur l-akbar inċiżjoni li teżisti ta' Għawdex hija din li turi l-fortizza ta' Chambray u l-port tal Imġarr magħmula minn A.F. Gervais Depalmeus fl-1754.

The Anton Cassar Primary School together with the Gozo Collage organized a Field Day which included several activities targeting the mental and physical wellbeing of children in primary education. It ensures that all students take part in sporting activities irrespective of their age, gender or competiveness.

## Blacks play well but lose to Senglea
**(Wednesday, 19th November 2008)**

Ghajnsielem F.C. played another friendly match at the Victor Tedesco Stadium in Hamrun, this time against first division Senglea Athletics. The Blacks lost 1-3 and were unlucky not to claim a second goal when his shot came back off the bar. The Blacks dictated matter for most of this encounter and were unfortunate to concede three soft goals.

## Blacks impress in Malta
**(Tuesday, 11th November 2008)**

Ghajnsielem F.C. put four past M.F.A. premier division side Msida St. J. in a friendly match played this evening. Blacks earned plaudits from Msida and Hamrun fans in attendance, and stirred Club officials into commenting that this was Ghajnsielem's most polished performance in recent memory.

## War Victims Remembered
**(Sunday, 9th November 2008)**



This morning, Ghajnsielem joined the rest of the Commonwealth to mark Remembrance Day to honour the victims of the two world wars. Several people gathered to pay tribute to the victims War Memorial in a short but commemorative ceremony was organized by the Ghajnsielem Local Council. Mayor Francis Cauchi made a short speech for the occasion.

## Commemoration of All Saints and All Souls
**(Sunday, 2nd November 2008)**

November is seeing hundreds of Ghajnsilmizi coming into the Sanctuary of our Lady of Loreto to keep the commemoration of All Saints and All Souls. They may not be days of obligation but, besides being liturgically significant they have particular resonance in Maltese culture.

## Blacks fritter points away
**(Wednesday, 30th October 2008)**

Ghajnsielem led Victoria Hotspurs all the way up to the 42nd minute of the second half, only to concede yet another soft goal, and thus squander precious points against the league leaders. The morale sapping 1-1 draw leaves the Blacks fourth in the table, 5 points behind the same Hotspurs team.

## Getting back 'on track'
**(Thursday, 23rd October 2008)**

In a statement issued this evening, Ghajnsielem F.C. President Sammy Rapa made an apology on behalf of players, coaching staff and committee to all the Club supporters for the poor performance against Sannat Lions. During a workshop, several important factors were identified for this defeat including unsuccessful approach and lack of responsibility. The players vowed to do their best in order for the team to get back 'on track'.

## Heavy defeat for Blacks
**(Monday, 20th October 2008)**

Ghajnsielem dropped to their first league defeat of the season after they fell heavily to Sannat Lions 0-4. Although Sannat deserved their win, which makes them joint leaders Ghajnsielem probably consider themselves unlucky having had Errol Grima and N'dayi Kalenga efforts thunder off the crossbar at crucial moments.

## Tolfa students end successful 5-day visit
**(Monday, 13th October 2008)**

A delegation of around 20 primary school students from the Italian village of Tolfa have just ended a 5-day cultural exchange visit in Ghajnsielem. The group was led by Tolfa Mayor Dr Alessandro Battilocchio and their itinerary included several tours around Malta and Gozo together with several extracurricular activities.

## Blacks in draw against Victoria Wanderers
**(Sunday, 12th October 2008)**

Ghajnsielem and SKVW featured in a highly entertaining match. The 1-1 final score was a fair result. There were several good performances in the Blacks' line-up, including the midfield tandem of Tunde Lateff and Franklee Galea, who saved the Blacks with a goal-line clearance late in the match.

## Work on 'live crib' at Ta Passi fields start
**(Saturday, 11th October 2008)**

On Saturday, dozens of volunteers started to clean 'Ta Passi' fields and restoring over 200 meters of rubble walls as the 'Bethlehem in Ghajnsielem' project is starting to take shape. On Sunday morning, Parliamentary Secretary Hon. Chris Said made a site-visit where he was given a brief update.

## Christmas Village: Meeting for Volunteers
**(Monday, 6th October 2008)**

The St Joseph Band Club hosted the second meeting for the 'Bethlehem in Ghajnsielem' project which was well attended by several volunteers. Mayor Francis Cauchi steered the meeting explaining that works are expected to start immediately. On Saturday a number of volunteers will clean 'Ta Passi' fields.

## Blessing of the Animals
**(Sunday, 5th October 2008)**



The Franciscan community together with the rest of the Catholic world celebrated the feast of St Francis of Assisi with the highlights taking place on Sunday morning during the blessing of the pets and horses. Meanwhile, on Saturday, the Prim Minister Dr Lawrence Gonzi was present at a concelebrated Mass.



### Blacks beat Nadur Youngsters 1-0
**(Friday, 3rd October 2008)**

Errol Grima's goal mid-way through the second half was all that the Blacks needed to beat Nadur in the second outing of the season. Three years of futility against the three-time, defending champions came to an end as the Blacks finally win one against the whites in the league.

### Christmas Village 2008: Works start
**(Thursday, 2nd October 2008)**

The Ghajnsielem Local Council together with the main organizations this evening laid out the plans for an exiting project which is being planned in Ghajnsielem this Christmas. The whole 'Ta Passi' area will literally be transformed into "live crib" and will offer a naturalistic reproduction of the environ of Bethlehem.

### Blacks fail to hold lead against Qala
**(Wednesday, 25th September 2008)**

Ghajnsielem F.C. failed to hold on to a 2-1 lead and let Qala St. Joseph. Errol Grima equalized late in the first half from the penalty spot, following Ricardo Saverino's opener. In the 2nd half Grima scored a marvellous goal to put the Blacks ahead. Then Saverino poked home off the post to earn his side a point.

### Snooker committee organizes BBQ Night
**(Friday, 19th September 2008)**

Just a few days before 2008/9 snooker season starts, the Snooker committee has organized it's first fund-raising activity in the form of a BBQ Night at the St Joseph Band Club premises. During this event which was attended by several enthusiasts, Larry Buttigieg presented trophies to the U21 League winners.

### Visit to Lourdes
**(Friday, 19th September 2008)**

A group of about 40 people from Ghajnsielem have returned from a seven-day visit in Lourdes, France. The group even had a close encounter with Pope Benedict XVI who visited the shrine to celebrate the 150th anniversary of the Apparitions. This was the second tour organized to Lourdes in 2008.


# SALVU CASSAR
# AUTO PARTS

## *Commercial Sales*
## *Engines and Parts*

**Kull tip ta' magni tal-Ġappun u ta' l-Ingilterra**

N.B. Triq Fortunato Mizzi
Victoria
Tel: 2155 2922
Mob: 7971 0384

50 Triq l-Imġarr
Għajnsielem
Tel: 2155 6674
Mob: 9947 5746

# Back in Gozo after 230 Years

***article taken from Ghajnsielem.com***

A bronze statuette discovered in Ghajnsielem in 1771 is currently on show at the Exhibition Hall of Heritage Malta's Area Office at the Cittadella, Victoria, Gozo. This statuette is being exhibited for the first time in Gozo since its discovery two hundred and thirty eight years ago.

The importance of this statuette lies in the fact that it belongs to an obscure period of our islands' history. The statuette probably belongs to the Byzantine rule in Gozo. The circumstances and exact find spot of this statuette are unknown, but important books which deal with the history of the Maltese Islands speak about the discovery of this artifact in Gozo.

A number of original books, engravings and manuscripts which feature this discovery are also on show in the same exhibition and include the Malta Illustrata (1772) by Giovannantonio Ciantar, Ancient and Modern Malta (1804) by Louis de Boisgelin, Malte par un Voyageur Francois, Malta, (1791) by Francois-Emmanuel Guignard, Comte de Saint-Priest and Frédéric Lacroix, 'Malte et le Goze' in D'Avezac's Isole dell'Africa (1851) as well as a manuscript from the archives of the Parish Church of Ghajnsielem.
The statuette represents a seated man on a wicker basket with upraised arms, one holding a bowl and the other the feet of another figure which was broken off in antiquity.

An interesting feature of this statuette is a number of curious symbols which have been interpreted as religious Gnostic symbols. The Gnostics were a popular religious and philosophical movement in the Roman world of the second and third centuries.

This statuette is placed on permanent display at the Gozo Museum of Archaeology.



**Salvu Zammit & Sons Ltd.**

**BUNKERING**

Anthony Zammit
(Director)

Bunkering Lic. N°: 3
16 Shore Street,
Mgarr Harbour GSM 104
Island of Gozo, Malta.

Tel: 2155 6829
Fax: 2155 2549
Mob: 9949 6465
Residence Tel: 2155 5618

**ATTARD**
**SERVICE STATION**

*Puncture Repairs,*
*selling of new*
*Tyres, Oil, Filters &*
*Lubricants*

**Mgarr Road, Xewkija,**
**Tel: 2155 6709**



# Benefits regarding Music

## Healthy Life and obtaining stronger values

*By Robert Grima*



In this fast living society parents normally bark out the importance of education and the will to spend hours studying with the aim to achieve the required grades. With this prospect one can notice that there are less children practicing any kind of sport or art. Fault cannot be given to an individual and therefore everybody has to work collectively to control this embarrassing situation.



Experts have proclaimed that the best way to safeguard ones health is to be an active person. Stress may be one of the main triggers of this life threatening combination. Music is regarded as one of the best medicine that diminishes stress. How does a teenager react to stress? - Smoking, overeating, drinking too much and excising too little. These are all issues that lead a person to self destruction.

Music can also be helpful for older people. Evidence linking depression to an increased risk of hearth attack has been growing. Therefore music helps every individual to live in a better quality of life. Unfortunately diseases could be everybody's Christmas present.

So, what are the benefits that help children in life with music? First of all early musical training helps develop brain areas involved in language and reasoning. From a young age students learn the value of sustained effort to achieve excellence and concrete rewards for hard work with the help to think creatively and the ability to solve problems.

Nowadays nobody can be successful with the help of others. Therefore, teamwork is a very important value



in life and music study enhances teamwork skills and discipline. All players must work together for a single goal. Luckily enough music is a means of self expression and help people to conquer fear and take decisive risks.

On personal basis I can notice a change in my character regarding that I have learnt more how to cooperate with one another. I have few working experience but the value of "doing", as opposed to observing is guaranteed when took music seriously. Music brings sharper concentration and more alert thinking. It also helps to keep anxiety at bay. (Maybe this is the secret why musicians date women/men easier.)

Through music a person can be successful in the society, in developing intelligence, in school, and also success in life. Music is a part of the fabric of our society. Human uses music to carry forward its ideals and ideas. Skills learned through the discipline of music, these commonly transfer to study skills, communication skills and help students to work effectively in schools environment. When considering success in life one is not only mentioning employment, social structures but also psychological, spiritual and physical.

All in all playing an instrument is fun. Sure, it is a lot of hard work but many consider taking music on professional basis. Finally, music gives good possibilities that will surely enrich anyone's lives.



# 2009
# Is-Sena Internazzjonali tal-Astronomija

*Joseph Caruana Jr.*



Kif kont għidtilkom sena ilu, is-sena 2009 hija s-Sena Internazzjonali tal-Astronomija. Giet magħżula din is-sena proprju għax 400 sena ilu, ix-xjenzat taljan Galileo Galilei kien l-ewwel persuna li dawwar teleskopju lejn is-sema u għamel skoperti li kellhom riperkussjonijiet kbar. Il-Knisja kienet tgħallem li d-dinja tinsab fiċ-ċentru tal-univers u x-xemx u oġġetti oħra (bħal pjaneti) jduru magħha. Galileo ħares lejn il-pjaneta Jupiter u nduna li dan ma kienx minnu meta ra li din il-pjaneta kellha erba' oġġetti jduru magħha (illum il-ġurnata huma magħrufin bħala "Galilean moons"). Galileo ġie f'inkwiet kbir mal-Knisja talli sostna dan il-punt, avolja kellu raġun. Iżda l-iskoperti ta' Galileo kienu tarġa importanti fir-rivoluzzjoni xjentifika.



Nikkwota frażi tal-bord eżekuttiv tal-United Nations Scientific and Cultural Organization (UNESCO) dwar il-proklamazzjoni tas-sena 2009 bħala s-Sena Internazzjonal tal-Astronomija: "L-umanita' dejjem osservat is-sema jew biex tinterpretah jew biex tifhem il-liġijiet fiżiċi li jiggvernaw l-univers. L-interess fl-astronomija għandu implikazzjonijiet profondi għax-xjenza, filosofija, reliġjon, kultura, u l-fehma konċettwali ġenerali tagħna dwar l-univers". Wieħed ma jistax jagħżel frażi aħjar minn din biex juri l-firxa tal-impatt li l-astronomija għandha fuq il-ħajja tagħna. L-astronomija kienet, għadha u tibqa tbiddel il-ħsieb tagħna dwar l-univers u l-pożizzjoni tal-bniedem fih.

Ngħaddi biex niddiskuti ftit xi wħud mill-avvenimenti li ġraw din is-sena fid-dinja tal-astronomija. Se nikkunsidra tlett satelliti li ntbagħtu fl-ispazju, kollha bi skop differenti. Waħda mill-iktar mistoqsijiet importanti għall-umanita' (jekk mhux l-iktar waħda) hija jekk hemmx ħajja fuq pjaneti oħrajn. Għal din ir-raġuni, f'Marzu li għadda ntbagħtet satellita bl-isem 'Kepler' li wieħed mill-iskopijiet prinċipali tagħha huwa li tfittex għal pjaneti li jista' jkollhom kundizzjonijiet tajbin għall-ħajja. Min jaf kemm-il pjaneta tista' tinstab li kappaċi żżomm il-ħajja fuqha?

Satellita importanti oħra li ttelgħet fl-ispazju f'Mejju ta' din is-sena ġġib l-isem 'Planck'. Qabel inkellimkom fuq x'se tagħmel is-satellita nnifisha, irrid infiehmkom ħaga oħra. Meta beda l-univers, ħalla radjazzjoni li għadna nistgħu naraw sal-lum il-ġurnata. Meta tixgħelu t-television (analog mhux digitali) u ma tkunu qed taqbdu l-ebda stazzjon partikolari, taraw dak li gieli nsejħulu ross – interferenza li tidher bħala tgerfix abjad u iswed. Il-maġġoranza ta' dan is-sinjal tiġi minn trasmissjonijiet fuq id-dinja tagħna stess, pero ammont zgħir (madwar 1%) ta' dan is-sinjal jiġi proprju mir-radjazzjoni tal-bidu ta' l-univers, dik li tissejjaħ l-*Cosmic Microwave Background Radiation*. Jiġifieri t-television tagħkom ikun qed jaqbad sinjal ta' radjazzjoni mill-bidu tal-univers! Naturalment,



minn dan is-sinjal nistgħu niksbu informazzjoni siewja ħafna dwar l-ewwel mumenti ta' l-univers, u dak huwa x-xogħol ewlieni tas-satellita 'Planck'.

Flimkien mas-satellita 'Planck' ittelgħet satellita oħra bl-isem 'Herschel'. Din se tkun qiegħda tgħinna nifhmu aħjar kif iffurmaw il-galassji (galassja hija grupp kbir ta' kwiekeb) meta l-univers kien għadu ħafna iżgħar mil-lum. Se tgħinna wkoll nistudjaw il-formazzjoni tal-kwiekeb kif ukoll il-kompozizzjoni kimika tal-atmosferi ta' pjaneti fis-sistema solari, u anke l-kimika molekulari tal-univers. Issa nistennew ir-riżultati tul is-snin li ġejjin. Huwa tassew żmien interessanti għall-astronomija.

Huwa bi pjaċir li ninnota dwar kemm din is-sena kienet waħda interessanti anke għal Malta. F'Jannar ta' din is-sena kellna fostna xi wħud mill-aqwa astronomi waqt konferenza li organizzajna f'pajjizna stess. Tul din il-konferenza ġie diskuss l-iżvilupp ta' l-ikbar teleskopju radju li se jiġi mibni minn ħmistax-il pajjiż differenti (fosthom l-Ewropa, l-Amerika, l-Awstralja, l-Kanada, iċ-Ċina, l-Indja u l-Amerika t'isfel). Permezz tal-*Square Kilometre Array*, kif inhu magħruf dan it-teleskopju, se nkunu nistgħu nistudjaw il-gassijiet fil-bidu tal-univers, u b'hekk nindirizzaw xi wħud mill-iktar mistoqsjiet fundamentali dwar l-oriġini u l-evoluzzjoni ta' l-univers.

Kellna fostna wkoll lix-xjenzat Nigel Mason mill-Open University li ta taħdita ġewwa l-universita' ta' Malta dwar l-oriġini tal-ħajja. Il-pubbliku rrisponda tajjeb u kien hemm attendenza eċċellenti. Iktar tard din is-sena wasal Malta l-aħħar astronawta li niżel fuq il-Qamar – Harrison Schmitt. Apparti li huwa astronawta, Harrison Schmitt huwa senatur Amerikan, ġeologista, pilota, amministratur, businessman u kittieb. Ta żewġ taħdidiet tassew interessanti ġewwa l-universita' waqt li kien Malta – waħda dwar l-esperjenza tiegħu meta niżel fuq il-Qamar u l-oħra dwar l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tal-ispazju. Kienet tassew żjara f'waqtha, hekk kif is-sena 2009 timmarka wkoll l-erbgħin anniversarju minn meta l-bniedem niżel għall-ewwel darba fuq il-Qamar. Dawk kollha li attendew żgur li se jibqgħu jgħożżu l-laqgħa magħhom ma' dan l-astronawta.

Għal Ottubru li ġej ġiet organizzata konferenza oħra li se tinżamm ġewwa Malta. F'din il-konferenza se jippartecipaw madwar mitt astronomu minn kemm-il pajjiż. It-tema ta' din il-konferenza hija l-formazzjoni tal-galassji. Il-formazzjoni tal-galassji hija affetwata ħafna minn komponenti u proċessi li huma skuri, oskuri jew ma jidhrux ħafna. Għalhekk din il-konferenza ġiet imsemmija "Hunting for the Dark".
Fi ftit kliem, is-sena 2009 s'issa kienet u se tibqa'



sena tassew interessanti għall-astronomija, anke f'pajjiżna. Bħal dejjem, tistgħu ssegwu informazzjoni dwar attivitajiet imħejjija mill-Għaqda Maltija ta' l-Astronomija fuq www.maltastro.org u mill-kumitat Malti għas-Sena Internazzjonali ta' l-Astronomija fuq: http://iya2009malta.page.tl



# Qxur Tradizzjonali tal-Baħar

*Joseph Caruana Sr.*



Jekk wieħed idur dawra max-xtut u l-portijiet Maltin u Għawdxin, wieħed għadu jista' jara xi qxur tradizzjonali Maltin li sfortunatament qed jispiċċaw ftit ftit minħabba li ftit li xejn għadhom jinbnew. Dan ispirani biex nikteb xi ħaġa ħafifa dwar l-iżvilupp tal-bastimenti u qxur oħra żgħar f'Malta u Għawdex.

Bħal kull min jgħix fuq art zgħira u gżira l-abitanti ta' dawn il-gżejjer minn dejjem ħassew il-bżonn li parti mill-għixien tagħhom jiġi mill-baħar, bħalma hu s-sajd. Hekk ukoll hija ħaġa naturali li jinħass il-bżonn li b'xi mod jagħmlu kuntatt ma' artijiet oħra. Imma naħseb li l-ewwel prijorita tagħhom kienet li jistabilixxu kuntatt bejn iż-żewġ gżejjer prinċipali, Malta u Għawdex. Fi żminijiet bikrija, dan il-kuntatt seta' jsir biss bil-baħar u dan b'ħafna diffikulta u tbatija. Mid-dokumenti ta' l-istorja nafu li fl-1242 ġa kien jintuża trasport stabbilit bejn iż-żewg gżejjer.

F'Malta, fit-tempji ta' Ħal-Tarxien jinsabu graffiti li juru xi forma ta' mirkeb tal-baħar li meta ġew investigati ġew datati li jmorru lura għal madwar 1600 Q.K. Graffiti oħra juru mriekeb ta' żminijiet differenti bi żviluppi interessanti minn żmien għal żmien. Dan jindika li xi nies barranin ġa kienu jżuru dawn il-gżejjer fi żmien hekk bikri. Bil-mod il-mod bdew iseħħu ċerti żviluppi fil-bini tal-bastimenti fl-artijiet li jmissu mal-mediterran. Bdew jinbnew bastimenti għal għanijiet differenti, bħal imriekeb apposta għall-taqbid u oħrajn għat-tgħabija, barra dgħajjes żgħar għas-sajd. Sa dan iż-żmien, kull qoxra tal-baħar kienet timxi jew bil-qdif jew bi qlugħ kwadru. Maż-żmien, l-Għarab introduċew fil-Mediterran il-qlugħ latin li kien ħafna iktar effiċjenti mill-qlugħ kwadru għax bih kont tista' titla' kontra r-riħ. Ġie introdott ukoll it-tmun fil-poppa flok dawk tal-ġnub. Bdew jiżdiedu wkoll l-arbli u flok wieħed saru tnejn u anke tlieta.

Hawn Malta diġa kien isir bini ta' bastimenti qabel ġew il-kavallieri ta' San Gwann fl-1530. Imma mal-wasla ta' l-ordni s-sengħa tal-bini tad-dgħajjes u bastimenti kompliet tikber u tiġi irfinuta fit-tarzna tal-Birgu. Permezz ta' din it-tarzna nies lokali ġew mgħallma bħala bennejja tal-bastimenti u snajja oħra konnessi mal-baħar, bħal kurdara li jaħdmu l-ħbula u veliera li jħitu l-qlugħ. Malta qatt ma kellha boskijiet li jipproduċu l-injam meħtieg għall-bini tal-bastimenti. Għalhekk, l-injam kien jiġi impurtat minn Sqallija, Venezja, Albanija u pajjiżi oħra mill-Balkani. Biex inaqqsu l-ispejjeż ta' l-injam, l-imgħallmin tal-bastimenti adottaw sistema fejn kienu jużaw injam inqas oħxon u minflok jużaw sengħa iktar irfinuta.

Mal-wasla ta' l-Ingliżi fl-1800, it-tarzna kompliet titkabbar. Sa dan iż-żmien il-bastimenti u qxur ieħor kollha kienu jinbnew bl-injam, imma maż-żmien il-bastimenti l-kbar bdew jinbnew tal-ħadid. Madanakollu l-qxur żgħar xorta baqgħu jinbnew bl-injam u l-inħawi tal-Kalkara, Isla, Birgu, Bormla u l-Marsa kienu l-postijiet fejn is-sengħa tal-bini tad-dgħajjes kienet konċentrata. Din is-sengħa kienet tintiret mill-missier għall-iben. Il-familja tagħna tmur lura zgur għal ħames ġenerazzjonijiet u għamlet xi żmien lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin taħdem l-Imġarr, Għawdex. Illum ftit li xejn għadhom jinbnew qxur tal-injam għax il-fibre glass ħadlu postu. Fl-opinjoni tiegħi, dan għax il-fibre glass m'għandux bżonn manutenzjoni bħall-injam, u ma jitlobx sengħa kbira biex taħdmu. Biss ħafna jsostnu, u bir-raġun, li qoxra ta' l-injam hija ħafna isbaħ, fiha karattru, u għandha iktar stabbilita' fil-baħar.

Huwa xieraq li wara dan l-isfond ta' ftit storja nagħti ftit tagħrif ħafif dwar xi qxur li kienu l-iktar popolari mas-sajjieda u baħħara tal-gżejjer tagħna. Dawn huma: l-ixprunara, id-dgħajsa tal-latini, il-firilla, il-luzzu, il-kejjik u l-frejgatina. Minn dawn kollha l-ixprunara spiċċat għal kollox, tal-latini fadal xi tnejn Malta jaħdmu għas-sajd u oħra li qed tiġi restawrata l-Imġarr. Firilli baqa' xi ftit ħafna u dawn waslu biex jispiċċaw ukoll. L-ixprunara kienet l-unika qoxra minnhom li kienet tbaħħar lejn artijiet ohra, l-iktar lejn Sqallija u Napli. Dawn il-qxur huma frott ta' ħidma u esperjenza marittima miksuba fuq medda ta' ġenerazzjonijiet kemm tal-baħħara, sajjieda u fuq kollox l-imgħallmin li kienu jibnuhom. Għalhekk kienu adatti ħafna, kull waħda għax-xogħol partikolari tagħha għal ħafna snin.

## L-Ixprunara



L-Ixprunara kienet dgħajsa li tmur lura għal bosta snin. Jissemma li ġa kienet teżisti fl-1614 u hemm indikazzjonijiet li tmur lura anke sa l-1576. Il-perjodu li fih l-aktar inbnew xprunari kien mill-1830 sal-1840.

Dr. Joseph Bezzina jgħid li skond ċensiment fl-1851 kien hemm 58 xprunara jaħdmu bejn il-port il-kbir u l-port ta' l-Imġarr. Probabbilment, biex kien hemm numru daqshekk kbir, kienu xprunari zgħar. Wieħed għadu jista' jara ikonografija ta' l-ixprunara fil-kwadru ex voto li hemm taht il-mina fl-Imgarr. L-ixprunara kienet qoxra purament Maltija. L-isem xprunara x'aktarx ġej mill-għamla ta' xprun, munqar, li kellha fuq it-taljamar. Kienet iġġorr sew merkanzija kif ukoll passiġieri, kemm bejn iż-żewġ gzejjer kif ukoll għal Sqallija u Napli.

L-ixprunara kienet twil minn 30 pied sa 50 pied. Kellha l-pruwa u l-poppa xorta, jigifieri bil-ponta (double ended). Kellha t-taljamar u fuq is-zannnur tal-poppa kellha kabuz tal-kanvaż, biex joffri kenn għall-passiggieri. Kienet mingħajr gverta, ħlief għaz-zannur fil-pruwa u ieħor fil-poppa u l-kurtuni. Kienet imqawwsa lejn il-pruwa u lejn il-poppa u ż-żewġ roti dritti. Kienet armata b'arblu wieħed lejn il-pruwa li miegħu kien jittella' qala' latin u alzarun biex jieħu pallakkun. Ġieli flok pallakkun kienu jarmaw tarkija. L-ixprunara kienet qoxra żvelta u mexxejja u kienet titraġitta bejn Malta u Sqallija regolarment. Jingħad li f'temp tajjeb kienet tagħmel dan it-traġitt fi tnax-il siegħa. Kienet ukoll iġġorr il-posta lejn Sqallija. L-ekwipaġġ ta' xprunara normali kien jikkonsisti fil-padrun u sitt baħrin. L-ixprunara kienet tinżebaħ b'kuluri sbieħ u ma kenitx tonqos l-għajn fil-mustaċċ tal-pruwa. L-ixprunara damet tbaħħar f'dawn il-fliegi għal xi 300 sena. Hasra li ma salvawx waħda għall-posterita'.

## Dgħajjsa tal-Latin



Id-dgħajsa tal-Latini mingħajr dubju hija l-iktar dgħajsa li kienet għal qalb in-nies tar-raħal t'Għajnsielem u dan għal diversi raġunijiet. Din il-qoxra kienet magħrufa ukoll bħala id-dgħajsa t'Għawdex u anke bħala d-dgħajsa tal-pass. Dan minħabba li kienu jżommu fil-port ta' l-Imġarr u kienu jgorru ukoll il-passiġġieri. Naturalment tissejjaħ tal-latini għax kellhom qlugħ latin. Bħala dgħajsa li kienet taqsam regolarment bejn Malta u Għawdex nistgħu ngħidu li l-antenat tagħha hija d-dgħajsa tal-Madia li tmur lura għas-seklu tlettax. Id-dgħajsa tal-latini giet żviluppata mill-ixprunara u kienet ftit iżgħar u b'arblu wieħed. Id-dgħajjes tal-latini kienu jġorru kull xorta ta' merkanzija u damu jagħmlu dan ix-xogħol għal madwar mitt sena, minn meta spiċċaw l-ixprunari sa meta daħal is-servizz bejn il-gzejjer bil-vapur u spiċċaw għall-ħabta tas-sebgħinijiet tas-seklu għoxrin. Kellhom sehem importanti ħafna matul l-aħħar gwerra dinjija meta kienu kwazi l-aħħar mezz ta' trasport bejn il-gzejjer.



Id-dgħajsa tal-latini kienet twila min 40 sa 50 pied bil-pruwa u poppa xorta, bil-ponta u dritti. Kellha taqwisa li kienet tintrefa' lejn il-pruwa u lejn il-poppa. Kienet bil-kurtuni u bil-falki li aktar tard inbidlu u saru falkaviva. Din id-dgħajsa kellha arbulata ta' żewġ arbli bil-lasti biex magħhom jinfirex qlugħ latin, trinkett u majjistra. Fil-pruwa kien jintrama alzarun biex jieħu pallakkun. F'baħar kalm kienu jużaw ukoll l-imqadef. Għall-ħabta tas-snin għoxrin tas-seklu għoxrin ġew introdotti l-makni u l-qlugħ beda jinqata' ftit ftit. Id-dgħajsa tal-latini kienet dgħajsa ta' saħħa mibnija minn injam tar-ruvlu u arznu u kienet tiflaħ ħafna għall-maltemp. Din id-dgħajsa kienet tinżebaħ b'ħafna kuluri sbieħ u kull waħda kellha isem aktarx għal xi qaddis minqux fuq plakka imwaħħla fuq it-tappiera fil-poppa. Kellha ukoll numru ta' reġistrazzjoni li kien iġib l-ittra 'G' imma ħafna minnhom aktar kienu magħrufin bil-laqam tagħhom stess jew tas-sid.



Illum id-dgħajjes tal-latini spiċċaw ukoll imma bis-saħħa ta' l-għaqda Wirt Għawdex waħda minnhom, 'Is-Sagra Familja' ġiet restawrata biex tibqa' tifkira ta' dawn id-dgħajjes qalbiena li min jaf kemm l-irġiel ta' dan ir-raħal ħadmu fuqhom. Ta'min isemmi li l-aħħar dgħajsa tal-latini 'Stella Maris' inbniet fl-1938 ġewwa l-Kalkara mill-aħwa Ġużeppi u Euġenio Caruana, li kienu ukoll bnew 'Is-Sagra Familja' fl-1934.

## Il-Firilla

Il-Firilla tmur lura għas-seklu sbatax u jista' jkun ukoll qabel. Kienet popolari ħafna mas-sajjieda. Filfatt, statistika tal-1920 turi li kien hemm 130 f'Malta u 65 f'Għawdex. Il-firilla kienet qoxra ta' bejn 20 u 30 xiber (10 $\frac{5}{16}$). Kellha l-pruwa u l-poppa xorta imma r-rota tal-pruwa kienet twila u t-tappiera u ċ-ċinet jaqbdu fuq barra tar-rota flok fuq ġewwa. Il-firilla kienet mibnija fuq linji misluta u mhix għolja wisq mill-ilma. Kellha l-kurtuni u l-falki. Kienet titmexxa bil-qlugħ u bil-qdif. Għalhekk kienet tintrema b'arblu wieħed li miegħu flimkien mal-lasta kienet tinfirex qala' tarkija u pallakkun fil-pruwa. Minħabba l-għamla żnella tagħha kienet qoxra mexxejja ħafna u filfatt għandna l-idjoma "tigri daqs firilla". Bħall-qxur l-oħra kollha tradizzjonali Maltin kienet tinżebaħ bl-isbaħ kuluri. Ilum il-firilli spiċċaw ħlief għal xi waħda 'l hemm u 'l hawn.

## Il-Luzzu



Il-Luzzu għadu sal-lum jinsab f'numru sostanzjali fil-portijiet tagħna għalkemm ġodda jidher li m'għadhomx jinbnew. Il-Luzzu jixbaħ lill-firilla iżda huwa iktar wiesa u iktar għoli fil-baħar, u t-tappiera u ċ-ċinet jaqbdu fuq ġewwa tar-roti. Bħall-firilla, għandu zannur fil-pruwa u fil-poppa. Għandu ukoll il-kurtuni u l-falki li maż-żmien bdew jagħmlu l-falkaviva, u r-rota tal-pruwa iqsar minn tal-firilla. Bħala qisien kien jinbena minn xi 19-il xiber sa 45-il xiber. Naturalment, meta ġie introdott il-mutur, bdew jinbnew il-luzzijiet il-kbar, għalkemm anke dawk żgħar kienu għamlulhom il-mutur. Qabel il-mutur kien jitmexxa bil-qlugħ tarkija u bil-qdif. Il-luzzu mhux qadim daqs il-firilla u l-kajjik u hawn min jattribbwih għall-bidu tas-seklu dsatax, iżda maż-żmien sar l-iktar qoxra poplari mas-sajjieda.

## Il-Kajjik

Il-kajjik x'aktarx ġie introdott Malta mill-kavallieri ta' San Ġwann, għalkemm il-kajjik li nafu llum huwa xi ftit differenti. Bħala qoxra kien l-iktar popari fost il-qxur kollha. Minn statistika tal-1920 insibu li kien hawn 402 f'Malta u 48 f'Għawdex. Il-kajjik, barra għas-sajd, kien



jintuza ukoll għal xi xogħol fil-port u kien ukoll preferut mid-dilettanti tas-sajd.

Il-kajjik huwa qoxra bil-poppa catta, jigifieri bic-cappa, u mhux bħal-luzzu. Il-pruwa tiegħu hi bħal ta' luzzu imma mhix għolja daqsu. Kellu ukoll il-kurtuni u l-falki. Bħala qies kien fih minn 15 sa 18-il xiber. Kien jitmexxa bil-qdif u b'qala' tarkija. Wara ġie armat ukoll bil-mutur. Kellu l-mustaċċi fil-pruwa biss u kien jinżebaħ bil-kuluri bħall-qxur l-oħra.

## Il-Frejgatina



Il-frejgatina hi l-izgħar qoxra tas-sajd u kien hawn min kien juzaha ukoll għall-ibburdjar. Hi ukoll, bħall-kajjik, għandha il-poppa biċ-ċappa, imma la għandha kurtuni u lanqas falki. Aktar tard bdew jinbnew frejgatini kemmxejn ikbar min-normal u għamluhom bil-kurtuni u l-falki. Il-frejgatina kienet tintuża mis-sajjieda ż-żgħar mal-plajja u mid-dilettanti. Kienet twila xi ħmistax-il xiber u kienet titmexxa b'żewġ imqadef u qala' latin. Ġieli kienu jarmaw ukoll pupress u miegħu jittellgħu pallakkun.

# 1820
# L-inawgurazzjoni tal-Knisja ta' Għajnsielem

*Dun Karm Cassar*



Il-knisja ta' Għajnsielem, għalkemm l-aħħar waħda li nbniet minn fost il-filjali kollha tan-Nadur, malajr saret l-aktar waħda importanti. Il-knisja kienet ilha mixtieqa, u għalhekk inħass malajr kemm se tiswa għall-pastorali ta' dik ix-xaqliba. Diġa' rajna s-sehem kbir li kellu n-Nadur kemm fil-bini ta' dik il-knisja kif ukoll fil-għajnuna spiritwali li kienet qed tingħata. Il-parroċċa tan-Nadur kienet fid-dmir li ma tħallix 'l Għajnsielem ittraskurat għaliex biċċa sewwa minn dawk l-inħawi kienet għadha tagħmel mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl. Il-kappillan Sapiano kien ta s-sehem sħiħ tiegħu fil-bidu tal-knisja. Imbgħad, is-suċċessur tiegħu, Dun Antonin Scasciato, xejn ma kien anqas minnu.

Qabel ma niddeskrivu dak li sar fi żmien Scasciato, nagħmlu osservazzjoni ċkejkna. Skond il-kitbiet li jinsabu kemm fin-Nadur kif ukoll f'Għajnsielem, it-titlu li ngħata lill-knisja l-ġdida kien sa minn dejjem il-Madonna ta' Loretu. Imma jidher li, għal xi żmien, quddiem l-awtoritajiet, dik l-ewwel knisja kienet meqjusa bħala ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Ma hemm l-ebda dubju dwar jekk hix l-istess knisja għaliex nafu li f'Għajnsielem, il-prokuratur tal-bini u l-akbar benefattur tal-knisja kien Indri Xuereb. Hu propju dan l-istess Indri Xuereb li jissemma bħala l-prokuratur tal-knisja tal- Madonna tal-Karmnu f' Għajnsielem. Fis-sena 1822, din tqieset ukoll li kienet il-knisja waħdanija li kienet mibnija f'dak ir-raħal ċkejken ta' qrib il-baħar.

Għaddew għaxar snin minn mindu tbierket l-art u tqiegħdet l-ewwel ġebla. Dik l-ewwel statwa tal-Madonna ta' Loretu li kienet saret minħabba r-rakkont tad-dehra li Anġlu Grech kien jgħid li kellu, ma kenitx għandha iżjed fil-post fejn tqiegħdet. Fil-post tal-istatwa nbniet il-knisja. Imma l-poplu kellu qalbu marbuta ma' dik l-istatwa. Għalhekk, malli tlestiet il-knisja, l-istatwa ġiet imqiegħda ġewwa niċċa, fil-faċċata, fuq il-bieb tal-knisja. Aktar tard, fi żmienijiet oħrajn, il-post tal-istatwa tbiddel aktar minn darba u bħalissa tinsab ġo niċċa fuq artal tal ġenb fil-knisja l-ġdida.

*Nota ta' riferenza: Ara storja tan-Nadur miktuba minn Fr. A. Bonniċi O.F.M.*




bubbles
bathrooms
Fortunato Mizzi Str.,
Victoria, Gozo, Malta
Tel: 2155 2413
2144 2994 • Fax: 2156 0179
The Place for
Quality & Price
FRANCIS
CARUANA LTD.
73, Republic Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 2155 2413, 2155 6248,
2155 2993 • Fax: 2156 0179


OKULUS RESTAURANT
OKULUS BAR & RESTAURANT
Triq ix-Xatt
Mġarr,
Għawdex.
Tel: 2701 7821

# LIL SALVU CIANTAR

## F'għeluq l-ewwel sena minn mewtu

*Poeżija miktuba minn Raymond Buttigieg*

### Lil ibni, lil ħuna, lil ħabibna



Tnax-il xahar għaddew minn fuqna
minn meta aħna tlifnik
f'moħħna, f'qalbna dejjem
nibqgħu niftakru fik.

Il-vojt li ħallejtilna
hu vojt ma jimlieh ħadd.
Inwegħduk li tul ħajjitna
lilek żgur ma ninsewk qatt!

In-nuqqas tiegħek inħass ħafna
l-aktar li nħass f'tiegħek il-familja
inħass ukoll f'din il-parroċċa
matul il-ġimgħa minn tal-festa.

Mill-Imrejżbiet sa ġewwa l-Briegħen
kont dejjem taħseb u thewden,
għadx naraw il-kampnar mimli
kont int li ħallast waħda mill-qniepen.

Meta fl-għalqa konna nkunu
int ridt kollox isir perfett
illum bejnietna aħna nistaqsu
x'sar minnu dak il-farfett?

Tul is-snin l-imgħoddija
ħafna ħbieb kienu qrib tiegħu;
jitkellem fuq knisja, festa, banda, football
kulħadd kien jieħu pjaċir jisimgħu.

Dan Salvu qalbu kienet tuġgħu
meta kien jisma' jew jara l-kuntrarju,
għax dejjem xtaq lir-raħal tagħna
ikun aqwa mill-avversarju.

Kien ħawtiel, anke ħabrieki
sabiex isebbaħ lil dan it-tempju
b'dawk il-fjuri friski u kkuluriti
dejjem ta tajjeb l-eżempju.

Ix-xogħol li int kont tagħmel
għadu sejjer bl-għajnuna ta' xi ħbieb
kull filgħodu, kull filgħaxija
nistħajluk qiegħed wara l-bieb.

Iżda dan hu impossibbli
għax min miet ma reġax ġie;
minn din id-dinja fik niftakru
int tiftakar fina mis-smewwiet.

O Madonna ta' Loretu
naħsbu li tajtu dak li jistħoqqlu
għal kull warda li kabbarlek
ta' kemm il-darba refgħek fuq spalltu.

Lil dawk kollha Għajnselmiżi
Tafu li tlifna benefattur mill-kbar.
Meta u xħin ta' Loretu fil-bieb titfaċċa
aħsbu fih f'tagħkom it-talb!

*24-VII-2008*



# Rokna tal-Poeżiji / Poem's Corner

## Francis Sultana



### Paċi u Sliem

Sitt tarġiet, zuntier, bieb għoli,
iwassluk ħdejn antiporta,
kemm timbotta, tilgħab noli,
tistaħba mill-għagħa tal-Belt,
kaldarun ta' qerq u għelt.

Kurċifiss li jqanqal stima,
mdendel, maqtugħ mis-saqaf,
fuq l-artal maġġur, għall-qima,
ta' nisrani f'talb ħerqan,
għal xi grazzja wisq għatxan.

Mal-lemin fjammi tal-wegħda,
ilebilbu lsien ħamran,
tad-devoti li bla heda,
lid-Duluri jinvistaw,
għall-ħniena li minnha raw.

Għabriet ħfief fir-raġġ tax-xemx,
lill-ħġieġ nifdu kkulurit,
jiżfnu żifna bħalha m'hemmx,
fid-dlam sieket tal-korsija,
fuq bank lest għalik u għalija.

F'dik il-ħemda ħassejt fawra,
qisni nemla f'tarf ta' sies,
tajt ħajr 'l Alla għax b'dik il-mawra,
kxift ix-xejn ta' bniedem waħdu,
jibki maħfra ta' kemm ċaħdu.

### Centre Peace

Six front steps to a huge door,
push-in panel and step forth,
shut outdoors a city's avenue
steaming in its bustling froth.

Inside: overwhelming crucifix
hanging austerely above presbytery,
transfixes your eyesight,
as a votive flicker of a hundred candles
rise in praise to Mary, Queen of Sorrows.
A ray of sunlight through the stained glass
creates dancing atoms quivering
into the still dimness of the aisle,
as if asking and begging of pews where to alight,
while each row, repeating itself,
from altar-rail to front door
awaits the hush-plush warmth of a devotee.

A quiet moment for reflection:
a tiny ant at the foot of a hill.
a single being in an empty cathedral,
me, in search for a peep at my Creator!

Sep: '93
*This poem was inspired by my frequent visits to the Parish Church of The Blessed Sacrament, on West 71st Street, N.Y. around 5.00pm. when the church was still empty.*

### Subtle Changes

Oh island, my island,
you reared me on your pristine bosom.
You let me freely roam on your bare beaches,
kicking hot sands, balancing precociously
on rocky, gnarled, sharp-toothed coasts;
just to watch you run away and befriend Progress.

Advancing hand in hand, leaving old ways behind,
wearing new look, smoothing facade,
inviting lots of friends, on call for visits,
that puffed you proudly with success and renovations.

Today I hardly know you.
Your modern looks do greatly over-weigh you,
as summer's heat makes you heavily breathe
from tight-packed chest, where sand I cannot kick.
Your coast now smooth is most abused, dirtily trodden.
Your peace disturbed with maniac music and unfamiliar voices,
And I, your son, cannot discern why,
I no longer yearn for your hot summers,
but rather choose to watch you wrapped in winter storms.

Dec: '93
First published in:
"Poets At Work" Nov:/Dec: 94
Butler. Pennsylvania. U.S.A.

## Tibdil Sottili

Għawdex, gżirti, art twelidi!
Int rabbejtni fuq sidrek primittiv,
niġri, ħieles ndur fuq xtajtiet għerja,
nagħti bis-sieq ramel jikwi, nitwieżen
fuq snien blatin, misnuna bl-ilma mielaħ,
sa nsib xi roqgħa kif naf jien,
li int ħejjejt għalija biex nistrieħ.

Imma dan l-aħħar tħabbibt mas-Sur Progress!
Id f'id 'l quddiem tlaqt, inżajt l-antik,
wiċċek għattejt, u lbist ilbies tal-moda, ġdid.
Stedint ħbieb barranin, ħa jiġu u joqogħdu,
l-aqwa li jinċensawk bi bħur li jħalli l-qliegħ.

Illum bil-kemm tingħaraf!
Ix-xeħtiet tiegħek moderni, qed ixekkluk, jgħejuk.
Sidrek miżgħud bħan-nemel b'nies għerja, mixwija,
bi żjut midluka, qed joħonquk, mank nifs ma jtuk:
u jien m'għadnix le nista' ramel intajjar,
qiegħ sieqi nsajjar, fuq snien blatin misnuna.

Minflok nitqanna;
nitwieżen tul strixxi lixxi,
ta' mogħdijiet bi skart mdewda,
ta' nies kważi għariwen, li l-paċi jitilfulek
b'għajjat u daqq ta' mitt elf għors,
li jġiegħlek ma tagħrafx lil ibnek, fuq xtajtitek;
li issa flok fis-sajf, iħobb fix-xitwa jmur
fejn baħar jibla' l-art erħilu jsinn mill-ġdid,
snienek blatin!



Francis Sultana
Għajnsielem.
06/03/06






Gypsum and parquet works
JOSEPH SALIBA

Saliba
SOFFITS

Tel/Fax: 2156 4002  Mob: 7920 4471

# Ġużeppi Cutajar tar-Raġel



Jiena Fredu Scicluna, illum ser nirrakkonta storja dwar persuna li ħadmet qatigħ għar-raħal tagħna. Dan kien in-nannu tiegħi Ġużeppi Cutajar, imwieled il-Kalkara u mgħammed fil-parroċċa tal-Birgu, peress li l-Kalkara dak in-nhar kienet għadha mhux meqjusa bħala parroċċa. Nota interessanti fuq it-tfulija tan-nannu hi li meta kien żgħir kien imur l-iskola mal-ħabib tiegħu Mikiel Gonzi, li kif jaf kulħadd kien Isqof t'Għawdex u wara sar ukoll Arċisqof ta' Malta. Omm Ġużeppi, Karmni Rapa, kienet minn Għajnsielem, pero' kienet taħdem Malta. Kien hemm li ltaqgħet ma' Toni Cutajar, disinjatur u inġinier it-Tarzna ta' Malta. Dawn iżżewġu u kellhom tifel wieħed, in-nannu Ġużeppi. Wara xi żmien joqgħodu Malta, xtraw dar fi Triq il-Ħamri f'Għajnsielem u ġew joqgħodu fiha. Il-bużnannu Toni fetaħ ħanut tal-inġinerija u beda jaħdem ġo fih. In-nannu Ġużepp, ta' raġel bieżel li kien sa minn ċkunitu, beda jaħdem miegħu. Jien ħadt is-sengħa minn għandu għax sa meta kont żgħir, kont immur fejn il-bużnannu Toni fejn kont ngħinu xi ftit ukoll.



Toni kien jagħmel ħafna xogħol volontarju f'diversi postijiet f'Għajnsielem fosthom fil-Knisja l-Qadima, fil-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ġieżu u anke fl-istitut ta' San Ġużepp. U dawn il-valuri, Toni tahom lit-tifel tiegħu Ġużeppi għax kif ser naraw fil-versi li ġejjin, in-nannu ma kien jgħid le għall-ebda biċċa xogħol speċjalment jekk din tkun ad unur tal-festa tal-Madonna ta' Loretu. In-nannu Ġużepp kien imlaqqam tar-raġel u jien kelli x-xorti kbira niret dan il-laqam ukoll. Ġużepp kien dillettant ħafna tal-festi u kien imur kwazi għall-festi kollha. In-nanna biex tiġbidlu saqajh kienet tgħidlu "qisek mejda tal-qubbajd". In-nannu Ġużepp kien minn tal-ewwel li beda jarma Triq Hamri. Nismagħhom jgħidu li dak iż-żmien kienu jikru l-bnadar mill-irkant tan-Navy Ingliża. Permezz ta' dawn il-bnadar il-vapuri tan-navy kienu jikkomunikaw bejniethom għax fuq kull waħda kien ikun hemm ittra tal-alfabett. Hekk beda l-armar ta' triq Ħamri. Naturalment, mal-medda taż-żmien l-armar aktar beda jirfina ruħu u ftit ftit beda jiżdied u jisbieħ. Bdew jingabru il-flus u bihom bdew jinxtraw il-karti biex iżejnu bihom u nxtraw ukoll palandri bit-tazzi taż-żejt. Dak iż-żmien ma kienx hemm elettriku bħal-lum u aktar minn hekk ma setax isir tiżjin. Wara xi żmien billi n-nannu kien jaħdem fuq il-vapuri tal-merkanzija li kienu jaqsmu bejn Malta u Għawdex, kien ikun minn tal-ewwel li jkun jaf b'xi armar ġdid. Filfatt darba sar jaf b'xi trofej u dan xtrahom u bdew jarmaw it-triq bihom. Niftakarna qiesu lbieraħ nħaffru t-toqob ma' tfal oħra tampari. Dak in-nhar ma kienx bħal-lum insibu t-toqob mħaffrin lesti! In-nannu kien ivvinta wkoll arkijiet tal-ħadid li kienu mdawwrin bil-liedna. Maż-żmien kien wasal l-elettriku u beda jarma l-fistuni bil-bozoz. In-nannu Ġużepp, kif għedt qabel, kien idur ħafna festi, anki ta' Malta. U jum fost l-oħrajn waqt li kien il-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-belt Valletta, ra sett pavaljuni fuq faċċata tal-injam u isfel kien kollu drapp.

Tant baqa' impressjonat li dak il-ħin stess mar fejn il-membri tal-kumitat tal-armar u talabom jagħtuh il-pjanti tal-pavaljun. Dawn mhux talli tawh il-pjanti iżda wkoll offrewlu li jieħu l-pavaljun Għawdex, jaħdem wieħed bħalu u jerġa' jeħodulhom sal-festa ta' wara. In-nannu Ġużepp hekk għamel u f'qasir żmien beda x-xogħol fuq dan il-proġett. Wara li kien ilesti mix-xogħol ta' fuq id-dgħajjes, araħ kien imur dritt fuq ix-xogħol tal-pavaljuni. L-ewwel beda billi għamel skeċċ u waħħal ħafna karti strazzi fuqu u b'paċenzja kbira beda jifforma d-disinni. Wara xi żmien beda jesperimenta fuq il-kartonċin u fuq id-drapp. Imbagħad, beda juri dan ix-xogħol lil-ħbiebu ta' fuq il-Hamri u ma xulxin bdew jaħdmu d-disinji fuq l-injam. Fost il-ħbieb tiegħu kien hemm Anġlu Gauci taċ-Ċana u Mikiel Ċiangura li Alla jbierek għadu maghna sal-lum. Mikiel kellu d-drapp f'idejh u barra minn hekk kien ħadem ukoll il-bandalori. Xi nisa dilettanti fosthom iz-zija Lela Xuereb u Ġezwalda Galea wkoll taw daqqa t'id fix-xogħol tal-pavaljuni.

Niftakar ukoll li darba minnhom wara l-gwerra n-nannu sar jaf b'xi armar minn Malta li riedu ibiegħuh. Dawn kienu trofej u kolonni tal-anġli tal-kartapesta. Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu miksurin. Xtrahom u biċċiet minnhom kien poġġihom fil-bitha tiegħu u l-oħrajn fil-post li kien waqa' fil-gwerra fejn illum il-ġurnata hemm id-dar ta' Wenza Scicluna. Darba minnhom in-nannu fettillu jibni palk tal-banda u wara ħafna kumbattimenti li kien ikollu man-nies irnexxielu jasal għal-proġett kbir. Għall-festa tal-Madonna ta' Loretu kien jagħmel kollox u rnexxielu jagħmel anke dan il-palk li oriġinarjament kien rah f'festa Malta. Bhallma kien għamel għall-pavaljuni, talab il-pjanta tal-palk u beda x-xogħol f'qasir żmien. Fl-għalqa ta' wara d-dar kellu żewg ħarrubiet, li kienu tant ħoxnin li jekk iddawwar idejk magħhom, għandhom xorti kienu jlaħħqu! Għamel qisha pjazza żgħira u minn flokhom fetaħ bieb mill-bitħa ta' mat-triq għall ġol-bitħa ta' wara għax fil-bitħa ta' mat-triq ħadmu s-saqajn tal-palk. Hu u sħabu kienu jiċċaħdu minn ħafna affarijiet sabiex jaħdmu fuq dan il-palk u fi żmien sena lestewh. Min jaf kemm-il darba ddeċidew li ma jmorrux festi u minflok iġibu xi ftit birra u jpoġġuha ġo l-ispiera biex tibqa' kiesħa biex ikomplu dan l-imbierek palk. L-ewwel darba li rmawh kien quddiem id-dar tal-Kappillan ta' dak in-nhar u fil-pjazza 'l qadima dam ħafna snin jintrema hemmhekk. Wara bdew jarmawh quddiem il-faċċata tal-Knisja l-ġdida u baqa jintrema hemm sal-ġurnata tal-lum. Meta mbagħad kienu reġgħu bdew ikomplu l-Knisja l-ġdida, in-nannu Ġużepp kien ikun minn tal-ewwel li kien imur jagħti daqqa t'id. Niftakar ukoll meta kienu ser jibdew l-arkati tan-navi. Kien għamel il-mudell tal-arkati tal-injam u għamel ukoll il-hadid tal-baldakkin.



Meta kienu għadhom bil-familja joqgħodu il-Kalkara Malta Toni, missier Ġużepp kien ħadem l-forċini tal-vara tal-Madonna ta' Loretu u wara ħafna żmien in-nannu kien indurahom bil-fidda għax qabel kienu tal-bronż isfar. Niftakar ukoll li kien qalli li kienu żarmaw l-arloġġ tal-Knisja l-qadima u bidlu l-boxxli kollha u għadhom jaħdmu sal-lum. Xi għaxar snin qabel ma miet in-nannu Ġużepp ħadem grada għall-quddiem in-niċċa tal-Madonna ta' Loretu fil-knisja l-qadima u illum tinsab ġo l-ispiera tal- mazzri tal-arlogg tal-knisja 'l qadima. Saħansitra anke l-isqof Pace kien semgħa bin-nannu Ġużepp u bl-imħabba li kellu għax-xogħol volontarju. Darba minnhom talbu jagħmel xi xogħol fil-Knisja ta' Pinu. Fost ix-xogħol li għamel ġo dik il-knisja hemm il-gwernici tal-bronż li hemm wieħed kull naħa tal-artal tal-kappella. Barraminhekk għamel ħafna iktar ghax kien bniedem li kien iħobb ħafna lil Għajnsielem u iktar u iktar lill-Verġni Marija ta' Loretu. Tant kien iħobbha li fuq is-sodda tal-mewt baqa' sal-ahhar jagħfas f'idejh statwa żgħira tal-Madonna s-Sewda.

Dan kien il-maħbub Nannu tiegħi, bniedem ġeneruż, onest u lest li jagħti daqqa t'id lil kulħadd.

SLAIS CO. LTD.
FRESH FROZEN FOODS
12, Shepherd Street, Rabat RBT 02 - Malta
4, St. Catherine Street, Rabat RBT 02 - Malta
Tel: 2145 4583 / 2145 5110 / 2145 9262
Fax: 2145 4529
Cold Stores: Tel: 2123 3530 / 2123 4764

# Il-kappella ta' Santa Ċeċilja



Jiena jisimni Matthew Zammit u f'din il-ħarġa tal-festa ser inkellimkom ftit fuq il-kappella ta' Santa Ċeċilja.









Din il-kappella ta' Santa Ċeċilja ma tistgħax ma tagħtix kasha. Taraha sew jekk tasal Għawdex bil-baħar kif ukoll tasal bil-ħelikopter. Jekk tasal b'dan l-aħħar mezz modern ta'transport int u nieżel Għawdex tgħaddi kważi kważi tmiss mas-saqaf tagħha. Din tinsab fi sqaq il-Merkant, illum magħrufa bħala trejqet il-ħeliport li meta tkun ħiereg mill- ħeliport din il-kappella taraha fuq il-lemin tiegħek. Ħdejn din il-kappella jiddomina t-torri li jissejjaħ ta'Santa Ċeċilja li kien mibni fl-1613. Iżda dik il-kamra mhix għajr kappella ta' Santa Ċeċilja li hi l-eqdem kappella li għadha wiefqa f'Għawdex fl-istat oriġinli tagħha. Santa Ċeċilja hi qaddisa li qajla nafu dwarha.

Il-kult lejha beda f'Ruma fis-seklu ħamsa meta nbniet kappella f'gieħha. Il-kult inxtered bħall-leħħa ta' berqa iktar minħabba r-rakkont ta' tbatijiet kbar li minnhom għaddiet, rakkont li ġie msejjaħ "Il-Passjoni ta' Santa Ċeċilja". Fl-1613, il-kmandant tal-Artellerija tal-kavallieri ta' San Ġwann li kien jismu Bernardo Macedonja bena torri maġenb il-kappella. Minkejja li għaddew mijiet ta' snin, l-arma tiegħu għadha tiddomina sal-lum fuq il-bieb li jħares lejn in-nofsinhar. It-torri msejjaħ ta' Santa Ċilja minħabba l-kappella, għax Ċilja mhix għajr il-kelma proprja bil-Malti għal-Santa Ċeċilja.

Iktar 'il quddiem minħabba dan it-torri sar possibbli li jwasslu messaġġ min-nofsinhar ta' Għawdex sat-tramuntana tal-gżira fi ftit minuti. Din il-kappella dan l-aħħar ġiet maħruqa kompletament minn xi vandali u dan huwa att kbir ta' għajb u ta' mistħija. Għalhekk ejja nibżgħu għal-ambjent tagħna ħalli jkollna iżjed ambjent sabiħ.

# L-Ambjent Naturali

*Tikteb Mathea Vassallo*



L-ambjent naturali minn ġenerazzjoni għal oħra minn dejjem kien fuq fomm kulħadd. Dan għaliex kulħadd kien u jinsab konxju kemm l-ambjent naturali huwa essenzjali fil-ħajja tagħna. Ta' min isemmi li l-ġenarazzjoni tagħna tinsab aktar konxja fuq dan il-fattur minħabba li l-progress jinsab miexi b'ritmu mgħaġġel aktar mis-sekli l-oħrajn.

L-ambjent naturali jiġbor fih dawk l-elementi fiżiċi, ħlejjaq u nħawi naturali. Jekk nagħtu ħarsa lejn il-gżejjer Maltin dlonk nindunaw li llum għandna żvilupp kbir fil-qasam tal-infrastuttura mqabbel maż-żminijiet l-imgħoddija. Bħala evidenza ta' dan naraw xi ritratti antiki li fihom aktar jispikka l-ambjent naturali. Eżempju nindunaw li l-għelieqi ħdejn xulxin kienu jiddominaw aktar mill-bini għoli. Forsi nistaqsu lilna nfusna allura aħna ma nistgħux nibnu lukandi, postijiet ta' divertiment u l-bqija? Ovjament li dawn iridu jinbnew u dan għaliex l-ekonomija tal-pajjiż u l-istaġun turistiku jiddependu fuq hekk. Iżda dan għandu jseħħ permezz ta' żvilupp sostennibbli! Żvilupp sostennibbli huwa żvilupp kontrollat u addaddat sabiex l-ambjent jiġi mħares għalina u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Malta hija gżira żgħira ta' 316sq.km u b'popolazzjoni ta 400,000 ruħ. F'Malta nsibu distinzjoni kbira bejn l-inħawi





tan-naħa ta' fuq u l-punent u bejn in-naħa tal-lvant tal-gżira. Dan għaliex f'tal-ewwel għad hemm art kbira li għada fi stat naturali tagħha u f'tal-aħħar hemm art żviluppata. Minħabba bini mhux kontrollat anke naraw l-iżvantaġġ ta' *Urban Sprawl*. Dan jiġifieri li għandek iż-żieda ta' bini fil-periferija ta' belt li s'issa kienet għadha mhijiex maħduma. Dan il-fattur iwassal ukoll għat-tnaqqis tal-*green belt*. Il-*green belt* huwa l-ispazju li nsibu bejn raħal u ieħor. Għalkemm f'Malta dan il-fattur jeżisti, f'Għawdex il-*green belt* għadhu riservat.

Meta jkun hemm żvilupp sostennibli fl-ambjent dan iwassal biex il-bniedem ikollu livell ta' ħajja tajba. Huwa ferm sabiħ li l-bniedem uman imur jistrieħ fil-kampanja, bogħod mill-istorbju u t-tniġġiż, għalhekk huwa importanti li ma ssirx ħsara kbira lill-ambjent storiku u naturali tagħna. Huwa importanti li ngħidu wkoll li jsiru movimenti sħaħ biex jitħares il-pajsaġġ u miegħu l-imkejjen qodma, l-annimali, il-ħxejjex u l-bqija. Ħafna għaqdiet favur l-ambjent ukoll jaħdmu bla heda biex l-ambjent naturali tagħna ma jinqeridx. Dan għaliex l-ambjent naturali tagħna huwa il-wirt nazzjonali tagħna u li jagħmilna differenti minn pajjiżi oħra, għalhekk l-ambjent naturali jagħtina wkoll l-identita'



tagħna bħala Maltin. Dawn l-għaqdiet jippruvaw ibiddlu l-attittudnijiet tagħna, jiġifieri minn attitudni ego-ċentika, fejn l-ewwel inħares l-interessi tiegħi jkolli attitudni eko-ċentrika, fejn inpoġġi l-kurrenti ambjentali fiċ-ċentru tal-azzjonijiet tiegħi.

Huwa dmir morali li wieħed jieħu ħsieb l-ambjent naturali. Missirijietna għożżew dan l-ambjent naturali biex illum qed ingawduh aħna. Għalħekk huwa ta' ħtieġa li l-ambjent naturali jitqies bħala wirt ta' kull ġenerazzjoni u għandu jitħares bħala teżor li m'għandux jintmess għax ta' warajna għandhom kull dritt li jsibuh kif inhu.

# It-Toponomastika ta' Għajnsielem

## *Christian Bonello*



Ir -raħal sabiħ ta' Għajnsielem jinsab fin-nofsinhar ta' Għawdex, ftit passi bogħod mill-port prinċipali ta' Għawdex, l- Imġarr. Dan ir-raħal ħa ismu minn waħda min-nixxiegħat tal-ilma ġieri li kien hemm f' dawk l-inħawi. Waħda minn dawn in-nixxiegħat kien jisma



Għajn is-sliem, li kienet tinsab f' wesa' magħrufa, li llum in-nies jafuha bħalha l-pjazza tad-dehra, li tinsab sewwasew f' nofs ir-raħal.

Fl -1710, il-Gran Mastru Ramon Perellos Rocafull irranġa din l-għajn ( għajn is-sliem ) u żejjinha bi tliet loġoġ. Dawn il-loġoġ jixbħu lil dawk li jidhru fl-arma tar-raħal tal-Fontana.

Fir- raħal ta' Għajnsielem kien hemm bosta egħjun oħra ta' siwi li dawn kienu : Għajn-Għonoq li kienet fiż-Zewwieqa , Għajn ir-Rajjes u Għajn il-Libru li kienu fil-Wied il-Kbir li jiġi taħt it-triq tax-Xatt l-Aħmar.

L-isem ta' dan ir-raħal seta' ġie imnissel mis-sens figurattiv ta' għajn. Dan peress li Għajnsielem hu għajn, jew il-bidu ta' gżiritna mill-Imgarr, li jinstab f' tarf dan ir-raħal u għal daqstant hu l-ftuħ tal-gżira Għawdxija.

L-arma ta' Għajnsielem tikkonsisti f' nixxiegħa ilma ċċarċar. Fin-nofs hemm irdum lewn kannella fuq sfond kaħlani fuq kewkba dehbija fuq strixxa blu skur.

*OB FONTEM PROSPERITAS* – **nistgħan għax b'nixxiegħa ilma**. Il-motto , arrangament tagħna minn fuq dak tal-baruni, ikompli jfisser l-etimoloġija tal-isem. Ir-raħal ma jonqsu xejn , għandu is-sliem u l-prosperita' minħabba l-ilmijiet li bihom hu imdawwar.

Il-paroċċa ta' Għajnsielem hi msemija għall-Madonna ta' Loretu. Il-paroċċa twaqqfet minn territorju tax-Xewkija u tan-Nadur, fl-1 ta' April 1855. L-ewwel kappillan ta' Għajnsielem kien Dun Anton Cauchi mir-Rabat ( 1855 – 1884 ). Saret Arċipretali fit-3 ta' Settembru 1965. L-ewwel ġebla tal-knisja Parrokkjali preżenti ( il-knisja il-ġdida ) tqegħdet fl-14 ta' Settembru 1924.Kienet imbierka nhar is-27 ta' Awwissu 1978 .

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd
Viva l-Madonna ta' Loretu !



# Ta' Nisel Għajnselmiż

# *Lawrence Grech*

### *minn Ġużi*

Lawrence Grech, għal ħafna snin editur tat-Times huwa ta' nisel Għajnselmiż. Missieru, Lorenzo Grech, li kien surmast tal-iskola, kien kemm fil-Qala u kemm f'Għajnsielem, twieled fil-15 t'April, 1889, f'Għajnsielem. Fl-1917, iżżewweġ lil Carmela Agius u kellhom disa' wlied. Hu kien joqgħod fi Triq il-Hamri, imma fid-29 ta' Jannar, 1942 id-dar tiegħu ġġarrfet billi ntlaqtet minn bomba mixħuta minn ajruplan tal-għadu. Fl-inċident mietu martu, Carmela, u erba' minn uliedu, Ġanni, Ineż, Emilja u Lina. Tnejn oħra, Rita u Tereża, kienu ntradmu, imma salvaw. Lorenzo Grech ħass din bħala traġedja kbira u fl-impjieg tiegħu bħala surmast talab li jkun trasferit Malta fejn ħa l-ħatra ta' Assistant Surmast fl-iskola tal-Baviera, il-Belt. Kien hawn li issa, bħala armel, iltaqa' ma' Vinċenza Gabarretta, li kienet ukoll għalliema fl-iskola fejn kienet tgħallem bintu Rita. Kien minn dan it-tieni żwieġ li twieled Lawrence Grech, is-suġġett ta' dan il-profil. Lorenzo u Vinċenza marru joqogħdu l-Imsida. Hu kellu 58 sena u hi kellha kważi 41.Minn dan it-tieni żwieġ, barra minn Lawrence, imsemmi għalih, kellhom ukoll tifla, Grace. Lawrence twieled fil-11 ta' Marzu, 1948 u Grace twieldet fl-14 ta' Settembru, 1952.



Lawrence attenda l-Iskola Santa Monika tas-Sorijiet Agostinjani, Birkirkara, u fl-1957 daħal il-Kulleġġ San Alwiġi tal-Ġizwiti, Birkirkara. Wara li għadda mill-GCEs, daħal tista' tgħid mill-ewwel it-Times of Malta (fis-7 ta' Jannar 1963) bħala riporter; xi sena wara mar mas- Sunday Times bħala sub-editur. Hemmhekk sar assistent editur fl-1967 u deputat editur fl-1970.

Lawrence Grech daħal jaħdem it-Times, jew Times of Malta, kif kienet magħrufa sal-1978, fis-7 ta' Jannar 1963 bħala riporter. Kien għadu bil-kemm kellu 15-il sena. Meta kienet intervistatu sidt l-istamperija, Mabel Strickland (dak iż-żmien Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, f'isem il-partit tagħha, l-Partit Kostituzzjonali Progressiv, kienet staqsietu riedx jaħdem mat-Times jew ma' Il-Berqa, gazzetta popolari bil-Malti, li kienet toħroġ ukoll minn Strickland House. Għażel it-Times.

Kien applika biex jidħol jaħdem mat-Times wara li missieru kien kellem lil neputih Charles Grech-Orr, dak iż-żmien assistent editur tat-Times of Malta, li ssuġġerielu li jikteb lil Mabel Strickland. Hu qatt ma kien għaddielu minn rasu li kien ser isir ġurnalista, u ngħiduha kif inhi, l-paga li beda biha (tlett liri u nofs fil-ġimgħa, li jiġu €8.15!) ma tantx għamlitlu kuraġġ. Għall-ewwel tlitt snin kien dejjem ifittex xi xogħol ieħor, imma d-destin ried li kull meta applika għal band'oħra jew reġa' bdielu jew sfratta kollox. Sar editur tas-Sunday Times fil-11 ta' Marzu, 1991, meta għalaq 43 sena. Spiċċa minn editur fil-21 t'Ottubru 2007, meta sar konsulent editorjali, kariga li għadu jokkupa s'issa.

Matul il-karriera tiegħu għamilha ta' kritiku tal-films (1968-72) u kien korrispondent minn Malta ta' żewġ aġenziji tal-aħbarijiet barranin - ANSA (Taljana) u DPA (Ġermaniża), u dam hekk għal iktar minn għoxrin sena. Bejn l-1976 u l-1988 kien ukoll korrispondent parlamentari ewlieni tat-Times.

Lawrence Grech serva bħala membru tal-Kummissjoni għall-Avvanz tal-Mara mill-1989 sa' l-1996. Kien l-ewwel president tat-Teens and Twenties Talent Trust (1969-71) u PRO tal-Kunsill Ċiviku tal-Imsida (1971-73).

Fit-13 ta' Diċembru 2007 Lawrence Grech ġie onorat billi sar Membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu (MOM). Din is-sena ġie nominat Ambaxxatur ta' Malta (mhux residenti) fil-Pajjiżi tal-Baltiku (l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja). Liż-żgħażagħ li jitħajru jibdew karriera fil-ġurnaliżmu ngħidilhom: jekk ikollkom interess f'dak li qed jiġri madwarkom, kemm f'Malta u kemm fid-dinja, u għatx għat-tagħrif u biex taqsmu dan it-tagħrif ma' ħaddieħor, allura l-ġurnaliżmu huwa għalikom. M'huwiex xogħol ħafif, qatt m'għandkom ħinijiet, imma s-sodisfazzjon li tieħdu jista' jkun kbir.

Illum hawn diversi korsijiet ta' tagħlim u taħrig, u anki grad fil-Komunikazzjoni (jew suġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu) mill-Università ta' Malta, u hawn numru kbir tat-televiżjoni, siti elettroniċi tal-aħbarijiet u ħafna opportunitajiet oħra.

L-importanti hu li ż-żgħażagħ ikunu mmexxija minn spirtu ta' servizz lejn is-sewwa, li jkunu dejjem iridu jitgħallmu biex jgħaddu l-informazzjoni lil ħaddieħor, u li jkunu oġġettivi u onesti magħhom infushom.

# Mons Anton Cauchi Vig. Ġen.

## L-Ewwel Kappillan tal-Parroċċa ta' Għajnsielem

*Jikteb Dun Karm Cassar*



Jiena personalment, inħobb insejjaħ lil Dun Anton Cauchi l-Pijunier ta' l-istorja, mhux tar-Raħal tagħna, bħala raħal, għax l-istorja bħala raħal naħseb li ntilfet fil- baħħ taż-żmenijiet; infatti rigward l-Isem, "Għajnsielem" nibtu ħafna verżjonijiet differenti, li ftit jew wisq, ilkoll għandhom mill-verita', għallhekk hu diffiċli tgħid liema hija l-verżjoni eżatta.

L-istorja ta' raħalna, bħala Parroċċa, iddedikata lill-Madonna ta' Loretu għandha verżjoni waħda; dik tad-Dehra tal-Madonna lil Anġlu Grech, imlaqqam "Ta' Xini" minn Għajnsielem, meta talbitu jwaqqfilha niċċa ddedikata taħt it-titlu ta' Marija Lauretana u ndikat ukoll il-lokal fejn riedet li ssir din in-niċċa.

Il-kappillan Anton Cauchi ħallilna bil-miktub "li assikurah ċertu Salvu Grima, bin Ġorg, minn Nadur, raġel xwejjaħ, twajjeb u ta' min jemmnu illi bosta drabi f' ħajtu sema' minngħand ommu, u minn għand nies xjuħ ta' min joqgħod fuq kliemhom, illi ċertu Anġlu Grech imlaqqam "Ta' Xini" minn Għajnsielem dehritlu Sinjura ħdejn l-għajn, imsejħa "Hajn-Salem"... u ordnatlu li jwaqqfilha statwa taħt it-titlu glorjuż ta' Loreto (cf. Ġrajjiet il-Parroċċa ta' Għajnsielem, Arċ.Żerafa).

Kieku ma kienx l-impenn tal-Kappillan Cauchi, li rreġistra fil-kotba tal-Parroċċa tagħna dak li sema' mix-xjuħ ta' qablu, ma nafx kemm setgħet tibqa' kredibli din it-tradizzjoni pjetusa, li oriġinat il-Parroċċa tagħna bit-Titlu tal-Madonna ta' Loretu u għallhekk jiena sejjaħt il-Kappillan A.Cauchi l-pijunier ta' l-istorja tal-Parroċċa tal-Madonna ta' Loretu. Grazzi Kappillan Anton Cauchi. Il-poplu ta' Għajnsielem kellu xewqa kbira li jara l-Knisja tiegħu ssir Parroċċa u l-ħidma għaqlija tal-Vici Kurat, Dun Anton Cauchi (l-Ewwel Kappillan) ħalliet il-frott tagħha għax b'digriet tal-20 ta' Jannar, 1855, il-Papa (illum Beatu) Piju IX fuq rakkomodazzjoni ta' l-Isqof Mons.Publiju da Conti Sant, għamel il-knisja ta' Għajnsielem parroċċa għalih (cf Ġrajjiet il-Parroċċa Arċ Ġ. Zerafa, Kap.3 pag, 13)

Minn dan naraw li l-Kappillan A.Cauchi sa minn qabel ma sar l-ewwel kappillan tagħna ħadem għal raħalna għax kif rajna kien għadu biss Viċi Kurat, meta stinka ħalli l-Knisja tal-Madonna ta' Loretu ssir Parroċċa u għalhekk jiena fil-bidu sewwa għidt li lil dan il-Kappillan inqisu bħala l-piljunur ta' l-istorja tal-Parroċċa ta' Għajnsielem.

Dun Anton Cauchi, ġie magħżul bħala l-ewwel Kappillan "tagħna" u ħa l-pussess fl-14 ta' April 1855... minn idejn il-Pro-Vigarju, Kan.Dun Mikiel Sammut, delegat ta' l-Isqof Sant"(Cf, ġrajjiet Għajnsielem). Dak iż-żmien Għawdex kien għadu ma twaqqafx Djoċesi separata mid-Djoċesi ta' Malta, u Għajnsielem kienet l-aħħar parroċċa li twaqqet meta Għawdex kien għadu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof ta' Malta, li f'dik l-epika kien l-Isqof Sant.

Skond ir-reġistri tal-Parroċċa Dun Anton "dam jieħu ħsieb ir-raħal tagħna, l-ewwel bħala Viċi –Parroku u wara bħala kappillan għal xi 21sena (ivi). Fis-snin li dam f' Għajnsielem hu għamel diversi opri fosthom l-oqbra fil-Knisja u fis-sagristija, il-qanpiena ż-żgħira. (għandi naħseb li għamel ukoll parti mid-damask). Sa mill-bidu tal-Parrokat tiegħu l-Kappillan Cauchi għamel rikors lill-Kurja ta' Malta biex jitwaqqfu l-fratellanzi, dik tas-Sagrament u dik ta' l-Imqaddes Rużarju, u għamel ukoll xi opri oħra, fosthom Pissidi tal-fidda maħdum Marsilja (ivi) u żgur ukoll opri oħra li jkollha bżonn kull parroċċa, iktar u iktar, meta tkun għandha fil-bidu tagħha.

Il-pro neputi tiegħu, l-ex-arċipriet tax-Xewkija, Dun Anton Grima, kiteb taħt il-kwadru-Pittura li jinsab fis-sagristija tal-knisja ż-żgħira, "Mons Anton Cauchi resse questa chiesa con zelo, amore, et carita'... dal 24 Dicembre 1842 (Vicendario): Da parroco, dall 4 Apr. Al 29 Mar. 1864. Elevato a Can della S.Chiesa Cattedrale ed a Vig. Ġen.di Mons.P.Pace.Mori il 15 Feb.1894 all-eta' di 81 anno".

Bil-Malti "Mons.Anton Cauchi mexxa din il-Knisja (ta'Għajnsielem) b'żelu, imħabba u karita' mill-24 ta' Diċembru 1842 bħala vigarju Kurat u bħala kappillan mill-24 ta' April 1855 sad-29 ta' Marzu 1864. Mgħolli għal Kanonku tal-Knisja Katedrali u wkoll magħżul bħala Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof Mons.Pietru Pace. Miet fil-15 ta' Frar 1894, fl-eta ta' 81 sena.

Il-Parroċċa tagħna twaqqfet b'digriet tal-Papa, illum il-Beatu Piju IX u billi dak kien żmien meta konna għadna taħt il-Ġurisdizzjoni ta l-Isqof ta' Malta, u għalhekk għandi naħseb li l-kappillan Cauchi ġie żgur ordnat saċerdot f'Malta, ma rnexxillix nikseb tagħrif dwaru fil-Kurja ta' l-Isqof ta' Għawdex, u għal dik ta' Malta m'għandix aċċess.

Xtaqt kieku nsib tagħrif iżjed dwar dan il-Kappillan, biss b'xorti tajba attwalment, bil-ħidma u bil-kortesija tas- Sur Lorenzo Zahra, Malti, mill-Birgu, li hu midħla tal-Kurja Arċiveskoili, waslulna mill-istess Kurja ta' Malta, fotokopji tad-dokument ta' meta Dun Anton Cauchi sar Monsinjur tal-Katidral ta' Għawdex.

Jidher, minn dan id-document, li meta kien hemm post vakanti ta' xi monsijur tal- Matriċi ta' Għawdex bil-mewt ta' żewġ monsinjuri, sar rikors mill-Kappillan A.Cauchi lil Arċ.Fr Gaetano Pace Forno biex jintagħżel bħala Monsinjur tal-Matriċi, u għalhekk dan kien iż-żmien (1864) meta Dun Anton ħalla l-parroċċa t' Għajnsielem biex ikun Monsinjur tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex.

Fit-tweġiba għall-għażla tiegħu bħala monsinjur hemm imsemmija l-virtujiet sbieħ tal-Kappillan Cauchi "Vitae, ac morum honestas, aliaque laudabilia probitatis" (Cit.Doc.) "Datum in Palatio Arciepiscopali Civitatis Valletta. Die 14 Martii 1864). Dan jikkonferma kemm tajjeb ħalla miktub taħt il-kwadru-pittura tal-Kappillan Cauchi l-pro-neputi tiegħu, l-Arċipriet, Dun Anton Grima.

# Dun Anton Aquilina, il-ħames Kappillan ta' Għajnsielem

**Jikteb Dun Geoffrey G. Attard**



Dun Anton Aquilina twieled fir-Rabat, Għawdex minn Francesco u Ursula mwielda Zerafa u tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Mons. Dun Mikiel Buttiġieġ, aktar tard l-ewwel isqof t'Għawdex.

Kien fl-1 ta' Lulju 1900, wara l-mewt tal-Kappillan Dun Pietru Galea min-Nadur, li Dun Anton ħa l-pussess ta' Kappillan ta' Għajnsielem minn idejn il-Vigarju ġenerali Mons. Dun Michelangelo Refalo.

## Opri fil-Parroċċa ta' Għajnsielem

Matul il-parrokat tiegħu li dam tmien snin, Dun Anton għamel diversi opri. Fi żmienu, il-familja Galea magħrufa bħala tal-Erbgħa mir-Rabat t'Għawdex ħallset biex isir l-artal maġġur tal-Knisja l-Qadima. Fis-sena 1903 hu ġab minn Franza l-istatwi ta' Sant' Andrea Appostlu u ta' Sant' Antnin. ġab mill-belt ta' ġenova fit-tramuntana tal-Italja l-qanpiena magħrufa bħala "il-ġdida". Saret ukoll l-istatwa tar-Rużarju. Fi żmienu sar ukoll il-kwadru l-ġdid ta' Sant' Andrea Appostlu u żejjen l-artal maġġur għall-festa b'sett sabiħ ferm ta' gandlieri u appostli kif ukoll kanupew irrakmat u l-pedestall tal-Madonna ta' Loretu. Fl-1906 sar l-orgni tad-ditta *Inzoli* u kompla d-damask tal-Knisja; għamel apparat komplut għall-festa b'seba' kapep, żewġ tuniċelli, pjaneta eċċ u fuq kollox bena d-Dar Parrokkjali li swiet is-somma ta' £ 349 fis-sena 1903.

Dun Anton dam kappillan tal-parroċċa t'Għajnsielem sas-7 ta' Ġunju 1908 meta nħatar bħala t-tieni arċipriet tal-parroċċa tax-Xewkija u suċċessur ta' Dun Pietru Pawl Ciantar li wkoll kien għamel madwar sena kappillan t'Għajnsielem qabel laħaq kappillan fix-Xewkija u aktar tard arċipriet. Huwa dam arċipriet tax-Xewkija sa mewtu li seħħet fl-14 ta' Settembru 1920. Waqt il-quddiesa funebri niseġ l-eloġju Dun Alfons Marija Hili li aktar tard sar arċipriet tal-belt Victoria.

DISCO & PARTY ORGANIZER | DEEJAY | LEASING OF SOUND EQUIPMENT

TEEN AGE Sound

Aurelio Bugeja

Mob: 77216572

Email: teenagesound@hotmail.com

SOUND FOR EVERY OCCASION

# Mudelli Ewkaristici:

# Dun Franġisk Mizzi (1878 – 1948) l-Kappilan ta' Għajnsielem

### Tgħarif miġbur minn Toni Calleja

### Egħluq il-mitt sena mill-pussess bħala s-seba' kappilan ta' Għajnsielem.

**Daħla**



Fil-5 ta' Settembru li ġej jaħbat għeluq il-mitt sena mill-pussess tal-qarib tiegħi Dun Franġisk Mizzi (ta' Murju, mill-Għarb) bħala s-seba' kappillan tal-parroċċa ta' Għajnsielem. Dan it-titlu prestiġjuż, voldieri ta' Mudell Ewkaristiku, lil Dun Franġisk jixraqlu ħafna. F'ħajtu, b'għemilu u b'ħidmietu, serva ta' xempju, u kien mostra ta' ħajja tassew nisranija fit-totalita' tagħha, mhux le l-inqas f'dak li hu kult Ewkaristiku. Fil-ħajja saċerdotali ta' Dun Franġisk Mizzi, id-devozzjoni lejn Ġesu' Sagramentat, skont xhieda li jiftakruh, kienet dik il-kewkba leqqiena li l-aktar li ddistingwietu.

**01: Twelid u tfulija**

Franġisk Mizzi, frott l-imħabba safja ta' Ġużepp u Katerin, xebba Caruana, twieled l-Għarb, Għawdex, fid-Dar nru. 3, Strada Chiesa, nhar it-3 ta' Marzu, 1878. Tgħammed l-għada, 4 ta' Marzu fil-knisja parrokkjali u Kolleġġjata tal-istess raħal mill-Kan. Dun M' Anġ Micallef. Fil-Fonti tawh l-ismijiet ta' Franġisk, Lippu u Wiġi. Bħala parrinijiet kellu lill-Kan. M' Anġ Micallef, l-istess wieħed li amministralu l-Magħmudija, u Rożanna mart Lippu Farrugia.[1]

Ta' biss ftit aktar minn ħames xhur, il-ġenituri beżgħu li ser imutilhom. Għalhekk bilġri bilġri, lejlet Santa Marija, ħaduh il-Palazz tal-Isqof, ir-Rabat, fejn Mons. Pietru Pace amministralu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni. Bħala parrinu, iċ-ċkejken Franġisku kellu lil Mikiel Mizzi. Imma ma kienx fil-pjan ta' Alla li t-tarbija tmut, u taħt il-kura mimlija mħabba tal-ġenituri, Franġisk issokta jikber u jitfarfar. Ftit li xejn nafu dwar tfulitu fl-Għarb, imma ma naħsbux li din setgħet kienet wisq differenti minn tat-tfal oħra ta' imparu: il-Knisja, logħob ma' ħutu u t- tfal tal-ġirien, l-iskola, min kien imur, u dik it-tikka għajnuna, skont l-eta, f'ħidmet il-familja kampanjola tiegħu.

Skont ir-reġistri tal-iskola governattiva tal-Għarb, Franġisk Mizzi, attenda l- ewwel darba dik l-iskola nhar it-2 ta' Mejju 1883. Ma tantx saddad għax l-istess sorsi jgħidulna li spiċċa f'Settembru tal-imsemmija sena. Is-surmast f'malajr ittimbrah kieku, għax fir-rapport, bħala raġuni talli ma baqax imur, niżżillu: "Traskuragni."[2] kien qatgħahielu kmieni wisq u ma damx ma kellu jerġa' jilgħaq kliemu.

F' nofs iż-żmien ta' din l-ewwel esperjenza skolastika ta' Franġisk Mizzi, tir ta' xkubetta 'l isfel mill-iskola li kien jattendi, eżattament nhar it-22 ta' Ġunju 1883, il-Madonna kienet qed issemmgħa leħinha lil waħda kumpajżana tiegħu: Karmni Grima. Qaltilha l-Madonna Ta' Pinu: "Ejja, Ejja, Ejja"; hu hi marret. Ftit xhur wara, leħen ieħor sieket sejjaħ ukoll liċ-ċkejken Franġisk ...u hu mar ukoll! Fl-1 ta' Frar 1884, Mizzi reġa' beda jattendi l-iskola;[3] u did-darba ma reġgħax ħares lura



għax kompla sal-aħħar, sa Ottubru 1890, imnejn għadda għas-Sekondarja, ir-Rabat.[4] L-eżami għad-dħul fl-ewwel klassi tas-Sekondarja, dakinhar magħrufa Bħala 'Classe Inferiore', sar nhar it-2 ta' Ottubru 1890. Minn reġistri li għadhom eżistenti fl-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex insibu li Franġisk Mizzi, kien jitħarreġ fi tliet lingwi: il-Latin[5], l-Ingliż[6] u t- Taljan[7]; il-Matematika u r-Reliġjon. Intant, l-alunni l-ġodda bdew l-iskola fis-6 ta' Ottubru. Fl-1 ta' Ottubru, 1891, Mizzi, kien promoss għall-ewwel 'Classe Superiore'. Fis-sentejn sussegwenti, hu kien promoss għat-tieni u t-tielet klassi superjuri rispettivament. Spiċċa s-Sekondarja f'aħħar tat- tielet superjuri, nhar is-27 ta' Lulju, 1894.[8] Interessanti l-fatt li minn Jannar 1894 'il quddiem, fir-reġistru tal-attendenza tal-klassi tat-Taljan, l-istudent beda jitniżżel bħala "Mizzi Chierico Francesco".[9]

**02: L-ewwel pass tanġibbli għas-saċerdozju**

L-1890 kienet waħda importanti ħafna għal Franġisk Mizzi, issa tfajjel ta' xi tnax-il sena u nofs. Barra li għadda għas-Sekondarja, fl-istess żmien għamel ukoll l-ewwel pass fit-triq pjuttost twila li kellha twasslu għall-ħajja kkonsagrata. F'Ottubru 1890, għamel talba bil-miktub f'dan is-sens lill-Isqof Djoċesan, Mons. Gio. Marija Camilleri. It-tfajjel introduċa ruħu bħala student fit-tielet klassi superjuri tal-iskola primarja. Fir-rikors, Franġisk esprima x-xewqa li jkun jista' jilbes l-abiti klerikali u jservi fil-knisja parrokkjali u Insinji Kolleġġjata ta' raħal twelidu għal perjodu ta' tliet snin kif rikjest mill-Motu Proprio tal-Papa Piju VI (1775-1799). Invista ta' dit-talba, il-Kurja talbet il-fehma tal-Arcipriet tal-Għarb. L-Arċipriet Franġisku Saverju Debrincat wieġeb lura fil-5 ta' Ottubru 1890 u wera t-tama li Franġisk Mizzi għad ikollu titlu ta' sustenn, naturalment b'riferenza għall-patrimonju sagru li kull aspirant għas-saċerdozju hu mistenni li jkollu qabel jibda jirċievi l-ordinazzjonijiet maġġuri.

Il-Konċilju ta' Trentu kien ordna li ebda kjerku ma seta' jingħata I-Ordnijiet Sagri jekk ma jkollux il-mezzi biex jgħix onestament skont l-istat tiegħu.[10] Dan ġie kkonfermat mis-Sinodu Djoċesan tal-isqof Cocco Palmieri (1684-1711) imlaqqa' bejn it-22 u l-24 ta' April, 1703 li stabbilixxa s-somma ta' 45 skut.[11] il- Papa Piju VI fil- Motu Proprio tal-1775 tellgħu għal 80 skut. Dawn setgħu jkunu renti minn raba', bini, u investimenti ta' flus.




Intant, l-Arċipriet Debrincat, fl-ittra tiegħu żied jgħid li t-tifel kien ta' kostumi reliġjużi tajba u li kien iħobb is-servizz tal-knisja. B'din ir-rakkomandazzjoni daqstant tajba, l-Isqof ikkonċieda għat-talba li saritlu fl-10 ta' Ottubru. L-għada, id-deċiżjoni kienet trasmessa lill-Arċipriet biex min-naħa tiegħu jwassalha liċ-ċkejken Franġisk.[12]

Bħalma wieħed jista' jobsor, Franġisk kien jimpenja ruħu b'mod sħiħ f'kull attivita' jew funzjoni li kienet issir fil-knisja parrokkjali tal-Għarb - waħda mill-isbaħ gawhriet barokki fil-kuruna arkitettonika ta' gżiritna. Hekk bejn l-1888 u l-1892 insibuh responsabbli miċ-ċensier (turiferario). Bejn l-1894 u l-1902 insibuh. Prokuratur tal-Via Crucis fejn kien impenjat li kull nhar ta' ħadd jagħmel il-Via Sagra bin-nies fil-knisja.

Fl-istess żmien, b'moħħ miftuħ, u għax għaraf sa minn kmieni t-tragward ta' ħajtu, it-tfajjel Franġisku Mizzi ħa kors fil-kant gregorjan li biż-żmien swielu fuq li swielu. Sant' Wistin jgħid, li: "min ikanta jkun qed jitlob doppjament". Dik il-ħabta x-xewqa fil-Knisja għar-riforrna f'dat-tip ta' kant kienet fuq fomm kulhadd u mixtieqa ħafna. Fl-aħħar ir-riforrna waslet permezz tal-Papa Piju X li pproponiha u wettaqha b'motu proprju tat-22 ta' Novembru 1903, festa ta' Santa Ċeċilja - patruna tal-mużiċisti. F'April tal-1904, b'motu proprju ieħor, l-istess Papa ħabbar uffiċċjalment is-sura tal-kant gregorjan liturġiku.

Konxji mill-għarfien tal-kapaċitajiet tiegħu f'dix-xorta ta' kant, l-awtoritajiet parrokkjali tal-Għarb, minkejja l-eta' tenera tiegħu, ħatruh Bħala Kappillan tal-Kor.[13] Franġisk serva f'dan l-uffiċċju bejn 1-1896 u 1-1902. Fl-istess żmien, bejn l-1898 u l-1902 serva wkoll bħala Maestro di Coro tal-istess Kolleġġjata. F'Mizzi, il-kant gregorjan kien wieħed mir-rocca forte tiegħu. Il-ħabib tagħna Dun Karm Cassar ta' Għajnsielem jgħid li meta Dun Franġisk kien Kappillan f'dak ir-raħal, f'okkażjoni minnhom, fejn inzerta kien preżenti wkoll l-Isqof Mikiel Gonzi, ħtieġlu jkanta l-innu tal-Ispirtu s-Santu, il- Veni Creator Spiritus. Meta temm, l-Isqof Gonzi dar fuq dawk ta' madwaru u b'ton ta' ammirazzjoni esklama: "Qegħdin tisimgħu kif għandu jitkanta dan l-Innu!"[14]

**03: Ordinazzjonijiet Saċerdotali**

Wara s-Sekondarja, il-Kjeriku Franġisk Mizzi għadda għas-Seminarju ta' Għawdex, dak iż-żmien, allura, taħt it-treġija tal-Ġiżwiti Sqallin. Fil-2l ta' Diċembru, 1899, irċieva s-Suddjakunat, fil-Palazz, minn idejn l-Isqof Mons. Gio. Marija Camilleri.[15] Il-popolin jirreferi għal din l-Ordni bħala r-*Rabta*,. U għandhom raġun għax l-ordinat jintrabat li jibda jgħid kuljum l-Uffiċċju Divin u, impliċitament kien jagħmel ukoll vot ta' kastita'. Bilkemm kien għadu rċieva din l-ordinazzjoni, li l-parroċċa tiegħu, rninħabba l-iskarsezza ta' saċerdoti fi ħdanha, ma ħatritux ukoll ċerimonjier tal-Kapitlu. F'din l-uffiċċjatura, Mizzi serva sal-1902. Fil-2 ta' Diċembru, 1900, Franġisk irċieva d-Djakunat. [16] Eżatt sena wara, fit-21 ta' Diċembru, 1901, flimkien ma' ħamsa oħra, kien ordnat presbiteru minn idejn I-Isqof Djoċesan, Mons. Gio Marija Camilleri f'Ordinazzjoni ġenerali li

saret il-Katidral.[17] Is-saċerdot novell, Dun Franġisk Mizzi, għamel l-ewwel quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata tal-Għarb: "sitt ijiem wara, jiġifieri jum wara l- Milied".[18] Ippriedkalu I-Kan. Lettur Dun Alfons Hili mir-Rabat, Għawdex.[19] Interessanti ngħidu li dik il-ħabta, li-Prima Messa, jew kif bdiet tissejjaħ aktar 'il quddiem, l-Ewwel Quddiesa Solenni, kienet tigi iċċelebrata f'qasir żmien wara l-ordinazzjoni. Dan, għax taqta' xi eċċezzjonijiet, kien hemm id-drawwa li s-saċerdot novell ma jqaddisx fil-pubbliku qabel jagħmel il-Prima Messa. Dan l-użu daħal biex it-tali Quddiesa tkun aktar solenni għax il-pubbliku inġenerali jkun qed jarah iqaddes għall-ewwel darba, fil-veru sens tal-kelma. Ukoll, qassis novell għall-ewwel ġranet wara l-Ordinazzjoni kien ikun assistit fil-quddiesa tiegħu minn saċerdot ieħor, biex jara jekk ikunx jaf iqaddes sewwa. Allura għal din ir-raġuni aħjar li għall-ewwel iqaddes fil-privat.[20]



*Victoria – Għawdex, Lapsi, 25 ta' Mejju 1911* *il-Parrokat Għawdxi mal-Arċisqof ta' Malta, l-Għawdxi, l-E.T. Mons. Pietru Pace fl-okkażjoni tal-festi li saru f'ġieħ f'għeluq it-tmenin sena tiegħu. Wara, mix-xellug: Dun Ġużepp Hili (Fontana); Dun Ġwann Saliba (Qala) Dun Bartilmew Busuttil (Żebbuġ); Dun Salv Portelli (San Lawrenz); DUN FRANĠISK MIZZI (Għajnsielem); u Dun Franġisk Portelli-Gauci (ta' Kerċem). Quddiem, mix-xellug: Dun Mawrizju Cauchi (Xagħra); Dun Ġio Andrea Vella (ta' Sannat); l-Arċisqof Pietru Pace; Dun Martin Camilleri (Nadur); u Dun Anton Aquilina (Xewkija). Assenti mir-ritratt kien hemm l-Arċiprieti: Mons. Feliċ Refalo (Katidral); u Dun Franġisk-Saverio Debrincat (Għarb).*

**04: Saċerdot b'ħajja mimlija daqs bajda**

Immedjatament wara li qaddes, kmieni fl-1902, Dun Franġisk issejjaħ Malta biex iservi bħala Viċi-parroku Ħal Balzan[21] mal-Kappillan Dun Amabile Sisner (1896-1923). Malta għamel madwar sena biss għax imbagħad isejjaħ lura f'art twelidu biex ikun kappillan tal-Isqof Camilleri. Dik il-ħabta, bħala kappillan miegħu, l-isqof ġa kellu wkoll lil Dun Ġużepp Buttiġieġ tal-Għasri. Inċidentalment, Buttiġieġ u Mizzi kienu qraba u xejn ma nistagħġeb jekk ikolli nsir naf li kien hu li pproponih għal din il-kariga hekk prestiġġjuża! Sa żmien l-Isqof Ġużeppi Pace, l-Isqfijiet kien ikollhom magħhom minn tal-anqas żewġ kappillani u meta kien jitla' għall-pontifikal il-Katidral kien ikun akkumpanjat mit-tnejn li huma liebsin il-firjolin iswed.[22] Sa dak iż-żmien l-isqfijiet ma kienux jiċċaqalqu mill-Palazz jekk ma jkunux akkumpanjati mill-kappillan tagħhom. Dun Frangisk serva f'dan l-uffiċċju sa madwar tmiem l- 1906.

Fl-1904, Dun Franġisk Mizzi kien approvat għall-qrar tal-irgiel. Fl-istess żmien kiseb il-paġella tal-predikazzjoni u mmedjatament beda jeżerċita fiż-żewġ ministeri kulfejn isejħulu. Minn Jannar 1907, kull nhar ta' Sibt beda jiffrekwenta l-Parroċċa ta' Kerċem għall-qrar. Iżjed tard kien approvat ukoll għall-qrar tan-nisa u beda jiffrekwenta aktar spiss l-imsemmija parroċċa, anki fost il-ġimgħa, biex jgħin lill-Kappilian Dun Franġisk Portelli (1901-1929) fil-qadi tad-doveri tiegħu. Dik il-ħabta l-Parroċċa ta' Kerċem mhux biss kienet pjuttost skarsa mis-saċerdoti, imma bejn April ta' dik is-sena u Marzu 1910, kien għaddej xogħol strutturali kbir fuq l-għamla tal-knisja.

F'Ta' Kerċem, Bħala viċi tal-Kappillan Portelli, Dun Franġisk kien jamministra s-Sagramenti, jassisti l-moribondi, prokuratur taż-żewġ fratellanzi eżistenti f'dik il-parroċċa, u f'diversi ħdud kien ukoll jagħmel hu l-ispjega tal-Katakeżmu flok il-kappillan. Dment li kien f'dak ir-raħal, Mizzi kien ikun mgħajjat biex jagħti s-servizzi tiegħu f'ħafna knejjes parrokkjali, knejjes sussidjarji, u kunventi, speċjalment fejn tidħol il-predikazzjoni u korsijiet ta' eżercizzi. Il-fama li kiseb f'dan il-ġeneru ta' appostolat, kisbitlu l-ammirazzjoni tal-kotra, tant li kmieni fl-1909, l-Isqof ħatru membru tal-Missjoni Djoċesana li dik is-sena kellha ssir iż-Zebbuġ.

**05: Kappillan Għajnsielem**

Nhar id-29 ta' Marzu 1909, il-Parroċċa ta' Għajnsielem sfat vaganti minħabba li l-Kappillan Dun Mawrizju Cauchi D.D., wara anqas minn seba' xhur biss fir-raħal, kien promoss bħala l-Arċipriet il-ġdid tax-Xagħra. Floku, sakemm jinħatar ragħaj ġdid, l-Isqof bagħat lil Dun Karm Portelli;[23] tal-Maddied, mill-Għarb. Fis-17 ta' April, l-Isqof G. M. Camilleri ħabbar konkors għall-kappillan ġdid fir-raħal u ddestinah għad-29 tal-istess xahar. Għalih daħlu numru sabiħ ta' konkorrenti ta' stoffa, hu l-favorit deher li kien il-Kan. Dun Martin Camilleri neputi tal-Arċipriet tan-Nadur, lawrjat fit-Teoloġija, eżaminatur Sinodali u kanonku meritevoli. Iżda n-nies ta' Għajnsielem ma kienux kuntenti bih għax kienu jaħsbu li dan kellu prospett kbir li f'qasir żmien jilħaq Arċipriet tan-Nadur u hekk kien jerġa' jirrepeti ruħu l-każ tal-Kappillan Dun Mawrizju Cauchi. "B' riżultat ta' din l-atmosfera, l-Isqof irrakkomanda lill-Kan. Camilleri bħala Arċipriet Koadjatur tan-Nadur, bid-dritt tas-suċċessjoni ta' zijuh, l-Arċ. Camilleri. Għal Għajnsielem ġie rrakkomandat Dun Franġisk Mizzi mill-Għarb".[24] Mal-għażla tiegħu, id-Devot ta' Marija, wara li feraħlu bil-qalb, u wera' b'liema ferħ kbir laqgħu l-poplu Għajnselmiż, qal: "Għalkemm żagħżugħ ħafna għandu għaqal biżżejjed u jinsab imżejjen biż-żelu; għalhekk naħsbu li jħabrek mhux ftit u jagħmel ġid kbir."[25] Ingħażel b'ġustizzja u fuq il-merti tiegħu. F'Għajnsielem, ħadem u kien maħbub ħafna.[26]

Difatti l-Kan. Dun Ġużepp Zerafa, ex-Arċipriet ieħor wisq maħbub mill-poplu ta' Għajnsielem, jgħidilna li Mizzi: "Kien saċerdot eżemplari, predikatur mill-aqwa u mixgħul bil-ħeġġa li jġib lil Għajnsielem u lin-nies tiegħu 'l quddiem kemm materjalment kif ukoll spiritwalment. Il-Kappillan Mizzi, li dejjem kien imdawwar bir-rispett u l-ubbidjenza tan-nies ta' Għajnsielem, għaraf bi prudenza kbira jwettaq bidla meħtieġa f'dan ir-raħal".[27]

Kemm tabilħaqq il-Kappillan Dun Franġisk Mizzi kien impenjat biex iġib lin-nies ta' Għajnsielem 'il quddiem anki materjalment, jixhdu dokument li skoprejt snin ilu fis-sezzjoni tas-Segretarjat tal-Gvern fl-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex. F'dad-dokument li jmur lura għall-ewwel sena tal-parrokat tiegħu, ittra datata 9 ta' Marzu 1910, Mizzi jipprotesta mal-Gvernatur ta' Malta, Sir Henry Leslie Rundle, talli s-Somersetshire light Infantry, stazzjonati fil-Forti Chambray, allura fil-limti tal-parroċċa tiegħu, kienu ġabu xi ħaddiema minn Malta biex jeżerċitaw xogħol fl-imsemmija fortifikazzjoni. Il-kappillan talbu biex jordna lit-truppi stazzjonati Chambray biex kemm jista' jkun iħaddmu n-nies tal-lokal u mhux iġibu ħaddiema minn Malta.[28]

Intant, Dun Franġisk Mizzi ħa pussess bħala s-seba' kappillan ta' Għajnsielem nhar il-5 ta' Settembru 1909, tmintijiet qabel il-festa tirulari, minn idejn Mons. Kan. Dekan, Dun ġuzepp Farrugia, Protonotarju Appostoliku, u Vigarju ġenerali tad-Djoċesi Għawdxija. Il-poplu għamillu laqgħa sabiħa.[29] F'dil-parroċċa, il-Kappillan Mizzi wettaq missjoni eżemplari ta' 39 sena sħaħ; sa mewtu, fejn nistgħu ngħidu li kien mudell mhux biss għall-parrokat, iżda wkoll għal kollu kemm hu l-kleru Għawdxi. Difatti, il-ħabib tagħna, Dun Karm Cassar, jistqarr li l-Kappillan Mizzi: " "Dejjem wera qima lejn is-superjuri tiegħu, tant li darba Mons. Isqof Gonzi indikah bħala mudell lil sħabu l-kappillani".[30] Fi żmienu, il-Kappillan Mizzi kien membru tal-Kumitat ċentrali tal-Missjoni għal Malta u Għawdex, u biex juruh l-istima li kellhom lejh, sħabu għoġobhom jaħtruh Segretarju tal-Kulleġġ tal-Kappillani Għawdxin.[31]





**06: Kappillan b'impenn Ewkaristiku qawwi**

"Lejn Ġesu' Ewkaristiku, Dun Franġisk Mizzi kellu devozzjoni speċjali. Sa mill-bidu tal-parrokat tiegħu, allura fit-3 ta' Ottubru 1909, hu waqqaf il-Kongregazzjoni tas-Siegħa tal-Adorazzjoni".[32] Dik il-ħabta din id-devozzjoni sabiħa kienet qed titwaqqaf fil-parroċċi kollha ta' Għawdex. Nafu, per eżempju, li aktar kmieni twaqqfet l-Għarb,[33] u fl-istess żmien ta' Għajnsielem twaqqfet ukoll f'San Ġorġ.[34] Irriċerkajt ħafna biex kieku nsib fuq liema direttiva kienu qed jitwettqu, pero' ma rnexxilix. Biss nifhmu li din setgħet kienet xi inizjattiva oħra ta' promozzjoni Ewkaristika, mill-ħafna meħuda f'dan is-sens, mill-Papa San Piju X (1903-1914). Xieraq ngħidu wkoll li fl-1902, fi żmien il-parrokat ta' Dun Anton Aquilina (1900-1908), wara l-Enċiklika tant sabiħa fuq l-Ewkaristija li kien għadu kemm kiteb l-imsemmi papa qaddis, f'Għajnsielem, ġa kienet twaqqfet l-opra tas-sekulari adoratturi.[35] Fit-tielet Ħadd ta' Novembru 1909, fuq inizjattiva purament tiegħu saret għall-ewwel darba l-Adorazzjoni Solenni fil-parroċċa ta' Għajnsielem. L-ex Arċipriet tal-imsemmi raħal, il-wisq ħabrieki Kan. Dun Ġużepp Zerafa, jirrakkonta li: "Sal-1910 kienet għadha qatt ma saret espożizzjoni solenni tas-SS.mu. Sagrament għal ġurnata sħiħa f'Għajnsielem. Għalhekk il-Kappillan Mizzi, nhar l-ewwel ġurnata tal-Karnival, il-Ħadd tal-Quinquagesima 1910, żamm għall-ewwel darba Espożizzjoni Solenni għal ġurnata sħiħa, li għaliha kkonkorrew għadd kbir ta' nies".[36]

Dwar l-impenn Ewkaristiku qawwi tal-Kappillan Mizzi, il-ħabib tagħna, Dun Karm Cassar iżid jgħidilna li hu waqqaf ukoll: "il-Kwaranturi li fihom kienet issir Espozizzjoni Solenni binhar u bil-lejl. Għall-espożizzjoni solenni tal-Korpus u tal Kwaranturi kien ordna ġilandra mill-isbaħ li aħna għandna ngawduha sallum. Kull tielet ħadd tax-xahar, filgħodu, kienet issir il-purċissjoni żgħira tas-SS.mu. Sagrament imsejħa tat-Terza, u wara nofsinhar, imbagħad, kien jitla' fuq il-pulptu liebes il-mozzetta u stola u jinseġ siegħa solenni predikata minflok l-ispjega tal-Katekliżmu". Dun Karm itemm jgħid li: "hu nkoruna ħidmietu bħala kappillan billi ftit qabel ma ħalla din id-dinja, ħallas minn butu t-tabernaklu tal-fidda li jinsab fil-knisja l-qadima".

Jingħad li l-kaġun tal-mewt ħesrem tiegħu kienet appuntu l-opra tat-tabernaklu tal-fidda. Din l-aħħar opra tiegħu kienet ferm marbuta ma' qalbu. Għaliha, barra li ta ammont ta' pużati tal-fidda li kellu fil-pussess tiegħu, żborżja somma sabiħa ta' flus minn butu. Kienu flus li ħareġ tassew bil-qalb għax bħalma jgħid il-qawl: "Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm ukoll hija qalbek"; u qalb Dun Franġisk kienet fl-Ewkaristija. ġara iżda, li fi ftit żmien minn meta tlestiet, din l-opra żviluppat xi difetti manifatturali. Dil-bawxata lill-kappillan Mizzi kedditu sħiħ. L-inkwiet ħadem fih tant li fnieh u kkaġunalu tmiemu.[37]

**07: Kappillan ħabrieki u ta' inizjattiva kbira**

F'Għajnsielem, il-Kappillan Mizzi ppromova kemm felaħ mhux biss il-kult Ewkaristiku, kif ġa aċċennajna, imma wkoll dak Marjoloġiku u Ġużeppin. Fir-raħal, isem Dun Franġisk jintrabat ma' diversi opri filantropiċi u oħrajn ta' fejda mhix żgħira: it-tiġdid tal-istatwa titulari tal-Madonna ta' Loretu - proġett li mexxa ħafna, fl-1920; il-bidu tal-knisja l-ġdida - monument ħaj tal-arti u ta' fidi nisranija, bis-saga kollha tagħha, fl-1922;[38] l-introduzzjoni tal-Azzjoni Kattolika u l-inizjattiva, fl-1933, biex il-parroċċa jkollha ċ-ċimiterju tagħha; ta s-sehem tiegħu fit-twaqqif tal-istitut ta' San Ġużepp, li mhux biss għenu f'ħajtu imma wkoll ħaseb għalih wara mewtu;[39] il-ftuħ tal-"Lourdes Home"; l-aċċettazzjoni tas-Sorijiet Agostinjani fl- 1946;[40] u t-twaqqif tal-"Figlie di Maria", fost l-oħrajn.

**08: Konnessjonijiet tal-Kappillan Mizzi mal-Għasri**

Apparti l-konnessjoni paternalistika li hu kellu fl-Għasri, hemm żewġ intietef li jinvolvu liż-żewġ parroċċi tal-Għasri u Għajnsielem, u li t-tnejn li huma

seħħew fi żmien il-parrokat ta' Dun Franġisk Mizzi. Huma żewġ ħwejjeg fuq il-binarju tal-bejgħ u xiri li xieraq insemmuhom mhux biss biex jibqgħu rrekordjati fl-istorja, iżda wkoll minħabba l-valur intrinsiku u sentimentali tagħhom.

i. ix-xiri mill-parroċċa ta' Għajnsielem ta' karru tal-ħadid, iddisinjat u maħdum minn Gio Marija Camilleri (ta' Kuncetta: 1852-1935) fl-1902, biex bih jinġarr il-ġebel għall-knisja l-ġdida mill-barriera li allura kienet tinsab ħejn it-Torri ta' Santa ċeċilja. Dan il-bejgħ sar mill-ewwel Kappillan tal-Għasri, Dun Ġużepp Galea (1922-1924) u jinsab irreġistrat fl-ewwel ktieb tad-dħul u l-ħruġ tal-parroċċa taħt id-data tat-13 ta' Diċembru, 1922: "Dal Parr. Mizzi per carro -£4.105. (EIO.48)".[41] Fl-Għasri dan kien l-uniku karru tal-għamla tiegħu li bih in-nies ġarrew il-qofol tal-ġebel użat fil-bini tal-knisja il-ġdida.[42] Naturalment it-trasport tal-ġebel kien isir ukoll permezz tal-karrettuni miġbuda mill-bhejjem. Sal-1930, dan il-karru kien għadu jeżisti għax bil-permess ġentili tal-Kappillan Dun Franġisk Mizzi, il-parroċċa tal-Għasri sselfitu minn għandu biex tittrasporta mix-Xatt sar-raħal, il-qanpiena l-kbira tas-sett il-ġdid, xogħol id-ditta tal-inġinier Prospera Barigozzi ta' Milan - Italja. li kieku kien illum dan il-karru ma kienx jinbiegħ għax kien jinżamm bħala relikwija u għelm ieħor tat-tbatija kbira ta' missirijietna biex waqqfu tempju għall-Mulej Alla f'raħalhom.

ii) ix-xiri mill-parroċċa tal-Għasri ta' statwa tal-Madonna tar-Rużarju. L-istatwa inħadmet f'Lyons -Franza fl-1902 fuq kummissjoni tal-Kappillan ta-' Għajnsielem, Dun Anton Aquilina (1900-1908) u kienet swiet £12 (€27.95). Fl-1921, il-Kappillan Dun Franġisk Mizzi ordna statwa oħra tal-Madonna tar-Rużarju għand l-istatwarju Għawdxi, Wistin Camilleri. Swiet £10 (€23.29) u tbierket nhar it-2 ta' Ottubru, tal-istess sena.

Kienet akkwistata għall-Għasri fl-1924, fiż-żmien li l-parroċċa kienet f'data f'idejn il-Vigarju Kurat, il-Kan. Dun Martin Camilleri tan-Nadur. Swietilna £3 (€6.99[43] u nifhem li waslet l-Għasri sewwa sew fil-ħin għad-devozzjoni tax- xahar ta' Ottubru ta' dik is-sena.

**09: Il-mewt tal-kappillan ta' Għajnsielem**

Dan ta' fuq huwa t-titlu ta' nekroloġija miktuba minn Dun Salvin Bartoli Galea u ppubblikata fuq ġurnal lokali kontemporanju. Dun Salvin kien saċerdot Malti, artikolista profiliku li kien jikteb fil-ġurnal Leħen is-Sewwa, u li fit-Tieni Gwerra dinjija għamel aktar minn sentejn refuġjat Għajnsielem. Ippermettuli nagħlaq dal-profil, appuntu bir-rapport konċiż tiegħu għax tassew qaxxar il-karattru ta' dan il-kappillan kbir.

"Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju, "1948", ir-raħal ta' Għajnsielem, ġarrab telfa kbira bil-mewt tal-Kappillan DUN FRANĠISK MIZZI. Kienet mewta ta' malajr, għax il-kappillan ħassu ħażin il-ġurnata ta' qabel waqt li kien qiegħed jipprietka t-trediċina ta' Sant' Antnin. Kien ilu kappillan 39 sena. Kull min kien jafu bilfors jara fih bniedem l-aktar spiritwali u umli, bniedern dħuli u ġentlom, għaref u tad-dmir. Ħabb il-parroċċa tiegħu u qatt ma ried jinfired minnha. Ħabb l-orfni li tagħhom hemm l-Istitut fil-parroċċa tiegħu, u kien il-għajnuna f'kull bżonn tan-nies tar-raħal. Min qiegħed jikteb għadda iktar minn sentejn fil-parroċċa ta' Għajnsielem u ammira l-kwalitajiet qaddisa u sbieħ tal-Kappillan Mizzi. It-tifsir tal-katekizmu li kien jagħmel il-kappillan ta' Għajnsielem kienu lezzjonijiet l-aktar ċari, ta' stil sempliċi u ordnat li kienu jixhdu fih intelliġenza u qdusija.

Il-ħajja tiegħu kienet mogħtija kollha għall-ġid tal-erwieħ, l-aktar fiż-żmien twil li għamel bħala kappillan. Għajnsielem, ġarrab tabilħaqq telfa kbira".[44]

Mulej agħtih il-Mistrieħ ta' dejjem.

**Riferenzi:**


01: Arkivjuħ Parrokkjali Għarb, tagħrif miksub telefonikament permezz tal-Arċ. Mons. Carmelo Gauci, nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Frar, 2009. Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzjah.
02: National Archives Gozo, SS, 13/03, f. 3v; ara tifel indiċjat bin-numru 460.
03: Ibid., ara tifel indiċjat bin-numru 467
04: NAG, SS, 13/05, p. 1; ara tifel indiċjat bin-numru 2.
05: NAG, SS, 04/18 (Rapporto Giomale della Scuola di Latino, Rabato -Gozo); ara tifel bin-numru 375 -Francesco Mizzi. Ta' min jgħid li f'dan ir-reġistru, f'xi xhur, l-isem tniżżel bħala Giuseppe.
06: Ibid., 04/19 (Rapporto Giornale della Scuola di Eleucuenza e composizione Inglese, Rabato - Gozo); ara tifel indicjat bin-numru 375.
07: Ibid, 04/20 (Rapporto Giornale della Scuola di Eleucuenza Italiana, Rabato - Gozo); ara tifel indiċjat bin-numru 375
08: Ibid., 04/21 (Register of Daily Attendance of the School of English Language, Victoria -Gozo), 01 Oct 1892 -30 Jun 1897.
09: Ibid., 04/22 (Register of Daily Attendance of the School of Italian, Victoria -Gozo), Jan. 1893+.
10: Conci1lium Tridentinum, Sess. XXIX, De Reform, cap. 11.
11: Synodus Diocesana Ab Illustris. Et Reverendiss. Domino Frate Davide Cocco Palmerio Episcopo Melitensi, 1703, Malta 1842, p. 42, parag. V.
12: AE(piskopali) Għawdex, Rikorsi, 34/1890.
13: S. CAMILLERI, Ġrajjiet il-Kolleġġjata tal-Għarb, Orphans' Press -Gozo, 1974, p. 29.
14: K. CASSAR, il-Kappilan Frangisk Mizzi - il-Kappillan ta' tfuliti u ta' żogħżiti (1909-1948), f'Festa Madonna ta' Loretu 2006, p. 65.
15: AEG, Reġistru tal-Ordinazzjonijiet Saċerdotali. Ara taħt kull data ċċitata. Ara wkoll: Id-Devot ta' Marija, Diċembru 1899, p. 13.
16: Id-Devot ta' Marija, Diċembru 1900,p.14.
17: Ibid., Diċembru 1901,p.14.
18: K. APAP, LI-me.il.et Kappillan ta' Għajnsielem, f Leħen is-Sewwa, 26 ta' Ġunju, 1948, p. 3.
19: Id-Devot ta' Marija, Jannar 1902, p. 30.
20: Inwieġbu, f Leħen is-Sewwa, 19 ta' Ottubru, 1946, p. 7.
21: K. APAP, F' għeluq ix-xahar mill-mewt tal-Kapplilan ta' Għajnsielem, f' il-Berqa, 6 ta' Lulju, 1948, p. 7.
22: tagħrif orali mogħti lili fil-Katidral minn Mons. Ġużeppi Gauci nhar is-Sibt, 14 ta' Frar,2009.
23: Id-Devot ta' Marija, Mejju 1909, p. 78.
24: Ġ. ZERAFA, ġrajjet il-parroċċa ta' Għajnsielem, Għawdex 1989, p. 23.
25: Id-Devot ta' Marija, Awwissu 1909, p. 127.
26: T. CALLEJA, Mitt sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Karm Caruana (1908-2008) –minn twelidu sa miġjietu fl-Għasri, f'IL-KORPUS 31 (2008), p. 132.
27: G. ZERAFA, Ġrajjet il-parroċċa, eċċ; op. cit., pp. 23 u 26.
28: NAG, SG, 01/58, p. 138.
29: Id-Devot ta' Marija, Ottubru 1909, p. 156.
30: K. CASSAR, il-Kappillan Frangisk Mizzi, ecc., op. cit., p. 65.
31: MINN GHAJNSIELEM, Għajnsielem jibki t-telfa tar-ragħaj tiegħu, fl-Għawdex, il-Hadd, 20 ta' Ġunju, 1948, p. 6.
32: K. CASSAR, il-Kappillan Franġisk Mizzi, eċċ., op. cit., p. 65.
33: Id-Devot ta' Marija, Marzu 1909, p. 48.
34: Ibid., Awwissu 1909, p. 126.
35: Ibid., Awwissu 1902, p. 141.
36: Ġ. ZERAFA, ġrajjet il-parroċċa, eċċ; op. cit., p. 26.
37: Informazzjoni mill-Kan. Dun Ġużepp Zammit tal-Għasri f'telefonata li kelli miegħu nhar il-Hadd, 18 ta' Jannar, 2009.
37: Min jinteressah li jkun jaf aktar dwar das-suġġett partikulari huwa mistieden jara: Ġ. ZERAFA, ġrajjet il-parroċċa, eċċ; op. cit., pp. 40-52.
39: MINN GHAJNSIELEM, Għajnsielem jibki t-telfa tar-ragħaj tiegħu, op. cit.
40: A.P., is-Sorijiet Agostinjani f'Għajnsielem (Għawdex), f'Leħen is-Sewwa, 16 ta' Ottubru, 1946, p.4.
41: AEG, CO 268 (Registro per l-introito e dell'Esito della Veneranda Sancta Chiesa Parrocchiale Għasri -Vol.I), p. 86.
42: Deskrizzjoni eatta ta' kif kienu jitħaddmu dawn ix-xorta ta' karrijiet, wieħed jista' jsibha f'Ġ. ZERAFA, ġrajjiet il-parroċċa, eċċ; op. cit., p. 46.
43: AEG, CO 268, e., op. cit., p. 174.
44: Salvinu Bartoli Galea, il-mewt tal-Kappillan ta' Għajnsielem, f'Leħen is-Sewwa, 16 ta' Ġunju, 1948, p. 8.

# Inħarsu s-Safà tat-Tfal

## Dun Karm Cassar

Is-soċjeta' li qegħdin ngħixu fiha ma tantx toffri valuri wisq insara, agħar u agħar illum minħabba l-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, meta dawn huma mħaddma ħażin. Isir ħafna kliem dwar l-edukazzjoni sesswali, dwar il-psikoloġija tat-tfal u l-bqija, iżda, kif naraha jien, ftit li xejn isir tagħlim dwar is-sbuħija tal-virtu' tas-safa u dwar il-valur ta' kull virtu' oħra. Ikun għaqli ħafna jekk inpoġġu quddiem uliedna ideal għoli tas-sbuħija tal-virtu' tas-safa'. Hija tant għanja din il-virtu' tas-safa', li San ġwann Bosco kien iħobb isejħilha l-virtu' reġina.

Spiss nisimgħu fuq il-mezzi tax-xandir esteru warnings minħabba xi diżastru imminenti biex kulħadd ifittex xi kenn u jingħalqu sew it-twieqi u l-bibien. Ninsabu mixjin lejn l-istaġun sajfi li fih tant drabi u kullimkien, fid-djar, fil-baħar bl-imġibiet u b' ilbies indiċenti, bit-turiżmu, l-iskuża tas-sħana u d-doża tal-perikli kontra l-virtu' sabiħa tas-safa' jikbru u jikbru, allura aħna għandna nkunu on the alert.



Id-dinja kollha ttenni: "edukaw il-qalb tat-tfal u taż-żgħażagħ għax dawn huma 1-bażi tal-familja futura" Jekk din hi ħaġa nobbli u wisq meħtieġa hija żgur għal kollox hi meħtiega fejn tidħol il-virtu' tas-safa' jew kastita'. Is-safa' u l-qdusija fiż-żgħażagħ donnu jfisser ħaġa waħda, tant li San Filippu Neri, Appostlu kbir taż-żgħażagħ, kien iħobb igħid:"agħtuni żagħżugħ safi u jien nagħtihulkom qaddis". Is-sistema ta' Don Bosco qisa' għandha mira waħda, dik tas-safa', huwa kien isejħilha 'il-virtu' reġina'.

Tkun safi jew pur ifisser ikollok mibegħeda lejn dak kollu li hu kontra s-Sitt Kmandament; għalhekk kull persuna, ġuvni jew xebba, miżżewweġ jew miżżewġa, ilkoll għandhom iżommu s-safa' skont l-istat tagħhom. Hawn hu ta' min ifakkar li l-għarajjes għadhom mhumiex ta' xulxin, għadhom mhux miżżewġa.

Din il-virtu' hija teżor hekk prezzjuż li l-istess anġli żgur igħiru għaliha, għax 1-anġli huma safja mill-istess natura tagħhom, filwaqt li l-bniedem, biex iżomm ruħu safi, kast, jeħtieglu jiġġieled kontra l-istinti qalila li jinsabu ġo fih u għalhekk jikseb ħlas li jservih għall-ħajja eterna, ħaġa li l-anġli ma jiksbux għax huma spiriti, filwaqt li lilna l-Mulej qalilna biex nisforzaw biex ngħaddu mill-bieb id-dejjaq, dak li l-anġli ġa' kisbuh.

Alla ħalaq il-bniedem b'tali mod li jista' jsir għamara tal-Ispirtu s-Santu:" Ma tafux -qal San Pawl- li intom tempju t' Alla u l-Ispirtu s-Santu jgħammar fikom?" Hija forsi ħaġa żgħira għall-bniedem li jkollu l-preżenza t'Alla ġo fih ? Li t-Trinita' Mqaddsa tgħammar fih ? " Kemm huma ftit dawk l-imgħammdin, kiteb Roquel, Plus, li jafu japprezzaw dan it-tagħlim, jiġifieri li Alla igħammar f'dak il-bniedem li jkun fil-grazzja t'Alla?" La darba aħna nkunu konxji li Alla igħammar fina, kif allura għandna nżommuh dan ġisimna ?

Il-ġisem tagħna għandu jkun membru ħaj fil-ġisem Mistiku ta' Kristu, li hu 1-Knisja, kif mela għandna nżommuh ? It-tweġiba hi waħda, qaddis u safi. Meta hu safi qed nogħġob lil Alla, jekk le, qed nogħġob lix-xitan. Is-Sitt Kmandament jgħidilna:"La tiżnix", u s-Salmista jsaqsi:" Min jista' jitla' l-għolja tal-Mulej? u jwieġeb: "Min għandu jdejh indaf u qalbu safja". Fil-Barkiet insibu:" Henjin dawk ta' qalbhom safja għax dawn jaraw l-Alla".

Kull virtu' li jikseb il-ġuvni jew ix-xebba tkun għalih/a bħala ornament prezzjuż li jagħmluh(a) għażiz /a quddiem Alla, iżda s-safa' tagħmel fihom xi ħaġa iktar, għax biha jsiru jixbħu lill-anġli tas-smewwiet. Il-warda l-iktar sabiħa tidher li hi l-gilju, għax dan jogħla 'l-fuq, dejjem iħares 'l fuq u jissimboleġġa s-safa'. Minn Ġesu' jingħad 'li jħobb jitpaxxa qalb il-ġilji', iżda l-ġilju hu warda delikata ħafna u għalhekk hija suġġetta iżjed għall-irwiefen li jonfħu kontriha.

Nista' nżomm ruħi safi ? Iva, basta ninqeda bil-mezzi tradizzjonali li tagħtina l-Knisja: li huma talb, qrar u tqarbin ta' spiss, vera devozzjoni lejn Ommna Marija, it-trażżin tas-sensi nterni u esterni, il-ħarba tal-okkażjoni prossima tad-dnub u l-mistħija jew il-modestja nisranija: dawn huma difiża qawwija kontra l-ħażen, bħallma kienu ta' protezzjoni qawwija għall-antenati tagħna, is-swar mibnija għolja u f'saħħithom li għad għandhom il-bliet tagħna l-Maltin.

Semmejna l-modestja, jew forsi aħjar il-mistħija nisranija: "Din ma tfissirx taħbi xi ħaġa kerha jew ta' mistħija, iżda tfisser tgħatti dak li hu sabiħ u qaddis, bħas- swar ta' l-ibliet, li qegħdin hemm mhux biex jgħattu xi kruha tagħhom, iżda biex ma jħallux l-għadu jidħol u jħarbat l-importanza tagħhom... Il-bniedem ma għandux iqis lil ġismu jew xi parti minnu bħala oġġett tal-logħob, jew iqis xi persuna oħra bħala oġġett ta' pjaċir għalih nnifsu, għax l-egoiżmu jitfi l-imħabba "vera li tant hija meħtieġa biex ngħixu bid-dinjita' ta' bnedmin li aħna". (ara Gwida 5/1989). San Pawl igħidilna : Agħtu glorja lil Alla f'ġisimkom" (1 Kor.6,20)

F'waħda mill-ħolm li kellu San Ġwann Bosco hu kien lemaħ ħafna tfal iżommu f' idejhom ġilju abjad. F'daqqa waħda ra jitfaċċa annimal feroċi li ried jaħtaf minn idejn it-tfal l-isbaħ warda, il-ġilju. Instemgħet vuċi tgħajjat" Għollu 'l fuq il-ward" "il-fuq ukoll għajjat Don Bosco' u l-idejn tat-tfal intrefgħu kollha 'l fuq qishom f'talba lejn Alla u dak il-ħin Don Bosco ra lil dak l-annimal feroċi mirbuħ.

'Il fuq, 'l fuq, jiena wkoll ngħid lilkom tfal u żgħażagħ 'għollu qlubkom'. Għollu ħsibijietkom' il fuq; erfgħuhom 'I fuq mill-ħama moqżież li spiss toffri d-dinja ta' ma dwarkom, u, bħall- ġilji għollu ħarsitkom lejn is-sema u spiss itolbu lill-Omm safja tas-sema li tixtieqkom puri, safjin f'ruħkom u f'ġisimkom, biex tgħixu b'tali mod, li l-ġilju abjad tas-safa', ikun ukoll għalikom il-warda preferita tagħkom; għax: "Imberkin dawk ta' qalbhom safja, għax huma jaraw 'l Alla" (Mt.5,8)

# *Simboliżmu Marjani (2)*

*minn* **Mons Lawrenz Sciberras**

II-Knisja ta' Lvant għandha ħafna x'tgħallem lill-Knisja tal-Punent. Dan stqarru l-Papa Ġwanni Pawlu II fI-enċiklika tiegħu dwar l-Ekumeniżmu. Issa dan jgħodd ukoll għat-tagħlim, qima u devozzjoni li l-Knisja tal-Orjent matul is-sekli rawmet u saħħet lejn il-Verġni Mqaddsa Marija. Ibda biex, kienet din il-Knisja li xettlet il-festi u indikat il-post fejn bdew isiru sa mill-ibgħad żminijiet.



Ukoll f'dak li huwa tagħlim il-Knisja tal-Lvant dejjem saħħet u niżżlet għeruqha fil-fond biex tnissel fost l-insara l-imħabba ortodossa lejn il-Knisja. Jekk niġu għad-devozzjoni lejn il-Madonna, din il-Knisja tapplika diversi titoli mimlijin tagħlim dwar Marija. Hekk dwar il-qdusija ta' Marija. Mill-fatt li Alla sejħilha lil Marija biex tkun l-omm ta' ibnu l-qaddis, għandna naħsbu li Alla lil Marija għamilha wkoll qaddisa. Il-Griegi, għalhekk isejħulha Panagia. (Kollha kemm hi qaddisa).

Din tal-qdusija f'Marija huwa l-aspett pożittiv. Hemm imbagħad l-aspett negattiv, li jeskludi dak kollu li jista' b'xi mod itebba' s-sbuħija tal-qdusija. Dan l-aspett fit-tradizzjoni tal-Ivant hu mfisser b'qawwa akbar bil-kelma Panàmonos, li tfisser ħielsa għal kollox minn kull tebgħa tad-dnub. U hawn jidħol il-privileġġ l-ieħor ta' l-lmmakulat Konċepiment ta' Marija.

Iżda n-nies tal-Orjent minn natura tagħom xejn ma jogħġobhom l-astratt. Huma jridu jmissu, jaraw, jisimgħu u l-bqija. F'kelma waħda jridu jħaddmu kemm jista' jkun is-sensi esterni tagħhom. Hu kollu għalhekk li biex jispjegaw dan kollu lin-nies tal-Orjent iqabbżu ħafna s-simboli, biex dawn imbagħad imexxuhom lejn il-ħsieb tagħhom. Issa dawn is-simboli huma applikati ħafna fil-wisa' tagħhom lil Marija.

## Il-Hamiema

Din it-tajra bajda, ħafifa u safja, Mose' iddikjaraha fost l-għasafar puri. Dan kien ifisser li wieħed jista' joffriha bħala debħa fuq il-midbaħ tal-maqdes f'ġerusalemm '1 Alla. Minn dan wieħed jikkonkludi dwar is-sbuħija naturali ta' din it-tajra.

Meta omm tiled xi tarbija u jgħaddu l-jiem għat-tisfija tagħha, hija kellha toffri 'l Alla żewġ kwalitajiet ta' offerti għas-sagrifiċċju: ħaruf għas-sagrifiċċju tal-ħruq, dan huwa s-sagrifiċċju olokawst, u beċċun ta' gamiema għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni (Lev 12,6). Jekk imbagħad il-familja tkun fqira, l-offerta għandha tkun iżgħar. Hekk ġara fil-kas tal-familja ta' Nazaret (Lq 2,24).

Minħabba s-sbuħija tagħha, kif ukoll il-fatt li l-ħamiema hija mlibbsa b'rix tassew abjad u leqqien, il-Bibbja ssemmi it-titjira qawwija tagħha. "Mhux li kelli l-ġwienaħ bħall-ħamiema, biex intir u mmur nistrieh" (S1 55,7). L-istess ħaġa jgħid is-salmista għall-ġwienaħ il-ħamiema: "Sbieh bħall-ħamiema bi ġwienaħ bħall-fidda, b'rixha mżejjen b'deheb safrani" (S1 67,14b). ġesu' stess imbagħad għallem dwar il-virtu' sabiħa tas-safa' u xebbaħha mal-ħamiema. "Kunu għaqlin bħas-sriep u safjin bħall- ħamiem" (Mt 10,16). Anke l-istess tbarqim tal-ħamiem li xi drabi jfisser qsim tal-qalb, dan ukoll jesprimuh bħala mezz ta' messaġġ. "Bħal ħuttafa npespes, bħal ħamiema nokrob, għajnejja għejjew iħarsu '1 fuq" (Is 38,14).

Fil-letteratura kif ukoll fl-arti niltaqgħu mal-fedelta', mal-imħabba u mal-ħrara tal-ħamiema. Hekk fil-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet ktieb li jirrappreżenta djalett bi still sensittiv kultant qawwi ħafna dwar l-imħabba, l-Għarus idur lejn l-Għarusa tiegħu u jindirizzaha b'dak il-kliem ta' mħabba: "ħamiema tiegħi ġewwa x-xquq tal-blat, moħbija ġo l-irdum" (2,14). Fil-waqt li f'parti oħra nerġgħu niltaqgħu: "Oħti, ħabiba tiegħi, ejja iftaħli, ħamiema tiegħi, int bla nuqqas!(5,2). Għat-tielet darba nerġgħu niltaqgħu ma' l-istess espressjoni: "Imma waħda biss il-ħamiema tiegħi, waħda 1-perfetta tiegħi"(6,9).

Issa dawn l-espressjonijiet flimkien mal-kwalitajiet li ġġorr magħha l-ħamiema, missirijiet il-Knisja japplikawhom lil Marija. Marija hija dik il-kreatura safja, sabiħa, ħafifa għaliex mhix imtaqqla minn ebda dnub ta' din l-art. Marija hija mimlija "ħlewwa" kif isejħilha San Bonaventura. Marija hija dik il-ħamiema li irritornat bil-fergħa taż-żebbuġ f'munqara għaliex hija kellha twelled lis-sultan tal-paċi u tas-sliem.

## It-tabernaklu

Il-kelma tabernaklu ġejja mil-Latin tabernaculum. Forsi l-aktar kelma bil-Malti li toqrob lejha hija l-kelma għarix. Matul il-mixja tal-poplu Lhudi fid-deżert tas-Sinaj Alla

kellem lil Mose’ u qallu biex jibni tabernaklu (Eż 26,15). Il-Lhud kellhom rispett fl-ogħla grad lejn it-tabernaklu, tant li meta Mose’ talabhom l-offerti biex bihom iżejjen dan l-oġġett qaddis, in-nies tawh minn kull ma kellhom: Saħansitra deheb, fidda porpra u ħagar ta’ l-oniċi (Eż 35,20-29). Dan għamluh għaliex il-Lhud fit-tabernaklu li waqqaf Mose’, kienu jaraw kif tassew hekk kien oġġett qaddis, għażiż u li jistħoqqlu kull ġieħ.

Marija kienet tassew it-tabernaklu ħaj ta’ Alla fost il-bnedmin (Ap 21,3). Huwa kollu għalhekk li għaref Kornelju Lapide fil-waqt li japplika kliem il-Ben Sirak “**Min ħalaqni jgħix fit-tabernaklu tiegħi**” ikompli jfisser hekk. It-tabernaklu li fih kien jgħix l-Għerf sofija mhux maħluq t’Alla, hija l-Verġni Marija, dik li għal disa’ xhur sħaħ Iben Alla gie ikkonċeput u għex għal disa’ xhur sħaħ fih. Kien min hawn li hija rċeviet id-dinjita’ kollha tagħha, jiġifieri dik ta’ Omm Alla, dinjita’ tant għolja li ħadd ma jista’ jasal biex jifimha, u la il-bnedmin u anqas l-istess angli.

U għalhekk bosta qaddisin devoti ta’ Marija marru sellmu u japplikaw it-tabernaklu tat-T.Q. għal Marija. Hekk San ċirillu ta’ ġerusalemm: “Int tabernaklu ta’ Dak li d-dinja ma tistax tilqa ġo fih”. Fil-waqt li matul ix-xahar Marjan li l-Kopti jiddedikaw lill-Madonna, isellmulha bħala “it-tabernaklu ta’ Abraham li laqa’ ġo fih ’1 Alla u l-angli tiegħu. (Gen 18). San Lwiġi Grinon di Montfort isellem hekk lil Marija: “**Insellimlek, O Marija Immakutata, Tabernaklu ħaj tad-Divinita’**, u li ġo fih ġie moħbi l-Għerf etern u li ried li jiġi adurat mill-anġli u mill-bnedmin. Fl-innu Akatistos insibu din l-invokazzjoni: “ifraħ int tabernaklu ta’ Alla u tal-Verb”. Għallhekk imbagħad l-għaref Santu Wistin, fil-waqt li jaħseb dwar dan is-simboliżmu tat-tabernaklu tat- T.Q. jasal biex iniedi dak il-kliem tant profond; Caro Christi caro Mariae, sanguine Marise: Il-ġisem ta’ Kristu huwa l-istess ġisem ta’ Marija, u d-demm ta’ Kristu huwa d-demm ta’ Marija. Mela t-tabernaklu tat- T.Q. wieħed mill-oġġetti tant għal qalb il-poplu magħżul, huwa simboli ta’ Marija, tabernaklu ħaj ta’ Alla hawn fuq l-art.

## Il-ħatar

Dak il-bastun li ta’ sikwit il-qassis Għebrew kien jagħmel użu minnu jissejjaħ il-ħatar (jew virga) ta’ Aron.

Il-ktieb ta-Numru 17.16-26 jirrakkonta din l-istorja tassew interessanti u fl-istess ħin mimlija tagħlim. Il-poplu beda igerger kif u għaliex Mose’ għażel it-tribù ta’ Levi biex minnhom joħroġ is-saċerdozju. Fost il-bosta privileġġ! li kien iġawdi dan it-tribù kien li kienu meħlusin mit-taxxi. Ebda’ biċċa art partikulari ma kienet tappartjieni lil dan it-tribù. Għalhekk Mose’ ġabar tnax il-ħatar wieħed għal kull tribù, dak ta’ Levi kien ressqu Aron, u ressaqhom quddiem il-Mulej. Dan ġara fit-tinda tal-laqgħa, mela f’post qaddis, għaliex hemm fit-tinda kien hemm l-arka tal-patt tal-Mulej. Il-għada fil-għodu, Mose’ daħal fit-tinda u b’ għaġeb kbir fuqu ra li l-ħatar ta’ Aron tat-tribu’ ta’ Levi kien ħareġ ir-rimi, fetaħ iż-żahar u għamel lewż misjur. Mose’ imbagħad wera kollox lill-poplu, b’tali mod li dan kellu jieqaf mit-tgemgim kontra Mose’ l-poplu intebah li kien dineb u talab maħfra lil Alla.

Missirijiet il-Knisja u l-aktar dawk ta’ l-Orjent fil-ħatar-virga ta’ Aron jaraw simbolu lil Marija. Nibdew mill-Innu Akatistos: Dan jgħid hekk lil Marija: “Ifraħ, int ħatar dejjem jarmi u jwarrad, ifraħ, int dejjem miżgħuda bi frott bnin (5). Hawn ir-riferenza hija ċara, għaliex f’moħħ l-awtur hemm il-ħatar ta’ Aron li kien ħareġ ir-rimi.

Il-Liturġija Biżantina tifraħ lil Marija. “Il-ħatar ta’ Mose’ u ta’ Aron għaddew minn tibdil straordinarju (ara Eż 4,2-17;7,10). Il-ħatar, li kellu sehem li tisboq kull ħsieb tal- bniedem. Imma l-ġuf safi tiegħek O Marija omm Alla, dan jinawgura u jiftaħ ġenerazzjoni ġdida.

Hekk San Elewteru: Il-ħatar ta’ Aron. il-ħatar li ma għandu ebda nuqqas, il- ħatar li -għalkemm niexef imma warrad bil-kbir. Id-Damaxxenu jkompli fuq l-istess ħsieb: il-ħatar perfett; il-ħatar li miegħu ma intrabat ebda’ dell ta’ ħtija, u la dak oriġinali u anqas attwali. (Innota li diga’ f’moħħ San ġwanni Damaxxenu kellu t-tagħlim sħiħ dwar il-Konċepiment ta’ Marija). Meta l-ħatar divin, li Alla wżah biex permezz tiegħu jagħmel għeġubijiet l-aktar kbir u qawwin. (San Andrija ta’Kreta).

Għallhekk kull meta wieħed jidħo1 f’xi imkien qaddis, u fil-pitturi, skulturi, twieqi minn dawn is-simboliżmi, dan dejjem għandu f’moħħu li għandu dejjem jagħmel dik il-qabża tat-tifsir. Min pittirhom, naqqaxhom jew ħażżiżhom f’xi post qaddis bil-fors li kien qed jifhem wisq aktar minn dak li qed jara. U dawn is-simbolizmi bibliċi bla ebda’ dubju l-aktar li jixirqu u joqgħodu lil Marija.



# Diskors fil-belt ta' Nażaret tal-
# Q.T. il-Papa Benedittu XVI
## fl-okkażjoni tal-pellegrinaġġ ta' paċi fl-Art Imqaddsa.
## Il-Ħamis, 14 ta' Mejju, 2009.

***Traduzzjoni minn Jennifer Cauchi***

Għeżież ħuti,

*"Halli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejjħa biex issiru ġisem wieħed!"* (Kol:3:15). B'dawn il-kliem ta' l-Appostlu Pawlu, bl-imħabba f'Alla jiena nsellmilkom. Ninsab ferħan li ġejt Nażaret, il-post imbierek bil-Misteru tat-Tħabbira, l-post li kien ix-xhieda tas-snin il-moħbija ta' fejn Ġesu' kiber *fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja.* (cf Lk.2:52). Nirringrazzja lil Arċisqof Elias Chacour tal-kliem sbieħ ta' merħba,



u ngħożż b'sinjal ta' paċi lil ħuti isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi u l-fidili kollha tal-Galilija li, bid-diversita' tar-riti u tradizzjonijiet tagħhom, jagħtu espressjoni ta' l-universalita' tal-Knisja ta' Kristu. B'mod speċjali nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex din iċ-ċelebrazzjoni setgħet tkun possibli, b'mod partikulari lil dawk involuti fl-ippjanar u kostruzzjoni ta' dan it-teatru ġdid bil-ġmiel tal-panorama tal-belt ta' Nażaret.

Hawn, fir-raħal fejn għammru Ġesu', Marija u Ġużeppi, inġbarna biex nimmarkaw l-għeluq tas-Sena tal-Familja ċċelebrata mill-Knisja ta' l-Art Imqaddsa. Bħala sinjal ta' tama għal futur, jiena se nbierek l-ewwel ġebla taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Familja li se jinbena Nażaret. Nittamaw li ċ-Ċentru jmexxi l-quddiem familji sodi f'dan ir-reġjun kif ukoll joffri support u assistenza u jinkoraġġihom fil-missjoni indispensabbli tagħhom fis-soċjeta'.

Jiena kunfidenti li dan il-mument tal-pellegrinaġġ, jdawwar l-attenzjoni tal-Knisja lejn il-belt ta' Nażaret. Kollha kemm aħna għandna bżonn, bħalma qal il-Papa Pawlu VI, li nirritornaw Nażaret biex nikkontemplaw mill-ġdid is-silenzju u l-imħabba tal-familja mqaddsa, il-mudell tal-ħajja tal-familja Kristjana. Hawnhekk fl-eżempju ta' Marija, Ġużeppi u Ġesu', naslu biex napprezzaw aktar il-qdusija tal-familja, li fil-pjan t'Alla, hi bbażata fuq il-fedelta' bejn raġel u mara matul ħajjithom kollha u kkonsagrati bil-patt taż-żwieġ u l-aċċettazjoni tar-rigal t'Alla ta' ħajja ġdida. Kemm għandhom bżonn l-irġiel u n-nisa ta' llum li jaddattaw għal din il-verita fundamentali li hija mwaqqfa fil-bażi tas-soċjeta', u kemm huwa mportanti x-xhieda ta' koppja miżżewġa għal formazzjoni ta' kuxjenza b'saħħitha u għal-bini taċ-ċivilta ta' imħabba!

Fl-ewwel qari tal-lum, meħud mit-tieni ktieb ta' Sirak (3:3–7, 14–17), il-Kelma t'Alla tippreżenta l-familja bħala l-ewwel skola ta' l-għerf, skola li tħarreġ il-membri tagħha fil-prattika f'dawk il-virtujiet li jġibu ferħ ġenwin. Fil-pjan t'Alla għall-familja, l-imħabba ta' raġel u martu ġġib frott f'ħajja ġdida, u ssib l-espressjoni ta' kuljum fl-isforzi ta' mħabba tal-ġenituri biex jiżguraw formazzjoni ntegrali u spiritwali għal uliedhom. Fil-familja, kull persuna, sewwa jekk l-iżgħar tarbija jew l-ixjaħ qarib, huma stmati għalihom nfushom, u m'huma qatt meqjusa bħala triq għal xi skop ieħor. Hawn nibdew naraw xaqq ta' dawl fl-irwol essenzjali tal-familja bħala l-ewwel pedament ta' soċjeta' b'saħħitha u li tilqa'. Aħna wkoll naslu biex napprezzaw, f'kuntest aktar wiesa', id-dmir ta' l-istat li jissapportja familji fil-missjoni tagħhom ta' l-edukazzjoni kif ukoll jipproteġi l-istituzzjoni tal-familja u d-drittijiet tagħha, u li jiżgura li l-familji kollha jistgħu jgħixu f'kundizzjonijiet ta' dinjita'.

L-Appostlu Pawlu, fil-kitbiet tiegħu lil Kolossin, jitkellem fuq il-familja meta hu prova juri x'inhuma l-virtuijiet li jibnu l-*'ġisem wieħed'* li hija l-Knisja. Bħala *'il-magħżulin ta' Alla, qaddisin u maħbubin tiegħu'*, aħna msejħa biex ngħixu f'armonija u paċi bejn xulxin, waqt li nuru fuq kollox, paċenzja u maħfra, b'imħabba



fl-aqwa perfezzjoni tagħha (cf Kol 3:12-14). Bħalma fir-rabta taż-żwieġ, l-imħabba ta' raġel u mara hija mgħollija bil-grazzja li tesprimi l-imħabba ta' Kristu u l-Knisja tiegħu (cf Eph 5:32), hekk ukoll il-familja, mibnija fuq dik l-imħabba hija msejħa biex tkun *'knisja domestika'*, post ta' fidi, ta' talb u li tagħti mportanza b'imħabba għat-tajjeb ta' kull membru.

Waqt li nirriflettu fuq



dawn ir-realtajiet, hawn, fir-raħal tat-Tħabbira, il-ħsibijiet tagħna naturalment iduru għal Marija '*mimlija bil-grazzja*', l-omm tal-Familja Mqaddsa u Ommna. Nażaret ifakkarna fil-bżonn tagħna li nistqarru u nirrispettaw id-dinjita' mogħtija minn Alla lill-mara fl-irwol propju tagħha, kif ukoll il-kariżmi u talenti partikolari tagħha. Kemm jekk bħala ommijiet fil-familji, kemm bħala preżenza vitali fil-qasam tax-xogħol u fl-istituzzjonijiet tas-soċjeta', kif ukoll fil-vokazzjoni partikolari li jimxu wara Alla bil-kunsilli evanġeliċi tal-kastita', faqar u ubbidjenza, il-mara għandha rwol indispensabbli fil-ħolqien tal-'*ekoloġija tal-bniedem uman*'



(cf Centesimus Annus, 39), li d-dinja tagħna u dan il-post, għandhom bżonn b'urġenza, ambjent fejn it-tfal jitgħallmu kif iħobbu u jgħożżu lil oħrajn, biex ikunu onesti u ta' rispett lejn kulħadd u jipprattikaw il-virtujiet tal-ħniena u l-maħfra.

Hawn naħsbu wkoll f'San Ġużepp, ir-*raġel ġust* li Alla xtaq ipoġġieh fil-kmand tad-dar tiegħu. Mill-eżempji paternali u qawwijin ta' Ġużeppi, Ġesu' tgħallem il-virtujiet ta' pieta', ta' fedelta' lejn il-kelma ta' l-oħrajn, ta' integrita' u xogħol iebes. Fil-mastrudaxxa ta' Nażaret, Ġesu' ra kif l-awtorita' poġġuta fis-servizz ta' l-imħabba, infinitament tagħti aktar frott milli tagħti s-saħħa li tfittex biex tiddomina. Id-dinja tagħna għandha bżonn l-eżempju, gwida u saħħa kwieta ta' rġiel bħal Ġużeppi!

Fl-aħħar, fil-kontemplazzjoni tagħna fuq il-Familja Mqaddsa ta' Nażaret, nduru lejn it-tfajjel Ġesu', li fid-dar ta' Marija u Ġużeppi kiber fl-għerf u l-għarfien, sal-ġurnata li huwa beda l-ministeru pubbliku tiegħu. Hawn nixtieq nħalli ħsieb partikolari għaż-żgħar li huma preżenti. Il-Konċilju Vatikan II jgħallem li t-tfal għandhom rwol speċjali fil-kobor tal-qdusija tal-ġenituri. (cf Gaudium et Spes, 48). Nħeġġiġkom biex tirriflettu fuq dan, u tħallu l-eżempju ta' Ġesu' jiggwidakom, mhux biss f'li turu rispett lejn il-ġenituri, imma tgħinuhom jiskopru aktar l-imħabba li tagħti tifsira iktar profonda lil ħajjitna. Fil-Familja Mqaddsa ta' Nażaret, kien Ġesu' li għallem lil Marija u Ġużeppi dwar l-imħabba kbira ta' Alla, Missieru tas-sema, l-għajn ta' kull imħabba, *l-Missier li minnu tieħu ismu kull familja fis-sema u fl-art* (cf Eph 3:14-15).

Għeżież ħbieb, fit-talba tal-bidu tal-Quddiesa tal-lum, aħna għedna lil Missier biex '*jgħinna ngħixu bħala familja qaddisa, magħqudin bir-rispett u l-imħabba.*' Ejjew nerġgħu nikkonfermaw u nikkommettu li nkunu ħmira ta' rispett u mħabba fid-dinja ta' madwarna. Il-Muntanja tal-Preċipizzju li tinsab hawn fil-qrib, tfakkarna, bħalma fakkret lil ġenerazzjonijiet ta' pellegrini, li l-messaġġ tal-Mulej kien f'xi waqtiet sors ta' kontradizzjoni u konflitt għas-semmiegħa. Hija xi ħaġa ta' dwejjaq, bħalma d-dinja taf, li Nażaret esperjenzat tensjoni fis-snin riċenti, li għamlet ħsara lir-relazzjonijiet bejn il-Kristjani u komunitajiet Misilmin. Nħeġġeġ lin-nies ta' rieda tajba miż-żewġ komunitajiet biex isewwu l-ħsarat li saru, u bil-fedelta' għat-twemmin komuni f'Alla wieħed, il-Missier tal-familija umana, noħolmu biex nibnu pontijiet u nsibu triq ta' għajxien flimkien fil-paċi. Halli kulħadd jirrifjuta is-saħħa li tkisser tal-mibgħeda u preġudizzju, li toqtol ir-ruħ tal-bniedem qabel ma toqtol lil ġismu!

Ħalluni nikkonkludi b'kelma ta' gratitudni u tifħir lil dawk kollha li jħabbirku biex iġibu l-imħabba t'Alla lit-tfal ta' dan ir-raħal, u jedukaw il-ġenerazzjonijiet il-ġodda fit-triqat tal-paċi. Naħseb b'mod speċjali fil-Knejjes lokali, partikularment, fl-iskejjel tagħhom u l-istituzzjonijiet ta' karita', biex ikissru l-ħitan u jkunu żerriegħa ta' ftehim, djalogu, rikonċiljazzjoni u solidarjeta'. Nħeġġeġ lis-saċerdoti dedikati, reliġjużi, katekisti, għalliema flimkien mal-ġenituri u dawk kollha li jimpurtahom mit-tajjeb ta' uliedna, biex jipperseveraw li jkunu xhieda tal-Vanġelu, jkunu kunfidenti fir-rebħa tat-tajjeb u l-verita', u jemmnu li Alla jkabbar kull inizzjattiva li għandha l-għan li tkabbar l-art fil-qdusija, solidarjeta', ġustizzja u paċi.

*"Ha jsir minni skond kelmtek"* (Lq 1:38). J'Alla l-Annunziata, li b'kuraġġ fetħet qalbha għal pjan misterjuż t'Alla u saret l-Omm ta' dawk kollha li jemmnu, tiggwidana u tgħinna bit-talb tagħha. J'Alla takkwista għalina u l-familji tagħna l-grazzja li nifthu widnejna għal dik *il-kelma t'Alla li għandha l-qawwa li tibnina* (cf Acts 20:32) u tispira deċiżjonijiet kuraġġużi u tiggwidana fit-triq tal-paċi!



# Talba lill-Madonna tad-Dar Imqaddsa

**ta' Loris F. Capovilla Arċisqof Emeritus ta' Loreto**

Is-sliem għalik, Sinjura ta' Nazaret u ta' Loreto; is-sliem għalik Sultana tas-sema u tal-art, miegħek hu s-Setgħani.

Ma' dawn li ġa marru qabli lejn is-sema, u ma' dawk li bħali għandhom iterrqu fuq din l-art, lileK jiena nifraħ: jiena nifraħ ma' dawk li magħhom bil-fidi jiena magħqud u ma'dawk
kollha li jsejħulek "Imbierka fost in-nisa, u imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek".

Fid-Dar tiegħek, o Marija, inħoss arja Devozzjonali ta' sekli sħaħ. Fuq il-ħitan Tagħna naqra l-istorja marbuta mal-ġrajja ta' l-inkarnazzjoni; hemm innaddaf għajnejja u qalbi, filwaqt li nikkontempla l-ħajja tiegħek
familjari, mogħnija bi spirtu kbir interjuri, u b' talb bla waqfien u bil-qdusija tax-xogħol.

Hemm inħossoK qrib l-għeżież tiegħeK Mimlija għaqal u ħeġġa; hemm nilmaħ lil Ġużeppi dejjem attent għax-xogħol tiegħu ta' kuljum, u lil Ġesù ubbidjenti lejk u lejn Ġużeppi l-għarus tiegħek.

Fid-dell mistiku ta' kamartek nitfa' ħarsti lejn l-imnikkta, lejn il-misruqa u l-emarġinati, dawn kollha huma għeżież għalik.

Hemm inħossni miġbud mil-ispirtu għall-Konverżjoni u għall-għotja tiegħi nnifsi. Jidhirli li hemm inkun nisma' indirizzata lili t-twiddiba li saret minnek fit-tieġ ta' Kana: "Agħmel dak li ġesù tiegħi jgħidlek". Iva, Hemm inħoss li għandi li jiswieli, inwiegħed li Nagħmlu minħabba x-xewqa tiegħek, omm tiegħi.

F' dari lileK u lill-Kelma ta' Alla nixtieq Indaħħal; lilek hemm nixtieq inżommok qrib Il-ġenerazzjoni żagħżugħa u l-persuni anzjani;

Lilek, iva, fil-ferħ u fin-niket irrid biex issaħħaħni
Fl-ubidjenza lejn il-liġi ta' Alla u l-aktar lejn il-preċett ta' l-imħabba.

Id-dawl tad-Dar Imqaddsa jissimbolizzaw il-Virtujiet li jibnu l-familja, u li jżommuha magħquda: il-fidi, is-sala u s-sagrifiċċju.

Sa issa jien ftit wisq irriflettejt fuq il-ġmiel ta' Nazaret u ftit wisq, allura, imitajtu.

Il-Familja Mqaddsa tiegħek hija l-mera għal kull familja mxennqa li twettaq il-ħsieb tal-ħallieq.

Isma, o Omm, it-talba tiegħi. Qatt tħalli xi rabtiet qarrieqa jew modi ħżiena jfarrku l-familja jew jherru l-ideali u l-proposti tal-familja tiegħi.

Fid-Dar tiegħek kienu jiddu l-faqar u l-ġieħ, il-paċenzja u l-ferħ, il-ħbiberija u l-kordjalita, il-fiduċja u t-tama.

Dawn, o Madonna tad-Dar, nitlob għalija u għall-familjari tiegħi. Agħmel li jiena nħoss din il-ġibda u n-nostalġija.

LileK nitlob l-għajnuna. Nixtieq ngħix f'dari bħalikieku qiegħed ngħix f' dareK la darba inti Ommi, xempju tiegħi u għajnuna tiegħi.

Jekk inti tkun miegħi jkolli r-raham ta' Mħabba u ta' qadi lejn niesi skond il-Messaġġ tas-salvazzjoni u li nkun nista' Nintelaq f' dirgħajn Missieri tas-smewwiet. Bi Kristu, ibnu u fl-lspirtu s-Santu.

Amen.

# L-Eżempju tad-Dar ta' Nazaret

## *(Mid-Diskorsi tal-Papa Pawlu VI)*

Id-Dar ta' Nazaret hija skola, skola fejn wieħed jitgħallem jagħraf il-ħajja ta' Kristu, skola tal-Evanġelju. Hawn l-ewwelnett nitgħallmu naraw, nisimgħu, nimitaw u nifhmu sewwa x'tifsira kbira u għolja għandha għalina l-ħajja mill- iżjed sempliċi, umli u ħelwa li biha l-iben t'Alla ried jurina lilu nnifsu. U forsi wkoll bil-ftit il-ftit nitgħallmu nsiru nixbħuh.

Din id-Dar tagħtina d-dawl, tifthilna t-triq li malajr twassalna biex nagħrfu min hu Kristu. Fuq kollox hawnhekk inħossu l-bżonn li nagħtu ħarsa sewwa lejn dak kollu Ii ghandu x'jaqsam anzi donnu għandu rabta mal-għamara ta' Kristu fina; irrid ngħid jien, il-postijiet, id-drawwiet, id-diskorsi, ir-riti mqaddsa, f'kelma waħda dak kollu Ii bih inqeda Ġesu' biex juri lilu nnifsu lid-dinja. Hawn gew kollox jitkellem, kollox għandu t-tifsira tiegħu.

Tabilħaqq, hawnhekk, f'din l-iskola, naraw il-ħtieġa tat-tagħlim spiritwali għal min irid jagħraf jgħix skont I-Evanġelju, għal min ifittex li jsir dixxiplu ta' Kristu, Kemm nixtiequ nerġgħu nsiru ċkejknin biex nidħlu mill-ġdid f'din l-iskola umli u għolja tad-dar ta' Nazaret! Bliema ħeġġa konna kieku nfittxu li nġeddu I-istudju tagħna biex niksbu l-għerf veru ħdejn Marija u nifhmu l-veritajiet t'Alla!

Nixtiequ, iva, nibqgħu f'din id-dar ta' Nazaret biex fiha nkomplu nikbru fit-tagħlim tal-evangelju li qatt ma tista' tgħidlu biżżejjed. Iżda hawnhekk m'aħniex ħlief pellegrini, il-qagħda qasira tagħna ġġgħalna kontra qalbna niċċaħħdu minn dak li nixtiequ. Madankollu ma rridux noħorgu minn hawn bla ma nfakkru fuq fuq, fil-qosor u qisu bil-ħatfa xi twissijiet li niġbru minn din id-dar ta' Nazaret.

L-ewwelnett hawn nitgħallmu s-siwi tas-skiet. Mhux li konna nġeddu fina l-ħsieb dwar kemm hu għaziz is-skiet, din il-ġabra hekk tal-għaġeb u meħtieġa għar-ruħ, meta ninsabu mdawrin b'kull xorta ta' għajjat u ħsejjes u storbju f'dawn iż-żminijiet ta' ħajja mgħaġġla u tant imqanqla tagħna! 0 skiet ta' Nazaret, għallimna nieqfu fuq ħsibijiet tajbin u nkunu moħħna fil-bżonnijiet tal-ispirtu; għidilna kif nitħejjew tajjeb ħalli nagħtu widen għal-leħen moħbi ta' Alla u l-ordnijiet tal-għalliema veri tagħna; urina l-ħtiega u s-siwi tat-tħejjija tagħna nfusna, l-istudju, il-meditazzjoni, ir-regolament personali u ġewwieni tal-ħajja, it-talb fil-moħbi Ii Alla biss jarah.

Nitghallmu wkoll hawnhekk kif ghandha, tkun l-imġieba tagħna fil-ħajja tad-dar. Għax id-dar ta' Nazaret tfissrilna tajjeb x'inhi l-familja fix-xirka tagħha ta' għozza, fis-sbuħija kbira u mdawla tagħha, fir-rabta qaddisa u sħiħa tagħha; id-dar ta' Nazaret turina kemm hi ħelwa t-trobbija fil-familja li ebda trobbija oħra ma tista' tieħu postha; tgħallimna x'inhu l-uffiċċju naturali tal-familia fl-ordni soċjali.

Fl-aħħarnett hawn insibu taghlim kbir fuq ix-xoghol. O dar ta' Nazaret, dar ta' Bin il-mastrudaxxa, kemm nixtiequ l-iżjed hawn nitgħallmu u nfaħħru l-liġi iebsa imma feddejja tax-xogħol tal-bniedem, kemm nixtiequ hawn nisħqu mill-ġdid fuq id-dinjita' tax-xogħol biex kulħadd jemmen fiha ; taħt dan is-saqaf nixtiequ kieku nfakkru li x-xogħol ma jistax ikun skop għalih innifsu, u li hu jikseb il-liberta' u l-qawwa mhux biss minn dak li hu valur ekonomiku tieghu, iżda wkoll minn dawk il-fatturi li permezz taghhom jilhaq l-iskop għoli tiegħu. Irridu fI-aħħarnett minn hawn insellmu lill-ħaddiema tad-dinja kollha, u nistednuhom iħarsu lejn il-mudell il-kbir tagħhom, ħuhom divin , Kristu Sidna, il-profeta ta' kull kawża ġusta tal-ħaddiema.

(Tagħrif meħud mill-Uffiċċju tal-Qari)



# Storja ta' Taraġ Mirakoluż

**Lorenzo Zahra**



Ġrajja ta' interess hija dik li qrajt ftit ilu li żgur tinteressa lill dawk bħali li jħobbu lil San Ġużepp, l-Għarus Purissimu tal-Veġni Marija, Omm Ġesu Kristu. Din il-ġrajja seħħet fi Knisja tal-Madonna ta' Loretu ġewwa SantaFe, fil-Messiku

Il-Messiku hija art Nisranija, imma fiha kien inxtered ħafna demm tal-insara bil-persekuzzjonijiet imqanqla minn Gvernijiet li bi prinċipji ħżiena jmexxu u jxewxu fil-pajjiż.

Il-Knisja tal-Madonna tal-Loretu kienet inbniet fis-sena 1873 u jieħdu ħsiebha s-Sorijiet. Mal-Knisja kellhom residenza żgħira. Kienu spiss jitolbu lil San Ġużepp biex jipprovdilhom għajnuna ħalli jibnu taraġ għas-sular ta' fuq. Mela darba waħda żarhom mastrudaxxa li sema bix-xewqa tagħhom u offra li jaħdem dan it-taraġ. Huwa ħadmu bl-injam u b' mod sempliċi forma ta' garigor. Kif lesta x-xogħol telaq u ma deherx aktar. Is-Sorijiet fitxewh biex jirringrazjawh u jħallsuh.

Dan it-taraġ is-sorijiet laqmuh Taraġ mirakoluż. Rawh ħafna nies li kienu jaraw xi kwalita ta' njam intuza u l-mod li nħadem. Nies li jifmhu baqgħu skantati għall-mod kif inħadem. Intqal li fin-nofs it-taraġ ma kellux fejn jistrieħ u baqgħu skantati kif jibbilanċja.

Ħaġa oħra ta' nteress kienet li kien jikkonsisti fi 33 tarġa li s-Sorijiet bdew iqabblu mal-eta' ta' Sidna Ġesu Kristu, bin San Ġużepp.



Bosta nies kienu u għadhom iżuruh, tant li sar magħruf bħala t-Taraġ Mirakoluż.

Ħafna pellegrini li jżuru l-knisja tal-Madonna ta' Loretu ma jonqsux li jaqtgħu l-kurżita u jaraw dan it-Taraġ.

Tgħid kien xogħol ta' San Ġużepp il-Mastrudaxxa, għax is-Sorijiet lilu kienu jitolbu.

# It-Tielet Prefazju tas-Sollennita' tal-Festa tal-Madonna ta' Loretu

## 10 ta' Diċembru – Il- Maternita' tal-B.V.Marija

Sewwa u xieraq tassew
Mulej, Missier Qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox,
Tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna
li dejjem u kullimkien inroddulek ħajr.

U nfaħħruk, u nbierkuk, u nxandru l-kobor tiegħek.
fil-qima ta' Marija dejjem Verġni,
li nisslet l-iben il-Waħdieni tiegħek,
bil-qawwa ta' l-ispirtu s-Santu,
u bla ma ttiefset il-glorja ta' xbubitha,
tat lid-dinja d-dawl ta' dejjem,
Ġesu Kristu Sidna.

Bih jifirħu l-Angli
u ferħana għal dejjem quddiemek
iqimu l-kobor tiegħek,
Flimkien mal-kant tagħhom, ilqa' nitolbuk,
Il-kant umli tagħna, aħna u nfaħħruk u
ntennulek:

Qaddis, qaddis, qaddis, Mulej Alla ta' l-eżerċiti,
Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek,
Hosanna fl-ogħli tas-smewwiet,
-Imbierek min ġej f' isem il-Mulej,
Hosanna fl-ogħli tas-smewwiet.

# Qima lejn il-Madonna ta' Loreto fil-Birgu

**Lorenzo Zahra**

Tassew li l-qima lejn il-Madonna ta' Loreto hija qadima wisq fostna f'dawn il-Gżejjer. Inkiteb dwar dan diversi drabi fl-okkażjoni tal-festi li jsiru f'Għajnsielem meta fi ktieb tal-programm festiv wieħed isib kif xterdet din il-qima.

Iżda għadu qatt ma nkiteb li fil-Birgu, ewlenija Belt ta' Malta, nistgħu ngħidu kienet għammiela għal qima lejn il-Madonna. U dan bir-raġun, għax hija kienet li rebħet lill-Maltin u l-Kavalieri sabiex din il-gżira baqgħet blata ta' Kristjanita'.

Fil-Birgu iżda din il-qima tfaċċat bis-saħħa tal-Ordni Franġiskan tal-Kapuċċini. Dawn stabilew ruħhom fil-Birgu sa mis-seklu XVII, għad illi llum il-Knisja u l-Kunvent tagħhom jagħmel mal-parroċċa tal-Kalkara li nfirdet mill-Birgu fl-1897.

F'dik il-knisja kienet twaqqfet kappella dedikata lill-Madonna ta' Loretu dawn il-patrijiet kienu jiċċelebraw il-festa ta' Loretu fl-l0 ta' Diċembru. Illum fl-istess kappella li dejjem kienet l-aktar frekwentata jinsab il-fdal ta' Santa Liberata kif spiss tissejjaħ il-Knisja, minkejja li hija dedikata lil Santa Barbara.

Sa mis-sena 1743 il-festa kienet issir fil-21- Settembru billi kienet tfakkar it- transulażżjoni ta' l-istatwa tal-Madonna ta' Loretu. F'dan it-tempju din l-istatwa kienet inġiebet mill- Kunvent tal-istess ordni fil-Furjana.

Fil-ġrajja ta' dan il-Kunvent Franġiskan fil-belt antika Maltija jissemmew il-festi kbar li saru fit-transulazzjoni tax-xbiha ta' Loretu li kienet saret fl-20 ta' Settembru. Kienet tniżżlet x-Xatt tal-Belt bi proċessjoni mill-Kunvent tal-Furjana, imbagħad għaddiet lejn ix-xtajta tal-Kalkara u hemm_kienet milqugħha b' diskors minn Dun Franġisk Bezzina tal-Birgu biex ittieħdet bi proċessjoni lejn il-knisja tal-Kapuċċini Santa Barbara.

U bosta kienu id-devoti mill-bliet qrib tal-Kottonera li spiss kienu jżuruha.

# Nemmen f'Alla imma ma mmurx Knisja

**Patri George Bugeja OFM**

Il-ħajja tal-lum hija ħajja mgħaġġla. Għal ħafna minna, ftit li xejn qed insibu ċans biex nieqfu u naħsbu ftit fuq kif qed ngħixu, fuq kif qed inġibu ruħna. Uħud minna lanqas baqgħalna ċans naħsbu dwar ir-relazzjoni tagħna m'Alla. Tajjeb ta' min jistaqsi: Veru li m'għandniex ċans jew għax ma rridux?

Il-ħajja ta' wħud minna qed tieqaf fuq dak li qed nistqarruh bħala twemmin fi Kristu mingħajr il-bżonn tal-Knisja. *"Nemmen f'Alla, ngħid xi ħaġa tat-talb, ngħin lill-proxxmu u naħseb ikun biżżejjed. M'għandix għalfejn noqgħod immur il-Knisja biex nieħu sehem fl-Ewkaristija tal-Hadd. Dejjem l-istess ripetizzjoni tal-istess affarijet".*

Kien kumment li qaltli persuna waqt diskursata li kellna dwar il-Quddiesa ta' Jum il-Mulej. Jien spontanjment għedtilha li kella raġun, veru li l-Quddiesa fiha r-ripetizzjonijiet. Bħallikieku ħajjitna mhix mimlija ripertizzjonijiet. Mhux kuljum nieklu, anzi iżjed minn darba, mhux kuljum norqdu, mhux kuljum immorru għax-xogħol anke meta ma jkollniex aptit, mhux kuljum innaddfu u nagħmlu l-bżonnijiet tagħna fid-dar? Hemm imbagħad il-fatt ta' kif nagħmel l-affarijiet. Jekk immur niekol b'nofs qalb, probabbli li l-ikel se jibqgħali fuq l-istonku. Jekk immur il-Knisja biex inkun mort se jkolli seba mitt sena biex nisimgħu jgħid: *"Morru fil-paċi ta' Kristu".* *"M'għandix għalfejn immur Knisja".* Jiena naħseb li din hija skuża komda kultant anke biex dak li jkun iserraħ il-kuxjenza tiegħu. Jekk jien verament inħobb lil Alla, kif nista' ma nfittix li niltaqa miegħu? Jekk Alla hu importanti għalija kif nista' nħalli l-jum tal-Hadd jgħaddi mingħajr ma' nieħu sehem fl-Ewkaristija? Tajjeb nitlob, tajjeb ngħin lil ħuti, imma dan mhux biżżejjed. Għandi nfittex ukoll li niltaqa' miegħU fid-Dar tiegħU waqt il-Quddiesa. Jekk nemmen f'Alla, jekk inħobb lil Alla, jekk nagħraf li Alla jħobbni allura irrid infittxu, biex nisma' dwaru, nitkellem miegħU u naqsam l-imħabba tiegħi miegħU kif Hu jaqsamha miegħi.

Inkun qed nidħaq biha nnifsi, u b'ħadd iżjed, meta ngħid li nemmen f'Alla imma ma' mmurx il-Knisja. Inkun qed nidħaq bija nnifsi jekk nistqarr li nħobb lil Alla mbagħad ma nfittxux. Inkun qed nidħaq bija nnifsi jekk ngħid li għalija Alla huwa importanti mbagħad ngħix daqslikieku ma jeżistix.

Jekk tħobb lil Alla, jekk temmen fih, jekk għalik huwa importanti, mela ħares b'sinċerita' f'qalbek, fik innifsek u ara x'qed igħidlek Ġesù. Jekk verament qed tħossu jgħidlek li m'għandekx bżonn tiġi l-Knisja, allura tiġix. Imma ftakar li anke Hu, f'jum is-Sibt, il-jum tat-talb tal-poplu Lhudi, anke Hu kien imur jitlob fis-Sinagoga.

**Il-Festa t-tajba.**

# It-tħabbira tal-Verġni Marija u l-Inkarnazzjoni

### *Jikteb Angelo Xuereb*

Il-festa tad-dar ta' Loretu bla dubju ta' xejn tfakkarna fit-tħabbira tal-Mulej kif ukoll l-għaqda tal-familja. Ser nitkellmu fuq it-Tħabbira tal-Mulej.

## It-Tħabbira tal-Mulej

L-anġlu Gabriel intbagħat minn Alla fid-dar ta' Nażaret sabiex iħabbar lil Marija li kellha ssir Omm Alla. Din l-istedina kienet l-akbar grazzja li ħlejqa setgħet tirċievi. Quddiem din l-istedina Marija tħawdet u bdiet taħseb fiha nfisha x'kienet tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu weġibha: "La tibżax, Marija, għax sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int sa titqal u jkollok iben u ssemmih Ġesù" (Lq 1, 31). Imbagħad Marija staqsietu: "Kif jista' jkun dan la jien ma nagħrafx raġel" (Lq 1, 34). U l-anġlu weġibha li dak li kien ser isir fiha kien b'opra tal-Ispirtu s-Santu. U hawnhekk il-Verġni Marija tat l-"Iva" tagħha għall-pjan ta' Alla permezz tal-kelmiet: "ikunli skond kelmtek" (Lq 1, 38).

Kien dan il-mument li fih Sidna Ġesù Kristu, it-tieni persuna tat-Trinità Qaddisa tnissel fil-ġuf tal-Verġni Marija. Dan il-misteru jissejjaħ 'Inkarnazzjoni' jiġifieri Ġesù sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Veru li Kristu twieled f'Betlem, iżda kieku ma tnissilx fil-ġuf tal-Verġni Marija ma setax jitwieled bħala bniedem.

B'dan il-mod Marija saret l-ewwel tabernaklu ħaj li fih laqa' lil Ġesù. Ma kienx magħmul minn deheb jew minn fidda iżda kien tabernaklu ħaj. Marija b'miraklu speċjali għall-ebda mument ta' ħajjitha ma tħalliet tiċċappas bid-dnub tan-nisel u kienet mogħnija wkoll bi grazzji mill-aktar kbar. Tant huwa hekk li l-Anġlu Gabriel fit-tħabbira sellmilha bħala "l-mimlija bil-grazzja". San Ġorġ Preca tant kien konxju mill-preżenza ta' Ġesù fil-ġuf ta' Marija, li qabbad lill-pittur Rafel Bonnici Calì sabiex ipittirlu l-Madonna tal-Verbum Dei. Din hija xbieha ta' Marija li f'sidirha għandha mpitter lil Kristu.

Veru li Kristu kien għadu ma twelidx iżda l-preżenza tiegħu fid-dinja kienet bdiet. Din il-preżenza ta' l-Iben ta' Alla fil-ġuf ta' Marija kienet ferm aqwa mill-preżenza ta' Alla fit-tempju. Permezz ta' din il-preżenza tiegħu fid-dinja, Ġesù qarreb lill-bniedem lejn Alla.

Għalhekk xieraq li napprofondu l-ħsieb dwar il-preżenza ta' Ġesù fid-dinja. Bla dubju ta' xejn l-ewwel preżenza ta' Kristu fid-dinja kien fil-ġuf tal-Verġni Marija u mbagħad twieled, għex, miet u qam mill-imwiet.

## Il-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija

Iżda Ġesù ma riedx iħalli d-dinja u jħallina weħidna. Xtaq li l-preżenza tiegħu fid-dinja tibqa' sakemm jerġa' jiġi. Għal dan l-iskop waqqaf is-Sagrament tal-Ewkaristija. Għalhekk qabel ma mar għall-passjoni u tana ġismu u demmu fil-veru sens tal-kelma, bidel il-ħobż u l-inbid f'ġismu u demmu filwaqt li ordna: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi."
Għalhekk l-aqwa preżenza ta' Ġesù hija fl-Ewkaristija. Dan is-sagrament huwa s-sagrifiċċju tal-Passjoni, mewt u qawmien ta' Kristu. Fil-quddiesa għall-kelmiet tas-saċerdot il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm ta' Kristu. Ġesù jsir preżenti bil-ġisem, bid-demm bir-ruħ u bid-divinità. Mhux hekk biss iżda l-preżenza ta' Ġesù tibqa' wkoll fl-ostji li s-saċerdot ipoġġihom fit-tabernaklu. Ġesù jibqa' fit-tabernaklu biex ifarraġna u jqawwina bil-preżenza tiegħu. B'dan il-mod Sant'Alfonz de Liguori jgħidilna: "Il-knejjes huma dejjem miftuħa: kulħadd jista' jmur biex jitkellem ma' Ġesù kull xħin irid. Huwa jixtieq li aħna nitkellmu miegħu u jkollna fih fiduċja bla tarf. Kien għal dan il-għan li huwa xtaq jibqa' taħt l-ispeċi tal-ħobż."

## Il-preżenza ta' Ġesù fil-Bibbja

Iżda ma nistgħux nillimitaw il-preżenza ta' Ġesù fid-dinja fl-Ewkaristija biss. Huwa jinsab preżenti wkoll fil-ministri tal-Knisja, fl-assemblea liturġika, fil-proxxmu tagħna u fl-Iskrittura. Tant huwa hekk li San Ġirolmu jgħidilna li l-Iskrittura hija Ittra miktuba lilna minn Alla. Jgħidilna wkoll li min ma jafx l-Iskrittura lanqas jaf lil Kristu. L-Iskrittura hija l-kelma ta' Alla u jekk infissruha kif tfissirha l-Knisja hija ta' okkażjoni biex insiru nafu lil Kristu. U jekk forsi nsibuha tqila għalina biex naqraw l-erba' Evanġelji, nibdew naqraw il-parabboli u l-mirakli ta' Kristu. Min iħobb lil xi ħadd ikun irid isir jaf aktar fuqu u hekk jekk aħna nħobbu lil Ġesù, infittxu li nkunu nafu aktar dwaru.

## Ġesù jinsab ukoll fil-proxxmu

Ġesù jinsab fostna fil-proxxmu. Mhux ta' b'xejn li qalilna li ser inkunu ġġudikati fuq kif ġibna ruħna mal-proxxmu tagħna. Fil-Ġudizzju Universali lit-tajbin huwa jweġibhom: "Ngħidilkom is-sewwa kull ma għamiltu mal-iżgħar fost ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25, 40). U lil ħżiena jgħidilhom: "Ngħidilkom is-sewwa, kulma ma għamiltux mal-iżgħar fost dawn, lanqas lili ma għamiltuh" (Mt 25, 45). Ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li l-proxxmu tagħna hu min hu, huwa xbieha ta' Kristu u jekk aħna ma aħniex ngħinuh ma aħniex mexjin fit-triq it-tajba.

Mhux ta' xejn li l-Beata Madre Terżea ta' Calcutta tgħidilna: "Il-foqra, huma fejn huma fid-dinja, huma Kristu li qiegħed isofri. Fihom, l-Iben ta' Alla jgħix u jmut. Permezz tagħhom, Alla juri wiċċu lilna." L-istess jgħidilna San Franġisk ta' Sales: "Meta nkunu nwettqu għemejjel ta' ħniena mal-proxxmu tagħna, mhux biss inkunu nħobbu lilu imma wkoll lill-istess Alla li jinsab f'sura ta' bniedem."

## Preżenza fil-ministri tiegħu

Sidna Ġesù Kristu jinsab ukoll: fil-ministri tal-Knisja u fl-assemblea jew il-ġemgħa liturġika. Dan qalulna huwa stess: "Min jisma' lilkom, ikun jisma' lili, u min iwarrab lilkom iwarrab lili; imma min iwarrab lili jkun iwarrab lil dak li bagħatni" (Lq 10, 16); u "fejn hemm tnejn jew tlieta huma miġbura f'ismi, hemm inkun f'nofshom" (Mt 18, 20). Fuq kollox il-Knisja twaqqfet minn Kristu biex tkompli l-missjoni tiegħu.

B'hekk semmejna li l-preżenza ta' Sidna Ġesù Kristu tinsab fl-Ewkaristija, fil-Bibbja, fil-proxxmu tagħna u fil-ministri tal-Knisja. Għalhekk dawn il-veritajiet jimplikaw dmirijiet. Jekk Kristu jinsab fl-Ewkaristija, irridu niffrekwentaw il-quddiesa kif ukoll nagħmlu żjajjar ta' spiss lil Ġesù Ewkaristija. Jekk jinsab fil-ministri tal-Knisja, irridu nobduhom u nirrispettawhom. La darba Ġesù jinsab fl-Iskrittura, irridu ninteressaw ruħna minnha u nippruvaw naqraw ftit minnha u nitolbu biha. La Kristu jinsab fil-proxxmu, irridu ngħinuh mingħajr l-ebda interess materjali.

B'hekk inkunu nixbhu lill-Verġni Marija waqt it-Tħabbira tal-Anġlu li fiha laqgħet lil-Ġesù f'ġufha. Inkunu mexjin fuq il-passi tagħha jekk inkunu konxji tad-diversi modi li Kristu jinsab fid-dinja.

# Biex ma Ninsewx Egħluq it-80 Sena mill-

# *Kungress Nazzjonali Djoċesan u t-Tberik tal-Baħar minn fuq ta' Lourdes*

***Jikteb Dun Karm Cassar***

Minn dak li kien jgħidli Karmelo Galea Rapa imlaqqam tal-Bużaqq, naf li għal dan l-imsemmi kungress, f'Għajnsielem ġie mwaqqaf kumitat apposta biex fl-Imġarr, minn fuq l-għolja ta' Lourdes, tingħata l-Barka Solenni tal-Baħar. Minkejja xi diffikultajiet li nqalgħu u li setgħu fixklu din il-manifestazzjoni grandjuża f'raħalna, Mons. Gonzi, meta ra kemm kien kbir l-entużjażmu lejn il-Kungress Djoċesan, mhux biss ikkonċeda li din il-Barka Solenni ssir f'Għajnsielem, anzi hu stess kien li mexxa, forsi wkoll ma' xi Isqfijiet oħra, il-purċissjoni mill-knisja parrokkjali għax-Xatt. Irrid ngħid ukoll, kif qalli 'il fuq l-imsemmi Karmelo Galea Rapa, Mons. Isqof Gonzi baqa' tant impressjonat bil-mod kif kienet organizzata din il-manifestazzjoni li l-għada tal-Kungress ġie hu stess in persona fir-raħal tagħna biex jifraħ u jirringrazzja lill-kumitat organizzattiv tar-raħal tagħna.



Niftakar f'din l-okkażjoni lil ħija Toni, il-kbir fost ħuti u li llum qiegħed jistrieħ fi ħdan il-Mulej li ġie fis-sagristija bl-ilbies ta' l-abbati mgħoddija tajjeb biex illibbishomli għall-ewwel darba għall-purċissjoni spettakolari tal-Kungress. Din il-purċissjoni telgħet mill-knisja parrokkjali tagħna għal fuq l-għolja ta' Lourdes minn fejn Mons. Isqof Gonzi bierek bis-santissimu Sagrament lill-baħar kaħlani tagħna minn taħt tribuna kbira maħduma apposta għal din il-ġrajja, tribuna li l-kolonni u l-kapitelli goffi tagħha bqajt nara matul żogħożiti f'dak il-lok li kellha l-knisja f' Garden Street u li konna nsejħula l-Każin'. Għal din il-purċissjoni attendew nies minn Għawdex kollu, l-aktar mill-irħula tal-qrib li mas-saċerdoti u l-fratellanzi tagħhom komplew jagħtu dehra aktar imponenti lil dan l-avveniment.

Minkejja li l-Isqof Gonzi kellu dak il-ħin impenji oħra, għaraf jirranġa biex ikun preżenti u kif ġa għidna kien hu (li forsi wkoll ma' xi isqfijiet oħra li kienu xi seba' f'Għawdex għall-Kungress) li mexxa l-purċissjoni lejn Triq ta' Lourdes u wara l-Barka immarċjat lejn il-Knisja tal-Patrijiet fejn hemm il-parteċipanti neħħew minn fuqhom l-abiti proċessjonali.

Għall-ġieħ ta' l-istorja hu sew li nsemmi li l-knisja parrokkjali kienet imżejna b'ilbies ta' festa, bil-ġirandola l-kbira, li dak iż-żmien kienet għadha kważi ġdida, bil-gandlieri l-kbar u li bejniethom flok fjuri jew appostli kien hemm vażetti biż-żbull, is-simbolu ta' l-Ewkaristija. Mal-pilastri maġġuri tal-knisja kien hemm imdendla mozzettuni twal tal-ward artifiċjali u erbgħa tabelli b'versi ewkaristiċi fuq l-arkati tal-korsija.

Anke t-triqat kienu wkoll imżejna u sa' l-bibien u l-loġoġ tad-djar kienu ddekorati b'tant tazzi taż-żejt u wkoll il-figuri u l-inskrizzjonijiet impittra lin-nies minn Pawlu Zerafa u Karmelo Galea Rapa. Kien li f'din l-epoka li Għajnsielem ħa spinta kbira biex itella' tant arbli bil-bandieri fuq id-djar għall-festi kif għadna naraw sallum. F'din il-ġrajja kien, ma nafx pero' jekk appożitament jew b'kumbinazzjoni, li sorġa' fil-Xatt il-vapur il-Lubjana li bis-serena li kellu tant armonjuża daqq is-salut waqt il-Barka tal-baħar. Din il-lejla sajfija ta' Ġunju 1929 hekk iddeskrivieta l-gazetta "Leħen is-Sewwa" tad-29 ta' ġunju 1929: "... eċċellenti għall-aħħar il-Purċissjoni li minn Għajnsielem għax-Xatt għamel l-istess Mons. Isqof Gonzi, is-Sibt fil-għaxija; fejn minn ħdejn il-Knisja ta' Lourdes, bid-DMUGH F'GHAJNEJH għal li ħass f'qalbu dak il-ħin, fost it-tifsir tal-vapuri u entużjażmu li ma jintesa' qatt, mar ibierek il-baħar tagħna...tal-Benedizzjoni tal-Baħar li b'għaqal liema bħalu għarfu jlestu dak l-armar hekk gravi, u jorganizzaw dawk il-funzjonijiet li għandhom jibqgħu għal żmien twil stampati bil-menti ta' kull min kellu x-xorti jarahom u jgawdihom."

***Meħudha minn GHAJNSIELEM Dicembru 1996***

# Grazzi mill-Qalb!



- Lid-Direttur tal-Każin **Pawlu Azzopardi** tal-ħin, dedikazzjoni u għajnuna li jagħti sabiex ikollna każin mill-isbaħ. Lil Pawlu dejjem ssibu għaddej fuq xogħol ta' manutenzjoni, tindif, żebgħa, għajnuna waqt t-Tombla u High Teas u diversi xogħolijiet oħra.
- Lill-President Onorarju, **Dun Karm Cassar** li bħas-snin l-imgħoddija kien il-magna sabiex din il-pubblikazzjoni tkun suċċess u li din is-sena ċċelebra għeluq is-**60 sena** ta' saċerdozju. Ad Multos Annos Dun Karm!
- Lil **Kelinu Azzopardi, Peppi Grima** u **Pawlu Zerafa** tal-għajnuna fir-rinovazzjoni tas-Sala Prinċipali u s-Sala tal-iSnooker kif ukoll lil **Loretu Vassallo** fejn jidħol xogħol ta' dawl.
- Lil **Fredu Xuereb** u **Wenzu Ciangura** tax-xogħol ta' manutenzjoni u **Ġużeppi Sultana** li dejjem lest biex jgħin fix-xogħol ta' żebgħa.



- Lill-Kumitat tan-Nisa speċjalment lil **Esmelia Sciberras**, **Sunta Grech** u **Lucy Grima** għall-attivitajiet ta' fundraising li ta' kull ġimgħa jorganizzaw. Grazzi wkoll lil **Mabbli Xuereb** u **Pawlu Xuereb** li kull nhar ta' Sibt jgħinu fil-High Teas u Tombla.
- Lil **Loretu Galea** tax-xogħol li jagħmel minn wara l-kwinti fejn jidħol preparazzjoni għall-kunċerti u servizzi.
- Lil **John Formosa**, **Manyol Curmi**, **Lawrence Schembri**, **Frank Rapa** u **Matthew Borg**, li għalkemm huma bandisti barranin dejjem jattendu għal kunċerti.
- Lil **Dr Ray Bondin** li kien strumentali sabiex il-Banda tagħna tagħti s-servizzi tagħha ġewwa Palazzolo Acreide, Sqallija.



- Lin-Nutara **Josepha Xuereb** tas-servizz legali li tagħtina mingħajr ħlas.
- **Toni Galea**, **Joe Galea** u **Frankie Debono** li jiddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom jgħallmu lill-alljievi u bandisti aspiranti.
- Lil **għajnsielem.com** li toffrilna servizz ta' website, email u updates mingħajr ebda ħlas.
- Lill-Bandist **Ġużeppi Cauchi** tal-*proofing* li għamel għall-maġġoranza tal-artikli ta' din il-publikazzjoni.



- **Toni Galea u Joseph Camilleri** tax-xogħol bla ħlas li għamlu fl-injam.
- **Vince Caruana** li rregalalna l-pittura tal-Madonna ta' Loretu għall-kamra tal-Arkivju.
- **Paul Stellini** għad-disinji u pariri ta' interior design tas-swali l-ġodda.
- Lill-**Franco Ciangura, Karmnu Xuereb** u **Ġużi Mallia** tal-għajnuna li tawna fil-Wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Open Day tat-23 t'Awissu. Grazzi wkoll lill-**Kunsill Lokali Għajnsielem** tal-isponsor sabiex dawn l-attivitajiet kulturali jkunu suċċess.



- Lis-**Sotto-Kumitat tal-iSnooker** tal-fundraising u ħidma li qed jagħmel sabiex il-proġett ta' Snooker Hall professjonali jsir realta'.
- Lis-**Surmast Sunny Galea** u **Ass. Surmast Frankie Debono** li jmexxu lill-Banda tagħna b'mod professjonali u b' dedikazzjoni kbira.
- Lil dawk kollha li taw donazzjoni b'riżq l-proġetti li hemm għaddejjin fil-Każin.
- Lill-membri kollha tal-**Kumitat Eżekuttiv** tas-servizz li jagħtu lil din is-Soċjeta'.
- Lill-**Bandisti** kollha għad-dedikazzjoni li jagħtu lil din is-Soċjeta' u lil Għajnsielem.